# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 30**

It-Tnejn, 31 ta' Mejju 2021

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali *online* permezz ta' *video call* fuq *Microsoft Teams* nhar it-Tnejn, 31 ta' Mejju 2021 fl-5.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv



N.G S.Borg

## Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 30.1 Talba;

30.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-5.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 30.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

30.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 30.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

30.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 29 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

30.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

30.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

30.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 30.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

30.4.1 Is-Sindku Saviour Borg beda billi informa li saret il-laqgħa mal-President tar-Reġjun Għawdex Dr Samuel Azzopardi fuq it-talbiet pendenti li kellu l-Kunsill. Mit-talbiet li kellna ġiet konkluża waħda fejn il-President qabel li jekk id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma' jħallasx l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli u dik tal-ħġieġ, ser jipproponi biex iħallasha r-Reġjun. Fuq it-talba għall-fanali ta' fuq iz-zuntier tal-Knisja li kien għamel il-Kunsill bħala kumpens għal-għajnuna li ngħataw il-klabbs tal-futboll, qalilna biex il-Kunsill japplika mill-iskema li ħareġ ir-Reġjun dan l-aħħar. Fuq l-għajnuna li ngħataw il-klabbs tal-futbol baqa' jsostni li plejers mill-Fontana jistgħu jieħdu



N. G. S. Borg

sehem f'timijiet ta' rħula oħra, għalhekk ma kienet ser tingħata l-ebda għajnuna Is-Sindku qal li xorta ma' qabilx ma' dan l-argument.

30.4.2 Is-Sindku qal li rigward il-ħsara tal-Belvedere ta' tarf Triq ta' Mulejja, *Infrastructure Malta* wieġbu b'ittra li huma m'humiex responsabbli imma hu responsabbli l-Ministeru għal Għawdex.

30.4.3 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li ġew iffirmati il-kuntratti tad-devoluzzjonijiet ta' l-Għajn il-Kbira, l-Għajn ta' Bendu u tax-xelter kollha fi Pjazza l-Għejjun b'effett mid-9 ta' Marzu 2018. Dan il-proċess kien beda fl-2008. Dawn il-kuntratti huma għal 5 snin li jistgħu jerġgħu jiġġeddu kull 5 snin. L-Awtorita' tal-Artijiet neħħiet l-art fejn hemm mibnija r-replika tal-Għajn tal-Loġoġ mill-pjanta tal-Għajn il-Kbira biex tibqa' mat-talba tad-devoluzzjoni li għamilna għall-bankini ta' Pjazza l-Għejjun, il-belvedere ta' Triq Għajn Tuta u r-replika tal-Għajn tal-Loġoġ. Is-Sur Horace Micallef staqsa kemm ġie il-kont. Is-Sindku wieġeb li €550 fis-sena, b'kollox, €150 l-Għajn il-Kbira, €150 l-Għajn ta' Bendu u €250 ix-xelter. Dwar fiex waslet l-aħħar talba tad-devoluzzjoni imsemmiha aktar il fuq, is-Segretarju Eżekuttiv qal li dakinhar fuq talba tas-Sindku għamel kuntatt mas-Sa. C. Fenech rigward l-aħħar talba li għamel il-Kunsill rigward il-bankini, l-Għajn tal-Loġoġ u l-belvedere ta' Għajn Tuta u infurmat li qed tistenna mis-surveyors tal-Awtorita' tal-Artijiet biex joħorġu l-PDs u l-*valuations* imbagħad titla' quddiem il-bord.

30.4.4 Is-Sindku Saviour Borg informa li f'Kunsill preċedenti kien inġab il-permess biex tinfetaħ il-bokka l-oħra tax-xelter li tinsab fi Trejqet ix-Xagħri mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Dan il-permess kien waqa' peress li għaddew aktar minn 5 snin. Is-Sindku ppropona biex dan il-permess jerġa jiġi mġedded, biex ikun jista' jinfetaħ u b'hekk ikun jista' jintuża. Kien hemm qbil mill-membri.

30.4.5 Is-Sindku informa li twaħħlet il-*playhouse* mill-kuntrattur fil-*playingfield*. Hu qal li €2,104.51 se jitħallsu mill-Fondi tal-LESA li se jagħlqu illum u l-kumplament mill-baġit tal-Kunsill mill-Fond ta' Aġġustament wara l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal Gvern Lokali.

30.4.6 Is-Sindku Saviour Borg informa li nġiebu l-aħħar mitejn xitla tal-petunia mill-voucher *Rebbiegħa fil-Komunita' – Xettel b'Ilwien in-Natura*. Dawn tħawwlu madwar il-lokalita' fi Triq il-Kard. Alessandro Franchi, Triq John Gaspard Le Marchant, quddiem il-monumenti,



N. G. S. Borg

quddiem in-niċċa tas-Salvatur, fil-Belvedere ta' Triq ta' Mulejja, fit-telgħa ftit l-isfel mill-Knisja u fuq il-belvedere ta' l-Għajn ta' Bendu. Ma' dawn inxtraw 60 oħra.

30.4.7 Is-Sindku informa li saret laqgħa tas-Sindki Għawdxin mal-Isqof l-E.T. Mons. Anton Teuma, fejn attenda għaliha.

30.4.8 Is-Sindku informa li saret l-applikazzjoni għad-Devoluzzjoni tal-fond 189/190 Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'rapport mill-*Accountant* li l-Kunsill għandu l-flus għal dan il-proġett u *5-Year Business Plan*. Dan sar kif maqbul fil-Kunsill.

30.4.9 Dwar il-*patching* ta' Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili, is-Sindku qal li bħalma l-Kunsilliera huma infurmati li ġie avviċinat il-kuntrattur A & E Mintoff biex jissewwew il-ħofor li hemm kollha bir-romblu, minbarra l-ħofra li għamel ilment dwarha il-Kunsillier Jonathan Cefai biex din it-triq tissewwa kull fejn hemm bżonn. Dan se jixtri l-*cold asphalt* u jiġi mgħoddi bir-romblu.

30.4.10 Is-Sindku informa li saret ukoll iż-żebgħa tat-toroq kollha mill-ħaddiema tal-*Public Works*. Kien hemm l-intervent tas-Sur Horace Micallef biex setgħet tinżebaħ Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili. Din inżabħet is-Sibt li għadda. Is-Sur Horace Micallef qal li inżabħet ukoll parti minn Triq il-Għajn, avolja kien hemm xi intoppi, peress li kien hemm min tefa' l-ilma iżda imbagħad ix-xogħol tkompla darb'oħra.

30.4.11 Is-Sindku Saviour Borg informa li hemm bżonn tinxtara xemgħa għan-niċċa tas-Salvatur. Kien hemm qbil.

30.4.12 Is-Sindku ppropona biex bħalma jsir ta' kull sena għall-festa titulari, titqassam l-ikla lill-anzjani li jgħixu waħedhom. Kien hemm qbil tal-membri tal-Kunsill.

30.4.13 Is-Sindku nforma li hemm bżonn li l-Kunsill jixtri boroż riċiklabbli għax ma fadalx ħafna. Dwar il-ħlas, jekk ma' jħallasniex id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, jiġi mgħoddi lir-Reġjun t'Għawdex. Kien hemm qbil.

30.4.14 Is-Sindku talab biex ix-xhieda li kienet ingħatat minnhu bħala Sindku fil-kawża Anthony Cassar kontra l-Kummissarju tal-Artijiet dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn jiġu mehmuża (Dok A) ma' dawn il-minuti bħala xhieda ta' kemm kienet importanti biex intrebħet il-



N.C. S. Borg

kawża bl-appell b'kollox.

30.4.15 Is-Sindku informa li sar is-sinjal isfar quddiem ir-residenza ta' Dun S. Tabone fi Triq ta' Mulejja, kif mitlub lil Transport Malta.

30.4.16 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li saret l-isticker bl-arma tal-Kunsill u bil-kelma *Saħħa* fuq in-naħħa ta' wara tat-tabella tal-konfini li tinsab fil-Wied tax-Xlendi

30.4.17 Is-Sindku informa li sar ix-xogħol tal-bini ta' Trejqet Wara l-Idjar u kisi bit-tarmac fi Trejqet Wara l-Idjar u kisi f'parti minn Triq Għajn Tuta mill-Ministeru għal Għawdex.

30.4.18 Is-Sindku ppropona biex jibdew jitwaħħlu l-fanali li konna xtrajna. Jistgħu jsiru dawk fi Trejqet Dun Ġużepp Grima u fi Trejqet Wara l-Idjar fejn m'hemmx problemi, peress li ser jitwaħħlu minflok il-lampi eżistenti. Kien hemm qbil.

30.4.19 Is-Sindku Saviour Borg informa li kif kien hemm qbil f'laqgħa preċedenti, sar l-għatu tal-*culvert* tal-metal, li jifred il-proprjeta' tal-Kunsill, miz-zuntier tal-Knisja mill-kumpanija Zammit Aluminium.

30.4.20 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li fil-ġimgħat li għaddew tqassmu l-maskli kollha lir-residenti tal-Fontana.

## 30.5 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tal-Proġett ta' tisbieħ bil-porfido

30.5.1 Is-Sindku qal li madwar ħmistax ilu nħarġet il-*clearance* min-naħa ta' l-SCH biex hekk ikun jista jitkompla x-xogħol. Sa issa l-kuntrattur għadu ma' kompliex, dan meta l-Perit tal-kuntrattur kien informa lis-Segretarju Eżekuttiv permezz ta' email li malli jkun hemm il-*clearance* tal-SCH jitkompla x-xogħol. Hu qal li s-Segretarju Eżekuttiv ċempel kemm il-darba lill-kuntrattur li diversi drabi lanqas kellu tweġiba u anke ntbagħtu emails. Issa ż-żmien qed itawwal u hemm nies li ma' jistgħux jidħlu fil-proprjeta' tagħhom kif ukoll kull min irid juża s-Sangristija tal-Knisja u ċ-Ċentru Parrokkjali. Is-Sindku talab biex il-Kunsill ikellem lil Kappillan u jinfurmah li fi Frar li għadda, il-Kunsill, wara li kien beda x-xogħol, ġie avviċinat mill-istess Kuntrattur RCCL jekk jaqbilx li jsiru xogħlijiet ta' bini ta' culvert u bdil tas-servizz tad-drenaġġ u ta' l-ilma fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali waqt li qed isir



N.G. S. Borg

dan ix-xogħol. Dawn ix-xogħlijiet ser isiru mill-Ministeru għal Għawdex, li skond il-Perit ta' l-istess kuntrattur, ġie avviċinat mill-Parroċċa biex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsill, b'sinjal ta' rieda tajba ma' kien sab l-ebda l-oġġezzjoni li jsir dan sakemm ma' jkunx hemm dewmien bla bżonn, minħabba l-fatt li l-Kunsill hu marbut b'kuntratt mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex dan il-proġett isir matul din is-sena. Il-membri qablu b'mod unanimu biex il-Kunsill Lokali ġentilment jiġbed l-attenzjoni tal-Parroċċa biex tara li l-Ministeru għal Għawdex jagħmel dan x-xogħol ta' culvert u bdil tas-servizz tad-drenaġġ u l-main tal-ilma. Dan għar-raġuni li l-Kunsill ma' jistax ikompli x-xogħlijiet qabel jitwettaq dan ix-xogħol. Dan id-dewmien qed joħloq inkonvenjent kemm għar-residenti kif ukoll għall-istess Parroċċa. Diġa għaddew ħames xhur mill-bidu tal-kuntratt mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Is-Sur Horace Micallef staqsa x'xogħol jmiss issa, hux il-parti ta' ħdejn is-Sangristija. Is-Sindku wieġeb li iva imma qabel irid isir ix-xogħol tal-culvert. Mill-email tal-Perit Camilleri, informa li dawk ix-xogħlijiet mitluba mill-parroċċa li ser isiru mill-Ministeru għal Għawdex ġew approvati. Is-Sindku qal li jekk hemm bżonn tinkiteb ittra bl-Avukat lill-kuntrattur biex ikompli x-xogħol peress li diġa' għaddew madwar ġimgħtejn mis-17 ta' Mejju, minn meta ngħatat il-*clearance* mill-SCH. Dan ġie konfermat mis-Segretarju Eżekuttiv. Hu qal li nistgħu niktbulu b'Dr Chris Said, li l-Kunsill diġa uża s-servizzi tiegħu f'dan il-proġett. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li nagħtu żmien sa' l-10 ta' Ġunju 2021 biex jitkompla x-xogħol. Jekk ma' jsir xejn kif kien maqbul jittieħdu passi permezz ta' ittra legali.

**30.6 Tkomplija tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku (Devoluzzjoni u żgumbrar tal-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja)**

30.6.1 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li rigward id-devoluzzjoni tal-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja, l-Awtorita' tal-Artijiet kitbet lil Kunsill permezz tas-Sur Jurgen Spiteri, *Senior Administration Officer,* fejn talab lill-Kunsill biex jitlob għad-devoluzzjoni tal-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn kantuniera ma' Triq ta' Mulejja u din it-talba għad-devoluzzjoni ntbagħtet lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, kif inhuma l-proċeduri. Xi għaxart ijiem ilu, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ġew avviċinati miċ-*Chief Officer – Inspectorate, Enforcement & Compliance,* fi ħdan l-Awtorita' tal-Artijiet biex il-Kunsill jibagħat ittra lil-persuna (Dok B) li qed jokkupa l-fond biex dan l-uffiċċjal jiltaqa' miegħu l-Ġimgħa 28 ta' Mejju biex ikellmu u

jinfurmah li jekk mhux se joħroġ mill-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn bil-kelma t-tajba, għax jekk ser jiġu minn Malta biex jiżgumbrawh ser jkun hemm spejjeż ta' madwar tlett elef Euro oħra. Din l-ittra reġistrata, l-okkupant irċeviha s-Sibt, 22 ta' Mejju. Billi l-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta mingħand l-okkupant, ġie infurmat dan l-uffiċċjal għoli kif mitlub. Is-Sindku talab li tinqara din l-ittra u tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sindku ppropona li l-mozzjoni mressqa minnhu u approvata unanimament fil-laqgħa tal-Kunsill li saret fit-30 ta' Marzu 2021 biex din tintbagħat lil dan l-uffiċċjal. Waqt diskussjoni li saret, is-Sindku qal li qegħdin f'sitwazzjoni fejn persuna li tilfet il-kawża bl-appell b'kollox kompliet tokkupa dan il-fond nofshu mwaqqa biex iżżomm erba' tiġiġiet mingħajr ebda titlu u ħlas. Art li hi tant bżonnjuża għall-Kunsill u r-residenti tal-Fontana. Sallum il-Kunsill għadu qed jagħti is-servizzi tiegħu minn kamra ta' tlett metri b'erba' metri. Din l-art kienet ġiet esproprijata għal skop pubbliku f'Ġunju 1970 fejn peress li fil-lokalita' ma' għandniex pjazza, permezz ta' *town planning* is-saqaf ta' dan il-fond u tal-fond 191 fi Triq il-Għajn flimkien mal-*playingfield* li diġa twettqu kellu jinħoloq spazju miftuħ madwar il-knisja parrokkjali. Barra minnhekk x'ħin issir id-devoluzzjoni mill-Awtorita' tal-Artijiet, il-Kunsill ser ikun iħallas somma sostanzjali ta' kull sena, ta' dan il-fond, meta bħalissa ma' hi qed iddaħħal xejn. Kien hemm qbil unanimu li tintbagħat ittra b'din il-mozzjoni approvata b'mod unanimu mill-Kunsill inklużi l-minuti tal-Kunsill lis-Sur Martin Bajada biex issir ġustizzja mal-Kunsill li tant ħadem u għamel spejjeż biex intrebħet din il-kawża wara sittax-il sena tant li x-xhieda tas-Sindku kienet ikkwotata diversi drabi mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha kif ukoll għar-residenti tal-Fontana biex ikun jista' jkompli l-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku wara tant snin il-Qorti. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li jekk ikun hemm bżonn, il-Kunsill jitlob biex issir laqgħa mas-CEO u maċ-*Chairman* tal-Awtorita' tal-Artijiet.

**30.7 Aġġornament fuq ix-xogħlijiet tal-main u servizzi tad-drenaġġ f'parti minn Triq il-Għajn u l-offerta tat-tarmac f'parti minn Triq il-Għajn**

30.7.1 Is-Sindku qal li rigward ix-xogħol tal-mejn tad-drenaġġ, il-kuntrattur għadu ma bagħatx il-*works programme* minkejja li għaddew diversi xhur. Issa tfaċċat problema aktar gravi li l-kuntrattur Gatt Tarmac ma' ġeddidx il-garanzija bankarja dwar ix-xogħol tal-bdil tas-servizzi tal-ilma u tqaxxir u l-kisi mill-ġdid bit-tarmak. Il-ġimgħa ta' qabel hu

qal li staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv biex jara l-garanzija bankarja meta tagħlaq u infurmah li kienet se tagħlaq l-għada. Hu talab lis-Segretarju biex iċempel lill-kuntrattur biex jinfurmah u anke jibgħatlu bil-miktub. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li l-kuntrattur Mario Gatt qallu li issa jara jekk iġeddidx il-garanzija bankarja. Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu din l-offerta waqgħet iżda dan irid jiġi konfermat mis-Segretarju Eżekuttiv li jrid jiggwida lill-Kunsill dwar din l-offerta għalhekk irid jara l-kundizzjonijiet li hemm fil-kuntratt tal-offerta u jekk jkun hemm bżonn jitlob il-parir tal-Kumitat tal-Kuntratti tal-Gvern. Kien hemm qbil mill-membri. Dwar il-*works programme* tax-xogħol tal-mejn tad-drenaġġ, il-Kunsill diġa ngħata parir mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Dwar dan ix-xogħol kollhu kemm il-darba ntalbet laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex u l-kuntrattur matul dawn l-aħħar xhur biex jiġi pprogrammat meta ser jibdew dawn ix-xogħlijiet peress li kien għaddej xogħol ieħor fi Triq l-Imgħallem ir-Rabat, iżda ħlief għal-darba permezz ta' telefonata bqajna bla tweġiba. Huwa qal issa Triq l-Imgħallem fir-Rabat kważi lesta u l-Ministru għal Għawdex ħabbar li issa ser tibda it-Triq Ta' Wara s-Sur. Dawn it-toroq meta jkunu magħluqa jaffettwaw it-traffiku li jaqsam mill-Punent t'Għawdex li jibqalu biss li jgħaddi minn Triq ir-Repubblika jew Triq il-Għajn. Kien hemm qbil ukoll li nibgħatu għall-parir tad-Dipartiment tal-Kuntratti u s-Segretarju Eżekuttiv jara l-kundizzjonijiet tal-offerta.

## 30.8 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2020

30.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*audited financial statements* għas-sena 2020 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-membri.

Għal din il-parti tal-laqgħa kien hemm preżenti l-*Accountant* tal-Kunsill. L-*Accountant* informa lill-membri li wara l-proċess ta' verifika mill-awdituri, ma kien hemm l-ebda aġġustament propost min-naħa tagħhom.

L-*Audited Financial Statements* għas-sena 2020 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti.

## 30.9 Rapport Annwali Amministrattiv 2020



N.G. S.Bo

30.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2020 mħejji minnu.

Dan ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2020 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**30.10 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;**

30.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kif qal aktar il-quddiem is-Sindku Saviour Borg, saret il-laqgħa mal-President tar-Reġjun Għawdex fejn ġew diskussi t-talbiet li kien għamel il-Kunsill fuq il-fanali taz-zuntier, it-talba biex jitħallsu l-ispejjeż tal-ġabra riċiklabbi u dik tal-ħġieġ u rigward l-għajnuna li kienet ingħatat lil irħula fejn hemm timijiet tal-futbol u li l-lokalita' tal-Fontana ma' rċiviet xejn.

30.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill ikkwalifika għat-€3,000 mill-Fond ta' Aġġustament tad-Dipartiment li se jmorru għal-apparat tal-logħob.

30.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa ukoll li dakinhar għamel kuntatt mas-Sa. C. Fenech mill-Awtorita' tal-Artijiet u nfurmatu li rigward l-aħħar talba għad-devoluzzjoni li l-Kunsill għamel għadha qed tistenna mis-surveyors tal-istess Awtorita' biex joħorġu l-PDs u l-*valuations* tagħhom, imbagħad titla' quddiem il-bord tal-Awtorita'.

30.10.4 Korrispondenza mingħand is-Sa. F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett *ATTN: Inti mistieden taqsam l-opinjoni tiegħek fl-istħarriġ tal-KtR/OECD dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs).* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.5 Ċirkulari AKL 2021/039 – *Supporting Individuals to meet daily living needs – Mentor Aid Session 28/05/2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.6 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett *ATTN: SAVE THE DATE – LIFE EU INFO DAYS 22-25 JUNE 2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.7 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett *ATTN: SAVE THE DATE: WEBINAR ON THE*

*FUNDING & TENDERS PORTAL – 27TH MAY 2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.8 Ċirkulari DLG 02/2021 – Ħlasijiet dwar Kuntratt jew Xogħol Urġenti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.9 Korrispondenza mis-Sur C. Debattista mill-EUPA bis-suġġett *Additional support to participants with personal physical, mental or health-related conditions.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.10 Is-Sur Jonathan Cefai ġie skużat mill-laqgħa fis-6.20pm.

30.10.11 Rapport mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex dwar l-Iżvilupp Eċċessiv u Degradament Ambjentali u Urban Ġewwa Għawdex. Dan jinkludi fih il-proposti tal-Kunsilli Lokali, fosthom tal-Kunsill Lokali tal-Fontana, li ntbagħtu lil Kumitat Parlamentari għal Għawdex, lil Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, l-Onor. Aaron Farrugia u lil Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor Jose' Herrera. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.12 Korrispondenza mingħand is-Sur A. Zammit mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett Skema ta' Sterilizzazzjoni għal Qtates tat-Triq fil-Lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.13 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali, bis-suġġett *ATTN:* Sejħiet għall-Proġetti taħt il-Programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropea CERV – *European Remambrance / Town Twinning / Network of Towns.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.14 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali, bis-suġġett *ATTN: Urbact Online Sharing Event for small and medium sized towns fighting decline – Re-Grow City Network Showcase Meeting 18th May 2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.15 Korrispondenza mingħand is-Sa. D. Degabriele mill-Ministeru għall-Anzjani u Anzjanita' Attiva rigward Stedina għall-konferenza Anzjanita' Attiva. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.16 Korrispondenza mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar Applikazzjonijiet Nru RG/00053/21 u, PA/01150/21. Il-Kunsill innota l-kontenut.



N.C.

30.10.17 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ittra b'Avukat mis-Sur I. Sammut dwar inċident li qal li kellu fi Triq Għajn Tuta f'April, fejn għamel ħsara fuq il-karozza tiegħu. Is-Sindku ppreċiża u l-Kunsill qabel, li skond ir-ritratt u l-korrispondenza, l-inċident seħħ fi Trejqet Wara l-Idjar qabel ma' din ingħatat it-tarmac għalhekk din kienet taqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Ministeru għal Għawdex. Hu talab għal €440.81 bħala danni. Kif kien miftiehem, il-Kunsill Lokali wieġeb bl-Avukat Dr Chris Said li billi t-triq għadha qatt ma ngħatatx wiċċ, din taqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Ministeru għal Għawdex.

30.10.18 Rigward il-belvedere ta' Triq ta' Mulejja, s-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irċieva konto-protest mingħand *Infrastructure Malta* fejn l-istess *Infrastructure Malta* tgħid li hemmhekk mhux responsabbilita' tagħha imma tal-Ministeru għal Għawdex. Kopja tal-ittra mehmuża mal-minuti (Dok C).

30.10.19 Korrispondenza mingħand is-Sa. D. Degabriele mill-Ministeru għall-Anzjani u Anzjanita' Attiva rigward Reġistrazzjoni għall-konferenza Anzjanita' Attiva. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.20 Korrispondenza mingħand is-Sa. M. Camilleri mill-NCPE rigward *NCPE Online Annual Conference – Thursday 27 May 2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.21 SPI/SCI/5/2021 – *Community Inclusive Employment Scheme 2021* fejn din l-iskema ġiet estiża sal-31 ta' Mejju 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.22 Korrispondenza mingħand is-Sa. D. Diacono mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett Estenzjoni ta' Skemi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.23 Ċirkulari DLG 3/2021 – L-Onorarja tas-Sindki u s-Sigurta' Soċjali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.24 Ċirkulari AKL 2021/040 MFED 11/2021 – *Students' Summer Work Opportunities 2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.25 Ċirkulari AKL 2021/041 - *SeedGreen Programme.* Il-Kunsill innota l-kontenut.



N.C

S.Bez

30.10.26 Ċirkulari AKL 2021/038 bis-suġġett *Senior Passport link not working – Heritage Malta.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.27 Ċirkulari AKL 2021/016 EUCF Webinar – It-Tieni Sejħa, fejn ġew mogħdija l-preżentazzjonijiet li saru matul dan il-webinar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.28 Ċikulari AKL 2021/039 – *Supporting Individuals to meet daily living needs – Mentor Aid Session 28/05/2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.29 Ċirkulari AKL 2021/009 – Attivitajiet Fondi LESA għas-sena 2020/2021 fejn ġie nnutat li r-rapporti finali tal-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu sal-31 ta' Mejju 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.30 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea bis-suġġett *ATTN: Call to register interest to participate in RAN YOUNG – Deadline: 7th June 2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.31 Ċirkulari AKL 2021/042 – *Reverse Vending Machines.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.32 Korrispondenza mingħand is-Sa. D. Degabriele mill-Ministeru għall-Anzjani u l-Anzjanita' Attiva bis-suġġett Webinar – L-Abbuż fuq l-Anzjani. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.33 Korrispondenza mingħand Dr D. Camilleri minn Transport Malta rigward ir-*reserved disabled parking* fi Triq John Gaspard Le Marchant fejn il-Kunsill mhux jaqbel ma' dan ir-*reserved disabled parking* minħabba l-fatt li din il-persuna għandha l-garaxxijiet. Dr Camilleri talbet il-fatti u l-Kunsill Lokali indikalha fejn huma l-garaxxijiet fi Triq Santa Dminka, peress li din id-dar hija fuq żewġ toroq minħabba l-fatt li ma ratx garaxxijiet fi spezzjoni li qalet li għamlet. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jingħata dan ir-*reserved disabled parking* bħalma jagħmel ma' kull applikazzjoni simili li tidħol u li d-dar jkollha garaxx, fl-aħħar mill-aħħar dan hu skond ir-regolamenti ta' Transport Malta.

30.10.34 Korrispondenza mingħand is-Sur A. Camilleri mill-Ministeru għal Għawdex bis-suġġett *Residential Road Works updates* dwar ix-xogħol tat-tarmak f'parti minn Triq il-Għajn. Il-Kunsill wieġeb li talab kemm

il-darba biex issir laqgħa mal-Ministru għal Għawdex, mal-kuntrattur u mad-Direttur Ġenerali imma sa' llum il-ġurnata ma' rċieva l-ebda risposta b'hekk ma' setax isir pjan meta kellu jibda' dan ix-xogħol.

30.10.35 Korrispondenza mingħand l-ERA rigward ir-Regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar l-Iskart (L.S. 549.63), kif amendat jistipola li Kunsilli Lokali b'inqas minn elfejn (2000) abitant għandhom jipprovdu spazju għall-inqas sett wieħed ta' *Recycling Points* fil-lokalita rispettiva tagħhom. Is-Sindku wieġeb li fil-lokalita' tagħna m'hemmx post fejn isiru dawn ir-*recycling points*. Dawn fil-lokalita' tagħna ilhom li nqatgħu snin ilu u l-Kunsill peress li fejn kienu nbena, ma' jkollux talba għalihom peress li bil-ġabra tat-Tlieta huma moqdija. Wara diskussjoni bejn dawn preżenti kien hemm qbil biex il-Kunsill jikteb lura lil ERA biex jissuġġerixxu post fejn għandhom isiru.

30.10.36 Korrispondenza mingħand is-Sur J. Spiteri mill-Awtorita' tal-Artijiet fejn qed jgħarraf lil Kunsill li la darba l-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar ħareġ, il-kunsens biex tiġi sottomessa applikazzjoni issa hu rrelevanti. Hu talab lil-Kunsill biex jagħmel talba għad-devoluzzjoni tal-fond 189/190, Triq il-Għajn k/m Triq ta' Mulejja. Is-Sindku talab li kopja ta' din l-ittra tinhemeż għal-minuti (Dok D).

30.10.37 Korrispondenza mingħand is-Sur K. Farrugia minn Transport Malta fejn qed jinforma lil Kunsill li sar is-sinjal isfar quddiem ir-residenza San Josef, fi Triq Ta' Mulejja, Fontana. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.38 Korrispondenza mingħand is-Sa. M. Zerafa mill-*Gozo Association for the Deaf* fejn l-istess għaqda qed tipproponi għal aktar kollaborazzjoni mal-Kunsilli. Is-Sindku wieġeb issir laqgħa ma' din l-għaqda.

30.10.39 Ċirkulari AKL 2021/043 – *Webinar – Innovative Localities: A place to bring ideas to life.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.40 Ċirkulari AKL 2021/044 – *Capacity Building Session Project Development 11/06/2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.41 Ċirkulari AKL 2021/045 – *Communication with people with special needs – Mentor Aid Session 09/06/2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.42 Korrispondenza mingħand is-Sa. R. Zerafa bis-suġġett *News Re Din l-Art Ħelwa Għawdex*, fejn qed tistieden lil Kunsill għal-*lauching* ta' Din l-Art Ħelwa Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.43 Korrispondenza mingħand is-Sa. M. Pisani mill-Ministeru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur bis-suġġett *The European Destinations of Excellence (EDEN) competition is now OPEN.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.44 Korrispondenza mis-Servizzi Ewropej f'Malta bis-suġġett *Online Discussions: The Future of Education and Training in Europe and Malta.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.45 Ċirkulari AKL/046 – *Cross-KIC New European Bauhaus (NEB) Call: Capitalising on existing public realm solutions.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.46 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett *ATTN: Invitation: ReNaturing Cities through collaborations for Nature-based Solutions conference – 16th June 2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.10.47 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta *invoice* mingħand *Infinite Fusion Technologies Limited* għal *Development and hosting of Live Streaming and VOD Website including 1 Year Recording – Yr 2.* Is-Sindku wieġeb li hu jaqbel li dan jitħallas pro-rata għax-xogħol li għamel sa issa u mhux iħallas ta' xogħol li għadu ma twettaqx. Kien hemm qbil mill-Kunsill.

30.10.48 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta *invoice* mingħand *AID Ltd* jitolbu l-ħlas rigward l-*online streaming 7th year* u l-*maintenance agreement 7th year.* Kien hemm qbil li la darba bħalissa l-*online streaming* mhux jintuża din ma' titħallasx.

30.10.49 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba mingħand is-Sur D. Formosa biex jitneħħa *double yellow line* li hemm fi Pjazza l-Għejjun maġenb il-*Fontana Cottage Industry.* Il-Kunsill ma qabilx li għandu jitneħħa dan id-*double yellow line,* peress li kien sar fuq talba tiegħu u huwa bżonnjuż.

30.10.50 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba mingħand is-Sur C. Formosa biex

il-kaxxa li tissuplixxi d-dawl fi Triq John Gaspard Le Marchant tinqala u titneħħa minn mal-faċċata tad-dar tiegħu. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien ġab l-permess t'omm min għamel it-talba lura fl-2001 biex titwaħħal mal-faċċata. Hu qal li għandu dritt li titneħħa minn mal-faċċata imma l-Kunsill għandu dritt li jagħmel arblu fuq il-bankina u titwaħħal miegħu. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv jinforma lil min għamel it-talba, b'din id-deċiżjoni.

30.10.51 Ilment Nru 7/2021

Qed jitlob biex isir *double yellow line* faċċata tal-garaxx tiegħu minħabba l-fatt li qed jipparkjaw il-karozzi u mhux qed ikun jista' jdaħħal il-karozza tiegħu fil-garaxx b'faċilita. Wara diskussjoni fejn fost l-oħrajn ingħad, li minn dan il-garaxx dan ir-resident ilu dieħel u ħiereġ minnu aktar minn 30 sena, kif ukoll, għandu garaxx ieħor aktar il'fuq. Jekk isir dan is-sinjal se joħloq ukoll inkonvenjent lil residenti oħra billi jonqos parkeġġ f'din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll talba minn persuna oħra biex dan id-*double yellow line* ma' jsirx. Is-Sindku talab li jittieħed vot, fejn tlett membri (is-Sindku Saviour Borg, u l-kunsilliera s-Sur Horace Micallef u s-Sur Carmel Farrugia) ma qablux li jsir dan id-*double yellow line* u l-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri qablet li jsir.

30.10.52 Ilment Nru 8/2021

Qed titlob li jkun hemm ilqugħ quddiem it-tieqa u quddiem il-bieb tar-residenza tagħha fi Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili minħabba l-periklu tal-karozzi. Wara diskussjoni ma' kienx hemm qbil ma' dan l-ilment.

30.10.53 Is-Sur Carmel Farrugia ġie skużat mil-laqgħa fis-6.40pm.

## 30.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

30.11.1 Il-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri qalet li ma kienx sew li nhar is-Sibt li għadda tingħalaq il-parti ta' fuq ta' Triq il-Għajn għat-traffiku. Hi qalet li kien hawn ħafna tgergir minn tal-ħwienet. Is-Sindku wieġeb li ma tistax iżżomm li ma' jsirux ix-xogħlijiet, barra minnhekk tal-ħwienet jkun aħjar għalihom stess u għal klijenti li ma' jħallux il-vetturi tagħhom f'dik it-triq b'hekk min jiġi jixtri jkollu fejn jipparkja. Is-Sur Horace Micallef qal li aħjar wieħed jara l-karozzi li qed ikun hemm ipparkjati fuq is-sinjal isfar f'dik it-triq .



N.C. S. Borg

**30.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

30.12.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 23/2021 għall-perjodu bejn it-30 ta' April 2021 u l-31 ta' Mejju 2021 li tammonta għal €14,431.89 ġiet approvata u ffirmata.

**30.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

30.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu bejn il-membri ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2021 fit-3.00pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2021.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Data Seduta:** **7 ta' Jannar 2009**

**Lista nru.:** **4**

**Kawza nru.:** **55/2005**

**Anthony Cassar** VS **Kummissarju ta' l-Artijiet**

---

Prezenti l-attur assistit minn Dr. Anton Refalo.

Prezenti Frank Mizzi in rapprezentanza tal-konvenut assistit minn Dr. Hubert Theuma.

Prezenti x-xhud, Mario Micallef, in rapprezentanza tas-Social Housing.

Dr. Anton Refalo jopponi ghall-produzzjoni ta' dan ix-xhud stante li ma hux iddikkjarat.

Dr. Hubert Theuma jimpenja ruhu li jipprezenta rikors ghall-ammissjoni tal-xhud imsemmi kif ukoll tas-Sindku tal-Fontana, Salvu Borg.

Dr. Hubert Theuma qed jipprezenta Nota annessa ma' numru ta' dokumenti u jimpenja ruhu li jghaddi kopja taghhom lill-kontro-parti.

Differita ghall-provi konvenut ghall-25 ta' Frar, 2009, fil-10.30 a.m..

Dr. Aaron Attard Hili LL.D.
ASSISTENT GUDIZZJARJU

N/4 S. Borg

(57)

Fil-Qorti tal-Magistrati
(Ghawdex) Superjuri

**FL-Atti tac-Cit. Nru. 55/05PC fl-ismijiet:**

**Anthony Cassar**
**Vs**
**Kummissarju ta' l-Artijiet**

Diff: 25/03/2009

**Rikors tal-Kummissarju ta' l-Artijiet.**

Jesponi bir-rispett:

Illi l-provi fil-kaz fuq citat qieghed prezentement fl-istadju tal-provi quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dottor Aaron Attard Hili, u hemm seduta appuntata ghall-25 ta' Frar 2009 fl-10:30.

Illi kif informa diga lill-Assistant Gudizzjarju u l-parti l-ohra fil-kawza, l-esponent rikorrent irid iressaq bhala xhud lis-Sinku tal-Fontana, Saviour Borg, sabiex jixhed dwar il-kaz.

Illi meta intavola r-risposta tieghu huwa ma kienx iddikjara lis-sur Borg bhala xhud peress li saz-zmien li infethet il-kawza ma kienx jaf b'certi fatti, fosthom li kien il-Kunsill tal-Fontana stess li kien talab sabiex jiehu l-fond mertu tal-kaz f'idejh minghand l-awtoritajiet ghall-htigijiet ta' l-istess Kunsill u kien ukoll segwa l-kaz mill-qrib .

Illi sussegwentement irrizulta li fid-dawl tas-suespost kienu jezistu fatti importanti u ta' rilevanza ghall-kaz, liema fatti jirrigwardaw azzjonijiet li sehhew fl-ambitu tal-Kunsill tal-Fontana u li huma konnessi mal-vertenza odjerna, li dwarhom is-sur Borg bhala sindku huwa l-aktar persuna idoneja sabiex jixhed..

Illi jekk Saviour Borg ma jaghtix ix-xhieda tieghu, din il-Qorti se tkun sprovvista minn fatti li jistghu jaghtu stampa pjuttost aktar dettaljata tal-vertenza bejn il-partijiet u l-kwistjonijiet marbutin maghha..

Illi r-regola li wiehed ghandu jiddikjara x-xhieda minn qabel hija wahda b'finijiet prattici u mhijiex intiza biex tostakola t-tressiq ta' fatti rilevanti quddiem il-Qorti fejn ikun il-kaz li dawn jingiebu ghall-attenzjoni taghha. Anzi, ir-regola bazika stipulata fil-bidu ta' l-ewwel Titolu tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, liema titolu jirrigwarda l-provi, hija li quddiem il-Qorti ghandha tithalla titressaq l-ahjar prova possibbbli sabiex b'hekk l-opinjoni tal-gudikant tigi iffurmata

fuq sisien sodi. Fil-fatt il-Qrati ta' dawn il-Gzejjer fl-ewwel istanza kemm-il darba jaghtu l-kunsens taghhhom sabiex persuni mhux originarjament imharrka jithallew jaghtu x-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant l-ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tippermetti li Saviour Borg jaghti x-xhieda tieghu u li din tigi inserita fl-atti tal-process tal-kaz odjern.

Dr. Hubert Theuma, LL.D.
M.A. (FIN. SERV.)
**Avukat anzjan tar-Repubblika**

**Prokuratur Legali**
VANESSA MAGRO B.A.. L.P.
ATTORNEY GENERAL'S OFFICE

**Illum** 12 FEB 2009
**Ippreżentata minn** Dr. Hubert Theuma

**Anthony Mizzi**
**għar-Reġistratur**
**Qrati u Tribunali (Għawdex)**

NG S. Borg
153

Rikors+Digriet 55/05GI Sup
Illum 23/02/2009
Nikkonferma li nnotifikajt dan l-att
lil Anthony Cassar fil-21/02/2009
bil-posta numru 873: AR RR504044884MT
M. A. Bajada / M. Portelli, Marixxall

Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Generali

Maġistrat Dottor Paul Coppini LL.D.

Citazzjoni numru 55/2005 PC

Anthony Cassar

vs

Kummissarju ta' l-Artijiet

Wara r-rikors tal-Kummissarju ta' l-Art tat-12 ta' Frar 2009

Illum 13 ta' Frar 2009

Il-Qorti;

Rat ir-rikors;

Tordna notifika lill-kontroparti bi zmien erbat (4) ijiem għar-risposta.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Frans Attard
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

NG S. Borg.

154

**Data Seduta:** **25 ta' Frar 2009**

**Lista nru.:** **1**

**Kawza nru.:** **55/2005**

**Anthony Cassar** VS **Kummissarju tal-Artijiet**

---

Prezenti l-attur assistit minn Dr. Anton Refalo.

Deher Dr. Hubert Theuma ghall-konvenut.

Stante li r-rikors konvenut tat-12 ta' Frar, 2008, ghadu ma giex finalment degretat, ma jista' isir xejn fis-seduta tal-lum.

Dr. Hubert Theuma jiddikkjara li sejjer jistenna l-ezitu tad-digriet u prezentament ser jipprezenta rikors iehor sabiex jirregola ruhu ai termini tal-verbal tal-Assistent Gudizzjarju tas-7 ta' Jannar, 2009.

Differita ghall-provi konvenut ghat-22 ta' April, 2009, fil-10.30 a.m..

Dr. Aaron Attard Hili LL.D.
ASSISTENT GUDIZZJARJU

NG S. Borg

155

497

REGISTRY GOZO COURTS
TJ
24 FEB 2009
RECEIVED

Fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Gurisidzzjoni Superjuri
(Sezzjoni ta' Gurisidzzjoni Generali)

Citaz. Nru: 55/05 fl-ismijiet:

Anthony Cassar
vs
Kummissarju ta' l-Artijiet

Risposta tal-istess Anthony Cassar ( karta ta' identtia' numru: 47149 (G) ) ta' 190, Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex .

Jesponi bir-rispett:

Illi huwa jopponu ruhhu ghal produzzjoni tal-istess xhud stante li dan ix-xhud ghandu interess dirett fl-ezitu ta' din l-kawza u kien dejjem il-faktotum f'din il-kawza , kif jirrisulta anki mill-miniti tal-stess kunsill esebiti fil-process;

Illi jekk , kif qieghed jigi dikjarat fir-rikors, l-istess Anthony Cassar segwa dan il-kaz mill-qrib, ovvjament l-istess Kummissarju tal-Art kien jaf bil-htiega u l-importanza tax-xhieda tieghu ;

Illi huwa minnhu li quddiem il-Qorti trid titressaq l-ahjar prova pero' huwa minnhu ukoll illi x-xhieda irridu jigu indikati fil-bidu tal-proceduri u tinghata ir-raguni ghal kull xhud ghaliex se jigu hekk ingunti;

Illi mir-rikors jidher car illi dan ma kienx xi xhud li l-istess Kummissarju tal-Artijiet ma kienx jaf bih jew li l-importanza tieghu inqalghet wara;

Illi, mill-banda l-ohra , dina l-Onorabbli Qoprti m'ghandhiex id-dover li tissana traskuragni ta' haddiehor , hu min hu ,anki jekk il-konvenut huwa l-Kummissarju tal-Art;

Ghalhekk huwa sottomess bir-rispet tilli dan ir-rikors ghandhu jigi michud.

Avv. Anton Refalo.

**Illum** 24 FEB 2009

**Ippreżentata minn** Anthony Cassar

**Anthony Mizzi**
**għar-Reġistratur**
**Qrati u Tribunali (Għawdex)**

NG S. Borg.
156

Illum 25 ta' Marzu 2009

Ngħid u niżgura li llum innotifikajt lil Dr Hubert Theuma b'dan ir-rikors billi tajtu kopja f'idejh fl-edificcju ta' din il-Qorti.

Bajada

marixxal
Michael Bajada

550

REGISTRY GOZO COURTS
25 FEB 2009
RECEIVED

Fil-Qorti tal-Maġistrati
(Għawdex) Superjuri

1210

Fl-atti tar-Rik. Nru. 55/2005
fl-ismijiet:

[illegible]
26-2-09

Anthony Cassar
vs
Kummissarju ta' l-Artijiet

Rikors tal-Kummissarju ta' l-Artijiet

3

REGISTRY GOZO COURTS
24 MAR 2009
Paid
RECEIVED

Jesponi bir-rispett:

€5.82
€1.16
€6.98

Illi kif diġà iddikjara fir-rikors tiegħu tat-12 ta' Frar 2009, ukoll in ottemperanza ma' l-impenn tiegħu skond il-verbal tas-7 ta' Jannar 2009 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, huwa ma kienx a konoxxenza tal-fatti kollha fil-bidu ta' din il-kawża, u partikolarment bl-involviment ta' persuni minn entitajiet oħrajn.

Illi susegwentement irriżultalu li d-Dipartiment tas-Social Housing (illum Awtorità tad-Djar) kien wettaq eżekuzzjoni ta' ispezzjoni fuq il-fond meritu tal-kawża, u l-ispettur inkarigat kien is-sinjur Mario Micallef.

S. Borg
NG 1570

[illegible]

[illegible]

[illegible] 6 [illegible]

[illegible] kontendenti; [illegible]

2009, [illegible]

[illegible] kontendenti.

[illegible] 09

Illi jekk Mario Micallef ma jagħtix ix-xhieda tiegħu, din il-Qorti se tkun spoverista minn xhieda li tista' tixħet dawl car u necessarju fuq il-vertenza bejn il-partijiet, li wara kollox ticcentra fuq il-fond spezzjonat minnu.

Illi l-principju bażiku li jirrenja fejn jidħlu provi huwa li kull parti għandha tiħalla tressaq l-aħjar prova possibbli, tenut kont taċ-ċirkostanzi, sabiex b'hekk l-opinjoni tal-ġudikant tkun tista' tibbaża ruħha fuq l-aktar sisien sodi.

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tippermetti li l-ispettur tal-'Housing' Mario Micallef jagħti x-xhieda tiegħu quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, u li din tiġi inserita fl-atti tal-proċess tal-każ odjern.

Avukat anzjan tar-Repubblika
H. Theuma, LL.D.

Illum ≀ 5 FEB 2009

Ippreżentata minn Frank Mizzi

Anthony Mizzi
għar-Reġistratur
Qrati u Tribunali (Għawdex)

NZ S. Borg

Illum 20-3-09

Nghid u nizgura li ma nnotifikajtx lil Anthony Cassar

b'kopja ta' Rikors + Digriet bil-Posta Reg 1210

billi meta fil- 17-3-09 Unclaimed

morr fl-indirizz moghti lili Fontana – Kumanissarju Tal-Art

u b'dana gharraft lill

permezz ta' ittra.

[signature]

Ufficjal Eżekuttiv min-notifiki

Illum 25 ta' Marzu 2009

Nghid u nizgura li llum nnotifikajt lil Anthony Cassar b'dan ir-Rikors u digriet billi tajtu kopja f'idejh fl-edificcju ta' din il-Qorti.

M Bajada
Marixxal
Michael Bajada

Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Generali

Maġistrat Dottor Paul Coppini LL.D.

Citazzjoni numru 55/2005 PC

Anthony Cassar

vs

Kummissarju ta' l-Artijiet

Wara r-rikors tal-Kummissarju ta' l-Artijiet tal-25 ta' Frar 2009

Illum 26 ta' Frar 2009

Il-Qorti;

Rat ir-rikors;

Tordna notifika lill-kontroparti bi zmien erbat (4) ijiem għar-risposta.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Frans Attard
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

NG S.Boy
158

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

| | |
|---|---|
| Gudikant | **MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI** LL.D. |
| Seduta Numru | |
| Citazzjoni Numru | **55/2005** |
| Numru fil-Lista | **11** |

**CASSAR ANTHONY**
**Vs**
**KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

---

**Illum l-Erbgha, 25 ta' Marzu, 2009**

Meta ssejhet il-kawza dehru l-attur assistit minn Dr. Anton Refalo, u Twanny Catania, rapprezentant tal-konvenut, assistit minn Dr. Hubert Theuma.

Dr. Hubert Theuma jiddikjara li hu bi hsiebu jtellgha jixhed lis-sindku tal-Fontana, sabiex jixhed dwar fatti konnessi mal-abitazzjoni attwali ta' Anthony Cassar, fis-sens li mhux qed joqghod fil-post in kwistjoni.

Il-Qorti b'referenza ghat-talba tal-kummissarju tal-art ghal produzzjoni ta' xhud gdid u cioe' s-sindku prezenti tal-Fontana, tilqa' t-talba b'dana li l-attur ikollu dritt jirribatti d-depozizzjoni tal-istess xhud.

Il-Qorti tikkoncedi lill-attur sal-10 ta' April, 2009, biex jirrispondi ghar-rikors tal-Kummissarju tal-art tal-24 ta' Marzu, 2009.

Kawza tibqa' differita ghal kontinwazzjoni ghall-4 ta' Novembru, 2009.

Dep. registratur

NG S. Borg.

Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Generali

Maġistrat Dottor Paul Coppini LL.D.

Citazzjoni numru 55/2005 PC

Anthony Cassar

vs

Kummissarju ta' l-Artijiet

Wara r-rikors tal-Kummissarju ta' l-Artijiet tal-25 ta' Frar 2009, u r-risposta tar-rikorrenti Anthony Cassar tas-7 ta' April 2009

Illum 14 ta' April 2009

Il-Qorti;

Rat ir-rikors u r-risposta;

Tirriserva li tipprovdi wara li tkun semghet lil-legali tal-kontendenti, fl-udjenza ta' nhar il-Erbgha 6 ta' Mejju 2009, ghal-liema data qed tigi rikjamata l-kawza.

Tordna notifika lill-kontendenti.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Frans Attard
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

NG S.Borg

165

Illum 21/4/2009

Nghid u nizgura li fil- 21/4/2009

nnotifikajt lil Anthony Casson

personalment billi tajtu / billi hallejtlu

fi-indiri[redacted] 190 Triq El Gojja

[redacted] f'idejn Anthony Casson

[redacted]

Joseph [illegible]b
Ma[illegible]

1880

127

REGISTRY GOZO COURTS
JJ
07 APR 2009
RECEIVED

Fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdexc)
Gurisdizzjoni Superjuri
(Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali)

Rikors Nru: 55/2005
Anthony Cassar
vs
Kummissarju tal-Artijiet .

Risposta tar-rikorrenti, Anthony Cassar (karta ta' identita' numru: 47149 (G) ) ta' 190, Fountain Street, Fontana, Ghawdex

~~Jesponi bir-rispett:~~

Illi bid-digriet taghha tal-25 ta' Marzu 2009, l-istess Onorabbli Qorti awtorizzat lill-attur biex jirrispondi r-rikors tal-Kummissrju tal-Art tal-24 ta' Marzu 2009 sal-10 ta' April 2009;

Illi fil-fatt ir-rikors li bih gie notifikat huwa dak tal-25 ta' Frar 2009 u mhux tal-24 ta' Marzu 2009;

Illi, fi kwalunkwe kaz, l-esponenti jopponi ruhhu ghal produzzjoni ta' dana ix-xhud u dana ghal diversi ragunijiet validi skond il-ligi.

Illi tajjeb li din l-Onorabbli Qorti tkun taf illi saru diversi talbiet ohra mill-Kummissarju tal-Art sabiex jizdiedu xhieda li ma jkunux dikjarati u din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tal-Kummissarju tal-Art;

Illi prattikament ix-xhieda kollha li jrid jingungi l-Kummissarju tal-Art huma xhieda mhux dikjarati u xhieda li zgur l-istess Kummissarju tal-Art kien jaf mhux biss bl-esistenza taghhom imma adirittura bl-importanza taghhom ukoll ghar-raguni li l-flies tal-Gvern huma accessibbli ghal Kummissarju tal-Art;

Illi l-ufficjal li qieghed jintalab jixhed, certu Mario Micallef huwa xhud li l-istess Kummissarju tal-Art zgur li kien hemm bih u m'huwiex argument legali li wiehd jsostni li kull parti ghandha tithalla tressaq l-ahjar prova possibbli :

Illi b'dan l-argument , wieehd ma jkollhux ghalfejn jaghmel l-lista tax-xhieda u jiddikjara l-iskop ta' kull xhud. Dan certament mhux dak lit rid il-ligi;

Illi f'dan ir-rikors l-istess Kummissarju tal-Art ma gabx raguni wahda vaida fil-ligi sabiex tiggusitifika l-ammissibilita' ta' dana ix-xhud;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hanw fuq imsmemija, dan ir-rikors ghandu jigi michud.

Avv. Anton Refalo.

**Illum** 07 APR 2009

**Ipprezentata minn** [signature]

**Anthony Mizzi**
**ghar-Registratur**
**Orati u Tribunali (Ghawdex)**

Risposta Digriet 55/05GT Sup
Illum 24/04/2009
Nikkonferma li notifikajt dan l-att
lil Registrar fil-21/04/2009
bil-posta numru 1880: AR RR503252894MT
M. A. Bajada / M. Portelli. Marixxall

FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
GURISDIZZJONI SUPERJURI, SEZZJONI GENERALI

Assistent Gudizzjarju ghal Ghawdex: Dr. Aaron Attard Hili LL.D.

Rikors Guramentat numru 55/2005

Anthony Cassar

versus

Kummissarju tal-Artijiet

Illum 22 ta' April 2009

Saviour Borg, Sindku ta' Fontana, prodott mill-konvenut, bil-Malti jiddikjara bil-gurament tieghu:

Dr. Hubert Theuma:
Mela Sur Borg, ghidilna daqsxejn il-kariga tieghek u x'taf tghidilna dwar il-fond in kwistjoni?

Xhud:
Il-kariga tieghi prezentament hija ta' Sindku tal-Kunsill Lokali, Fontana u dwar il-fond in kwistjoni, dan il-fond ittiehed ghal skop pubbliku fl-elf disa' mija u sebghin (1970), issa nipproduci wkoll kopja tal-Gazzetta tal-Gvern ta' dakinhar ....

Dr. Hubert Theuma:
Il-Kunsill hux hekk irid il-fond .......?

Xhud:
Ehe, il-Kunsill ghandu bzonn dan il-fond peress li fejn qieghed fil-prezent ma huwiex accessibli u biex jaghti servizz ahjar lill-pubbliku tal-Fontana u kull min ikollu bzonn. Ghandna wkoll il-permess tal-MEPA mahrug fuq dan is-sit biex isir l-izvilupp u ilu li hareg sentejn

Dr. Hubert Theuma:
Sewwa, kont qed tghidilna, sewwa hemm dikjarazzjoni biex jittiehed ghall-skop pubbliku, sewwa tista' tesebixxi kopja taghha .......

Xhud:
Kopja tal-Gazzetta tal-Gvern tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tal-elf disa' mija u sebghin (1970) fejn tghid li diskrizzjoni tal-art, l-art li gejja fil-Fontana, Ghawdex, bicca art tal-kejl ta' hames (5) saghan u erba' (4) kejliet punt sebgha (7) li tinkludi l-fond .....

Dr. Hubert Theuma:
Alright, alright dik .......

Xhud:
Insomma minghand min giet esproprijata ....

Dr. Hubert Theuma:
Alright ghaddiha, sewwa, issa ghar-rigward il-fatt dwar jekk is-Sur Cassar hux qieghed jabita' fil-fond in kwistjoni, x'ghandek xi tghid?

Xhud:
Jien sa fejn naf jien hawnhekk gejt biex nghid id-dritt, Anthony Cassar Ghajnsielem joqghod ....

Dr. Hubert Theuma:
U ghaliex tghid hekk?

Xhud:
Dana ghar-raguni li meta baghtnielu l-korrispondenza tal-Kunsill Ghajnsielem wegibha fuq il-113, Triq Imgarr, .....

Dr. Hubert Theuma:
Sewwa u meta tghid korrispondenza .....?

Xhud:
Korrispondenza ufficjali

Dr. Hubert Theuma:
Ghandek xi kopja ….?

Xhud:
Ghandi kopji hawnhekk u kienet registrata jigifieri u waslet. Dan il-kaz ilu sejjer zmien, kellna laqgha mieghu fuq dan il-post u kien talabna li ntuh kamra jew garaxx biex iqieghed l-ghodda u hu qal dan il-post fih sebat (7) ikmamar u lest li jcedieh jekk intuh kamra jew garaxx. Hawn il-minuti tal-Kunsill tal-elfejn u wiehed (2001) minghalija jigifieri

Assistent Gudizzarju:
Dik ha tesebiha wkoll, hux hekk?

Dr. Hubert Theuma:
Ma nafx hux esebiti diga' pero fi kwalunkwe kaz, dwar il-fond x'tista tghidilna, jigifieri il-fond innifsu?

Xhud:
Il-fond, jiena hawnhekk ghandi ritratti tal-Kunsill, il-fond huwa fi stat hazin hafna, nista' nipprezenta ritratti fejn wiehed juri, fejn hu mmarkat bl-ahmar, parti minnu s-saqaf imwaqqa' u kif inhu l-istat ta' dan il-post u jien ghandi wkoll informazzjoni li dan il-post m'ank drenagg ma fih ….

Assistent Gudizzjarju:
Kemm ir-ritratti ghandek?

Xhud:
Ghandi tlieta (3), kif inhu l-istat, ara tan-naha ta' wara ghax konna ghamilna, ghall-ewwel fazi tal-progett u wettaqniha u issa ma nistghux inwettqu t-tieni fazi ghal din ir-raguni, dan kif inhu mmarkat bl-ahmar is-saqaf imwaqqa' u ta' tahtu wkoll u dan kif jidher minn barra ….

Dr. Hubert Theuma:
Issa Sur Borg, taf tghidilna, inti ghidtilna li s-Sur Cassar skont int qed jabita' Ghajnsielem, taf fl-liema cirkostanzi qed jabita', jekk hux wahdu, jekk hux ma' haddiehor?

Xhud:
Jiena sa fejn naf jien jabita' mal-mara ….

Dr. Hubert Theuma:
Sewwa

Xhud:
Jiena hawnhekk gejt, ma ghandi l-ebda interess hlief li nghid il-verita'

Dr. Hubert Theuma:
Sewwa

Xhud:
U kull meta mmur Malta l-karozza bil-lejl wara l-bieb ta' Ghajnsielem tkun, bi nhar gieli tkun il-Fontana ghax jiena hawnhekk gejt biex nghid id-dritt u gieli narah hemm. il-gimgha l-ohra stess konna Malta meta saret ir-riforma tal-Kunsilli Lokali Kastilja, jiena u tiela' mix-Xatt fit-tmienja u nofs (8:30) il-karozza kienet wara l-bieb Ghajnsielem u fis-sajf meta ….

Assistent Gudizzjarju:
Ma hemmx kummenti ……

Xhud:
Hawnhekk gejt biex nghid id-dritt. fis-sajf meta mort kemm-il darba mis-Sibt ghall-Hadd naraw il-loghob tan-nar f'diversi festi, dejjem fis-siegha (1:00a.m.) is-saghtejn (2:00a.m.) ta' bil-lejl tkun wara l-bieb Ghajnsielem

Dr. Hubert Theuma:
Sewwa u ……

Xhud:
Fil-kantuniera ta' Triq Cordina, qed nghid il-verita'

Dr. Hubert Theuma:
Il-funzjonijiet tal-Kunsill meta jattendi s-Sur Cassar, ikun akkumpanjat jew inkella ….?

Xhud:
Iva jkun akkumpanjat mill-mara

Dr. Hubert Theuma:
U ghandek xi haga x'tesebixxi f'dan ir-rigward?

Xhud:
Iva

Dr. Hubert Theuma:
Sewwa ….

Xhud:
Hawn ir-ritratti fejn is-Sur Cassar u hemm id-data miktuba wara kull ritratt, meta kien jattendi mal-mara ghall-hames (5) snin, sitta (6) wara xulxin. Nixtieq nghid ukoll xi haga, il-laqgha li kellu l-Kunsill fil-prezenza tas-Sur Cassar mas-Sur Albert Mamo fid-disgha (9) ta' Awwissu u nista' ….

Dr. Hubert Theuma:
Disgha (9) ta' Awwissu ta' meta jekk joghgbok?

Xhud:
Tal-elfejn u hamsa (2005) meta s-Sur Cassar kien Kunsillier

Dr. Hubert Theuma:
U x'kien l-iskop tal-laqgha?

Xhud:
L-iskop tal-laqgha kien li dawn wiehed jistax joffrilhom xi haga fil-prezenza tieghu u tal-membri tal-Kunsill kollha, konna morna …… niftakar

Dr. Hubert Theuma:
……. jigifieri?

Xhud:
Ehe biex is-Sur Mamo qal li fil-prezent l-inkwilini ma ghandhom l-ebda ….. u l-Kunsillier Apap qal li dawn il-kirjiet gew terminati. Is-Sur Mamo qal li kieku mhux hekk l-eviction orders ma kinux johorgu, id-Dipartiment ma jistax jikkonsidra li jaghti akkomodazzjoni alternattiva lill-persuni li jkunu qed jokkupaw post tal-Gvern u ma ghnadhomx titlu, jien qed inqieghed kopja wkoll …..

Dr. Hubert Theuma:
Sewwa u intom kontu nkarigajtu lil xi hadd legali biex jiehu hsieb il-kwistjoni?

Xhud:
Iva fl-elfejn u wiehed (2001) konna nkarigajna Alla jahfirlu lil Dr. Michael Grech u li kien tana l-pariri li qeghdin f'dawn il-minuti, hawnhekk jekk trid inpoggihom, immarkati kollha bl-ahmar fejn wiehed jista' jaqra, jekk ma jridx jaqra kollox …..

Dr. Hubert Theuma:
Esebihom wahda

**Kontro ezami riservat:**

**Din hija x-xhieda ta' Saviour Borg kif dettata mix-xhud innifsu fil-prezenza tal-Assistent Gudizzarju ghal Ghawdex.**

**Niddikjara li fedelment u onestament u bl-ahjar taghrif u hila tieghi ttraskrivejt ir-registrazzjoni tat-tape.**

**Joseph Grech**
**Traskrittur**



S. Borg
N. G.

Dok- SB


# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

12,427] It-Tlieta, 23 ta' Ġunju 1970 / *Tuesday, 23rd June, 1970* Prezz 8d. / *Price 8d.*


## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

[Nru. 455]

### PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XIV ta' l-1970 imsejjaħ l-Att ta' l-1970 li jemenda l-Ordinanza dwar it-Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni.

It-23 ta' Ġunju, 1970.

## GOVERNMENT NOTICES

[No. 455]

### PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XIV of 1970 entitled the Succession and Donation Duties (Amendment) Act, 1970.

23rd June, 1970.

---

[Nru. 456]

### AKKWIST TA' ART

Din id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur-Ġenerali bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitlu 136), hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 8 (1) ta' dik l-Ordinanza.

It-23 ta' Ġunju, 1970.
(File No. Land 1043/68)

[No. 456]

### ACQUISITION OF LAND

The following declaration made by His Excellency the Governor-General under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) is published in terms and for the purposes of section 8 (1) thereof.

23rd June, 1970.

P.T.O.

N.G. SBorg 166

## DIKJARAZZJONI TAL-GVERNATUR-ĠENERALI

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art **hawn taħt imsemmija hija meħtieġa** mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitlu 136) u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

*Deskrizzjoni ta' l-Art*

L-art li ġejja fil-Fontana, Għawdex:

1. Biċċa art tal-kejl ta' 5 Siegħan u 4.7 Kejliet li tinkludi l-fondi Nri. 188, 189, 190 u 191 Triq tal-Għajn, li tmiss mix-Xlokk ma' Triq Tal-Għajn, mit-Tramuntana parti ma' pjazza u parti ma' proprjetà tal-Maġġur Henry E. Sant Cassia, u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Dottor Alexander De Piro Guorgion, LL.D.

2. Biċċa art tal-kejl ta' 1 Tomna, 2 Siegħan u 2 Kejliet, li tmiss mill-Majjistral parti ma' proprjetà tas-Sur Salvatore Cassar, parti ma' proprjetà tas-Sur Francis Buhagiar, parti ma' proprjetà ta' Messrs. Paul and Anthony Zammit, u parti ma' proprjetà tas-Sur Francis Buttigieg, min-Nofs in-Nhar ma' proprjetà ta' Dottor Alexander De Piro Guorgion, LL.D., u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Knisja Parrokjali tal-Fontana.

3. Biċċa art tal-kejl ta' 5.4 Kejliet, li tmiss min-Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Maġġur Henry E. Sant Cassia, mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Francis Buttigieg.

4. Biċċa art tal-kejl ta' 9 Kejliet, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn, mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur Paul Zammit, min-Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Maġġur Henry E. Sant Cassia, u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Francis Buttigieg.

## DECLARATION BY THE GOVERNOR-GENERAL

I hereby declare that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and that the acquisition thereof is to be by absolute purchase.

*Description of the Land*

The following land at Fontana, Gozo:

1. A plot of land of the area of 5 Siegħan and 4.7 Kejliet which includes premises Nos. 188, 189, 190 and 191 Tal-Għajn Street, bounded on the South-East by Tal-Għajn Street, on the North partly by a square and partly by property of Major Henry E. Sant Cassia, and on the South-West by property of Doctor Alexander De Piro Guorgion, LL.D.

2. A plot of land of the area of 1 Tumolo, 2 Siegħan and 2 Kejliet, bounded on the North-West partly by property of Mr Salvatore Cassar, partly by property of Mr Francis Buhagiar, partly by property of Messrs. Paul and Anthony Zammit and partly by property of Mr Francis Buttigieg, on the South by property of Doctor Alexander De Piro Guorgion, LL.D., and on the East by property of Fontana Parish Church.

3. A plot of land of the area of 5.4 Kejliet, bounded on the South by property of Major Henry E. Sant Cassia, on the West by property of Mr Anthony Zammit, and on the North-East by property of Mr Francis Buttigieg.

4. A plot of land of the area of 9 Kejliet, bounded on the North-West by property of Mr Anthony Zammit and others, on the South-West by property of Mr Paul Zammit, on the South by property of Major Henry E. Sant Cassia, and on the East by property of Mr Francis Buttigieg.

5. Biċċa art tal-kejl ta' 3 Siegħan u 7.6 Kejliet, li tinkludi l-istruttura rurali li hemm fuqha, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn, u mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Paul Zammit, mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Maġġur Henry E. Sant Cassia, u mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur Salvatore Cassar.

6. Biċċa art tal-kejl ta' 4 Siegħan u 7.3 Kejliet, li tmiss min-Nofs in-Nhar, parti ma' proprjetà tas-Sur Salvatore Cassar u parti ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn u mill-Majjistral parti ma' proprjetà tar-Reverendu R. Borg u parti ma' proprjetà tas-Sinjura Josephine Cutajar, u mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Michael Zammit.

7. Biċċa art tal-kejl ta' 1 Siegħ u 0.8 Kejliet, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn, mill-Punent ma' proprjetà tar-Reverendu R. Borg u mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Michael Zammit.

8. Biċċa art tal-kejl ta' 1 Siegħ u 0.4 Kejliet, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn, mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sinjura Josephine Cutajar, u mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Michael Zammit.

9. Biċċa art tal-kejl ta' 0.4 Kejliet, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tar-Reverendu R. Borg, min-Nofs in-Nhar ma' proprjetà tas-Sur Michael Zammit, u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Angelo Mercieca.

10. Biċċa art tal-kejl ta' 4 Siegħan u 0.6 Kejliet, li tmiss mit-Tramuntana ma' prorpjetà tas-Sur Michael Zammit, mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Francis Buhagiar u mil-Lbiċ u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Salvatire Cassar.

5. A plot of land of the area of 3 Siegħan and 7.6 Kejliet, including the rural structure thereon, bounded on the North-West by property of Mr Anthony Zammit and others, on the North-East by property of Mr Paul Zammit, on the South-East by property of Major Henry E. Sant Cassia, and on the South-West by property of Mr Salvatore Cassar.

6. A plot of land of the area of 4 Siegħan and 7.3 Kejliet, bounded on the South partly by property of Mr Salvatore Cassar and partly by property of Mr Anthony Zammit and others, on the North-West partly by property of Reverend R. Borg and partly by property of Mrs Josephine Cutajar, and on the North-East by property of Mr Michael Zammit.

7. A plot of land of the area of 1 Siegħ and 0.8 Kejliet, bounded on the North by property of Mr Anthony Zammit and others, on the West by property of Reverend R. Borg and on the South-East by property of Mr Michael Zammit.

8. A plot of land of the area of 1 Siegħ and 0.4 Kejliet, bounded on the North by property of Mr Anthony Zammit and others, on the East by property of Mrs Josephine Cutajar, and on the South-East by property of Mr Michael Zammit.

9. A plot of land of the area of 0.4 Kejliet, bounded on the North-East by property of Reverend R. Borg, on the South by property of Mr Michael Zammit, and on the West by property of Mr Angelo Mercieca.

10. A plot of land of the area of 4 Siegħan and 0.6 Kejliet, bounded on the North by property of Mr Michael Zammit, on the East by property of Mr Francis Buhagiar, and on the South-West and West by property of Mr Salvatore Cassar.

S. Borg
N. G.
168

11. Biċċa art tal-kejl ta' 0.8 Kejliet li tmiss mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Michael Zammit, min-Nofs in-Nhar ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn, u mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sinjura Maria Antonia Farrugia.

11. A plot of land of the area of 0.8 Kejliet, bounded on the West by property of Mr Michael Zammit, on the South by property of Mr Anthony Zammit and others, and on the North-East by property of Mrs Maria Antonia Farrugia.

12. Biċċa art tal-kejl ta' 9 Kejliet, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn, min-Nofs in-Nhar ma' proprjetà tas-Sinjura Josephine Cutajar, u mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn.

12. A plot of land of the area of 9 Kejliet, bounded on the North by property of Mr Anthony Zammit and others, on the South by property of Mrs Josephine Cutajar, and on the East and West by property of Mr Anthony Zammit and others.

13. Biċċa art tal-kejl ta' 9 Kejliet, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn, mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur Francis Buhagiar, min-Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Maġġur Henry E. Sant Cassia u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn.

13. A plot of land of the area of 9 Kejliet, bounded on the North-West by property of Mr Anthony Zammit and others, on the South-West by property of Mr Francis Buhagiar, on the South by property of Major Henry E. Sant Cassia and on the East by property of Mr Anthony Zammit and others.

14. Biċċa art tal-kejl ta' 6 Kejliet, li tmiss mit-Tramuntana parti ma' proprjetà tas-Sur Michael Zammit, u parti ma' proprjetà tas-Sinjura Maria Antonia Farrugia, mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Salvatore Cassar, u min-Nofs in-Nhar parti ma' proprjetà tas-Sur Francis Buhagiar, parti ma' proprjetà tas-Sur Paul Zammit u parti ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn.

14. A plot of land of the area of 6 Kejliet, bounded on the North partly by property of Mr Michael Zammit, and partly by property of Mrs Maria Antonia Farrugia, on the West by property of Mr Salvatore Cassar, and on the South partly by property of Mr Francis Buhagiar, partly by property of Mr Paul Zammit and partly by property of Mr Anthony Zammit and others.

L-art hawn fuq imsemmija tidher fuq pjanta markata L.D. 100/70, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Uffiċċju ta' l-Art, 29, Triq Nofs in-Nhar, Il-Belt Valletta.

The abovementioned land is shown on plan L.D. 100/70 which may be seen on demand at the Land Office, 29, South Street, Valletta.

Il-10 ta' Ġunju, 1970.

10th June, 1970.

(Iff.) MAURICE DORMAN,
*Gvernatur-Ġenerali.*

(Sgd.) MAURICE DORMAN,
*Governor-General.*

N.L. S. Borg 16P

No. 16,258
Prezz 36ċ
Price 36c

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

Il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu, 1996
Friday, 29th March, 1996

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 201

### PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. X ta' l-1996 imsejjaħ l-Att ta' l-1996 li jemenda l-Att dwar l-Istampa.

Id-29 ta' Marzu, 1996

Nru. 202

### AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

Id-29 ta' Marzu, 1996

## GOVERNMENT NOTICES

No. 201

### PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. X of 1996 entitled the Press (Amendment) Act, 1996.

29th March, 1996

No. 202

### ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of sectiion 9(1) thereof.

29th March, 1996

---

(File No. L1043/68)

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni ta' l-10 ta' Ġunju, 1970, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Ġunju 1970, taħt in-Notifikazzjoni Nru. 456, il-Gvernatur Ġenerali kien iddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi l-art m'għadhiex aktar meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration dated 10th June, 1970 published in the Government Gazette of the 23rd June, 1970 under Government Notice No. 456, the Governor General had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas this land is no longer required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

*Deskrizzjoni ta' l-Art*

L-art li ġejja fil-Fontana, Għawdex:

1. Biċċa art tal-kejl ta' 101.17 metru kwadru, li tmiss min-Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Maġġur Henry E. Sant Cassia, mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Francis Buttiġieġ.

2. Biċċa art tal-kejl ta' 168.62 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn, mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur Paul Zammit, min-Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Maġġur Henry E. Sant Cassia, u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Francis Buttiġieġ.

3. Biċċa art tal-kejl ta' 704.45 metru kwadru li tinkludi l-istruttura rurali li hemm fuqha, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn, mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Paul Zammit, mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Maġġur Henry E. Sant Cassia, u mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur Salvatore Cassar.

4. Biċċa art tal-kejl ta' 886.19 metru kwadru, li tmiss min-Nofs in-Nhar, parti ma' proprjetà tas-Sur Salvatore Cassar u parti ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn u mill-Majjistral parti ma' proprjetà tar-Reverendu R. Borg u parti ma' proprjetà tas-Sinjura Josephine Cutajar, u mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Michael Zammit.

5. Biċċa art tal-kejl ta' 202.34 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn, mill-Punent ma' proprjetà tar-Reverendu R. Borg u mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Michael Zammit.

6. Biċċa art tal-kejl ta' 194.85 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn, mill-Lvant ma' proprjetà tas-Sinjura Josephine Cutajar, u mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Michael Zammit.

7. Biċċa art tal-kejl ta' 7.5 metru kwadru, li tmiss mil-Grigal ma' proprjetà tar-Reverendu R. Borg, min-Nofs in-Nhar ma' proprjetà tas-Sur Michael Zammit, u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Angelo Mercieca.

8. Biċċa art tal-kejl ta' 760.66 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Michael Zammit, mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Francis Buhagiar u mil-Lbiċ u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Salvatore Cassar.

*Description of the Land*

The following land at Fontana, Gozo:

1. A plot of land of the area of 101.7 square metres, bounded on the South by property of Major Henry E. Sant Cassia, on the West by property of Mr Anthony Zammit and on the North East byproperty of Mr Francis Buttiġieġ.

2. A plot of land of the area of 168.62 square metres, bounded on the North West by property of Mr Anthony Zammit and others, on the South West by property of Mr Paul Zammit, on the South by property of Major Henry E. Sant Cassia, and on the East by property of Mr Francis Buttiġieġ.

3. A plot of land of the area of 704.45 square metres, including the overlying rural structure, bounded on the North West by property of Mr Anthony Zammit and others, on the North East by property of Mr Paul Zammit, on the South East by property of Major Henry E. Sant Cassia, and on the South West by property of Mr Salvatore Cassar.

4. A plot of land of the area of 886.19 square metres, bounded on the South partly by property of Mr Salvatore Cassar, and partly by property of Mr Anthony Zammit and others and on the North West by property of Reverend R. Borg and partly by property of Mrs Josephine Cutajar, and on the North East by property of Mr Michael Zammit..

5. A plot of land of the area of 202.34 square metres, bounded on the North by property of Mr Anthony Zammit and others, on the West by property of Reverend R. Borg and on the South East by property of Mr Michael Zammit.

6. A plot of land of the area of 194.85 square metres, bounded on the North by property of Mr Anthony Zammit and others, on the East by property of Mrs Josephine Cutajar and on the South East by property of Mr Michael Zammit.

7. A plot of land of the area of 7.5 square metres, bounded on the North East by property of Reverend R. Borg, on the South by property of Mr Michael Zammit, and on the West by property of Mr Angelo Mercieca.

8. A plot of land of the area of 760.66 square metres, bounded on the North by property of Mr Michael Zammit, on the East by property of Mr Francis Buhagiar and on the South West by property of Mr Salvatore Cassar.

W.C. S. Bo 171

9. Biċċa art tal-kejl ta' 15-il metru kwadru, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Michael Zammit, min-Nofs in-Nhar ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn, u mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sinjura Maria Antonia Farrugia.

10. Biċċa art tal-kejl ta' 168.62 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn, min-Nofs in-Nhar ma' proprjetà tas-Sinjura Josephine Cutajar, u mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn.

11. Biċċa art tal-kejl ta' 168.62 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn, mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur Francis Buhagiar, min-Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Maġġur Henry E. Sant Cassia u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Anthony Zammit u oħrajn.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bin-numri 3 sa 13 fuq pjanta L.D. 100/70, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Ugo Mifsud Bonnici
President

It-22 ta' Marzu, 1996

9. A plot of land of the area of 15 square metres, bounded on the West by property of Mr Michael Zammit, on the South by property of Mr Anthony Zammit and others, and on the North East by property of Mrs Maria Antonia Farrugia.

10. A plot of land of the area of 168.62 square metres, bounded on the North by property of Mr Anthony Zammit and others, on the South by property of Mrs Josephine Cutajar and on the East and West by property of Mr Anthony Zammit and others.

11. A plot of land of the area of 168.62 square metres, bounded on the North West by property of Mr Anthony Zammit and others, on the South West by property of Mr Francis Buhagiar, on the South by property of Major Henry E. Sant Cassia and on the East by property of Mr Anthony Zammit and others.

The abovementioned land is shown marked with the numbers 3 to 13 on plan LD 100/70 which may be seen on demand at the land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Ugo Mifsud Bonnici
*President*

22nd March, 1996

Nru. 203

FORZI ARMATI TA' MALTA

(Forza Regolari)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova, b'seħħ mill-1 ta' Diċembru, 1995, il-promozzjoni ta' l-*Air Traffic Control Officer* Franco Spiteri Cremona fir-*rank* ta' *Air Traffic Control Officer-in-Charge* fl-*Air Traffic Control Corps* tal-Forzi Armati ta' Malta.

Id-29 ta' Marzu, 1996

No. 203

ARMED FORCES OF MALTA

(Regular Force)

THE President of Malta has been pleased to approve, with effect from 1st December, 1995, the promotion of Air Traffic Control Officer Franco Spiteri Cremona to the rank of Air Traffic Control Officer-in-Charge in the Air Traffic Control Corps of the Armed Forces of Malta.

29th March, 1996

Nru. 204

NOMINA TEMPORANJA

IL-PRIM Ministru approva dan li ġej:

No. 204

ACTING APPOINTMENT

THE Prime Minister has approved the following:

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Dott. Sylvana Spiteri, LL.D | Direttur (Reġistru ta' l-Artijiet)<br>*Director (Land Registry)* | Reġistru ta' l-Artijiet<br>*Land Registry*<br>(MPO 93/1975) | 24. 3. 96 |

Id-29 ta' Marzu, 1996

29th March. 1996

N' G S. Borg
172

GHAJNSIELEM B.P.O.
P.O. ...................... the ...7... day of ...4/2001...

Received a **REGISTERED LETTER** addressed to
Anthony Cassar
113, Triq l-Imġarr
Signature ...Għajnsielem GSM102...

DATE STAMP
GĦAJNSIELEM AP 01 GOZO

005370

Is-Sur Anthony Cassar
113, Triq l-Imġarr
Għajnsielem
Għawdex

6 t`April 2001

Sinjur,

Re: 190, Triq ta` l-Għajn Fontana, Għawdex

Ngħarrfek li permezz ta` deċiżjoni meħuda fil-laqgħa tad-29 ta` Settembru 1999, il-Kunsill iddeċieda li jieħu f`idejh il-pussess tal-fond numru 190, Triq il-Għajn Fontana, Għawdex. Dan huwa meħtieġ għall-bżonnijiet tal-Kunsill.

Għalhekk permezz ta` din l-ittra ngħarrfuk li jinħtieġ li inti tirrilaxxja definittivament dan il-fond sa mhux iktar tard mill-iskadenza li jmiss.

Jekk ma jkollniex risposta sa ġimgħa nkunu kostretti nirrikorru għal proċeduri oħra.

Inselli għalik,

JCassar

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel.: 558877 Fax.: 562555

N.G. S.Boy

173

FONTANA

Rif Tagħna: 2/2001/KLF

Is-Sur Anthony Cassar
113, Triq l-Imġarr
Għajnsielem
Għawdex

25 t`April 2001

Sur Cassar,

**Re: 190, Triq ta` l-Għajn Fontana, Għawdex**

Nirreferi għall-ittra ta` l-Avukat li qed jirrappreżentak datata 11 t`April 2001. Il-Kunsill Lokali Fontana lest illi jiltaqa' miegħek nhar l-Erbgħa, 2 ta` Mejju 2001 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Fontana.

Nirringrazzjak ta` l-attenzjoni tiegħek.

Inselli għalik,

JCassar
Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street,
Fontana VCT 105
Tel: 558877 Fax: 562555

N.G. S Boy

174

FONTANA

Rif Tagħna: 3/2001/KLF

L-Avukat Michael Grech
2,
Triq il-Karita
Rabat
Għawdex

8 ta` Mejju 2001

Avukat Grech,

**Re: 190, Triq ta` l-Għajn, Fontana**

Nirreferi għall-laqgħa li s-Sindku kellu miegħek dan l-aħħar. Il-Kunsill Lokali Fontana ġentilment qiegħed jitlob parir peress li dan l-aħħar għamel laqgħa mas-Sur Toni Cassar, il-persuna reġistrata f`190 fi Triq il-Għajn, fejn hu propost li jsir il-bini ta` l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Waqt il-laqgħa, s-Sur Cassar insista illi jingħata kamra jew *garage* fil-Fontana bħala post alternattiv għal dak li għandu fil-mument. Huwa qal illi lest illi jirrilaxxja l-imsemmi post immedjatament dment li l-Kunsill joffrilu post alternattiv jew jingħata somma flus bħala kumpens, liema ammont irid ikopri xiri ta` *garage*. Il-Kunsill jixtieq ikun jaf jekk hux konformi mal-liġi jekk jasal fi qbil fuq xi waħda minn dawn it-talbiet. Il-Kunsill jixtieq ukoll ikun jaf x`inhi l-aħjar soluzzjoni.

Ġentilment nitolbok sabiex tagħti risposta dwar dan lill-Kunsill sa nhar il-Ħamis li ġej, jiġifieri sa l-10 ta` Mejju 2001. Nirringrazzjak ta` l-attenzjoni u l-koperazzjoni tiegħek.

Dejjem tiegħek,

JCassar

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel.: 558877 Fax.: 562555

S. Borg
N. L.
175

Dr. Michael Grech LL.D. (Advocate)

*Office:*
2, Charity Street,
Victoria VCT 105, Gozo
Malta.

***Telephone:***
*Office:* 553071
***Fax:*** 561200
*Res:* 555602

*Your Ref:* *Our Ref:* F064 *Date:* 15 ta' Mejju 2001

Is-Sur Anthony Cassar
113 Triq l-Mgarr
Ghajnsielem
Ghawdex

Sinjur

Niktiblek fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali tal-Fontana, Ghawdex relattiv ghall-pendenzi ta' bejnietkom dwar il-fond numru 190 Triq il-Ghajn, Fontana, Ghawdex. Dan il-Kunsill, wara li qies il-pozizzjoni tieghu, konvint li ma ghandek ebda jedd tinbqa' tinsisti li zzomm il-pussess pro bona pacis minghajr ebda pregudizzju ghad-drittijiet tieghu *pro bona pacis* qieghed jipproponi hlas lilek tas-somma ta' Lm500. Dan l-ammont jithallas lilek mal-konsenja tac-cwievet. Din l-offerta hija finali u fin-nuqqas ta' accettazzjoni il-Kunsill ser jissokta bil-proceduri li ttih il-Ligi sabiex jirkupra l-pussess ta' l-istess fond.

Inti mitlub taghti t-twegiba tieghek bil-miktub sa mhux iktar tard minn zmien gimgha.

Av. Michael Grech

N.G. S. Bog
176

319|94|27 - DF

5f

MINISTERU GHALL-GUSTIZZJA U GHALL-INTERN
Taqsima Proprjeta' tal-Gvern
DIPARTIMENT TA' L-ARTIJIET

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS
Government Property Division
LAND DEPARTMENT

119

Our Reference: L 29/2002
L 30/2002
Your Reference: DSH 2006/69

26th February 2007.

357|2007
DEPARTMENT FOR
28 FEB 2007
LOCAL GOVERNMENT

A/Director Social Housing
Block C
Floriana

**Re: 189/190 and 191 Triq il-Ghajn, Fontana, Gozo**

The premises at 189/190 and 191 Triq il-Ghajn, Fontana, Gozo are required by the Fontana Local Council.

The position is as follows:-

**No 189/190**

An Eviction Order was issued in April 2005 against the occupier, Mr. Anthony Cassar who is in occupation without title. Mr. Anthony Cassar who is incidentally one of the Fontana Local Council's members, is the son of the former legal tenant, the late Salvu Cassar. Mr. Anthony Cassar as heir of the former tenant is claiming recognition and has filed a warrant of prohibitory injunction followed by a lawsuit (Citazz No. 55/2005 P.C.) which is still pending at the Gozo Court.

**No. 191**

An Eviction was issued against the occupier, Ms. Louise Zammit in October 2005. Ms. Louise Zammit who has occupied these premises prior to her grandmother's death, (Ms. Rose Mercieca) is claiming recognition in terms of the Civil Code. Ms. Louise Zammit has since got married and her surname has been changed to Louise Cilia Zammit. She has been writing to you requesting recognition for the last two years.

Once both premises are required by the Fontana Local Council, it is suggested that no further action be taken from your end for the allocation of the premises for residential purpose.

A.V. Mamo
Director Land

Copy: Director Local Government

Government Property Division - :

**Directorate General**
Perit Jupp Scberras
Director General
Auberge de Baviere
Valletta CMR 02

**Land Department**
Albert Mamo
Director
Auberge de Baviere,
Valletta CMR 02

**Joint Office**
Joseph Scerri
Director
Sa Maison Road
Floriana CMR 02

**Estate Management Department**
Joseph Caruana
Director
Auberge de Baviere
Valletta CMR 02

S.Bog
Nfl.
177

SB1



SB2



S.Bay

178

SB 3



Illum 22 ta' April 20 09

Ippreżentata waqt is-seduta tal-lum

minn Savjour Bay SB1 – SB3

[illegible] Assistant Ġudizzjarju (Għawdex)

NG S. Bay

SB4



SB5



NL S. Borg

180

SB6



SB7



NG S. Bog.
181

SB 8



SB 9



NG S.Borg.
182

SB 10



SB 11



NG S.Bog 183

Illum 22 ta' April 2009

[illegible] waqt is-seduta [illegible]

minn Sevjour Bay

SB4 – SB11

Dr. Aaron Attard [illegible]
Assistent [illegible] (Għawdex)

FONTANA

# MINUTI TAL-LAQGHA LI SARET MAS-SUR ALBERT MAMO, KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET

Preżenti: Is-Sur Albert Mamo – Kummissarju tal-Artijiet

Is-Sur Saviour Borg – Sindku

Is-Sur Victor Cefai – Viċi-Sindku

Is-Sur Lorry Apap – Kunsillier

Is-Sur Anthony Cassar - Kunsillier

Is-Sinjura Maria Schembri - Kunsillier

Is-Sinjura Josianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa nżammet f'Auberge de Baviere, Valletta nhar it-Tlieta, 9 t'Awwissu 2005 fl-10.30 ta' filgħodu.

Is-Sindku beda billi spjega r-raġuni għalfejn intalbet din il-laqgħa. Huwa qal illi l-Kunsill ma jaf xejn dwar il-fond bin-numru 191 fi Triq tal-Għajn ħlief mill-għajdut tan-nies u jixtieq ikun jaf x'inhi s-sitwazzjoni. Is-Sindku qal illi dwar il-fond nru. 190 il-Kunsill huwa nfurmat permezz tal-Kunsillier Lorry Apap.

Is-Sur Mamo staqsa jekk il-Kunsill għandux bżonn iż-żewġ postijiet u jekk b'post wieħed il-Kunsill ikunx jista' jwettaq il-proġett. Huwa qal ukoll illi ma jista' jiddiskuti u jagħti xejn jekk ma ssirx talba min-naħa tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien talab bil-miktub fis-7 t'Ottubru 2003 għall-fond nru. 191, dan meta kien ġie konsultat mid-Dipartiment tal-Artijiet. Fil-preżent hemm permess tal-M.E.P.A. fuq il-fond nru. 190. Il-Kunsillier Lorry Apap informa lis-Sur Mamo li binja minnhom li hija l-190 tinsab bla saqaf. Is-Sur Mamo qal li peress li l-każ qiegħed jiġi kkontestat il-Qorti l-proċess jieħu aktar fit-tul. Il-Kunsillier Lorry Apap qabel mas-Sur Mamo.

Wara li s-Sur Mamo staqsa lill-Kunsill jekk hux ser iwaqqa' iż-żewġ fondi msemmija, s-Sindku qal li hemm proġett ta' bini tal-Kunsill u xogħolijiet oħra. Il-Kunsillier Lorry Apap talab lill-Kummissarji ta' l-Artijiet sabiex jikkonfermalu għandux dritt jitkellem u jiddiskuti fuq dawn il-fondi peress li

S. Borg SP NC

hu huwa l-Uffiċċjal Inkarigat mit-Taqsima ta' l-Artijiet f'Għawdex. Hawnhekk il-Kummissarju ta' l-Artijiet laqa' t-talba tas-Sur Lorry Apap u talbu sabiex jispjega aktar fid-dettall.

Is-Sur Mamo qal illi fid-29 t'April 2005 ħarġet *eviction order* fuq il-191. Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa fuq isem min ħarġet l-*eviction order* peress li hu nfurmat li ħarġet fuq persuna li toqgħod ir-Rabat. Is-Sur Mamo qal illi dan ix-xogħol iwettqu l-Assistent Direttur u hu kemm jiffirmaħ, probabbli sar bi żball u ser jieħu ħsieb joħroġ *eviction order* ġdida fuq min hu mniżżel hemm fi żmien ħmistax.

Is-Sur Mamo qal illi l-proċedura hija li l-ewwel jittieħed permess tal-M.E.P.A. imbgħad issir id-devoluzzjoni, għaldaqstant huwa ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jipprepara l-pjanti neċessarji u jġib il-permess tal-M.E.P.A. fuq il-fondi u parti mill-*Playing Field* li qed jgħid li għandu bżonn. Hawnhekk il-Kunsillier Lorry Apap ġibed l-attenzjoni li dan talbu hu stess waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa lis-Sur Mamo jekk il-Kunsill jissottometti pjanta tal-proġett hux lest li jgħinu. Is-Sur Mamo aċċetta u qallu dawn il-kelmiet *'Go Ahead – Do it'*. Hawnhekk is-Sur Mamo nforma lill-Kunsill li kull *'lease agreement'* min-naħa tad-Dipartiment jingħata biss wara *'call for tender'*. Is-Sur Mamo qal ukoll li dment li l-Kunsill għandu bżonn l-post l-proċedura min-naħa tad-Dipartiment titħaffef aktar. Is-Sur Mamo qal illi xorta kienu jittieħdu passi biex issir l-*eviction order* anke jekk il-Kunsill ma talabx għal dawn il-fondi.

Is-Sindku staqsa lis-Sur Mamo jekk il-Kunsill jaqbel, jista joffri akkomodazzjoni alternattiva f'din l-*area* msemmija bħal eżempju *garage* jew *flatlet* u jekk il-kera tagħha tibqax kif kienet jew issirx kummerċjali. Is-Sur Mamo wieġeb li l-kera tiġi mħallsa b'rata kummerċjali u l-ammont jiġi ssussidjat skond id-dħul ta' l-individwu.

Is-Sindku staqsa lis-Sur Mamo jekk il-Kunsill jistax joffri flus bħala kumpens lill-inkwilini biex joħorġu mill-fondi. Hawn is-Sur Mamo rrisponda sabiex ma jkellmux fuq hekk.

Is-Sur Mamo qal illi fil-preżent l-inkwilini m'għandhom l-ebda *lease* u l-Kunsillier Lorry Apap qal illi dawk il-kirjiet ġew terminati. Is-Sur Mamo qal illi kieku mhux hekk l-*eviction orders* ma kienux joħorġu. Id-Dipartiment ma jistax jikkonsidra li jagħti akkomodazzjoni alternattiva lil persuni li jkunu qed jokkupaw post tal-Gvern u m'għandhomx titlu.

Fl-aħħar is-Sindku semma li hemm xelter ħdejn l-Għajn il-Kbira li dwaru ġiet approvata mozzjoni fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill biex jitnaddaf. Waqt din il-laqgħa l-Kunsillier Lorry Apap qal dan mhux immarkat bħala proprjeta' tal-Gvern. Is-Sindku talab lis-Sur Mamo biex dan jiġi reġistrat mid-Dipartiment tal-Artijiet biex ma jintilifx. Huwa nfurmaħ li l-Kunsill madwar erba' snin ilu għalaq dan ix-xelter b'rixtellu tal-ħadid biex ma jiġix vandalizzat. In-nies ta'

S. Borg NL S. Borg

l-inħawi flimkien mal-bdiewa kollha jgħidu li din hija proprjeta' tal- Gvern. Is-Sur Mamo wieġeb li għalkemm jista` jkun mhux imniżżel xorta waħda ma jfissirx li ma hux tal-Gvern. Sar qbil li tintbagħat pjanta ta` l-*area* biex jittieħdu l-passi neċessarji u nforma lil dawk preżenti li jista` jitnaddaf. Is-Sindku qal illi dan għandu jidħol ma` l-applikazzjoni tar-restawr tal-Għajn il-Kbira lill-M.E.P.A.

**Dawk preżenti rringrazzjaw lis-Sur Mamo ta` din il-laqgħa. Il-laqgħa ntemmet fil-11.30 ta` filgħodu.**

JCassar

**Josianne Cassar**
Segretarju Eżekuttiv

NG S. Borg
S. Borg
193

Emenda mressqa mis-Sindku Saviour Borg għar-Riżoluzzjoni Speċjali tal-Kunsillier Lorry Apap

Qed nipproponi li insegwitu tal-laqgħa tad-9 t'Awwissu 2005 mal-Kummissarju ta' l-Artijiet is-Sur Albert Mamo, il-Kunsill jirrisolvi li jsiru pjanti riveduti billi mal-permess ta' żvilupp maħruġ dan l-aħħar fuq il-fond 190, jiżdied il-fond 191, l-latrina u żewġt ikmamar li jintużaw bħala għassa tal-Pulizija fil-ġranet tal-festa u parti mill-Playing Field eżistenti. Din il-pjanta ta' Ċentru Ċiviku għal Fontana tkun tinkludi l-Uffiċċji tal-Kunsill Lokali, Sala tal-Komunita' u faċilitajiet oħra li l-Kunsill Iħoss li jkunu ta' ħtieġa għal-lokalita' tagħna.

Dan il-proġett għandu jinqasam f'żewġ fażijiet sakemm tinqata' d-deċiżjoni tar-rikors pendenti fil-Qorti jibda mill-ewwel ix-xogħol fuq il-parti tal-proġett li mhemmx kwistjonijiet fuqha.

Għal dan il-għan nirrisolvu li

(1) nitolbu l-Perit tal-Kunsill tlesti l-pjanti kollha neċessarji għall-proġett taċ-Ċentru Ċiviku,

(2) isiru l-applikazzjonijiet neċessarji għal permessi tal-MEPA fuq il-proġett kollu,

(3) issir talba formali lill-Kummissarju ta' l-Artijiet biex jinbdew il-proċeduri għad-devoluzzjoni neċessarja ta' l-art konċernata.

S. Borg

S. Borg
NG

FONTANA

*zebra crossing* mal-ġenb tal-*Fontana Cottage Industry*. Dwar is-sistema tad-dawl taż-*zebra crossing* għandu jieħu ħsieb is-Sur Cassar.

Is-Sur Mario Mercieca ta` 88, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili kiteb lill-Kunsill illi jixtieq illi terġa' titwaħħal it-tabella li kien hemm faċċata tal-*garage* fejn idaħħal il-karozza fi Triq il-Għajn, quddiem l-Uffiċċju tal-Kunsill. Din it-tabella kienet tindika *'No Parking'*. Is-Sur Mercieca talab sabiex issir din it-tabella peress li ma` jkunx jista' joħroġ mill-*garage* bl-inġenji ta` ċerti kobor li jkun hemm ipparkjati fl-inħawi. Il-Kunsill kien diġa qabel illi f`dan il-post isir *reserved parking* għall-użu tal-Kunsill.

**Materji oħra**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi saret laqgħa mal-Perit Ebejer mill-Awtorita' tat-Turiżmu dwar l-*street furniture* għal ħdejn l-Għejjun. Il-Perit Ebejer qal illi l-Awtorita' tat-Turiżmu lesta li tagħti bejn 30% u 50% ta` l-ammont fuq l-*street furniture* ħdejn l-Għejjun. Il-Kunsill qabel illi jġib *quotations* għal fanal bi tlett lanterni, erba` bankijiet, arloġġ dekorattiv u erba` *bollards*.

Għall-laqgħa attenda s-Sur Anton Cassar tal-*Fontana Cottage Industry*. Huwa faħħar lill-Kunsill għax-xogħol li sar ħdejn l-Għejjun u ssuġġerixxa li ssir ħadida matul il-bankina sabiex ma tinkisirx fit-tarf tagħha bil-karozzi. Il-membri tal-Kunsill, minbarra l-Kunsillier Ivan Cauchi li astjena, ma' qablux illi ssir din il-ħadida peress li tkerraħ lil-kurduna. Is-Sindku spjega illi l-Awtorita' tat-Turiżmu offriet li tisponsorja parti mill-*street furniture* ta` ħdejn l-Għejjun u staqsieħ jekk jistax joffri xi ħaġa hu. Huwa qal li mpossibbli li jgħin aktar peress li huwa diġa' nvesta madwar Lm2000 f`*porfido* fl-istess post.

Il-membri tal-Kunsill għamlu żjara ħdejn il-*Fontana Cottage Industry* fejn għandu jsir ix-xogħol tal-konkos. Il-membri qablu li jekk ix-xogħol tat-trinka, sabiex issir bozza ġdida, fil-parti ta` ġewwa nett jkun għadu ma` sarx, ma` jsirx ix-xogħol tal-konkos f`din il-parti sabiex ma` terġax titqatta'. Għalhekk fil-Budget ġiet imnaqqsa s-somma ta` mitejn lira dwar dan ix-xogħol.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma nfurmaħ li sabiex tinstab il-ħsara tal-*culvert* ta` l-ilma ħdejn l-Għejjun, l-Korporazzjoni lesta tipprovdi l-ħaddiema. Meta sar ix-xogħol irriżulta li l-ħsara ma` hix `l ġewwa mill-ħajt fejn kien hemm l-Għajn tal-Loġoġ, iżda taħt it-triq. Għalhekk il-Kunsill qabel illi javviċina lid-diversi entitajiet li għandhom is-servizzi għaddejja minn dawk l-inħawi. Il-Kunsill qabel illi jikteb lill-*Maltacom*, lill-Korporazzjoni *EneMalta*, lill-*Melita Cable* u lid-Dipartiment tad-Drenaġġ sabiex jindikaw is-servizzi mgħoddija minnhom fi Pjazza l-Għejjun, qabel ma' jsir ix-xogħol.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi Sqaq Bieb il-Għajn tnaddaf mill-kuntrattur Carmel Cauchi li kien għamillu ħsara bi żjut u marki tat-*tyres* tal-gaffa. Għalhekk il-każ ġie magħluq.

L-Avukat Michael Grech bagħat abbozz t`ittra li għandha tintbagħat lis-Sur Anthony Cassar dwar ir-rilaxxament tal-fond nru. 190 fi Triq il-Għajn. Il-Kunsill qabel illi jibgħat din l-ittra ffirmata mis-Segretarja u tintbagħat irreġistrata fejn joqgħod f`Għajnsielem.



S.Bo NG S. Bo

SB15

FONTANA

Minuti tat-tnejn u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-uffiċċju nhar it-Tnejn, 23 t`April 2001 fid-9.00 ta` filgħodu.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | **Membri** |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg<br>Is-Sinjorina Josephine Borg<br>Is-Sur Ivan Cauchi<br>Is-Sur Carmelo Micallef |
| **Skużat:** | Is-Sur Mario Mizzi - Viċi-Sindku |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

## Korrispondenza

Il-Fergħa Għawdxija tal-Moviment Iva Malta fl-Ewropa talbet lill-Kunsill sabiex tagħmel laqgħa miegħu. Il-Kunsill aċċetta illi jagħmel laqgħa ma` din il-fergħa, għaldaqstant għandu jiġi kkuntattjat is-Sur Antoine Cremona, Segretarju ta` din il-fergħa, għall-appuntament.
Il-Fondazzjoni OASI ser terġa torganiżża il-festival 'Riflessi Sajfin' nhar is-Sibt, 11 t`Awwissu 2001 fil-Menqa ta` Marsalforn. Il-Fondazzjoni talbet *sponsor* ta` Lm50 għal dan il-festival. Il-Kunsill qabel illi joffria s-somma ta` Lm25 bħala *sponsor* għal dan il-festival.
Is-Sur Ġiovanni Buttigieg, Kordinatur Nazzjonali ta` l-*Euro-Mediterranean Youth Action Programme*, bagħat korrispondenza lill-Kunsill dwar laqgħa li ser issir fuq is-suġġett nhar is-Sibt, 28 t`April 2001 fil-Lukanda Les Lapins f`Ta' Xbiex.
L-Avukat Michael Grech bagħat kopja t`ittra li bagħat f`isem il-Kunsill lis-Sur Anthony Cassar ta` 190, Triq il-Għajn dwar it-theddid li għamel lis-Sindku u lill-membri tal-Kunsill fil-31 ta` Marzu 2001. Bħala risposta għal din l-ittra l-Avukat Anton Refalo, f`isem is-Sur Anthony Cassar kiteb lill-Kunsill fejn talab jiskuża ruħu formalment għal dak li ntqal, fejn iddikjara ukoll illi jaf lill-membri tal-Kunsill bħala nies onesti u tal-affari tagħhom. Fl-istess ittra l-Avukat Refalo kiteb illi l-klijent tiegħu m`huwiex lest li jirrilaxxja d-dar bin-numru 190 fi Triq il-Għajn, madanakollu huwa lest li jiltaqa' mal-Kunsill bl-isforz li tinsab soluzzjoni barra mill-Qorti. Il-Kunsill qabel illi jagħmel laqgħa mas-Sur Anthony Cassar nhar l-Erbgħa, 2 ta` Mejju 2001 fl-Ufficcju tal-Kunsill.

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel. 558877 Fax. 562555

S. Borg NC S. Borg

FONTANA

L-Awtorita' ta` l-Ippjanar bagħtet l-Aġenda tal-laqgħa tal-Kummissjoni għall-Kontroll ta` Żvilupp. L-Awtorita' talbet lill-Kunsill sabiex jinnota l-applikazzjonijiet li għandhom x`jaqsmu mal-Fontana.
Inqrat Ċirkulari AKL 37/2001 dwar rapport fuq is-sitwazzjoni tal-Gvern Lokali ta` Ċipru.
Inqrat Ċirkulari AKL 38/2001 dwar *'European Heritage Days'* 2001. Il-Kunsill m`hux ser jipparteċipa f`dawn l-attivitajiet.
Inqrat Ċirkulari AKL 39/2001 dwar Assikurazzjoni dwar flus fil-Kunsilli Lokali u fit-Tribunali Lokali. Il-Kunsill qabel illi jġedded din il-*policy*.
Inqrat Memo 23/2001 dwar Pubblikazzjoni ta` *Bye-Laws* u ta` Att.

**Proġett ta` l-Uffiċċju tal-Kunsill**

Għal din il-laqgħa attenda is-Sur Anthony Cassar, il-persuna rreġistrata fil-post nru. 190 fi Triq il-Għajn. Is-Sindku beda billi spjega lis-Sur Cassar l-iskop tat-talba li l-Kunsill qed jagħmel sabiex jakkwista l-post nru. 190 fi Triq il-Għajn, biex jinbena uffiċċju tal-Kunsill peress li l-post attwali mhux adattat. Is-Sur Cassar insista illi jingħata kamra jew *garage* fil-Fontana bħala post alternattiv ghal dak li għandu fil-mument. Huwa qal illi l-post li qed jokkupa jikkonsisti f`seba' t`ikmamar. Is-Sur Cassar qal illi lest illi jirrilaxxja l-imsemmi post immedjatament dment li l-Kunsill joffrilu post alternattiv. Il-Kunsilliera Josephine Borg staqsiet lis-Sur Cassar jekk ikunx kuntent jekk jingħata ammont ta` flus sabiex ikun jista' jixtri x`imkien fejn irid hu. Is-Sur Cassar wieġeb illi huwa lest li jċedih dment illi jingħata somma flus bħala kumpens, liema ammont irid ikopri xiri ta` *garage* jew jingħata l-Għassa tal-Pulizija li hemm fi Triq ta` Mulejja sabiex ikun jista' jpoġġi l-għodda fiha. Il-Kunsill infurmah illi l-Għassa mhix tiegħu u għaldaqstant ma' jista jagħmel xejn fuqha. Huwa qal illi ma jixtieqx idaħħal il-Kunsill fi spejjeż kbar. Is-Sur Cassar qal ukoll illi jixtieq jirranġa barra mill-Qorti. Il-Kunsill qabel illi jikteb lill-Avukat Michael Grech sabiex jistaqsih jekk ikunx konformi mal-liġi jekk joffri lis-Sur Cassar post alternattiv jew jekk jista' joffrilu somma flus bħala kumpens, dan mingħajr ma' l-Kunsill ikun qed jintrabat li s-Sur Cassar għandu xi dritt għal dan. Il-Kunsill ser jistaqsi lill-Avukat x`inhi l-aħjar soluzzjoni minn dawn.

**Għoti tal-*Quotations***

Infetħu l-*quotations* tal-ktejjeb dwar il-lokal tal-Fontana. Kien hemm tlett *quotations*, dawn kienu:

| | 1000 ktieb | 1500 ktieb |
|---|---|---|
| *A&M Printing Ltd.* | Lm598 | Lm775 |
| *J. de Bono Printing Press Ltd.* | Lm553 | Lm743 |
| *Portelli Print* | Lm590 | Lm700 |

Il-Kunsill qabel illi jordna 1500 ktieb mingħand *Portelli Print* peress li kienet l-irħas offerta. Il-Kunsill qabel ukoll illi dan il-ktejjeb għandu jkun lest sal-festa tal-lokal.



S. Borg
NG
S. Borg

FONTANA

Il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq bagħat *Press Release* bis-suġġett 'Attrazzjonijiet għall-Fiera tal-Ktieb fiż-Żurrieq'.

Dr. Chris Said, Sindku tan-Nadur, kiteb lill-Kunsill dwar il-ftehim li ġie ffirmat mal-President tal-Provinċja ta` Napli Amato Lamberti u l-Viċi-President Nicola de Luca. Dr. Said bagħat kopja tal-ftehim preliminari li ġie ffirmat. Il-pass li jmiss huwa li jiġi mistieden il-President tal-Provinċja f'Għawdex u wara s-Sindki Għawdxin jkunu mistiedna f'Napli għall-iffirmar tal-ġemellaġġ proprju.

It-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħtet korrispondenza dwar il-Kalendarju Kulturali - Sajf 2001.

Il-Ministeru ta` l-Edukazzjoni bagħat korrispondenza dwar Xogħol għas-Sajf lil Studenti ta` l-Universita'. Il-Kunsill tal-Fontana ddeċieda illi ma` jqabbadx studenti sabiex jaħdmu mal-Kunsill fis-Sajf peress li l-Kunsill bħalissa mhux f'pożizzjoni li jħallas lil dawn l-istudenti.

L-Awtorita' ta` l-Ippjanar bagħtet il-lista ta` applikazzjonijiet għal permess ta` żvilupp li taqa` taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana.

Is-Sur Anthony Sammut, Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, kiteb lill-Kunsill dwar Sebbaħ Pajjiżek 2001/2002. Ser isir *Briefing* għas-Sindki u għas-Segretarji dwar dan is-suġġett nhar il-Ħamis, 17 ta` Mejju 2001 fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex fis-2.00p.m.

Inqrat Ċirkulari AKL 40/2001 dwar Skema tas-Saħħa għas-Segretarji Eżekuttivi, Ħaddiema Klerikali u Kunsillieri tal-Kunsill Lokali.

Inqrat Ċirkulari AKL 41/2001 dwar Laqgħa għas-Sindki - Lukanda Corinthia Jerma Palace 8-9 ta` Ġunju 2001.

## Mistoqsijiet

| Cassar Angiolina | 190 | 50551 G |
| Cassar Anthony | 190 | 47149 G |
| Cassar Giorgia | 124 | 18732 G |
| Cassar John | 294 | 97186 M |
| Cassar Pawla | 19 | 30322 G |
| Cassar Simone | 294 | 404271 M |
| Cefai Pauline | Qalb ta' Gesu' | 59647 G |
| Cini Amanda | 200 | 26281 G |
| Cini Carmela | 266 | 34646 G |
| Cini Georgina Rose Marie | 100 | 391397 M |
| Cini John, Rev. | 266 | 836 G |
| Cini Joseph | 100 | 6555 G |
| Cini Joseph | 271 | 58637 G |
| Cini Saviour | 266 | 2039 G |
| Cordina Carmen | 33 | 64545 G |
| Cordina Emanuel, Rev. | 33 | 45049 G |
| Cordina Francis | 225 | 59329 G |
| Cordina Maria Assunta | 225 | 13831 G |
| Curmi Albert, Rev. | 243 | 51729 G |
| Curmi Antoinette | 247 | 85743 G |
| Curmi Carmelo | 1 | 48519 G |
| Curmi Emanuel, Rev. | 247 | 8637 G |
| Curmi Josephine | 247 | 25120 G |
| Curmi Jude Taddeo k/a Teddie | 1 | 523163 M |
| Cutajar Carmen | 104 | 7749 G |
| Debrincat Peter | 291 | 76539 G |
| Delicata Reginald | 77 | 57040 G |
| Delicata Sarah | 77 | 275073 M |
| Falzon Alexander John | 127 | 626463 M |
| Falzon Rose | 127 | 379464 M |
| Farrugia Carmelo | 8 | 40727 G |
| Farrugia George | 30 | 14476 G |
| Farrugia George | 8 | 74234 G |
| Farrugia Mark | 30 | 17874 G |
| Farrugia Mary Annunziata | 30 | 14435 G |
| Farrugia Mary Rose | 8 | 31837 G |
| Farrugia Michelina | 74 | 62021 G |
| Farrugia Patricia | 32, Rustica | 17280 G |
| Farrugia Paul | 30 | 4372 G |
| Farrugia Rita | 8 | 56731 G |
| Farrugia Vincent | 32, Rustica | 6473 G |
| Formosa Mary | 287 | 57426 G |
| Galea Anastasia | 118 | 25244 G |
| Galea Carmela | 207 | 11121 G |
| Galea Carmen | 197 | 69238 G |
| Galea Cecilia | 264A | 52063 G |
| Galea Chris | 118 | 23078 G |
| Galea Eugenia | 281A | 23359 G |
| Galea Francesca | 264A | 6725 G |
| Galea George | 12 | 632352 M |
| Galea Giorgia | 281B | 62433 G |
| Galea Giorgina | 197 | 56236 G |
| Galea John | 118 | 12849 G |
| Galea Josef | 281 A | 17385 G |
| Galea Margaret | 12 | 607160 M |
| Galea Maria | 197 | 21044 G |
| Galea Monique | 118 | 17182 G |
| Galea Nazzarena | 264 | 46637 G |
| Galea Paul | 281A | 92150 G |
| Galea Salvatore | 264 | 2837 G |
| Gambin Anthony | Fontana /Fl 2, 14 | 351869 M |
| Gambin Josephine | Fontana /Fl 2 14 | 3172 G |
| Grech Maria | 290 | 23634 G |
| Grima Carmela | 108, Cuore | 67325 G |
| Grima Salvu | 108 | 27823 G |
| Gruppetta Silvio | 160, Dar Il-Mistrieh | 434964 M |
| Mallia Camille Ann | 7 | 336683 M |
| Mauviard Camilleri Paule Monique | Fontana, Fl 1 | 98502 L |
| Mercieca Anthony | 191 | 10184 G |

S. Borg

NG

324

Dok. "AB3"



Vettura bin-Numru DAU 978 ġaraxxjata fil-għalqa privata tas-sur Cassar

NG S.Borg

325

Dok. "AB 4"

NC S-Borg

F064

6 ta' April 2001

Lil Anthony Cassar
113 Triq l-Mgarr
Ghajnsielem
Ghawdex

Sinjur

Ninsab inkarigat niktiblek mis-Sindku u l-Kunsill tal-Fontana, Ghawdex.

Nhar il-31 ta' Marzu 2001 fi Triq il-Ghajn, Fontana, Ghawdex inti ltqajt mas-Sindku u fil-prezenza ta' xhieda estranei ghogbok tinfexx f'sensiela ta' kliem offensiv u theddid sew fil-konfront ta' l-istess sindku u kif ukoll fir-rigward tal-membri l-ohra tal-Kunsill. L-agir tieghek ma hux accettabbli u jammonta ghal reat kriminali. Kif taf sar rapport dwaru mal-Pulizija.

Il-klijenti tieghi madanakollu minghajr pregudizzju, qed jaghtuk l-opportunita' li tiddikjara li jiddispjacik ghal dan l-incident u li taf lill-membri tal-kunsill bhala persuni onesti. Ghalhekk ukoll tintrabat li fil-futur ma tirripetix incidenti simili. Tali dikjarazzjoni ghandha ssir bil-miktub.

Naturalment il-mittenti sew f'isimhom personali u kif ukoll fl-interess tal-Kunsill tal-Fontana qed izommuk responsabbli ghad-danni kollha li ghad jistghu jisofru minhabba l-agir tieghek.

Kemm il-darba din id-dikjarazzjoni ma ssirx sa gimgha m'illum ser jittiehdu passi ohra kontra tieghek skond il-ligi.

Daqstant sabiex tkun avzat.

Bl-ispejjes.

Av. Michael Grech

326

Dok. "AB5"

GHAJNSIELEM B.P.Ċ.
P.O. .................. the ....7.... day of ....4/2001........ 1

GHAJNSIELEM GOZO AP 01 — DATE STAMP

Received a **REGISTERED LETTER** addressed to
Anthony Cassar
113, Triq l-Imġarr
Signature ... Għajnsielem G.Sm102 ...

0053370

Is-Sur Anthony Cassar
113, Triq l-Imġarr
Għajnsielem
Għawdex

6 t`April 2001

Sinjur,

<u>Re: 190, Triq ta` l-Għajn Fontana, Għawdex</u>

Ngħarrfek li permezz ta` deċiżjoni meħuda fil-laqgħa tad-29 ta` Settembru 1999, il-Kunsill iddeċieda li jieħu f'idejh il-pussess tal-fond numru 190, Triq il-Għajn Fontana, Għawdex. Dan huwa meħtieġ għall-bżonnijiet tal-Kunsill.

Għalhekk permezz ta` din l-ittra ngħarrfuk li jinħtieġ li inti tirrilaxxja definittivament dan il-fond sa mhux iktar tard mill-iskadenza li jmiss.

Jekk ma jkollniex risposta sa ġimgħa nkunu kostretti nirrikorru għal proċeduri oħra.

Inselli għalik,

J Cassar

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel.: 558877 Fax.: 562555

NL S. Borg

Dok. "AB6"

Dr. Michael Grech LL.D. (Advocate)

**Office:**
2, Charity Street,
Victoria VCT 105, Gozo
Malta.

**Telephone:**
*Office:* 553071
**Fax:** 561200
*Res:* 555602

*Your Ref:* *Our Ref:* F064 *Date:* 15 ta' Mejju 2001

Is-Sur Anthony Cassar
113 Triq l-Mgarr
Ghajnsielem
Ghawdex

Sinjur

Niktiblek fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali tal-Fontana, Ghawdex relattiv ghall-pendenzi ta' bejnietkom dwar il-fond numru 190 Triq il-Ghajn, Fontana, Ghawdex. Dan il-Kunsill, wara li qies il-pozizzjoni tieghu, konvint li ma ghandek ebda jedd tinbqa' tinsisti li zzomm il-pussess pro bona pacis minghajr ebda pregudizzju ghad-drittijiet tieghu *pro bona pacis* qieghed jipproponi hlas lilek tas-somma ta' Lm500. Dan l-ammont jithallas lilek mal-konsenja tac-cwievet. Din l-offerta hija finali u fin-nuqqas ta' accettazzjoni il-Kunsill ser jissokta bil-proceduri li ttih il-Ligi sabiex jirkupra l-pussess ta' l-istess fond.

Inti mitlub taghti t-twegiba tieghek bil-miktub sa mhux iktar tard minn zmien gimgha.

Av. Michael Grech

Dok. "AB 7"

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U TA' L-INTERN
Taqsima Proprjeta' tal-Gvern
DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS
Government Property Division
LAND DEPARTMENT

L29/2002
P 466/04

14 ta' April, 2005

ORDNI MAĦRUĠA MILL-KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET SKOND L-ATT TAL-1972 DWAR ŻGUMBRAMENT MINN ARTIJIET

Sur Anton Cassar
190 Triq il-Ghajn
Fontana
Ghawdex

Sinjur,

Bis-saħħa ta' din l-ordni inti qiegħed tigi moghti ghaxart ijiem min-notifika tal-preżenti biex tizgombra mil-fond li qieghed 190 Triq il-Ghajn, Fontana, Ghawdex, li huwa okkupat minnek, u biex tnehhi minn hemm l-oggetti kollha li ghandek.

Fin-nuqqas, l-oggetti kollha li ghandek se jigu mnehhija mill-Gvern a spejjez tieghek.

Barra minn hekk, id-Dipartiment qieghed jirriserva d-dritt ghal kumpens ta' okkupazzjoni, sakemm jigi zgumbrat il-post imsemmi.

A. V. Mamo
Kummissarju tal-Artijiet

AUBERGE DE BAVIERE, VALLETTA
Telephone: 224016, 242048
Fax: 237970

D.K. "AB 8"

FONTANA

# MINUTI TAL-LAQGHA LI SARET MAS-SUR ALBERT MAMO, KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET

Preżenti: Is-Sur Albert Mamo – Kummissarju tal-Artijiet

Is-Sur Saviour Borg – Sindku

Is-Sur Victor Cefai – Viċi-Sindku

Is-Sur Lorry Apap – Kunsillier

Is-Sur Anthony Cassar - Kunsillier

Is-Sinjura Maria Schembri - Kunsillier

Is-Sinjurá Josianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa nżammet f'Auberge de Baviere, Valletta nhar it-Tlieta, 9 t'Awwissu 2005 fl-10.30 ta` filgħodu.

Is-Sindku beda billi spjega r-raġuni għalfejn intalbet din il-laqgħa. Huwa qal illi l-Kunsill ma jaf xejn dwar il-fond bin-numru 191 fi Triq tal-Għajn ħlief mill-għajdut tan-nies u jixtieq ikun jaf x`inhi s-sitwazzjoni. Is-Sindku qal illi dwar il-fond nru. 190 il-Kunsill huwa nfurmat permezz tal-Kunsillier Lorry Apap.

Is-Sur Mamo staqsa jekk il-Kunsill għandux bżonn iż-żewġ postijiet u jekk b`post wieħed il-Kunsill ikunx jista' jwettaq il-proġett. Huwa qal ukoll illi ma jista` jiddiskuti u jagħti xejn jekk ma ssirx talba min-naħa tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien talab bil-miktub fis-7 t`Ottubru 2003 għall-fond nru. 191, dan meta kien ġie konsultat mid-Dipartiment tal-Artijiet. Fil-preżent hemm permess tal-M.E.P.A. fuq il-fond nru. 190. Il-Kunsillier Lorry Apap informa lis-Sur Mamo li binja minnhom li hija l-190 tinsab bla saqaf. Is-Sur Mamo qal li peress li l-każ qiegħed jiġi kkontestat il-Qorti l-proċess jieħu aktar fit-tul. Il-Kunsillier Lorry Apap qabel mas-Sur Mamo.

Wara li s-Sur Mamo staqsa lill-Kunsill jekk hux ser iwaqqa' iż-żewġ fondi msemmija, s-Sindku qal li hemm proġett ta` bini tal-Kunsill u xogħolijiet oħra. Il-Kunsillier Lorry Apap talab lill-Kummissarji ta` l-Artijiet sabiex jikkonfermalu għandux dritt jitkellem u jiddiskuti fuq dawn il-fondi peress li

S. Borg
S.B.

hu huwa l-Uffiċċjal Inkarigat mit-Taqsima ta` l-Artijiet f'Għawdex. Hawnhekk il-Kummissarju ta` l-Artijiet laqa` t-talba tas-Sur Lorry Apap u talbu sabiex jispjega aktar fid-dettall.

Is-Sur Mamo qal illi fid-29 t`April 2005 ħarġet *eviction order* fuq il-191. Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa fuq isem min ħarġet l-*eviction order* peress li hu nfurmat li ħarġet fuq persuna li toqgħod ir-Rabat. Is-Sur Mamo qal illi dan ix-xogħol iwettqu l-Assistent Direttur u hu kemm jiffirmaħ, probabbli sar bi żball u ser jieħu ħsieb joħroġ *eviction order* ġdida fuq min hu mniżżel hemm fi żmien ħmistax.

Is-Sur Mamo qal illi l-proċedura hija li l-ewwel jittieħed permess tal-M.E.P.A. imbgħad issir id-devoluzzjoni, għaldaqstant huwa ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jipprepara l-pjanti neċessarji u jġib il-permess tal-M.E.P.A. fuq il-fondi u parti mill-*Playing Field* li qed jgħid li għandu bżonn. Hawnhekk il-Kunsillier Lorry Apap ġibed l-attenzjoni li dan talbu hu stess waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

Kunsillier Lorry Apap staqsa lis-Sur Mamo jekk il-Kunsill jissottometti pjanta tal-proġett hux lest li jgħinu. Is-Sur Mamo aċċetta u qallu dawn il-kelmiet '*Go Ahead – Do it*'. Hawnhekk is-Sur Mamo nforma lill-Kunsill li kull '*lease agreement*' min-naħa tad-Dipartiment jingħata biss wara '*call for tender*'. Is-Sur Mamo qal ukoll li dment li l-Kunsill għandu bżonn l-post l-proċedura min-naħa tad-Dipartiment titħaffef aktar. Is-Sur Mamo qal illi xorta kienu jittieħdu passi biex issir l-*eviction order* anke jekk il-Kunsill ma talabx għal dawn il-fondi.

Is-Sindku staqsa lis-Sur Mamo jekk il-Kunsill jaqbel, jista joffri akkomodazzjoni alternattiva f'din l-*area* msemmija bħal eżempju *garage* jew *flatlet* u jekk il-kera tagħha tibqax kif kienet jew issirx kummerċjali. Is-Sur Mamo wieġeb li l-kera tiġi mħallsa b'rata kummerċjali u l-ammont jiġi ssussidjat skond id-dħul ta` l-individwu.

Is-Sindku staqsa lis-Sur Mamo jekk il-Kunsill jistax joffri flus bħala kumpens lill-inkwilini biex joħorġu mill-fondi. Hawn is-Sur Mamo rrisponda sabiex ma jkellmux fuq hekk.

Is-Sur Mamo qal illi fil-preżent l-inkwilini m`għandhom l-ebda *lease* u l-Kunsillier Lorry Apap qal illi dawk il-kirjiet ġew terminati. Is-Sur Mamo qal illi kieku mhux hekk l-*eviction orders* ma kienux joħorġu. Id-Dipartiment ma jistax jikkonsidra li jagħti akkomodazzjoni alternattiva lil persuni li jkunu qed jokkupaw post tal-Gvern u m`għandhomx titlu.

Fl-aħħar is-Sindku semma li hemm xelter ħdejn l-Għajn il-Kbira li dwaru ġiet approvata mozzjoni fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill biex jitnaddaf. Waqt din il-laqgħa l-Kunsillier Lorry Apap qal dan mhux immarkat bħala proprjeta` tal-Gvern. Is-Sindku talab lis-Sur Mamo biex dan jiġi reġistrat mid-Dipartiment tal-Artijiet biex ma jintilifx. Huwa nfurmaħ li l-Kunsill madwar erba' snin ilu għalaq dan ix-xelter b'rixtellu tal-ħadid biex ma jiġix vandalizzat. In-nies ta`

S. Bonello

331

l-inħawi flimkien mal-bdiewa kollha jgħidu li din hija proprjeta' tal- Gvern. Is-Sur Mamo wieġeb li għalkemm jista` jkun mhux imniżżel xorta waħda ma jfissirx li ma hux tal-Gvern. Sar qbil li tintbagħat pjanta ta` l-*area* biex jittieħdu l-passi neċessarji u nforma lil dawk preżenti li jista` jitnaddaf. Is-Sindku qal illi dan għandu jidħol ma` l-applikazzjoni tar-restawr tal-Għajn il-Kbira lill-M.E.P.A.

Dawk preżenti rringrazzjaw lis-Sur Mamo ta` din il-laqgħa. Il-laqgħa ntemmet fil-11.30 ta` filgħodu.

JCassar

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

NG S.M
332
S. Borg

MINISTERU GHALL-GUSTIZZJA
U GHALL-INTERN
Taqsima Proprjeta' tal-Gvern
DIPARTIMENT TA' L-ARTIJIET

(87)

MINISTRY FOR JUSTICE
AND HOME AFFAIRS
Government Property Division
LAND DEPARTMENT

Our Ref: L29/2002
L3 0/2002
Your Ref: LCD319/1994/2

25th October 2005

Director Local Government
Department for Local Government
26, Arch Bishop Street, Valletta
CMR02

**Devolution of 190/191 Trig il-Ghajn Fontana**

Please refer to your letter of the 17th October 2005 and previous correspondence regarding the above-mentioned subject.

An eviction order was issued in April 2005 against Mr.Anthony Cassar who is in occupation of number 190. Mr. Anthony Cassar who incidentally is one of the Fontana Local Council Members has filed a warrant of prohibitory injunction followed by a lawsuit. (Citazz Nru 55/2005 P.C.)

In the case of number 191 an eviction order was issued in April 2005 as well. However this eviction order was issued against the mother of the occupier and could not be executed. A fresh eviction order has been issued again earlier this month against the actual occupier (Ms. Louise Zammit). As soon as the Police inform this department that the eviction has been served, we will proceed to obtain possession of the property.

Some time ago a meeting was held by the undersigned with the Mayor and the members of the Fontana Local Council wherein it was revealed that the Local Council are only in possession of a M.E.P.A. permit for the development of part of the project. My advice to them was to obtain a permit for the whole project, now that the matter has been held up by Court Action.

A.V. Mamo
Director Land

DEPARTMENT FOR
27 OCT 2005
LOCAL GOVERNMENT

NG S.P.

Government Property Division -:
Directorate General
Peril John Sciberras
Director General
Auberge de Baviere,
Valletta CMR 02
Tel. 22953000; Fax. 21234925

Land Department
Albert Mamo
Director
Auberge de Baviere,
Valletta CMR 02
Tel. 22953000; Fax. 21237970

Joint Office
Joseph Sciriha
Director
Sa Maison Road,
Floriana CMR 02
Tel. 21249678; Fax. 21249679

Estate Management Department
Joseph Caruana, M.B.A.
Director
Auberge de Baviere,
Valletta CMR 02
Tel. 22953000; Fax. 21220845

**Data Seduta:** **8 ta' Gunju 2011**

**Lista nru.:** **1**

**Kawza nru.:** **55/2005**

**Anthony Cassar** VS **Kummissarju tal-Artijiet**

---

Prezenti l-attur assistit minn Dr. Anton Refalo.

Prezenti Frank Mizzi ghall-Kummissarju tal-Artijiet assistit minn Dr. Fiorella Fenech-Vella.

Dr. Fiorella Fenech-Vella tipprezenta Nota annessa mal-affidavit ta' Saviour Borg flimkien ma' dokumenti bil-visto' tal-kontro-parti li ghalih jirriserva l-kontro-ezami.

Il-partijiet jitolbu l-ahhar differiment sabiex isiru l-kontro-ezamijiet li fadal.

In visto ta' dan il-verbal, ma jistax isir progress fil-kawza.

Differita ghall-kontro-ezamijiet li fadal ghad-19 ta' Ottubru, 2011, fl-10.00 a.m..

Dr. Aaron Attard-Hili LL.D.
ASSISTENT GUDIZZJARJU

NC S. Borg

334

FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
ĠURISDIZZJONI SUPERJURI, SEZZJONI ĠENERALI

SEDUTA MIŻMUMA QUDDIEM L-ASSISTENT ĠUDIZZJARJU GĦAL GĦAWDEX DOTTOR AARON ATTARD HILI LL.D.

Fl-atti tal-kawża numru 55/2005

Anthony Cassar

versus

Il-Kummissarju tal-Artijiet

Illum il-Ħamis, 15 ta' Diċembru 2011

Ix-xhud, **Saviour Borg**, prodott in kontro eżami mill-attur, bil-Malti u bil-ġurament tiegħu jgħid:

L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Inti fix-xhieda tiegħek illi għamilt bil-ġurament tiegħek għidt hekk: qiegħed tgħid illi l-fond madwar sittin (60) sena ilu dan Salvu Cassar kien bena post ġdid għall-familja tiegħu, fin-numru two one ow "A" (210A), Triq Għajn Fontana, illum magħruf bħala sqaq fuq il-Lunzjata. Dan il-fond illum huwa tas-Sur Cassar u ħutu. Dan fejn tafu inti?
Xhud:
Eh?
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Fejn tafu inti?
Xhud:
Għax naf lil missieru hemm, u 'l Toni hemm u 'l ħutu jiġu hemm ukoll.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Allura tfisser li huwa tas-Sur Cassar u ħutu?
Xhud:
Iva, għax ġie li qalli li sa sentejn ilu meta konna għadu jkellimni li kienu ħa jbiegħuh.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Eħe? U jekk ngħidlek li s-Sur Cassar m'għandu xejn minnu, skont il-kuntratt? Imma inti qiegħed qiegħed tissuponi li s-Sur Cassar għandu minnu, x'tgħidli?
Xhud:
Jiena hu kien jgħidli illi jridu jbiegħuh.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Imma s-Sur Cassar taraħ jgħix hemmhekk?
Xhud:
Iva, il-bieraħ stess rajtu.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Jgħix ġo fih?

Traskrittur

Xhud:
Jużah.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Jużah, imma jekk inti tuża xi ħaġa.
Xhud:
Għandu l-għalqa aktar 'il ġew u narah dieħel u ħiereġ minnu, hu.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Iva.
Xhud:
Jien għandi għalqa fejnu, u allura narah.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Iva allura jekk inti tuża l-għalqa jfisser li inti qed tgħix ġo fih?
Xhud:
Qed ngħidlek narah hemmhekk.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Għax tarah hemmhekk.
Xhud:
Filgħodu u flgħaxija.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Iva inti għax tarah hemm qed tissuponi li li jgħix hemmhekk.
Xhud:
Le, hu qalli li hu tagħhom u jridu jbiegħuh. U kienu qed jitolbu fuq mitt elf lira (>Lm100,000) u darba, u darba tawhom disgħin elf (90,000).
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
U anke inti qed tissuponi.
Xhud:
Skont x'qalli hi.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Għalhekk qed tissuponi illi jgħix ġo fih.
Xhud:
Il-post kien ta' missieru u ħallieh lit-tfal, għax hu, missieru kien jgħidli li ħallih lit-tfal.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Issa għidtilna wkoll fl-affidavit tiegħek illi għidt illi parti sostanzjali mis-saqaf imwaqqa'. Jekk ngħidlek illi però illi mwaqqa' fejn hemm l-annimali imma fejn jorqod is-Sur Cassar mhu mhu xejn imwaqqa', x'tgħidli? Inti dħalt hemm ġew, l-ewwel?
Xhud:
X'inhu?
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Dħalt fil-post tas-Sur Cassar?
Xhud:
Ilu s-snin.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Meta l-aħħar dħalt?
Xhud:

Traskrittur

Fin-ninety six ('96).
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Hu xħin tidħol xi ssib?
Xhud:
Issib, kien hemm missieru kien għadu ħaj. Għax miet fin-ninety seven ('97).
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Jekk tikkonferma li kien hemm żewġ sodod, waħda ta' Toni u waħda ta' missieru?
Xhud:
Sodda kien hemm żgur, waħda. Jiena ninety six ('96) niftakar sodda.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Waħda?
Xhud:
Illum ma nafx kemm hemm?
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Waħda (1) jew tnejn (2) kien hemm?
Xhud:
Missieru, missieru minn meta żżewweġ dejjem waħdu qagħad.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Waħdu?
Xhud:
Ija.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Anthony Cassar ma kienx joqgħod miegħu?
Xhud:
Kien jiġi jagħliflu l-bhejjem filgħodu u flgħaxija jerġa' jmur id-dar, bħalma għamel il-bierah.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Bħalma għamel il-bieraħ.
Xhud:
Sewwa.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Jiġifieri inti qiegħed tiġri warajh, taf x'għamel.
Xhud:
Le, jiena nkun hemm, mhux għassa ta' ħadd.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Jekk ngħidlek.
Xhud:
Imma.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Illi fin-ninety six ('96) żewġ sodod kien hemm x'tgħidli?
Xhud:
Jiena waħda (1) rajt fin-ninety six ('96).
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
U fejn, fil-kamra ta' barra?
Xhud:
Iva.

Traskrittur

L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Issa, għidtilna wkoll illi jmur hemmhekk biex biex biex biex jieħu ħsieb l-annimali.
Xhud:
Eħe.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Hux hekk? Allura missieru kien joqgħod waħdu?
Xhud:
Iva, mela. Toni, Toni filgħodu qabel ix-xogħol kien jiġi jgħinu jagħlifhom, sakemm kellu, imbagħad jiġi għalih il-bennej bit-trakk ta' Sannat, *id-Doqdi*, hawn Gauci. Flgħaxija jerġa' jġibu f'xi tlieta u nofs (~ 3.00 p.m.), imur l-għalqa. Mal-ħamsa (~5.00), skont il-ħin tas-sajf jew xitwa jerġa' jitlaq lejn id-dar.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
U hemmhekk ma kienx jirritorna aktar?
Xhud:
Fejn?
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Fil-post ta' missieru flgħaxija.
Xhud:
Meta kien ħaj naħseb kien jittawwallu; meta dan, jagħlaq u jitlaq. Mhux hekk kuljum jagħmel, mela issa għajnejn f'wiċċna għandna, hu.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
U meta miet missieru baqa' jagħmel l-istess affarijiet?
Xhud:
X'inhu?
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Li kien jagħmel qabel l-istess? L-istess baqa'?
Xhud:
Meta miet missieru kien baqagħlu, jew ftit qabel almenu, ma nafx eżatt dan issa ilu mejjet minn ninety seven ('97), u mill-memorja qed nitkellem, u naf għax ġirien. Kellu ftit mogħoż u xi żewġ nagħġiet, issa la naf inbiegħu - meta biegħ il-permess tal-ħalib kien snin qabel, Toni kien il-Libja. Kien il-Libja Toni, ma naħsibx li jista' jiċħad. Missieru stess kien igerger miegħi, jgħid "M'għandi l-ebda kuntatt miegħu," qata' qalbu u biegħhom bil-permess tal-ħalib. Imbagħad kien baqagħlu ftit, forsi tużżana jew inqas. U Toni biegħhom jew xħin miet jew ftit qabel.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Għidtilna wkoll li kien jabita u jorqod ġod-dar matrimonjali Għajnsielem. Dan fejn tafu, għax kont, inti mnejn tafu dan? Kont tkun magħhom?
Xhud:
Nafu għax kien, kien jitħaddet miegħi, u jgħid, u meta bagħtna.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Min kien jitħaddet miegħek?
Xhud:
Toni, hu.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Jgħidlek joqgħod joqgħod Għajnsielem?
Xhud:

NG S. Bo
Traskrittur

Kien jgħid nagħtu każ, Għajnsielem għamlet xita u hawn m'għamlitx.

L-Avukat Dottor Anton Refalo:

Inti taf li l-ID tiegħu dejjem dejjem kienet dejjem baqgħet dejjem kienet fuq it-Triq tal-Għajn.

Xhud:

Mhux dejjem.

L-Avukat Dottor Anton Refalo:

Meta ma kinitx fuq it-Triq tal-Għajn?

Xhud:

Għandek id-dokumenti fl-affidavit tiegħi u turi fejn kienet id-darba minnhom.

L-Avukat Dottor Anton Refalo:

Darba minnhom ma kinitx hemm.

Xhud:

Iva, mhux hekk? Inti qed tgħidli li qatt ma kienet.

L-Avukat Dottor Anton Refalo:

U kemm kemm ilu li ma kinitx hemm?

Xhud:

Issa nsiblek. Tista' ssib ir-reġistru elettorali u tkun taf, fil-Gazzetta tal-Gvern. Ara, kopja, paġna numru tmienja u erbgħin (48) mir-Reġistru Elettorali.

L-Avukat Dottor Anton Refalo:

Kemm ilu dan ir-reġistru?

Xhud:

Ta' April tal-elf disa' mija disgħa u disgħin (1999).

L-Avukat Dottor Anton Refalo:

Ta' dik, ta' dik is-sena biss.

Xhud:

Eh, meta kien qed jibni d-dar; mar "Jolly Court", Għajnsielem, Triq Cordina wkoll. Krew flat hemmhekk.

L-Avukat Dottor Anton Refalo:

Issa, tiftakar int bl-inċident li xi ħadd prova prova biex ma joħroġx għall-kunsill tat-Triq tal-Għajn għaliex għaliex ma kienx joqgħod hemm. Tafu dan inti, hux hekk?

Xhud:

Iva, nafu.

L-Avukat Dottor Anton Refalo:

Taf illi t-talba tiegħu tiegħu illi illi jibqa' kunsillier tal- tal-Fontana ġiet ġiet aċċettata fil-fatt, li joħroġ fuq hemm, hux veru?

Xhud:

Iva.

L-Avukat Dottor Anton Refalo:

Tafu, taf inti illi kien ġie l-Maġistrat Coppini u ddeċiedu li jibqa' hemmhekk?

Xhud:

Jiena x'ġie deċiż naf; ma naf il-Maġistrat Coppini fejn kien mar. Ġie deċiż imma li lilu r-rikors li kien għamel il-Partit Nazzjonalista ma ġiex milqugħ biex ma joħroġx. Dakinhar kienet.

L-Avukat Dottor Anton Refalo:

U għaliex ma ġiex milqugħ?

NG S. Bey

Traskrittur

Xhud:
Dakinhar kienet li kandidat ried ikun joqgħod hemmhekk.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
All right. Inti li taf ħafna affarijiet, eh, għidt ukoll illi illi fil-, eh, semmejt tal-Jolly Court, jidhru fir-reġistru tat-two ow ow four (2004), x'imkien mertu ta' din il-kawża, eh, fuq il-fond one eight ow (180), one eight nine (189) u one nine ow (190), Triq tal-Għajn, Fontana - sewwa? - inti taf b'xi okkażjoni meta meta kellu jdawwar l-identity card biex biex il-bank ikun jista' jsellifhom il-flus? Kien qallek din ukoll hu?
Xhud:
Le.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Ma, ma qallikx b'din, b'din il-biċċa xogħol? Semmejtilhom il-vettura *Diahatsu Therios*, illi għidtilna li biex imur fid-dar matrimonjali tiegħu t'Għajnsielem u tal-fond in kwistjoni, tal-Fontana, juża - din x'għandha x'taqsam?
Xhud:
Ma qalx fl-affidavit tiegħu li m'għandux bżonn vetturi?!
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Allura xi tfisser din?
Xhud:
Li għandu, hu.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Allura din tfisser għax għandu vettura tfisser li ma joqgħodx it-Triq tal-Għajn?
Xhud:
Le, fl-affidavit qal li m'għandux x'jambi vetturi, hu.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Għidtilna wkoll li l-ordni tal-iżgumbrament ħarġet mid-Dipartiment tal-Artijiet datata sitta (6), disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru two ow ow four (2004), meta s-sindku tar-Rabat dak iż-żmien kien Valentinu Cassar, u s-Sur Anthony Cassar kien kunsillier. B'ittra datata ħmistax (15) ta' Mejju sindku flimkien mal-kunsilliera ħadu parir biex tagħtuh - dawn il-ħames mija (500) li kont se ttuh Maltin, dawn ex gratia, jiġifieri għal xejn b'xejn kontu tajtuhomlu?
Xhud:
X'inhu?
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Inti semmejt kontu tajtuh kumpens ta' ħames mija (500). Ta' xiex kontu tajtuhomlu kumpens? Għal xejn b'xejn? Rigal?
Xhud:
Eh, Alla jaħfirlu, l-Avukat Grech kien tana dak il-parir.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Imma ta' xiex?
Xhud:
Li mingħajr tidħol fil-mertu tal-kawża.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Imma, imma dawn il-ħames mija (500) kontu kontu tajtuhomlu b'xejn? Għax mhux minn tagħkom, minn tiegħek, minn tal-gvern kont se ttihomlu, minn tal-kunsill, sa fejn naf jien, hux hekk?

Traskrittur

Xhud:
Mhux hekk?
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Għaliex kontu se ttuh ħames mija (500) jekk inti għidt dawn l-affarijiet kollha li ma kellu ebda dritt - inti kont taqbel li jieħu ħames mija (500), pereżempju? Qbilt magħha din? Għax mill-minuti jidher qbilt.
Xhud:
Irrid, irrid niċċekkja l-minuti; dak ilu xi għaxar (~ 10) snin.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Allura meta ħa tiċċekkjahom dawk il-minuti?
Xhud:
Tista' ttihomli issa, jekk għandek?
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Mela arahom waħda għax jien, il-minuti. Eh, u għid qbiltx. Kif qbilt fuq fondi tal-kunsill, biex tagħtihom lil tal-kunsill. Li dan ma kellux dritt għalihom.

Kontro Eżami sospiż.

Din hija x-xhieda ta' Saviour Borg dettata minnu nnifsu fil-preżenza tal-Assistent Ġudizzjarju għal Għawdex.

Niddikjara li bis-sewwa u fedelment u skont l-aħjar tagħrif u ħila tiegħi, ittraskrivejt ir-reġistrazzjoni tat-tape.

Anthony Mizzi
Traskrittur

1635

NG S. Borg

Traskrittur

FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
ĠURISDIZZJONI SUPERJURI, SEZZJONI ĠENERALI

SEDUTA MIŻMUMA QUDDIEM L-ASSISTENT ĠUDIZZJARJU GĦAL GĦAWDEX DOTTOR AARON ATTARD HILI LL.D.

Fl-atti tal-Kawża numru 55/2005

Anthony Cassar

versus

Il-Kummissarju tal-Artijiet

Illum 21 ta' Frar 2012

Ix-xhud, **Saviour Borg**, in kontinwazzjoni tal-kontro eżami tiegħu mill-attur, bil-Malti u bil-ġurament tiegħu jgħid:

L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Kellek tesebilna xi dokumenti dwar il-korrispondenza li għaddiet bejn il-kunsill tal-Fontana u s-Sur Cassar. Tista' tesibihom jekk jogħġbok, u tgħidilna, tispjegahomlna.
Xhud:
Dan inti l-aħħar seduta li kellna mingħalija f'Diċembru, is-seduta kienet ġiet sospiża għal raġuni li inti għidtli, staqsejtni anzi, għalfejn ridtu tagħtu lis-Sur Cassar ħames mitt lira (Lm 500). Ir-raġuni kienet li konna ħadna parir mingħand Dottor Michael Grech - Alla jaħfirlu - fuq dan il-ħaġa u kien qalilna, tana dan il-parir bejn wieħed u ieħor. Kien kiteb lis-Sur Cassar, is-Sur Anthony Cassar f'one one three (113), eħe, Triq l-Imġarr, Għajnsielem, u kitiblu hekk bejn wieħed u ieħor: "Sinjur, qed niktiblek fuq l-inkarigu tal-kunsill lokali."
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Kitiblu l-ittra datata?
Xhud:
Ħmistax (15) ta' Mejju, elfejn u wieħed (2001).
L-Assistent Ġudizzjarju:
U esibita a fol?
Xhud:
Issa se nesibha hawnhekk. Kemm naqraha biss. "... F'isem il-kunsill lokali, Fontana, relattiv għal pendenzi ta' bejnietkom tal-fond numru one nine ow (190) fi Triq Fontana, Għawdex. Dan il-kunsill wara li qies il-pożizzjoni tiegħu konvint li m'għandek ebda jedd tibqa' tinsisti li tibqa' żżomm il-pussess pro bono et pacis, mingħajr ebda preġudizzju. Għad-drittijiet tiegħu pro bono et pacis qed jipproponi ħlas lilek tas-somma ta' ħames mitt lira (Lm 500). Dan l-ammont jithallas lilek mal-konsenja taċ-ċwievet, bil-finali. Din l-offerta hi finali, u fin-nuqqas ta' aċċettazzjoni l-kunsill se jissokta bi proċeduri li ttih il-liġi sabiex jirkupra l-pussess tal-istess fond."

Traskrittur

L-Avukat Dottor Anton Refalo:
X'inhi?
L-Assistent Ġudizzjarju:
F'liema paġna qiegħda tal-?
Xhud:
176. Issa.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
X'ġara wara dik l-ittra.
Xhud:
Konna, il-parir kien.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Sur Sindku, x'ġara? Tista' tgħidilna x'ġara wara dik l-ittra fejn offrejtu ħames mitt lira (Lm 500) lil?
Xhud:
Is-Sur Cassar inti ktibt f'ismu li hemm suppost ittra tiegħek kopja, li ma kienx aċċetta, hu. Għal raġuni li ried.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
U r-raġuni għaliex?
Xhud:
Ir-raġuni ried jew garaxx jew ħamest elef lira (Lm 5,000), mingħalija.
L-Assistent Ġudizzjarju:
U esibita din?
Xhud:
Issa. … Hemmhekk hemm esibit.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
X'hemm?
L-Assistent Ġudizzjarju:
Imma liema folio qiegħda?
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Liema hi li hemm miktub irid ħamest elef lira (Lm 5,000). Għax safejn naf jien ma semmejtx ħamest elef lira (Lm 5,000) jien.
Xhud:
Issa.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Minn fejn joħroġ din?
Xhud:
Din. Issa. Il-, suppost hemm.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
X'hemm miktub? Ta' ħamest elef (5,000) jew?
Xhud:
Sab post il-kopja. Iva, jekk trid nerġa' niġi darb' oħra u nġiblek darb' oħra, eh. … Il-, fuq dan irrid ngħid ukoll li l-Avukat Michael Grech kien qalilna - hawnhekk ħa nippreżenta l-kopja, folio 212, proġett tal-uf-, l-Avukat Michael Grech bagħat ittra lill-kunsill bħala risposta tal-parir li kien talbu l-kunsill dwar il-fond numru one nine ow (190) Triq tal-Għajn. L-avukat kiteb li l-gvern mhux marbut bil-protezzjoni

Traskrittur

mogħtija bil-liġi tal-kera. U għalhekk meta jkun fond tal-gvern jista' jkun ma jġeddidx il-kera u jesiġi li jieħu l-fond lura.

L-Avukat Dottor Anton Refalo:

Imma aħna mhux dik l-argument tagħna.

Xhud:

"Il-kunsill għandu jipprova. … il-gvern biex jittermina l-kirja, jieħu l-post lura f'idejh. Jekk dan ma jseħħx ikun utli għall-kunsill..." Ara, issa eżatt.

L-Avukat Dottor Anton Refalo:

Esibixxi d-dokumenti.

Xhud:

Ara, minuta, minuta. "Jipprova jsib kompromess mas-Sur Cassar, però fil-fehma tal-avukat, la t-talba sabiex jieħu garaxx u lanqas jingħata l-prezz ta' garaxx" – jiġifieri minn hemm toħroġ l-ittra – "ma huma ġustifikati, kwalunkwe ħlas għandu jkun unikament sabiex wieħed iħaffef il-proċedura aktar milli għaliex verament hemm xi drittijiet. L-avukat issuġġerixxa li l-kunsill jista' joffri ftit mijiet bħala kumpens in full settlement. Wara li nqrat l-ittra u nfetħet għad-diskussjoni l-kunsilliera Josephine Borg issuġġeriet li s-Sur Cassar jingħata elf lira (Lm 1,000) bħala rigal. Il-kunsilliera l-oħra ma qablux ma' dak l-ammont u ssuġġerew l-ammont ta' ħames mija (500). Wara d-diskussjoni l-kunsill qalet li qabel ma tiġi offruta s-somma ta' ħames mija (500) lis-Sur Cassar. Il-kunsill żamm id-dritt li jerġa' jirrevedi dan l-ammont jekk it-talba tas-Sur Cassar tkun qrib l-ammont ta' ħames mija (500)." Dan folio 213. Jiġifieri, jekk irridu nkunu ċertissmi s-somma ta' ħamest elef (5,000) żgur issemmiet. Dakinhar bejn wieħed u ieħor garaxx kien jinxtara b'ħamest elef lira (Lm5,000), u fil-, fil-, jekk il-Qorti tiddeċiedi, fuq l-evalwazzjoni tax-xhieda, tara x'kien kiteb Dottor Refalo, naħseb ta' ħamest elef lira (Lm 5,000) ssibha, jekk irid darb' oħra nippreżentaha. Ktibt f'ismu. Jien mill-memorja qed ngħid. Jien ma ġibt. Jien ġejt ippreparat biss x'qalilna Dottor Grech.

L-Avukat Dottor Anton Refalo:

… Mela daqshekk, lesti, ejja. … Ġejja l-aħħar, u nagħlqu. … Ġib id-dokumenti ġibhom miegħek.

L-Assistent Ġudizzjarju:

Iżjed. Għandek xi dokumenti aktar?

L-Avukat Dottor Anton Refalo:

Le, jiena biss li nwieġeb lil Dottor Refalo liem' kien parir ta' Dottor Michael Grech. U li mingħajr ma jidħol fil-preġudizzju tal-kawża tingħata dik is-somma.

Din hija x-xhieda ta' Saviour Borg dettata minnu nnifsu fil-preżenza tal-Assistent Ġudizzjarju għal Għawdex.

Niddikjara li bis-sewwa u fedelment u skont l-aħjar tagħrif u ħila tiegħi, ittraskrivejt ir-reġistrazzjoni tat-tape.

Anthony Mizzi
Traskrittur



NG Traskrittur S.Borg

**Data Seduta: 21 ta' Frar 2012**

**Lista nru.: 2**

**Kawza nru.: 55/2005**

## **Anthony Cassar** VS **Kummissarju tal-Artijiet**

---

Prezenti l-attur assistit minn Dr. Anton Refalo.

Dehret Dr. Fiorella Fenech-Vella ghall-konvenut.

Sar il-hin tal-10.30 a.m..

Bi ftehim bejn il-partijiet il-kawza giet rikjamata ghal-lum mid-differiment original ital-24 ta' Frar 2012.

Kontinwazzjoni tal-kontro-ezami ta' Saviour Borg minn Dr. Anton Refalo.

Ix-xhud, Albert Mamo, ingunt ghal-lum ma deherx peress li rcieva t-tahrika tax-xhieda fil-jum ta' qabel din is-seduta u ghaldaqstant ma kienx f'pozizzjoni li jattendi sabiex jixhed.

Differita ghat-12 t'April 2012 fil-11.00 a.m..

Dr. Aaron Attard-Hili LL.D.
ASSISTENT GUDIZZJARJU

NG S. Borg

ONF 22.33

REGISTRY GOZO COURTS
20 APR 2012
RECEIVED

1

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**

**Fl-Atti taċ-Ċitazzjoni Numru 55/05 PC**

**Anthony Cassar**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**Nota tax-xhud Saviour Borg.**

Illi permezz tagħha qed jesebixxi l-Minuti tal-ħamsa u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Mejju 2001 fil-ħdax ta' filgħodu, u dan in segwitu għall-kontro-eżami li kien sar mill-Avukat Anton Refalo nhar il-21 ta' Frar 2012, fejn ix-xhud Saviour Borg kien wiegħed li ser iġib l-imsemmi dokument miegħu.

F. Fenech Vella

**Avv. Fiorella Fenech Vella**
*Avukat*
*Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali*
*Valletta*

HEIDI TESTA B.A., L.P.
ATTORNEY GENERAL'S OFFICE

**Prokuratur Legali**
*Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali*
*Valletta*

Illum 20 APR 2012

Ippreżentata minn Dr. Fiorell Fenech Vella b'kopja tal-Minuti tal-laqgħa annessa

Anthony Mizzi
għar-Reġistratur
Qrati u Tribunali (Għawdex)

**Notifika:** Av. Anton Refalo, Bini tal-Qorti, Victoria, Għawdex.

NG S. Borg

FONTANA

Minuti tal-ħamsa u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-uffiċċju nhar it-Tnejn, 21 ta` Mejju 2001 fil-11.00 ta` filgħodu.

| Preżenti: | Membri |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Mario Mizzi |
| | Is-Sinjorina Josephine Borg |
| | Is-Sur Ivan Cauchi |
| | Is-Sur Carmelo Micallef |
| Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

**Korrispondenza**

L-Avukat Michael Grech bagħat il-kopja ta` l-ittra li bagħat lis-Sur Anthony Cassar dwar l-offerta ta` Lm500 li l-Kunsill kien offra lis-Sur Cassar sabiex jiġi rilaxxat il-fond nru. 190 fi Triq il-Għajn. Bħala tweġiba għal din l-ittra l-Avukat Anton Refalo kiteb lill-Kunsill, f`isem is-Sur Anthony Cassar, illi s-somma ta` Lm500 li offra l-Kunsill hija waħda miżera. Is-Sur Cassar huwa lest li jirrilaxxja l-fond imsemmi jekk huwa jingħata fond alternattiv jew somma flus li ma' tkunx anqas minn Lm5000 u li biha huwa jkun jista' jixtri fond huwa stess. Il-Kunsill ma` qabilx ma` din il-proposta. Għaldaqstant il-Kunsill qabel illi jibda l-proċess ta` l-iżgumbrament tal-post nru. 190 fi Triq il-Għajn.

Il-Moviment Kerygma qed iniedi l-Kampanja Nazzjonali Solidarjeta' bl-Isport b`riżq kemm id-Dar tal-Providenza kif ukoll il-Missjoni Dumnikana fl-Albanija. Is-Sur Tonio Fenech, Segretarju Informazzjoni, talab il-messaġġ tas-Sindku għal fuq il-*brochure* kommemorattiv u li permezz tan-*newsletter* tiegħu l-Kunsill jirreklama l-attivita'.

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b`Diżabilita' approvat il-pjanti l-ġodda tal-bini ta` l-Uffiċċju tal-Kunsill wara li ġew emendati mill-Perit Attard Montalto.

Is-Sur Joseph Caruana mil-Fergħa tax-Xogħlijiet kiteb lill-Kunsill dwar il-*culvert* ta` l-ilma fi Pjazza l-Għejjun. Huwa staqsa lill-Kunsill kif saret il-ħsara. Il-Kunsill qabel illi jinfurmaħ illi ma' jafx min għamel il-ħsara pero' l-Korporazzjoni Maltacom kienet għamlet xi xogħol f`dawk l-inħawi.

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Ghajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel. 558877 Fax. 562555

NG S. Borg S.Borg

FONTANA

Il-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku approva li jsir ir-*reserved parking* quddiem l-Uffiċċju tal-Kunsill għall-użu tal-Kunsill.

Il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq Għawdex bagħat jagħraf lill-Kunsill illi ser jibda l-proċess tar-*renumbering* f'Għawdex. Għaldaqstant il-Kumitat talab lill-Kunsill sabiex jivverifika li kull triq, pjazza jew sqaq fil-lokalita' huma identifikati b'isem fil-bidu u fit-tmiem tagħhom. Fin-nuqqas ta' isem ta' xi triq il-Kunsill għandu jinforma bil-miktub lill-Kumitat. Is-Sindku qal illi għandu jġib lista ta' sqaqien li m'għandhomx ismijiet. Huwa talab ukoll lill-Kunsilliera sabiex iġibu suġġerimenti t'ismijiet għal dawn l-isqaqien.

It-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħtet korrispondenza dwar il-Karnival ta' Għawdex - Sena 2002.

Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni bagħat stedina għall-laqgħa ta' Tagħrif u Konsultazzjoni bis-suġġett 'Lejn Soċjeta' li Tibqa' Titgħallem'. Din il-laqgħa ser issir nhar is-Sibt, 26 ta' Mejju 2001 fis-Sala Sir Temi Zammit, l-Universita' ta' Malta.

Is-Sur Anthony Sammut, Assistent Direttur, fid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bagħat jinforma lill-Kunsill illi rebaħ il-Premju tal-Kompetizzjoni Sebbaħ Pajjiżek 2000/2001. Il-Premju li huwa l-ewwel għall-Aħjar Sforz għat-Tindif - Kategorija A (1-3000) huwa ta' Lm400. Is-Sindku u s-Segretarja ġew mistiedna sabiex jattendu għall-*Launching* ta' Sebbaħ Pajjiżek 2001/2002 li ser isir nhar it-Tlieta, 22 ta' Mejju 2001 fil-Lukanda Phoenicia.

Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bagħat l-applikazzjonijiet ta' Sebbaħ Pajjiżek 2001/2002. Il-Kunsill qabel illi japplika għall-żewġ kategoriji li huma A04 *Playing Fields* imdawrin b'xi siġar, pjanti u fjuri u A05 Pjazzetti bil-Pavimenti/Spazji Pubbliċi oħra. Dwar l-aħħar applikazzjoni l-Kunsill qabel illi japplika għal Pjazza l-Għejjun.

Inqrat Ċirkulari AKL 42/2001 dwar Ħinijiet ta' ħlas ta' multi, kirjiet u liċenzji. Il-Kunsill qabel illi l-ħinijiet tal-ħlas tal-multi fl-Uffiċċju tal-Kunsill, jkunu ħinijiet fissi u preferibilment filgħodu biss.

Inqrat Ċirkulari AKL 43/2001 dwar *Audit* tas-Sistema ta' nfurzar lokali.

Inqrat Ċirkulari AKL 44/2001 dwar Laqgħa għas-Sindki - Lukanda Corinthia Jerma Palace 8 - 9 ta' Ġunju 2001.

**Mistoqsijiet**

Il-Kunsillier Ivan Cauchi staqsa dwar il-*patching* bit-tarmak ta' diversi toroq. Is-Sindku nfurmaħ illi sa' laqgħa oħra ser jagħmel stima tax-xogħol li jrid isir.

Il-Viċi-Sindku Mario Mizzi għamel *statement* illi l-*mobile* li kien juża hu għamillu l-ħsara u mar bil-*mobile* għand tal-ħanut minn fejn inxtara. Sid il-ħanut qallu li m'għadux jiġi bħal dak il-mudell u taħ *mobile* Alcatel 301. Il-Viċi-Sindku qal illi m'hemmx differenza fil-prezz. Is-Segretarja talbet lill-Viċi-Sindku sabiex iġib dikjarazzjoni mingħand tal-ħanut fejn ikun imniżżel illi m'hemm l-ebda differenza fil-prezz.

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel. 558877 Fax. 562555

NG S.M S.Borg

FONTANA

## Ix-xogħol tat-tarmak fit-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi

Fuq talba tal-Kunsill għall-laqgħa attendew il-kuntrattur Mario Gatt u l-Perit Edward Scerri. Is-Sur Gatt staqsa lill-Kunsill x`ser jagħmel fil-parti ta` Triq il-Kardinal Alessandro Franchi fejn hemm it-tafal. Is-Sindku nforma lis-Sur Gatt li x-xogħol tal-*Lean-Mix* fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi ma` jistax isir peress li nqabżet is-somma ta` Lm500. Bi qbil mal-kuntrattur il-Kunsill qabel illi jaħdem dik il-parti bil-prezz tal-konkos li hemm fil-kuntratt. Il-kuntrattur qal illi sa nofs Ġunju t-toroq ikunu lesti mill-ewwel kisja. Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel illi jordna x-xogħol tat-tarmak f`parti minn Triq Wied Siekel, *area* ta` madwar 60 metru kwadru. Il-Perit għamel stima tax-xogħol fejn qal illi dik il-parti tiġi madwar Lm200. Il-kuntrattur Mario Gatt qabel, fuq proposta tal-Kunsill, illi dan ix-xogħol isir bl-istess prezz tax-xogħol tat-tarmak li qed isir fit-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi. Il-Kunsill iddeċieda wkoll illi jikteb lil *Gatt Construction Co. Ltd.* fejn jinfurmahom illi ser japplika l-multa b`effett mit-18 ta` Ġunju 2001, jekk ma tkunx ingħatat l-ewwel kisja tul it-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi. Il-Kunsill qabel ukoll illi jikteb lid-Direttur Proġetti u Żvilupp sabiex jipprovdi għaxar (10) tappieri tad-drenaġġ biex isiru f`dawn it-toroq.

## Approvazzjoni ta` kontijiet

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Lm4058.31,0 |
| Perit Edward Scerri | Lm 213.59,0 |
| Perit Edward Scerri | Lm 28.57,0 |
| *Joint Committee* | Lm 156.74,0 |
| *Merlin Library Ltd.* | Lm 24.00,0 |
| Pawlu Galea | Lm 113.49,0 |
| K.I.P. Għawdex Ltd. | Lm 275.00,0 |
| Maltacom | Lm 54.85,0 |
| *J.P. Dimech & Associates* | Lm 198.95,0 |
| *Datatrak IT Services Ltd.* | Lm 11.50,0 |
| Joseph Attard | Lm 79.36,0 |
| Maltacom | Lm 55.35,0 |
| *Joint Committee* | Lm 115.13,0 |
| K.I.P. Għawdex Ltd. | Lm 275.00,0 |
| Pawlu Galea | Lm 113.49,0 |
| Joseph Attard | Lm 87.30,0 |
| *CompuNet* | Lm 26.00,0 |
| *Globe Insurance Brokers Limited* | Lm 303.40,0 |
| M.I.T.T.S. | Lm 43.13,0 |
| *Koptaco Coaches Co-Operative Ltd.* | Lm 79.80,0 |



NC S. Borg

FONTANA

| | |
|---|---|
| Ivan Cauchi | Lm 10.00,0 |
| Teddy Cassar | Lm 26.00,0 |
| Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali | Lm 12.00,0 |
| Total | Lm6360.96,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 08/2001 ġiet approvata.

**Ilmenti/Suġġerimenti**

Is-Sindku ressaq rapport, peress li kellmuħ diversi persuni, ta` *garage* li jinsab fi Triq ta` Mulejja fejn qed jiġġenera ħafna ħmieġ. Dan il-*garage* huwa proprjeta' ta` l-Avukat Victor Bajada. Il-Kunsill qabel illi jinforma lis-sid sabiex dan il-*garage* jiġi mnaddaf.

**Materji oħra**

Is-Sindku attenda għall-*briefing* ta` Sebbaħ Pajjiżek 2001/2002 li sar fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex nhar il-Ħamis, 17 ta` Mejju 2001. Is-Segretarja ma` setgħetx tattendi peress li kien hemm l-Awditur fl-Uffiċċju tal-Kunsill.
Il-Kunsill qabel illi jibgħat ittra lis-Superintendent tal-Pulizija dwar il-gabbani tal-festa sabiex jingħataw permess li joqgħodu fil-parti t`isfel ta` Triq il-Għajn u fi Triq ta` Mulejja.
FestaTfal din is-sena ser issir nhar il-Ħamis 7, ta` Ġunju 2001. L-ispejjeż ser ikunu ta` Lm100 min-naħa tal-Kunsill. Il-Kunsillier Ivan Cauchi nforma lill-Kunsill illi huwa m`hux ser jattendi għal FestaTfal minħabba mpenji personali.
Il-Kunsill qabel illi jitkejjel ix-xogħol tal-konkos fit-trejqa li minn ħdejn il-*Fontana Cottage Industry* tagħti għal Triq Għajn Tuta u l-inħawi ta` madwar.
Il-Kunsill qabel ukoll li jordna xogħol ta` bini ta` żewġ ħitan bħala *retaining wall* fi Triq John Gaspard le Marchant bil-prezz ta` Lm17 -il qasba lill-kuntrattur Joseph Attard.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-post għal *reserved parking* fi Triq il-Qalb ta` Ġesu' ġie mneħħi mid-Dipartiment inkarigat.

Il-laqgħa ntemmet fis-1.00 ta` wara nofsinhar. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 26 ta` Ġunju 2001 fit-8.30 ta` filgħodu.

JCassar
Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Salv Borg
Saviour Borg
Sindku

NG G.M



S.Borg

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

| | |
|---|---|
| Gudikant | **MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI**<br>LL.D. |
| Seduta Numru | |
| Citazzjoni Numru | **55/2005** |
| Numru fil-Lista | 7 |

CASSAR ANTHONY

Vs

KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET

---

**Illum l-Erbgha, 02 ta' Mejju, 2012**

Kawza tibqa' differita ghal kontinwazzjoni ghas-27 ta' Gunju, 2012 .

Dep. Registratur

NG SM

Lil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Ġenerali.

REGISTRY GOZO COURTS
08 MAY 2012
RECEIVED

Ċitaz. Nru: 35/05 PG

Anthony Cassar
vs
Kummissarju tal-Artijiet

Rikors ta' Anthony Cassar (I.D. no: 47149(G)) ta' 190, Triq tal-Għajn, Fontana, Għawdex.

Jesponi bir-rispett:

Illi għal aktar informazzjoni u dan dwar il-kawża jkun opportun li din l-Onorabbli Qorti tordna l-allegazzjoni tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 38/05 fl-ismijiet "Anthony Cassar vs Kummissarju tal-Artijiet";

Għaldaqstant l-esponenti jitlob l-allegazzjoni ta' dan il-proċess.

Avv. Anton Refalo
2, Enrico Mizzi St
Victoria, Gozo

Illum 08 MAY 2012
Ippreżentata minn Anthony Cassar

Anthony Mizzi
għar-Reġistratur
Qrati u Tribunali (Għawdex)

S.P.
NG

**Data Seduta: 10 ta' Mejju 2012**

**Lista nru.: 2**

**Kawza nru.: 55/2005**

## **Anthony Cassar** VS **Kummissarju tal-Artijiet**

---

Prezenti l-partijiet assistiti mill-Avukati rispettivi taghhom.

Dr. Anton Refalo, ghall-attur, jiddikkjara li statne li l-Mandat ta' Inibizzjoni diga' jinsab allegat fil-process, huwa jirtira t-talba kif kontentuna fir-rikors tat-8 ta' Mejju 2012.

Dr. Anton Refalo jinforma lill-Qorti li l-bierah cempel lis-segretarja tad-direttur u infurmatu li llum is-Sur Mamo ghandu appuntament mal-Ministru fuq hwejjeg ta' importanza nazzjonali.

In visto' ta' dan il-verbal ma jistax isir progress fil-kawza.

Differita ghat-12 ta' Lulju 2012 fl-10.00 a.m..

Dr. Aaron Attard-Hili LL.D.
ASSISTENT GUDIZZJARJU

NG G.M

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

| | |
|---|---|
| Gudikant | **MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI**<br>LL.D. |
| Seduta Numru | |
| Citazzjoni Numru | **55/2005** |
| Numru fil-Lista | 7 |

**CASSAR ANTHONY**

**Vs**

**KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

---

**Illum l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2012**

Meta ssejhet il-kawza ma deher hadd.

Kawza differita ghal-kontinwazzjoni tal-gbir tal-provi quddiem l-Assistent Gudizzjarju ghal-14 ta' Novembru 2012.

Silvio Xerri
Deputat Registratur

NG.

REGISTRY GOZO COURTS
21 FEB 2014
RECEIVED

Fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Gurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali

Rikors Guramentat Numru 55/2005

Anthony Cassar
Vs
Kummissarju tal-Artijiet

*Diff: 21 ta' Frar 2014 fid-9.00am*

Rikors tal-***Kunsill Lokali Fontana***, Multi-Purpose Room, L-Ewwel Fazi tac-Centru Civiku, Triq ta' Mulejja, Fontana, Ghawdex

Jesponi bir-rispett:

Illi r-rikorrent *Anthony Cassar*ipprezenta din il-kawza sabiex huwa jitlob it-thassir, ir-revoka u l-kancellament tal-ordni ta' zgumbrament mill-fond 189/190, Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex kantuniera ma' Triq ta' Mulejja mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet fl-14 ta' April 2005, liema kawza saret in sostenn wkoll tal-mandat ta' inibizzjoni numru 34/2005 fl-istess ismijiet;

Illi l-esponenti ghandu interess guridiku intimament konness mal-mertu ta' din il-kawza. Dan ghaliex l-art li fuqha attwalment huwa mibni l-fond fil-pussess ta' Anthony Cassar hija intiza sabiex il-Kunsill Lokali ikompli bil-bini tac-centru civiku tal-lokalita`. Difatti l-Kunsill Lokali gia` ottjena l-permessi relattivi mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex ikun jista' jsir l-izvilupp propost, liema permessi ghandhom ir-riferenza numru PA 337/01, PA 1535/06, PA 7083/07 u PA 121/09;

Illi minkejja li l-partijiet iddikjaraw fil-verbali tal-ahhar seduti li kienu qeghdin jippruvaw jittransigu l-pendenzi ta' bejniethom, ma jidhirx li gie registrat xi progress bil-konsegwenza li l-progett tal-Kunsill Lokali Fontana ghadu ma jistax jara l-bidu tieghu u dan bi pregudizzju ghan-nies **<u>kollha</u>** tal-komunita`;

Illi parti mill-fond tal-istess Anthony Cassar din l-ahhar xitwa waqa' u fil-fatt l-istess fond illum jinsab fi stat perikolanti;

Illi l-Kunsill jixtieq jinghata l-fakolta' illi jintervjeni *in statu et terminis* fl-atti ta' din il-kawza, u jaghmel dawk is-sottomissjonijiet u jressaq dawk il-provi illi jistghu jkunu utili ghall-ahjar istruzzjoni ta' din il-kawza;

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizzah jintervjeni *in statu et terminis* fl-atti ta' din il-kawza.

**Av Jean Paul Grech**
83, Triq Sir Luigi Camilleri
Rabat, Ghawdex
Jpg502@hotmail.com

Notifiki:

1. Anthony Cassar – "Dar Ommi", Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex
2. Kummissarju tal-Artijiet – Auberge de Baviere, Valletta, Malta

21 FEB 2014
illum
pprezentata minn
Javier Borg (ID 12159G) Uffiċjal Sindku tal-Kunsill
bla dokumenti

Għar-Reġistratur

NG GM

Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Generali

Maġistrat Dottor Paul Coppini LL.D.

Ċitazzjoni numru 55/2005 PC

Anthony Cassar

vs

Kummissarju tal-Artijiet

Wara r-rikors tal-Kunsill Lokali Fontana ppreżentat fil-21 ta' Frar 2014

Illum 25 ta' Frar 2014

Il-Qorti;

Rat ir-rikors;

Tordna notifika lill-kontendenti, bi żmien erbat (4) ijiem għar-risposta.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

Emailed: Dr. Jean Paul Grech

NL S.M

Rikors/Digriet 55/05G1;sup
Illum 06/03/2014
Nikonferma li nnotifikajt dan l-att
Lil Kummissarju tal-Artijiet fil-04/03/2014
bil-posta numru 1172/14;AR: RC504090549M
M.A.Bajjada/M.Portelli,Marixxal

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Ġenerali

REGISTRY GOZO COURTS
07 MAR 2014
RECEIVED

**Rikors Ġur Nru: 55/2005 PC**

**Fl-Ismijiet:**

**Anthony Cassar**

-vs-

**Kummissarju tal-Artijiet**

**Diff: 04.04.2014**

**Risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet għar-rikors tal-Kunsill Lokali Fontana ppreżentat fil-21 ta' Frar 2014**

Jesponi bir-rispett:

Illi din ir-risposta qegħda ssir ai termini mad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Frar 2014 in risposta għar-rikors tal-Kunsill Lokali Fontana tal-21 ta' Frar 2014 fejn talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex 'tawtorizzah jintervjeni in statu et terminis fl-atti ta' din il-kawża';

Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-**Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta għadu ma bediex jiddikorri;

Illi bla pregudizzju għas-suespost, l-esponent ma jsib ebda oġġezzjoni għat talba tal-Kunsill Lokali Fontana sabiex l-istess kunsill jintervjeni in statu et terminis fl-atti ta' din il-kawża.

Għaldaqsant, l-esponent jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Av. Michaela Muscat
Auberge de Baviere
Valletta

Illum 07 MAR 2014 PL
Ippreżentata minn
Anthony Mizzi
għar-Reġistratur
Qrati u Tribunali (Għawdex)

438

166

REGISTRY GOZO COURTS
10 MAR 2014
RECEIVED

Fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Gurisdizzjoni Superjuri
(Sezzjoni Generali)

Rik Gur Nru : 55/2005 PC

Anthony Cassar

Vs

Kummissarju tal-Art

Risposta ta' Anthony Cassar ghar-rikors intavolat mill- Kunsill Lokali Fontana fil- 21 ta' Frar 2014

Jesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti qieghed jopponi ghat-talba tal-istess Kunsill Lokali u dan ghas-segwenti validi ragunijiet:

i. L-ewwelnett l-kawza waslet fl-istadju finali taghha u kulma jonqos huwa l-kontro-ezami tal-PL Anthony Thewma u mill-bqija l-kawza tista tmur ghan-noti ta' sottomissjonijiet;

ii. L-istess Kunsill Lokali tal-Fontana huwa konsapevoli minn dawn it-trattattivi li kienu qeghdin isiru u infatti gew diskussi fil-minuti ta diversi laqghat;

iii. L-istess Saviour Borg ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Kunsill xehed ukoll f'dawn il-proceduri u ghalhekk kwalunkwe sottomissjoni li huwa ried jaghmel din tinsab in atti;

iv. Illi kien l-istess Kunsill Lokali li waqqa l-maqjel li l-mittenti kellhu mal-istess residenza tieghu u min fuq issa l-istess Kunsill Lokali qieghed jipprova jwahhal fil-mittenti li kien hu li hallijhom jaqghu u dan meta l-istess Kunsill Lokali jaf ben tajjeb li l-esponenti stess irraporta dwar dun l-hsara mal-istess Kunsill Lokali.

v. Illi l-esponenti jghix fl-istess post u din l-Onorabbili Qorti hija libera li zzomm access halli taghmel il-verifiki kollha li jidrilha opportuni.

vi. Finalment l-unika relazzjoni guridika li ghandu l-esponenti huwa mal-Kummissarju tal-Art u ma hadd aktar. Huwa l-Kummissarju tal-Art li huwa s-sid tal-propjeta li hija okkupata mill-esponenti u ghalhekk l-fatt li l-istess Kunsill ghogbu bil-kunsens jew minghajr tal istess Kummissarju tal-Art japplika ghal permess mal-MEPA fuq l-istess fond, dan ma jfissirx li b'daqshekk l-istess Kunsill Lokali tal-Fontana ghandu xi drittijiet fuq l-istess fond.

vii. Illi jekk din l-Onorabbili Qorti ser tippermetti li tintlaqgha t-talba tal-istess Kunsill Lokali tal-Fontana , dan ser jirrizulta unikament f'tul zejjed ghal kawza li hija diga mmaturata ghas-sentenza.

Ghaldaqstant l-esponenti qed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbili Qorti joghgobha tichad it-talba tal-istess Kunsill Lokali.

Avv Deborah Mercieca

Illum 10 MAR 2014

Ipprezentata minn Anthony Cassar

Anthony Mizzi
ghar-Registratur

439

Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Generali

Maġistrat Dottor Paul Coppini LL.D.

Ċitazzjoni numru 55/2005 PC

Anthony Cassar

Vs

Kummissarju tal-Artijiet

Wara r-rikors tal-Kunsill Lokali Fontana ppreżentat fil-21 ta' Frar 2014 u r-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet ipprezentata fis-7 ta' Marzu 2014 u r-risposta ta' Anthony Cassar ipprezentata fl-10 ta' Marzu 2014

Illum 11 ta' Marzu 2014

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors u r-risposti relattivi.

Tirriserva li tipprovdi fl-udjenza li jmiss

ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

Emailed: Dr. Jean Paul Grech
Dr. Michaela Muscat
Dr. Deborah Mercieca

440

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

Gudikant **MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI**
LL.D.

Seduta Numru

Citazzjoni Numru **55/2005**

Numru fil-Lista **10**

**CASSAR ANTHONY**

**Vs**

**KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

---

**Illum il-Gimgha, 04 ta' April, 2014**

Meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Mireille Sacco ghal Kummissarju tal-Artijiet.

Deher Saviour Borg fil-kapacita tieghu ta' Sindku tal-Fontana.

Il-Qorti;

B' referenza tar-rikors tal-Kunsill Lokali tal-Fontana tal-21 ta' Frar 2014;

Tilqa t-talba u tammetti lill-istess Kunsill sabiex jintervieni f' din il-kawza in statu et terminis.

Peress li l-kawza tinsab ghall-gbir tal-provi quddiem l-Assistent Gudizzjarju, kawza diferita ghal kontinwazzjoni ghat-30 ta' Mejju 2014 fid-9:00a.m.

Silvana Grech
D/Registratur

NG. S.M

**Data Seduta:** **24 t'April 2014**

**Lista nru.:** **4**

**Kawza nru.:** **55/2005**

## Anthony Cassar VS Kummissarju tal-Art.

---

Dehret Dr. Deborah Mercieca ghall-attur.

Prezenti l-konvenut Frank Mizzi ghall-Kummissarju tal-Art assistit minn Dr. Mirielle Sacco.

Deher Dr. Jean Paul Grech ghall-intervenut fil-kawza, il-Kunsill Lokali Fontana.

Dr. Deborah Mercieca tiddikkjara li qed tirrinunzja ghall-kontinwazzjoni tax-xhieda ta' P.L. Anthony Theuma.

Dr. Jean Paul Grech jitlob zmien sabiex jezamina l-process u jirregola ruhu.

In visto' ta' dan il-verbal ma jistax isir progress fil-kawza.

Differita ghad-29 ta' Mejju 2014 f'12.00 p.m..

Dr. Aaron Attard-Hili LL.D.
ASSISTENT GUDIZZJARJU

Nel €2.33

622

REGISTRY GOZO COURTS
26 MAY 2014
53033
RECEIVED

Fil-Qorti tal- Magistrati (Ghawdex)

Gurisdizzjoni Superjuri

(Sezzjoni Generali)

Rik Gur Nru : 55/2005 PC

Cassar Anthony

Vs

Kummissarju tal-Artijiet

Rikors ta' Anthony Cassar

Jesponi bir-rispett:

Illi f'din il-kawza ghaddejjin trattattivi bejn l-attur u l-Kummissarju tal-Artijiet sabiex din il-kawza tigi transatta u diga inzammu diversi laqghat f'dan ir-rigward;

Illi infatti gie miftiehem ukoll li din il-kawza ghalissa tintbghat sine die u tkun ri-appuntabbli fuq talba ta' xi hadd mill-partijiet;

Ghaldaqstant l-esponenti qed titlob bir-rispett lil din l-Onorabbili Qorti joghgobha tilqa' t-talba tal-esponenti u tibghat dina l-kawza sine die, b'dak li din tkun ri-appuntabbli fuq talba ta xi hadd mill partijiet.

Avv Deborah Mercieca

2, Enrico Mizzi Street

Victoria Gozo

Illum 26 MAY 2014

Ippreżentata minn Anthony Cassar

Anthony Mizzi
għar-Reġistratur
Qrati u Tribunali (Għawdex)

Notifika:

i. Dr Mirielle Sacco, il-Qorti Ghawdex

NG S.M

**Data Seduta:** **9 ta' Lulju 2014**

**Lista nru.:** **2**

**Kawza nru.:** **55/2005**

**Anthony Cassar** VS **Kummissarju tal-Art**

---

L-attur ma deherx.

Dehret Dr. Mirielle Sacco ghall-konvenut.

Deher Dr. Jean Paul Grech ghall-Intervenut fil-Kawza, Kunsill Lokali Fontana.

In visto tad-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Mejju 2014, il-kawza tibqa' differita ghall-10 t'Ottubru 2014 fil-11.30 a.m..

Dr. Aaron Attard-Hili LL.D.
ASSISTENT GUDIZZJARJU

NC S.M

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

Gudikant **MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI**
LL.D.

Seduta Numru

Citazzjoni Numru **55/2005**

Numru fil-Lista **8**

**CASSAR ANTHONY**

**Vs**

**KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

---

**Illum il-Gimgha, 03 ta' Ottubru, 2014**

Peress li l-Magistrat sedenti jinsab indispost, kawza differita ghall-14 ta' Novembru 2014.

S. Xerri

Deputat Registratur

NG S.M

Data Seduta: **10 t'Ottubru 2014**

Lista nru.: **2**

Kawza nru.: **55/2005**

**Anthony Cassar** VS **Kummissarju tal-Artijiet**

---

Dehret Dr. Deborah Mercieca ghall-attur.

Dehret Dr. Mireille Sacco ghall-konvenut, Kummissarju tal-Artijiet.

Deher Dr. Jean Paul Grech ghall-intervenut fil-kawza.

Jitolbu different stante diskussjonijiet ta' transazzjoni bejn il-partijiet.

In visto' ta' dan il-verbal ma jistax isir progress fil-kawza.

Differita ghall-5 ta' Dicembru 2014 fil-11.30 a.m..

Dr. Aaron Attard-Hili LL.D.
ASSISTENT GUDIZZJARJU

N.C. S.M

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

| | |
|---|---|
| Gudikant | **MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI**<br>LL.D. |
| Seduta Numru | |
| Citazzjoni Numru | **55/2005** |
| Numru fil-Lista | **4** |

**CASSAR ANTHONY**

**Vs**

**KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

**Illum il-Gimgha, 14 ta' Novembru, 2014**

Meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. Deborah Mercieca, dehret Dr. Mireille Sacco ghall-Kummissarju tal-Artijiet u deher is-Sindku intervenut fil-kawza assistit minn Dr. Jean Paul Grech.

Kawza differita ghal fini tal-verbal tat-30 ta' Mejju 2014, ghat-12 ta' Dicembru 2014 fid-9:00a.m.

S. Xerri
Deputat Registratur

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

Gudikant **MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI**
LL.D.

Seduta Numru
Citazzjoni Numru **55/2005**
Numru fil-Lista **2**

**CASSAR ANTHONY**
**Vs**
**KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

---

**Illum il-Gimgha, 12 ta' Dicembru, 2014**

Meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Deborah Mercieca ghall-attur, u deher is-Sindku intervenut fil-kawza assistit minn Dr. Jean Paul Grech.

Il-Qorti tordna lill-Assistent Gudizzajru sabiex jigbor l-provi li fadal f'din il-kawza.

Tordna notifika lill-Assistent Gudizzjarju.

Kawza differita ghal kontinwazzjoni ghall-20 ta' Frar 2015 fid-9:00a.m.

S. Xerri
Deputat Registratur

16/12/2014

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Ġenerali

Fl-atti tar-rikors numru: 55/2005
*Maġistrat Paul Coppini*

Anthony Cassar et

vs

Kummissarju tal-Artijiet

*Differita: 12.02.2015 (ASG)*

**Nota** tal-Kummissarju tal-Artijiet

Jesponi bir-rispett

Illi permezz tagħha qiegħed jippreżenta minuta tal-laqgħa tal-*Ad Hoc Committee* miżmuma fit-13 ta' Lulju 2005 fejn il-membri tal-Bord qablu illi l-fond 190, Triq ta' l-Ghajn, Fontana għandu jirritorna lura għand il-Kummissarju tal-Artijiet *('Board members agreed to ask Lands to regain possession of subject premises')*, dokument anness u mmarkat bħala Dok KA1.

**Avv. Mireille Sacco**
Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali
Il-Palazz, Valletta

VANESSA MAGRO B.A., L.P.
ATTORNEY GENERAL'S OFFICE

**Prokuratur Legali**
Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali,
Il-Palazz, Valletta

12 Jan 15
Dr. Michele Vinsent

Dok KA1

158A

MINISTERU
[F]AMILJA U SOLIDARJETA' SOĊJALI
[A]kkomodazzjoni Soċjali

MALTA

MINISTRY
FOR THE FAMILY AND SOCIAL SOLIDARITY
*Department of Social Hous[ing]*

# [ME]ETING 5/2005

## Minutes of Meeting of Ad Hoc Committee, 13th July 2005

The following are the minutes of the meeting of the Ad Hoc Committee held on the 13th July 2005.

Present for the meeting were:

| | |
|---|---|
| Carmel Esposito | Director of Social Housing Department |
| Jesmond Schembri | Ministry for the Family and Social Solidarity |
| Michelle Mallia | Ministry fro the Family and Social Solidarity |
| Mario Micallef | Department of Social Housing |
| Audrey Cull | Department of Social Housing |

**RO 1/2004**
190 TRIQ TA' L-GHAJN,
FONTANA, GOZO

[L]egal tenant Mr Savior ~~Cardana~~ CASSAR died on 27th November, 1997. Mr Anthony and Angiolina [C]assar are not the legal tenants of subject premises. Moreover, Anthony and Angiolina [C]assar are the owners of premises 113, Triq l-Ingara Ghajnsielem.

**EVICTION**

[B]oard members agreed to ask Lands to regain possession of subject premises.

[C]armel J Esposito

Jesmond Schembri

[M]ario Micallef

Michelle Mallia

Audrey Cull

[C]omment:

You may proceed.

[D]ate: 26/7/05

Hon. Minister Dolores Cristina

COPY
Dr Mireille Sacco LL.D, LL.M.
Office of the Attorney General
26/01/2015

N.L. [signature]



460

**Data Seduta: 12 ta' Frar 2015**

**Lista nru.: 2**

**Kawza nru.: 55/2005**

**Anthony Cassar** VS **Kummissarju tal-Artijiet**

---

Dehret Dr. Deborah Mercieca ghall-attur.

Dehret Dr. Michela Muscat ghall-Kummissarju tal-Artijiet.

Dehet Dr. Jean Paul Grech ghall-Intervenut fil-Kawza, il-Kunsill Lokali Fontana.

Dr. Michela Muscat tipprezenta Nota annessa ma' dokument immarkat KA 1. Tiddikkjara li ma fadlilhiex aktar xhieda konvenut, Kummissarju tal-Artijiet.

Differita ghat-18 ta' Marzu 2015 fil-11.30 a.m..

Dr. Aaron Attard-Hili LL.D., M.Jur.
ASSISTENT GUDIZZJARJU

N. C. G. M

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

Gudikant **MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI**
LL.D.

Seduta Numru
Citazzjoni Numru **55/2005**
Numru fil-Lista **9**

**CASSAR ANTHONY**
**Vs**
**KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

---

**Illum il-Gimgha, 20 ta' Frar, 2015**

Meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Deborah Mercieca ghall-attur, deher is-sindku intervenut fil-kawza assistit minn Dr. Jean Paul Grech. Dehret ukoll Dr. Tatianne Scicluna Cassar.

Peress li l-kawza tinsab ghall-gbir tal-provi quddiem l-Assistent Gudizzjarju, kawza diferita ghal kontinwazzjoni ghall-15 ta' Mejju 2015 fid-9:00a.m.

S. Xerri
Deputat Registratur

N.G. S.M

**Data Seduta:** **18 ta' Marzu 2015**

**Lista nru.:** **2**

**Kawza nru.:** **55/2005**

## Anthony Cassar VS Kummissarju tal-Artijiet

---

Dehret Dr. Deborah Mercieca ghall-attur.

Il-konvenut ma deherx.

Deher Dr. Jean Paul Grech ghall-Intervenut fil-Kawza, il-Kunsill Lokali Fontana.

Dr. Deborah Mercieca qed tirrinunzja ghax-xhud ingunt ghas-seduta tal-lum.

L-Assistent Gudizzjarju jirrileva li rcieva komunika, hawn annessa, mil-legali tal-konvenut fejn talbitu li hija qed taghlaq l-istadju tal-kontro-ezamijiet taghha.

In visto ta' dan il-verbal, il-process qed jigi rimess lill-Qorti ghat-trattazzjoni finali.

Dr. Aaron Attard-Hili LL.D., M.Jur.
ASSISTENT GUDIZZJARJU

N.C. G.Bo




| | | |
|---|---|---|
| p.ARC<br>**Architects and Civil Engineers** | STUDIO<br>66, Vajringa Str., Victoria, Gozo, Malta, VCT 105.<br>e-mail: parc@waldonet.net.mt | COMMISSION<br>Survey of proper<br>Triq tal-Ghajn Fo |
| RESPONSIBLE ARCHITECT<br>**Perit Annamaria Attard Montalto** | Tel: (+356) 21 55 63 30 Fax: (+356) 21 56 02 49 | CLIENT<br>Fontana Local Coun |

Dok. SB19.




Existing **ground floor plan**

Scale1:100

20m

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| s 189,190, 191<br>ına | NOTES<br>Survey | DRAWING TITLE<br>**Plan** | | NL S. Bay | |
| | | SCALE<br>1:100 | | DRAWING NO.<br>1 | REV<br>1/2 |
| | Drawing for ...................................... | DRAWN<br>aam<br>DRAWING DATE<br>10.12.1996 | CHECKED<br>amontalto<br>ISSUED DATE<br>Dec '96 | FILE NO:<br>8265 | |

NG S. Boy

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

Gudikant **MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI**
LL.D.

Seduta Numru

Citazzjoni Numru **55/2005**

Numru fil-Lista **12**

**CASSAR ANTHONY**

**Vs**

**KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

---

**Illum il-Gimgha, 15 ta' Mejju, 2015**

Meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Deborah Mercieca ghall-attur, deher is-Sindku intervenut fil-kawza mhux assistit u dehret Dr. Mireille Sacco ghal Kummissarju tal-Artijiet.

Id-difensuri tal-partijiet talbu l-fakolta li jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet.

Il-Qorti tikkoncedi lill-atturi sad-differiment li jmiss ghan-nota taghhom u tirriserva li tipprovdi fl-udjenza li jmiss ghan-nota responsiva.

Kawza differita ghal dan il-fini ghas-26 ta' Gunju 2015 fid-9:00a.m.

S. Xerri
Deputat Registratur

NG S.M

Irrid nghid pero' li n-natural tieghi huwa kwiet u dejjem fittixt il-paci ghaliex qatt ma ridt li nigi f' ilsien in-nies ghalkemm kont naf li marti u z- zewgt uliedi kienu jitrattawni bhal xi barrani.

F'hajti batejt hafna. Ghomri kollhu nerfa il-gebel ma' bennej . Il-paga li kont indahhal kont nuzaha biex nitma lill-familja u nghin lill-missieri , anki mill-flus peress illi ahna bhala familja b'ommi mejta trabbejna fil-faqar. Filghodu qabel ix-xoghol kont insajjar jien lill-missieri u naghmel dak kollhu li jkun hemm bzonn fid-dar tal-Fontana , inkluz hasil ta' hwejjeg , art u wara li nispicca mix-xoghol ghal xi tlieta ta' wara nofsinhar , kont nerhilha nahdimlu l-ghelieqi tieghu u nitmaghlu in-nghag u moghoz .Kellna madwar hamsin (50) wahda. Kont nahlibhom jien u hu , sa meta dam jiflah u wara niehu l-halih l-MMU . In-naghag u l-mghoz missieri halliehom warajh wara li miet u nehhejthom jiena wara l-mewt tieghu ghaliex fl-abitazzjoni kien sar difficli li tkompli b'din it-trobbbija ta' nghag u moghoz.

Kif diga spjegajt il-kuntatt bejni u marti kien ftit ferm . Marti ghandha rasa iebsa u dejjem hawdet u ghamlet li riedet. Jien min nahha l-ohra ghalkemm kont nisma certu affarijiet qatt ma stajt inkellemha ghaliex kienet tahtafni u tibda taghjjat . Hekk baqghet is-sitwazzjoni sal-gurnata tal-illum u kuntrarjament ghal dak li qieghed isostni is-Sindku tal-Fontana, Ghawdex jiena ghadni sal-gurnata tal-illum noqghod il-Fontana fejn hemmhekk nghix u norqod kif kont naghmel qabel il-mewt ta' missieri.

Illi s-sindku tal-Fiontana gab xi ritratti li juri li jien inkun mal-mara f'certu funzjonijiet li kienu saru meta jiena kont kunsullier tal-Fontana, Ghawdex. Fl-ewwel lok irrid nghid li l-fatt li jiena gejt elett darbtejn bhala Kunsulleir tal-Fontana mal-Parit Laburista f'rahal li huwa dominat mill-Partit Nazzjonalista u kont kunsullier darba minnhom wahdi juri ir-rabta kbira u l-gheruq li jiena ghandi ma' dan ir-rahal. Ma' nahsibx li kont nigi elett bhala Kunsulleir mill-konstitwenti li kieku jiena ma kontx nghix u nabita hemm ghaliex kulhadd jaf kemm niehu bis-serjeta' l-problemi ta' dan ir-rahal . Fil-fatt il-Partit Nazzjonalista kien anki dahhal rikors biex lili ma jhalliniex nohrog bhala kanditat mal-Partit Laburista . Il-Magistrat Paul Coppini kien anki acceda fil-post tieghi u ra li jiena fil-fatt noqghod hemm u li ghandi hwejjgi hemm u ghalhekk ir-rikors tal-Parit Nazzjonalista kien gie michud.

Irrid nispjega li filfatt huwa minnhu li kont nidher mal-mara f'certu funzjonijiet tal-Kunsill pero dan bl-ebda mod u manjiera ma jfisser li konnna sewwa jiena u marti . Konna nidhru flimkien ghal ghajn in-nies u barra minn dana, marti persuna li thobb tidher fil-pubbliku u affarijiet bhal dawn ghaliha kienu jinzlu zokkor. Dwar il-fatt li kien jara l-karozza tieghi quddiem id-dar ta' marti , nghid li jiena qatt ma kelli bzonn il-karozza ghaliex ghax-xoghol filghodu kien jigi ghaliha l-imghallem wara l-bieb u filghahxija jiena xi mohriet bil-karru kont nuza u mhux il-vettura. Il-karozza tieghi kien talabili it-tifel u jiena kont tajtilu biex jiddobba biha. Kienet tkun wara l-bieb ta' marti mhux ghax kont inkun hemm jiena imma

ghaliex kien juzha t-tifel li ghandu il-flat tieghu fejn jghix bil-familja tieghu fuq it-terran fejn toqghod marti.

Illi mas-sindku jiena dejjem kelli diversi kwistjonijiet . Irrid nghid li l-Gvern , fuq rapport tal-istess Sindku ma baqax jaccetta il-kirja wara l-mewt ta' missieri u jiena bdejt niddeposita dan l-ammont il-Qorti. Bejn il-kunsill, id-dipartiment tal-art u jiena bdew gahddejjin negozjati ghaliex is-sindku ried jitfani barra, kif ghadu hekk irrid sal-gurnata tal-illum. Kien hemm hafna trattattivi fosthom li ninghata kumpens biex nikri jew nixtri x' imkien iehor il-Fontana jew li ninghata *garage* mill-istess Kunsill mill-istess post peress li d-dar fejn nabita hija kbira. It-trattattivi dejjem fallew ghaliex is-sindku dejjem kien jaqla xi haga jew ohra biex ma naslux ghas-soluzzjoni bonarja barra mill-Qorti.

Gara li fl-14 ta' April 2005 , id-Dipartiment tal-Art hareg ordni ta' zgumbrament kontra tieghi minn dana il-fond ghaliex sostna li jiena squatter u li qieghed nokkupa dan il-post minghajr ebda titolu Jiena ma dina l-versjoni ma nistax naqbel peress illi jiena twelidt, trabbejt u ghext f'dan il-post u mhux sgassajt u dhalt f'xi post .

Ghalhekk jeina kont kostrett li nitlob il-hrug tal-opportun mandat ta' inibizzjoni kontra l-istess Kumissarju tal-Art , liema Mandat li jgib in-numru 34/2005 gie milqugh . Insostni li l-ordni ta' zgumbrament mahruga skond l-att tal-1972 ma inhargitx skond il-lgi ghaliex jiena qatt ma gejt avzat fit-terminu stipulat fil-ligi. L-ordni ta' zgumbrament taht l-artikolu 228 tista' tinhareg bsis mill-Kummissarju tal-Art f'zewg kazijiet u cioe' meta il-persuna tkun qieghda tokkupa fond minghajr ebda titolu jew b'encroachment. Illi skond l-artikolu 1576 A tal-Kodici Civili l-Gvern jista' jholl il-kirja meta l-kirja tkun ghal zmien determinat billi jaghti avviz ta' mhux anqas minn tlett xhur f'kaz ta' bini uzatt ghal abitazzjoni u malli jinghata dan l-avviz il-kuntratt tal-kirja jinhall . Illi lili l-Gvern qatt ma tani l-ebda avviz fit-terminu u zmien preskritt hawn fuq b'att gudizzjarju kif trid il-ligi u ghalhekk insostni li bhala werriet ta' missieri dhalt fil-kirja tieghu. Infatti sal-gurnata tall-illum ghadni ma inghatajtx dan l-avviz tat-terminazzjoni.

[signature]
Anthony Cassar.

Dan l-affidavit gie obbligat quddiemi 10/01/2011 fl-uffiċju tiegħi

[signature]

Dr. Christian Zammit B.A., LL.D.
Notary Public &
Commissioner For Oaths
7, School Street, Victoria

W. C. G. [initials]

285
~~287~~

AFFIDAVIT

**Anthony Cassar (karta ta' identita' numru: 47149 (G) ) bin il-mejjet Salvu Cassar u Ganna nee' Attard , imwieled Fontana, Ghawdex fejn joqghod f'190, Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex bil-gurament tieghu jghid.**

Illi missieri, Salvu Cassar kien ha b'titolu ta' kirja minghand wiehed sinjur Malti li imbghad gie espropjijat mill-Gvern ta' Malta dan il-fond bin-numru 189/90, Triq tal-Ghajn, Fontana,Ghawdex.

Ahna konna familja numeruza. Infatti jien ghandi seba ohra huti. F'dan il-post ahna trabbejna , hlief ghal tlieta minn huti li meta mietet ommi ta' eta' ta' sitta u tlettin (36) sena marru jghixu fl-Institut ta' San Guzepp, f'Ghajnsielem, Ghawdex .

Missieri ghex zmien hafna wara ommi . Infatti miet fis-27 ta' Novembru 1997 meta kellhu seba u tmenin (87) sena . Miet l-Isptar Generali ta' Ghawdex wara marda qasira pero' baqa' jghix f'dan il-post sa meta miet.

Jiena kont hafna *close* ma' missieri . Infatti huti l-ohra kollha jew siefru jew marru joqghodu Malta. Jiena kont l-uniku wiehed li bqajt nghix mieghu f'din id-dar ta' abitazzjoni .

Iltqajt mal-mara tieghi meta kelli erba u ghoxrin (24) sena. Izzewwigt meta kelli sitta u ghoxrin (26) sena u ghandi zewgt itfal, tifel u tifla. Iz-zwieg tieghi ma' marti qatt ma kien wiehed felici.

Marret toqghod fil-post fejn kienet tghix ommha u baqghet hemm sal-gurnata tal-illum. Hija dejjem kienet *close* ma' ommha u ma uliedha u lili kienu jhalluni barra f'kollox anki fid-decizjoni li kienu hadu li , wara li mewt tal-omm iwaqqghu l-post u jibnuh terran isfel fejn tghix marti u flat li illum huwa tat-tifel.

Jiena min nahha l-ohra dejjem bqajt nghix ma' missieri u kelli rabta specjali mieghu u kont naghmillu dak kolhu li kellhu bzonn u aktar ma kiber fl-eta' aktar baqa' jiddependi fuqi.

Kif diga spejgajt qatt ma kont sew ma marti. Dejjem kellna kwistjonijeit kbar , specjalment meta kienet iddecidiet li tibda tohrog tahdem fil-kumpless ta' Chambray . Dan kien ghal habta tan-1986 meta kien Prim Minsitru Karmenu Mifsud Bonnici u kien ta l-fortizza ta' Chambray lill-certu Peter Campell mill-Mellieha biex imexxija. Ghalkemm jiena wissejta kemm il-darba biex ma tmurx tahdem mieghu ghaliex din il-persuna ma kienitx toghgobni , hija webset rasa u kompliet ghaddejja tmur hemm granet shih. . Konsegwenza ta' dan kien inqala' inkwiet bejnitna u min dak iz-zmien qatt ma bqajna sew u jiena tbieghed hafna min martu u aktar sirt haga wahda ma ' missieri. Konna fil-fatt bdejna proceduri ta' separazzjoni u kienu dahhlu hafna nies , fosthom iz-zewg arciprieti tal-Fontana u ta' Ghajnsielem biex jirrangawna flimkien.

N.G. S.M

993

985

**Affidavit Konġunt tas-Sinjuri Frank Mizzi (K.I. Numru 682656M) residenti f'115, Triq San Tumas, Marsa, Malta u Saviour Borg (K.I. Numru 0012159G) residenti f'83, Triq ta' l-Għajn, Fontana, Għawdex, bil-Malti u bil-ġurament jikkonfermaw:**

Illi oriġinarjament, il-fond numru 189/190, Triq tal-Għajn, Fontana, Għawdex kien jappartjeni lil terzi u f'Ġunju ta' l-1970, il-Gvern esproprja dan il-fond għal skop pubbliku sabiex dan il-fond jitwaqqa' u jsir proġett tal-Gvern. Iżda, fil-fatt, li ġara huwa li dan il-fond ġie mikri għal sena lil Salvu Cassar, li jiġi missier l-attur f'din il-kawża. Anthony Cassar. Meta Salvu Cassar kien miet u d-Dipartiment ta' l-Artijiet talab iċ-ċwievet lura. Anthony Cassar qatt ma kkoopera.

Illi madwar sittin sena ilu Salvu Cassar kien bena post ġdid għall-familja tiegħu fin-numru 210A, Triq il-Għajn, Fontana, Għawdex, illum magħruf bħala Sqaq Ta' Fuq il-Lunzjata. Dan il-fond illum huwa tas-Sur Anthony Cassar u ħutu u jagħmel użu minnu l-aktar is-Sur Cassar peress li ħutu huma msiefrin jew joqgħodu Malta.

Illi l-fond mertu ta' din il-kawża, 189/190, Triq il-Għajn, Fontana, Għawdex, ma għandu l-ebda kumdita' u saħansitra sal-preżent lanqas fih faċilitajiet sanitarji. Fil-fatt dan il-fond kien jintuża minn Salvu Cassar sabiex iżomm il-bhejjem fih, bħal żwiemel, ngħaġ, mogħoż, tiġieġ u ħamiem. Sal-preżent Anthony Cassar għadu jrabbi tiġieġ u ħamiem ġol-fond in kwistjoni.

Illi dan il-fond, ilu sa minn żmien Salvu Cassar, b'parti sostanzjali mis-saqaf imwaqqa', liema osservazzjoni diġa' saret waqt il-ġbir tal-provi quddiem l-Assistent Ġudizzjarju kif ukoll ġew ippreżentati ritratti li juru dan il-fatt. Nagħlaq dan il-punt billi imsemmi li dan il-fond 189/190, Triq il-Għajn, Fontana, Għawdex qatt ma kellu faċilitajiet sanitarji, kif qatt ma kien imqabbad mas-sistema tad-drenaġġ tal-Gvern. Dan il-fatt ġie nnotat ukoll mill-Perit Anna Marija Attard Montalto meta kienet ġiet inkarigata mill-Kunsill Lokali tal-Fontana sabiex tagħmel il-pjanti eżistenti tal-fond in kwistjoni, bi preparazzjoni għall-proġett minflok dan il-fond u ta' postijiet oħrajn fil-viċin. Ġol-fond 189/190, Triq il-Għajn, Fontana, Għawdex is-sur Anthony Cassar jmur biss sabiex jitma u jieħu ħsieb l-animali li jrabbi, li huma t-tiġieġ u l-ħamiem.

Illi s-Sur Anthony Cassar kien jgħix ma' missieru sakemm iżżewweġ u mar joqgħod fi Triq Mġarr kantuniera ma' Triq Cordina, f'Għajnsielem, Għawdex. Għal xi żmien kien mar

N.C. S.M



301
293

jahdem il-Libja u f'dak iż-żmien missieru Salvu Cassar kien biegħ il-bhejjem li kellu lil ċertu Pinu Bugeja, li kien raħħal mix-Xewkija, bil-permess tal-ħalib b'kollox.

Illi kif diġa issemma waqt il-process ta' din il-kawża, is-sur Cassar jabita u jorqod ġod-dar matrimonjali f'Għajnsielem u jidher sikwit mal-mara tiegħu f'diversi okkażjonijiet u saħansitra isiefer magħha.

Illi s-sur Anthony Cassar minn meta żżewweġ sal-preżent dejjem għex Għajnsielem. L-ewwel kien jgħix flimkien ma' omm il-mara fi Triq Mġarr sakemm din mietet u wara li wirtu l-fond ta' omm il-mara, waqqgħu u bnew id-dar matrimonjali moderna li għadhom sal-lum jabitaw fiha. Meta l-konjuġi Cassar bdew jabitaw fid-dar il-ġdida, bin-numru 113, Triq l-Mgarr, Għajnsielem, bdew jirċievu l-posta f'dan l-indirizz. Infatti tul il-perjodu ta' taħdidiet u negozjar fuq il-fond in kwistjoni, is-sur Cassar kien jirċievi l-korrispondenza f'113, Triq l-Imġarr, Għajnsielem, u saħansitra din il-korrispondenza kienet tiġi anke mwieġba mis-sur Cassar.

Illi matul iż-żmien li s-sur Cassar u martu kienu waqqgħu d-dar ta' ommha u kienu qed jibnu, martu jabitaw ġo appartament bil-kera, liema appartament kien jinsab f'Jolly Court, Flat 4, Triq Ta' Cordina, Għajnsielem, Għawdex. Infatti kif jidher fir-Reġistru Elettorali ta' April 1999, ġo l-imsemmi Jolly Court, Flat 4, Triq Ta' Cordina, taħt Għajnsielem jidhru l-ismijiet ta' Anthony Cassar u martu Angolina Cassar. Ta' min ukoll jinnota li l-konjuġi Cassar saħansitra jidhru flimkien fir-Reġistru Elettorali ta' April 2004, din id-darba irreġistrati flimkien fil-fond mertu tal-kawża ta' 189/190, Triq tal-Għajn, Fontana, Għawdex. Dan jixħet dubju dwar jekk fil-fatt il-koppja huma separati.

Illi xi snin ilu (2000/2001), is-sur Anthony Cassar biegħ żewġ plots fi Triq il-Għajn, ftit l-isfel mill-fond in kwistjoni, fejn inbnew diversi garaxxijiet u għaxar (10) appartamenti. Il-bhejjem missieru kien biegħhom madwar tletin sena ilu. Fl-aħħar ta' ħajtu kellu madwar xi għaxar nagħaġ u mogħoż pero' dan kien sabiex jgħaddi ż-żmien magħhom, bħala delizzju.

Illi s-sur Cassar kien jifforma parti mir-raba' Kunsill Lokali tal-Fontana, fejn ġie elett mingħajr elezzjoni. Fil-ħames terminu tal-Kunsill Lokali tal-Fontana, is-sur Cassar ġie elett peress li l-partit li kien jirrappreżenta kellu żewġ kandidati u s-Sur Cassar wiret il-voti żejda



N.C. S.V.
302
224

tal-kunsillier ie. or. Fl-aħħar elezzjoni tas-sena 2008 (is-sitt terminu) is-sur Cassar ma ġabx il-voti neċessarji meta l-partit li kien qiegħed jirrappreżenta kellu tliet kandidati.

Illi ma hu minnu xejn li kif ġie maħluf mis-sur Cassar li "jiena qatt ma kelli bżonn karozza" u li l-karozza tiegħu ta lit-tifel. It-tifel tiegħu mhux nieqes mill-vetturi u s-sur Cassar jiġaraxxja personalment il-vettrura tiegħu, mudell "Rover" bin-numru DAU 978 f'għalqa personali. Din il-karozza ġiet iggaraxxjata f'April 2010. Di più, sabiex imur ġod-dar matrimonjali ta' Għajnsielem u ġol-fond in kwistjoni tal-Fontana, is-sur Cassar juża vettura oħra tiegħu, mudell "Diahatsu Terios" bin-numru FBR 408 li ilha għandu mis-sena 2005.

L-Ordni ta' Żgumbrament ħarġet mid-Dipartiment tal-Artijiet datata 29 ta' Ottubru 2004, meta s-Sindku tar-raba' terminu f'dak iż-żmien kien is-Sur Valentino Cassar u s-Sur Anthony Cassar kien kunsillier. B'ittra datata 15 ta' Mejju 2001, is-sindku flimkien mal-kunsillieri kien ħadu parir tal-Avukat Michael Grech (ittra annessa) fejn is-sur Cassar ġie offrut kumpens ta' ħames mitt lira (Lm 500) peress li ma kellu ebda titolu, pero' wara s-sur Cassar ried ħamest elef lira (LM 5,000).

Illi s-sur Cassar irċieva l-Ordni ta' Żgumbrament b'ittra datata 14 ta' April 2005 skond Kapitolu 228 tal-Att tal-1972, peress li kien qiegħed jokkupa l-fond in kwistjoni mingħajr ebda titolu. Fil-laqgħa li saret mal-Kummissarju tal-Artijiet, is-sur Albert Mamo, nhar id-9 ta' Awissu 2005 mal-Kunsill Lokali tal-Fontana fil-preżenza tas-sur Anthony Cassar li dak iż-żmien kien kunsillier, is-sur Mamo informa lill-Kunsill li xorta kienu ser jittieħdu passi sabiex issir l-Ordni ta' Żgumbrament anke jekk il-Kunsill Lokali ma talabx.

Illi mis-suespost jidher li l-aġir tas-sur Anthony Cassar tul il-proċess ta' din il-kawża Numru 55/2005 PC tieħu huwa sabiex jostakola il-proġett tal-Gvern f'isem il-Kunsill Lokali tal-Fontana, liema proġett huwa ta' fejda għall-ħidma ta' dan il-Kunsill Lokali lejn iċ-ċittadini li jirrapreżenta.

Saviour Borg (K.I. Numru 0012159G)

Frank Mizzi K.I Numru 682656M
Enforcement Officer,
Taqsima Proprjeta' tal-Gvern



303
295

Lista ta' Dokumenti msemmija fl-Affidavit

Dok. "AB1" - Kopja ta'paġna Nru. 48 mir-Reġistru Elettorali ta' April 1999

Dok. "AB2" - Kopja ta' paġna Nru. 1 mir-Reġistru Elettorali ta' April 2004

Dok. "AB3" - Ritratt tal-Vettura Nru. DAU 978 iġaraxxjata fil-għalqa tas-Sur Anthony Cassar

Dok. "AB4" - Ittra datata 06/04/2001 lis-Sur Cassar fl-indirizz 113, Triq L-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex

Dok. "AB5" - Ittra Reġistrata datata 06/04/2001 fuq l-indirizz 113, Triq L-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex

Dok. "AB6" - Ittra datata 15/05/2001 lis-Sur Cassar fil-indirizz 113, Triq L-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex

Dok. "AB7" - Kopja tal-Ordni ta' Żgumbrament datata 14/04/2005 lis-Sur Anthony Cassar

Dok. "AB8" - Kopja tal-Laqgħa tad-09/08/2005 bejn is-Sur Albert Mamo u l-Kunsill Lokali tal-Fontana, Għawdex

Dok. "AB9" - Ritratt tal-Vettura Nru. FBR 408 proprjeta' tas-Sur Anthony Cassar

Saviour Borg (K.I. Numru 0012159G)

Frank Mizzi K.I. Numru 682656M
Enforcement Officer,
Taqsima Proprjeta' tal-Gvern



304

Dok. "AB1"



# GHAJNSIELEM - III - GHAJNSIELEM

## TRIQ BENGHAZI, TRIQ GDIDA FI

| | | I.D.Number |
|---|---|---|
| Lateo Anthony | 37 | 15962 G |
| Lateo Gordiana | 37 | 19171 G |
| Zerafa Antonia | Lorton | 63052 G |
| Zerafa Loretu | Lorton | 89648 G |

## TRIQ BORG GHARIB

| | | |
|---|---|---|
| Attard Joseph | Attard | 156669 M |
| Attard Lucia | Attard | 14569 G |
| Attard Maria | St Mary | 25443 G |
| Gatt Francis | 3 | 48420 G |
| Gatt Loreto | 3 | 45652 G |
| Gatt Pawla | 3 | 53424 G |
| Grima Jaclyn | Emerald | 450180 M |
| Muscat Anthony | 20 | 34159 G |
| Saliba Francis | Franklor | 19572 G |
| Saliba Loraine | Franklor | 7876 G |
| Sciberras Anthony | Sciberras Farmhouse | 51347 G |

## TRIQ IC- CIEF

| | | |
|---|---|---|
| * Azzopardi Clara | Mallard | 17756 G |
| Azzopardi Felix | Mallard | 42752 G |
| Azzopardi Loretu | La Mirage | 87250 G |
| Azzopardi Rebecca | La Mirage | 35651 G |
| Bartolo Eucharist | Maria Bambina | 19946 G |
| Bartolo George | 72 | 5541 G |
| Bartolo Maria | Maria Bambina | 40751 G |
| Buttigieg Giacinta | Brookside | 8350 G |
| Buttigieg Nazareno | Brookside | 24846 G |
| Cassar Carmela | Joe Carm | 83343 G |
| Cassar Joseph | Joe Carm | 48442 G |
| Dimech Anna Marija | Frank Ann | 14763 G |
| Dimech Loreto | Lorita | 50253 G |
| Dimech Rita | Lorita | 36359 G |
| Mizzi Lewis | Aussie Place | 23659 G |
| Saliba Edmond | Lormar | 31476 G |
| Saliba Francis | God Bless Australia | 35751 G |
| Saliba Lawrence | Lormar | 72051 G |
| Saliba Mary | Lormar | 4856 G |
| Saliba Rita | God Bless Australia | 54849 G |
| Spiteri Maria Assunta | 7A | 9046 G |
| Vella Francis | Canadian | 40252 G |
| Vella Milanja | Canadian | 11151 G |
| Zammit Rita | Nice Memory | 6852 G |
| Zammit Vincent | 7 | 60051 G |
| Zerafa Alfred | Canadian | 82244 G |

## TRIQ TA' CORDINA

| | | |
|---|---|---|
| Attard Anthony | Maple Leaf | 31753 G |
| Attard Joseph | Dar Il-Hena | 27267 G |
| Attard Joseph | 22 | 14330 G |
| Attard Mario | 22 | 13068 G |
| Attard Speranza | 22 | 10234 G |
| Attard Stella | Maple Leaf | 8058 G |
| Azzopardi Anthony | God Bless America | 17279 G |
| Azzopardi Anthony | 31 | 65231 G |
| Azzopardi Antonia | God Bless America | 21446 G |
| Azzopardi Filomena k/a Phyllis | 31 | 5065 G |
| Azzopardi Joseph | God Bless America | 16142 G |
| Azzopardi Michael | God Bless America | 19672 G |
| Azzopardi Ursula | 31 | 32734 G |
| Bajada Anna Maria | White Haven | 10977 G |

## TRIQ TA' CORDINA

| | | I.D.Number |
|---|---|---|
| Bajada Francis | White Haven | 50832 G |
| Bajada Mark Anthony | White Haven | 14274 G |
| Bajada Rita | White Haven | 79346 G |
| Bajada Stephen Michael | White Haven | 26269 G |
| Bugeja George | Villa Big Apple | 52651 G |
| Bugeja Loreto | St Joseph, Fl 1 | 63242 G |
| Bugeja Rita | Villa Big Apple | 65752 G |
| Buttigieg Carmel | Australia | 36741 G |
| Buttigieg Charmaine | Amic | 25779 G |
| Buttigieg Francis | Frankmar | 90545 G |
| Buttigieg Francis | Verfrank | 66451 G |
| Buttigieg Joseph | Frankmar | 9270 G |
| Buttigieg Josephine | Aussie Land | 22953 G |
| Buttigieg Lorry | Verfrank | 6476 G |
| Buttigieg Maria | Frankmar | 29253 G |
| Buttigieg Maria Assunta | Australia | 35360 G |
| Buttigieg Mary Anne | Amic | 55348 G |
| Buttigieg Natalina | Cuore Di Gesu | 70960 G |
| Buttigieg Pubblius | Cuore Di Gesu | 70353 G |
| Buttigieg Raymond | Aussie Land | 83746 G |
| Buttigieg Sara | Cuore Di Gesu' | 18680 G |
| Buttigieg Veronica | Verfrank | 80048 G |
| Camilleri Mario | 25 | 52857 G |
| Camilleri Mary Doris | 25 | 24159 G |
| Cassar Angiolina | Jolly Crt, Fl 4 | 50551 G |
| Cassar Anthony | Jelly Cone, Fl 4 | 47149 G |
| Cauchi Aldo | Sweet Home | 972 G |
| Cauchi Frances | 22A | 4943 G |
| Cauchi Peter Paul | 22A | 55239 G |
| Cost Chretien John | York Avenue | 138947 M |
| Curmi Mario | Santa Maria | 44258 G |
| Debono Alexander | 17 | 22276 G |
| Debono Carmela | 29A | 35828 G |
| Debono Ganni | 17 | 4978 G |
| Debono Joseph | 17 | 69046 G |
| Debono Maria | 17 | 58256 G |
| Debrincat Anthony | The Haven | 18674 G |
| Debrincat Rita | The Haven | 53444 G |
| Dimech Carmela | 29 | 322 G |
| Dingli John Mary | Liberty | 61427 G |
| Dingli Loreta | Liberty | 55645 G |
| Farrugia Carmel | Village Gate | 18254 G |
| Farrugia Mary | Village Gate | 13060 G |
| * Farrugia Sandra | Village Gate | 57089 M |
| Galea Joseph | Anna Tana | 29363 G |
| Galea Loreta | Lovin | 20454 G |
| Galea Loreto | Sydney, Fl 2 | 7424 G |
| Gambin Anthony | King Tony | 45148 M |
| Gambin Frank | King Tony | 431050 M |
| Gauci Emanuel | Rising Sun | 45944 G |
| Gauci Jason | Rising Sun | 15980 G |
| Gauci John | 32 | 53558 G |
| Gauci Lawrence | 32 | 19521 G |
| Gauci Publius | 32 | 15055 G |
| Gauci Rose | 32 | 29146 G |
| Gauci Saveria | Rising Sun | 1039244 M |
| Grech Bernardette | Sea Breeze | 12366 G |
| Grech Brian | Morning Star | 20080 G |
| Grech Gregory | Morning Star | 49943 G |
| Grech John | 6 | 61760 G |
| Grech Josephine | Morning Star | 45344 G |
| Grech Loreta | Sunset Crt, Fl 27 | 13376 G |
| * Grech Michael | Seabreeze | 67752 G |
| Grima Angelo | Fairfax | 21953 G |
| Grima Anna | Aloha | 3164 G |
| Grima Brian | Villa Tramonto | 9674 G |
| Grima Carmelo | 21 | 66036 G |
| Grima John | 21 | 26771 G |
| Grima Josephine | Golden Eagle | 37752 G |
| Grima Loreto | Villa Tramonto | 78247 G |

N.C. G.M

305
~~287~~

Dok. "AB2"



# FONTANA

## SQAQ L-ANDAR

| | | I.D.Number |
|---|---|---|
| Cini Mary | 257 | 19736 G |
| Cutajar Antionette | 257 | 3683 G |
| Sciberras Celestina | Windales | 15175 G |
| Sciberras Oliver Anthony | Windales | 452377 M |

## SQAQ BIEB IL-GHAJN

| | | |
|---|---|---|
| Attard Nazzarena | 71 | 65923 G |
| * Camilleri Joscar | 73 | 12886 G |
| Camilleri Josephine | 73 | 44361 G |
| Cutajar Antonia | 58 | 30365 G |
| Cutajar Joseph | 58 | 7059 G |
| Schembri George | 61 | 20672 G |
| Schembri Josephine | 61 | 21451 G |
| * Schembri Silvio | 61 | 42185 G |
| Spiteri Dominic Savio k/a Savio | 69 | 16160 G |
| Spiteri Francine | 52 | 29085 G |
| Spiteri Mario | Tac-Cupina | 39064 M |
| Spiteri Theresa | 69 | 32661 G |

## SQAQ TA' FUQ IL-LUNZJATA

| | | |
|---|---|---|
| Buhagiar Francis | 202 | 64711 G |
| Cassar Josiann | 201A | 21480 G |

## TRIQ TAL-GHAJN

| | | |
|---|---|---|
| Attard Andrew | 85 | 6554 G |
| Attard Consiglia | 282 | 38153 G |
| Attard George | 282 | 13575 G |
| Attard Joseph | St Rita | 178760 M |
| Attard Maria Bernardette | 85 | 9960 G |
| Attard Mario | 282 | 82148 G |
| Attard Mary Rose | St Rita | 3163 G |
| Attard Rita | 18 | 18055 G |
| Attard Steve | 85 | 27183 G |
| Azzopardi Dolores k/a Doreen | 19 | 46453 G |
| Azzopardi Peter Paul | 19 | 86449 G |
| Azzopardi Shaun Pete' | 19 | 408995 M |
| Bartolo Stephen Joseph | 26, Qalb Ta' Gesu' | 215800 L |
| Bartolo Theresa k/a Tessie | 26, Qalb Ta'Gesu' | 13572 G |
| Bezzina Felicissima | 298 | 55137 G |
| Bezzina George, Rev. | Domus Curialis | 69853 G |
| Bezzina Salvina | 298 | 18277 G |
| Borg Catherine | 83 | 23627 G |
| Borg Eugenia k/a Ginja | 26 | 67822 G |
| Borg Georgia k/a Gina | 263 | 8256 G |
| Borg Giorgia | 147 | 3328 G |
| Borg John | 26 | 12749 G |
| Borg Joseph | Sacred Heart /Fl 2 | 17157 G |
| Borg Joseph | 147 | 23227 G |
| Borg Josephine | 208, Regina | 15556 G |
| Borg Josephine | 263 | 20446 G |
| Borg Saviour | 83 | 12159 G |
| Bugeja Mark | 150 | 197068 M |
| Buttigieg Christopher | 25 | 12981 G |
| Buttigieg Francis Xavier | 132 | 26770 G |
| Buttigieg Gloria | 27 | 12182 G |
| Buttigieg Joseph | 25 | 43447 G |
| Buttigieg Maria | 132 | 373274 M |
| Camilleri Anna | Vella Flats /Fl 2 | 54660 G |
| Camilleri George | Vella Flats Fl/2 | 42455 G |
| Camilleri Mary Antonia | 28 | 56553 G |
| Cardona Anthony | 98 | 14634 G |
| Cardona Bertha | 87 | 30876 G |
| Cardona Elena | 98 | 58133 G |
| Cardona Giovanni | Egret | 14070 G |
| Cardona Maureen | Egret | 472189 M |

## TRIQ TAL-GHAJN

| | | I.D.Number |
|---|---|---|
| Caruana Felix | Sacred Heart, Fl 4A | 523076 M |
| Caruana Maurice | Sacred Heart, Fl 4A | 962848 M |
| Cassar Angiolina | 190 | 50551 G |
| Cassar Anthony | 190 | 47149 G |
| Cassar Giorgia | 124 | 18732 G |
| Cassar John | 294 | 97186 M |
| Cassar Pawla | 19 | 30322 G |
| Cassar Simone | 294 | 404271 M |
| Cefai Pauline | Qalb ta' Gesu' | 59647 G |
| Cini Amanda | 200 | 26281 G |
| Cini Carmela | 266 | 34646 G |
| Cini Georgina Rose Marie | 100 | 391397 M |
| Cini John, Rev. | 266 | 836 G |
| Cini Joseph | 100 | 6555 G |
| Cini Joseph | 271 | 58637 G |
| Cini Saviour | 266 | 2039 G |
| Cordina Carmen | 33 | 64545 G |
| Cordina Emanuel, Rev. | 33 | 45049 G |
| Cordina Francis | 225 | 59329 G |
| Cordina Maria Assunta | 225 | 13831 G |
| Curmi Albert, Rev. | 243 | 51729 G |
| Curmi Antoinette | 247 | 85743 G |
| Curmi Carmelo | 1 | 48519 G |
| Curmi Emanuel, Rev. | 247 | 8637 G |
| Curmi Josephine | 247 | 25120 G |
| Curmi Jude Taddeo k/a Teddie | 1 | 523163 M |
| Cutajar Carmen | 104 | 7749 G |
| Debrincat Peter | 291 | 76539 G |
| Delicata Reginald | 77 | 57040 G |
| Delicata Sarah | 77 | 275073 M |
| Falzon Alexander John | 127 | 626463 M |
| Falzon Rose | 127 | 379464 M |
| Farrugia Carmelo | 8 | 40727 G |
| Farrugia George | 30 | 14476 G |
| Farrugia George | 8 | 74234 G |
| Farrugia Mark | 30 | 17874 G |
| Farrugia Mary Annunziata | 30 | 14435 G |
| Farrugia Mary Rose | 8 | 31837 G |
| Farrugia Michelina | 74 | 62021 G |
| Farrugia Patricia | 32, Rustica | 17280 G |
| Farrugia Paul | 30 | 4372 G |
| Farrugia Rita | 8 | 56731 G |
| Farrugia Vincent | 32, Rustica | 6473 G |
| Formosa Mary | 287 | 57426 G |
| Galea Anastasia | 118 | 25244 G |
| Galea Carmela | 207 | 11121 G |
| Galea Carmen | 197 | 69238 G |
| Galea Cecilia | 264A | 52063 G |
| Galea Chris | 118 | 23078 G |
| Galea Eugenia | 281A | 23359 G |
| Galea Francesca | 264A | 6725 G |
| Galea George | 12 | 632352 M |
| Galea Giorgia | 281B | 62433 G |
| Galea Giorgina | 197 | 56236 G |
| Galea John | 118 | 12849 G |
| Galea Josef | 281 A | 17385 G |
| Galea Margaret | 12 | 607160 M |
| Galea Maria | 197 | 21044 G |
| Galea Monique | 118 | 17182 G |
| Galea Nazzarena | 264 | 46637 G |
| Galea Paul | 281A | 92150 G |
| Galea Salvatore | 264 | 2837 G |
| Gambin Anthony | Fontana /Fl 2, 14 | 351869 M |
| Gambin Josephine | Fontana /Fl 2 14 | 3172 G |
| Grech Maria | 290 | 23634 G |
| Grima Carmela | 108, Cuore | 67325 G |
| Grima Salvu | 108 | 27823 G |
| Gruppetta Silvio | 160, Dar Il-Mistrieh | 434964 M |
| Mallia Camille Ann | 7 | 336683 M |
| Mauviard Camilleri Paule Monique | Fontana, Fl 1 | 98502 L |
| Mercieca Anthony | 191 | 10184 G |

306

D.K. "AB3"



Vettura bin-Numru DAU 978 ġaraxxjata fil-għalqa privata tas-sur Cassar

N.G.B.M

Dok. "AB4"

F064

6 ta' April 2001

Lil Anthony Cassar
113 Triq l-Mgarr
Ghajnsielem
Ghawdex

Sinjur

Ninsab inkarigat niktiblek mis-Sindku u l-Kunsill tal-Fontana, Ghawdex.

Nhar il-31 ta' Marzu 2001 fi Triq il-Ghajn, Fontana, Ghawdex inti ltqajt mas-Sindku u fil-prezenza ta' xhieda estranei ghogbok tinfexx f'sensiela ta' kliem offensiv u theddid sew fil-konfront ta' l-istess sindku u kif ukoll fir-rigward tal-membri l-ohra tal-Kunsill. L-agir tieghek ma hux accettabbli u jammonta ghal reat kriminali. Kif taf sar rapport dwaru mal-Pulizija.

Il-klijenti tieghi madanakollu minghajr pregudizzju, qed jaghtuk l-opportunita' li tiddikjara li jiddispjacik ghal dan l-incident u li taf lill-membri tal-kunsill bhala persuni onesti. Ghalhekk ukoll tintrabat li fil-futur ma tirripetix incidenti simili. Tali dikjarazzjoni ghandha ssir bil-miktub.

Naturalment il-mittenti sew f'isimhom personali u kif ukoll fl-interess tal-Kunsill tal-Fontana qed izommuk responsabbli ghad-danni kollha li ghad jistghu jisofru minhabba l-agir tieghek.

Kemm il-darba din id-dikjarazzjoni ma ssirx sa gimgha m'illum ser jittiehdu passi ohra kontra tieghek skond il-ligi.

Daqstant sabiex tkun avzat.

Bl-ispejjes.

Av. Michael Grech

308

GHAJNSIELEM B.P.Ç.

P.O. .................... the ....7.... day of ....4/2001

Received a **REGISTERED LETTER** addressed to

DATE STAMP

Anthony Cassar

113, Triq l-Imġarr

Signature ...Għajnsielem GSM102.......

0053370

Dok. "ABS"

Is-Sur Anthony Cassar
113, Triq l-Imġarr
Għajnsielem
Għawdex

6 t` April 2001

Sinjur,

Re: 190, Triq ta` l-Għajn Fontana, Għawdex

Ngħarrfek li permezz ta` deċiżjoni meħuda fil-laqgħa tad-29 ta` Settembru 1999, il-Kunsill iddeċieda li jieħu f`idejh il-pussess tal-fond numru 190, Triq il-Għajn Fontana, Għawdex. Dan huwa meħtieġ għall-bżonnijiet tal-Kunsill.

Għalhekk permezz ta` din l-ittra ngħarrfuk li jinħtieġ li inti tirrilaxxja definittivament dan il-fond sa mhux iktar tard mill-iskadenza li jmiss.

Jekk ma jkollniex risposta sa ġimgħa nkunu kostretti nirrikorru għal proċeduri oħra.

Inselli għalik,

JCassar

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

D. k. "AB6"

Dr. Michael Grech LL.D. (Advocate)

**Office:**
2, Charity Street,
Victoria VCT 105, Gozo
Malta.

**Telephone:**
*Office:* 553071
**Fax:** 561200
*Res:* 555602

*Your Ref:* *Our Ref:* F064 *Date:* 15 ta` Mejju 2001

Is-Sur Anthony Cassar
113 Triq l-Mgarr
Ghajnsielem
Ghawdex

Sinjur

Niktiblek fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali tal-Fontana, Ghawdex relattiv ghall-pendenzi ta' bejnietkom dwar il-fond numru 190 Triq il-Ghajn, Fontana, Ghawdex. Dan il-Kunsill, wara li qies il-pozizzjoni tieghu, konvint li ma ghandek ebda jedd tinbqa' tinsisti li zzomm il-pussess pro bona pacis minghajr ebda pregudizzju ghad-drittijiet tieghu *pro bona pacis* qieghed jipproponi hlas lilek tas-somma ta' Lm500. Dan l-ammont jithallas lilek mal-konsenja tac-cwievet. Din l-offerta hija finali u fin-nuqqas ta' accettazzjoni il-Kunsill ser jissokta bil-proceduri li ttih il-Ligi sabiex jirkupra l-pussess ta' l-istess fond.

Inti mitlub taghti t-twegiba tieghek bil-miktub sa mhux iktar tard minn zmien gimgha.

Av. Michael Grech

G.M.
W.C.
310

D.k. "AB 7"

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U TA' L-INTERN
Taqsima Proprjeta' tal-Gvern
DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS
Government Property Division
LAND DEPARTMENT

L29/2002
P 466/04

14 ta' April, 2005

ORDNI MAĦRUĠA MILL-KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET SKOND L-ATT TAL-1972 DWAR ŻGUMBRAMENT MINN ARTIJIET

Sur Anton Cassar
190 Triq il-Ghajn
Fontana
Ghawdex

Sinjur,

Bis-saħħa ta' din l-ordni inti qiegħed tigi moghti ghaxart ijiem min-notifika tal-preżenti biex tizgombra mil-fond li qiegħed 190 Triq il-Ghajn, Fontana, Ghawdex, li huwa okkupat minnek, u biex tnehhi minn hemm l-oggetti kollha li ghandek.

Fin-nuqqas, l-oggetti kollha li ghandek se jigu mnehhija mill-Gvern a spejjez tieghek.

Barra minn hekk, id-Dipartiment qiegħed jirriserva d-dritt ghal kumpens ta' okkupazzjoni, sakemm jigi zgumbrat il-post imsemmi.

A. V. Mamo
Kummissarju tal-Artijiet

AUBERGE DE BAVIERE, VALLETTA
Telephone: 224016, 242048
Fax: 237970

N.G. 311
~~303~~

Dok. "AB 8"

FONTANA

**MINUTI TAL-LAQGHA LI SARET MAS-SUR ALBERT MAMO, KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

Preżenti: Is-Sur Albert Mamo – Kummissarju tal-Artijiet

Is-Sur Saviour Borg – Sindku

Is-Sur Victor Cefai – Viċi-Sindku

Is-Sur Lorry Apap – Kunsillier

Is-Sur Anthony Cassar - Kunsillier

Is-Sinjura Maria Schembri - Kunsillier

Is-Sinjurá Josianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa nżammet f'Auberge de Baviere, Valletta nhar it-Tlieta, 9 t'Awwissu 2005 fl-10.30 ta' filgħodu.

Is-Sindku beda billi spjega r-raġuni għalfejn intalbet din il-laqgħa. Huwa qal illi l-Kunsill ma jaf xejn dwar il-fond bin-numru 191 fi Triq tal-Għajn ħlief mill-għajdut tan-nies u jixtieq ikun jaf x'inhi s-sitwazzjoni. Is-Sindku qal illi dwar il-fond nru. 190 il-Kunsill huwa nfurmat permezz tal-Kunsillier Lorry Apap.

Is-Sur Mamo staqsa jekk il-Kunsill għandux bżonn iż-żewġ postijiet u jekk b'post wieħed il-Kunsill ikunx jista' jwettaq il-proġett. Huwa qal ukoll illi ma jista' jiddiskuti u jagħti xejn jekk ma ssirx talba min-naħa tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien talab bil-miktub fis-7 t'Ottubru 2003 għall-fond nru. 191, dan meta kien ġie konsultat mid-Dipartiment tal-Artijiet. Fil-preżent hemm permess tal-M.E.P.A. fuq il-fond nru. 190. Il-Kunsillier Lorry Apap informa lis-Sur Mamo li binja minnhom li hija l-190 tinsab bla saqaf. Is-Sur Mamo qal li peress li l-każ qiegħed jiġi kkontestat il-Qorti l-proċess jieħu aktar fit-tul. Il-Kunsillier Lorry Apap qabel mas-Sur Mamo.

Wara li s-Sur Mamo staqsa lill-Kunsill jekk hux ser iwaqqa' iż-żewġ fondi msemmija, s-Sindku qal li hemm proġett ta' bini tal-Kunsill u xogħolijiet oħra. Il-Kunsillier Lorry Apap talab lill-Kummissarji ta' l-Artijiet sabiex jikkonfermalu għandux dritt jitkellem u jiddiskuti fuq dawn il-fondi peress li

S. B. N.C. S. Borg

312

hu huwa l-Uffiċċjal Inkarigat mit-Taqsima ta` l-Artijiet f`Għawdex. Hawnhekk il-Kummissarju ta` l-Artijiet laqa` t-talba tas-Sur Lorry Apap u talbu sabiex jispjega aktar fid-dettall.

Is-Sur Mamo qal illi fid-29 t`April 2005 ħarġet *eviction order* fuq il-191. Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa fuq isem min ħarġet l-*eviction order* peress li hu nfurmat li ħarġet fuq persuna li toqgħod ir-Rabat. Is-Sur Mamo qal illi dan ix-xogħol iwettqu l-Assistent Direttur u hu kemm jiffirmaħ, probabbli sar bi żball u ser jieħu ħsieb joħroġ *eviction order* ġdida fuq min hu mniżżel hemm fi żmien ħmistax.

Is-Sur Mamo qal illi l-proċedura hija li l-ewwel jittieħed permess tal-M.E.P.A. imbgħad issir id-devoluzzjoni, għaldaqstant huwa ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jipprepara l-pjanti neċessarji u jġib il-permess tal-M.E.P.A. fuq il-fondi u parti mill-*Playing Field* li qed jgħid li għandu bżonn. Hawnhekk il-Kunsillier Lorry Apap ġibed l-attenzjoni li dan talbu hu stess waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa lis-Sur Mamo jekk il-Kunsill jissottometti pjanta tal-proġett hux lest li jgħinu. Is-Sur Mamo aċċetta u qallu dawn il-kelmiet '*Go Ahead – Do it*'. Hawnhekk is-Sur Mamo nforma lill-Kunsill li kull '*lease agreement*' min-naħa tad-Dipartiment jingħata biss wara '*call for tender*'. Is-Sur Mamo qal ukoll li dment li l-Kunsill għandu bżonn l-post l-proċedura min-naħa tad-Dipartiment titħaffef aktar. Is-Sur Mamo qal illi xorta kienu jittieħdu passi biex issir l-*eviction order* anke jekk il-Kunsill ma talabx għal dawn il-fondi.

Is-Sindku staqsa lis-Sur Mamo jekk il-Kunsill jaqbel, jista joffri akkomodazzjoni alternattiva f`din l-*area* msemmija bħal eżempju *garage* jew *flatlet* u jekk il-kera tagħha tibqax kif kienet jew issirx kummerċjali. Is-Sur Mamo wieġeb li l-kera tiġi mħallsa b`rata kummerċjali u l-ammont jiġi ssussidjat skond id-dħul ta` l-individwu.

Is-Sindku staqsa lis-Sur Mamo jekk il-Kunsill jistax joffri flus bħala kumpens lil-inkwilini biex joħorġu mill-fondi. Hawn is-Sur Mamo rrisponda sabiex ma jkellmux fuq hekk.

Is-Sur Mamo qal illi fil-preżent l-inkwilini m`għandhom l-ebda *lease* u l-Kunsillier Lorry Apap qal illi dawk il-kirjiet ġew terminati. Is-Sur Mamo qal illi kieku mhux hekk l-*eviction orders* ma kienux joħorġu. Id-Dipartiment ma jistax jikkonsidra li jagħti akkomodazzjoni alternattiva lil persuni li jkunu qed jokkupaw post tal-Gvern u m`għandhomx titlu.

Fl-aħħar is-Sindku semma li hemm xelter ħdejn l-Għajn il-Kbira li dwaru ġiet approvata mozzjoni fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill biex jitnaddaf. Waqt din il-laqgħa l-Kunsillier Lorry Apap qal dan mhux immarkat bħala proprjeta` tal-Gvern. Is-Sindku talab lis-Sur Mamo biex dan jiġi reġistrat mid-Dipartiment tal-Artijiet biex ma jintilifx. Huwa nfurmaħ li l-Kunsill madwar erba' snin ilu rranġa dan ix-xelter b`rixtellu tal-ħadid biex ma jiġix vandalizzat. In-nies ta`

l-inħawi flimkien mal-bdiewa kollha jgħidu li din ħija proprjeta' tal- Gvern. Is-Sur Mamo wieġeb li għalkemm jista` jkun mhux imniżżel xorta waħda ma jfissirx li ma hux tal-Gvern. Sar qbil li tintbagħat pjanta ta` l-*area* biex jittieħdu l-passi neċessarji u nforma lil dawk preżenti li jista` jitnaddaf. Is-Sindku qal illi dan għandu jidħol ma` l-applikazzjoni tar-restawr tal-Għajn il-Kbira lill-M.E.P.A.

Dawk preżenti rringrazzjaw lis-Sur Mamo ta` din il-laqgħa. Il-laqgħa ntemmet fil-11.30 ta` filgħodu.

JCassar

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

S.M
N.L. 314
S. Borg



**Fil-Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Fl-Atti taċ-Ċit. Nru. 55/2005 PC**

**Anthony Cassar**

vs

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**Nota tal-Kummissarju ta' l-Artijiet**

Li permezz tagħha qed jippreżenta affidavit tas-Sur Saviour Borg (K.I. Numru 0012159G) residenti f'83, Triq ta' l-Għajn, Fontana, Għawdex.

J. Fenechvella.

**Avv. Fiorella Fenech Vella**
*Avukat*
*Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali*
*Valletta*

**Prokuratur Legali**
*Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali*
*Valletta*

HEIDI TESTA B.A., L.P.
ATTORNEY GENERAL'S OFFICE

Illum 8 ta' Ġunju 2011
Ipprezentata waqt is-seduta tal-lum
minn Dr Fiorella Fenech Vella

Dr. Aaron Attard Hilli LL.D. M. Jur.
Assistant Gudizzjarju (Għawdex)

Visto
8/6/2011

N.G.

318

FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
ĠURISDIZZJONI SUPERJURI, SEZZJONI ĠENERALI

SEDUTA MIŻMUMA QUDDIEM L-ASSISTENT ĠUDIZZJARJU GĦAL GĦAWDEX DOTTOR AARON ATTARD HILI LL.D.

Fl-atti tal-kawża numru 55/2005

Anthony Cassar

versus

Il-Kummissarju tal-Artijiet

Illum il-Ħamis, 15 ta' Diċembru 2011

**L-attur Anthony Cassar**, prodott in kontro eżami mill-konvenut, bil-Malti u bil-ġurament tiegħu jgħid:

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Mela, fl-affidavit tiegħek issemmi li inti żżewwiġt meta kellek sitta u għoxrin (26) sena. Allura f'liema sena żżewwiġt eżatt?
Xhud:
Fis-seventy five ('75).
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Allura meta żżewwiġt ma mortx tgħix mal-mara tiegħek?
Xhud:
Għall-bidu iva, mort. Mort, miż-, mal-mara tiegħi, imma.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Mela, għax inti fl-affidavit tiegħek issemmi illi inti dejjem bqajt tgħix ma' missierek.
Xhud:
Iva, bqajt ngħix ma' missieri, imma fejn il-mara kont immur, daqqa bi nhar u oħra forsi billejl, imma kont, dejjem kont nibqa', irqadt ma' missieri jien.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Imma inti qed tgħid li rqadt mal-mara wkoll, għax jekk qed tmur billejl biex torqod.
Xhud:
Iva, imma – skużi waħda – kont forsi mmur imbagħad kont nitlaq hux.
L-Avukat Dottor Deborah Mercieca:
Taqsam il-lejl.
Xhud:
Eħe.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Biċċa minnu. Biċċa mal-mara u biċċa mar-raġel, em, ma' missierek jiġifieri kont taqsmu l-lejl?
Xhud:
Eh iva iva, aktar ma, għax missieri miskin kien waħdu u ma kontx nafdah/

Traskrittur

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Jiġifieri inti qatt m'ghext ma' martek?
Xhud:
Ftit, ftit għext ma' marti. Ftit ħafna. Ftit ħafna.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Jiġifieri fil- fil-, meta żżewwiġtu, fil-lejl taż-żwieġ mort tgħix ma' missierek? U hi marret m'ommha, għax skont l-affidavit tiegħek hekk jidher.
Xhud:
Le, mhux. -
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Għax int għidt illi dejjem bqajt tgħix ma' missierek.
Xhud:
Iva, iva, bqajt ngħix ma' missieri. Iva, veru. Imma ma' marti kelli kuntatt hekk, imma mhux li l-ħin kollu magħha.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
U le, il-ħin kollu magħha, imma fejn, fejn kont tgħix imma? Ma' missierek aktar milli mal-mara, jiġifieri?
Xhud:
Iktar ma' missieri kont ngħix jien, iktar. Missieri, għidtlek, kien anzjan waħdu u qatt ma ridt inħallih waħdu, miskin.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Imma mal-mara kont tgħix ukoll.
Xhud:
Ġie, mela ma kontx ngħix, kont noqgħod mal-mara, għax kelli żewġt itfal.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Eq.
Xhud:
Ma naħsibx, ma nafx forsi, imma.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Id-dar tar-residenza tiegħek fejn kienet?
Xhud:
Ma nafx.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Mhux taqbad tistaqsih inti!
L-Assistent Ġudizzjarju:
Dottor Refalo. Il-kontro eżami qed isiri minn Dottor. -
Xhud:
It-Triq tal-Għajn, ħi, ir-residenza tiegħi.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Jiġifieri r-residenza fejn kienet tiegħek?
Xhud:
One (1), one nine ow (190), hemmhekk, one nine ow (190).
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Allura inti.
L-Assistent Ġudizzjarju:
L-ewwel ġie l-perit ikellmek, imma jekk jogħġbok issa,

Traskrittur

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Jien, hi kellmitni.
L-Assistent Ġudizzjarju:
Irridu mmexxu s-seduta. Kompli.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Mela, qatt irċevejt xi ittra mingħand il-Kummissarju tal-Artijiet li turi li inti ġejt rikonoxxut minflok missierek?
Xhud:
Le, qatt ma rċevejt dik.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Allura xorta tħoss illi għandek titolu, illi għandek toqgħod fil-fond jiġifieri inti?
Xhud:
Hekk għandi, inħoss. Jien twelidt hemm, bqajt ngħix hemm, għext sakemm miet missieri, u bqajt ngħix sa wara miet missieri.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Eżatt. Imma inti, il-Kummissarju tal-Artijiet qatt tak awtorizzazzjoni biex tkompli tgħix hemmhekk wara li miet missierek?
Xhud:
Le, minn daqshekk qatt ma tani.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
U l-irċevuti fuq min kienu joħorġu?
Xhud:
L-irċevuti kienu joħorġu fuq isem missieri sakemm dam ħaj, għax imbagħad xħin mort nibda nħallas jien, qatgħuhieli.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Fl-affidavit issemmi l-kelma "squatter." Taf xi tfisser?
Xhud:
Squatter tiskossja u tidħol; jien qatt ma għamilt hekk. Jien twelidt hemm, għext hemm.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Squatter meta tkun qiegħed f'fond mingħajr titolu.
Xhud:
Tis-.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Jiġifieri. Tiskossja.
Xhud:
Imma qatt ma għamilt hekk jien. Jien kelli dejjem iċ-ċavetta, dħalt.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Skossjatur.
Xhud:
Ħeq.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Il-fatt li inti qatt ma ġejt rikonoxxut mill-Kummissarju tal-Artijiet, tfisser xi ħaġa għalik?
Xhud:
Ħeq.

Traskrittur

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Li inti qiegħed ġo dan il-fond mingħajr.
L-Assistent Ġudizzjarju:
Dottor Refalo, jekk jogħġbok!
Xhud:
Imma jiena ma, ma tfisser xejn. Jiena dejjem kont hemm. Jien twelidt hemm, għext hemm.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Imma tammetti li m'għandekx awtorizzazzjoni mill-Kummissarju tal-Artijiet.
Xhud:
Ma nafx jiena; għalfejn għandi nammetti hekk jien? Jien m'għandix nammetti li m'għandik dak. La jien dejjem għext ġo fih. M'għandix karti kkonfermat li jien.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
M'għandikx.
Xhud:
Ħeq, imma jiena l-identity card tiegħi dejjem hemm għajtet. Minn dejjem.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Eħe. Taf li missierek kien jaf li dak il-post kienu, il-Kummissarju tal-Artijiet kien bagħatlu ittra lil missierek jgħidlu li dak il-post għandhom bżonnu li, li jridu l-gvern. U kienu kitbulu li se jitterminawlu l-kera. Taf biha din inti?
Xhud:
Ma nafx, forsi veru, ma nafx, imma jien ma nafx biha dik. Ara darba kienu qalu ħa jagħmlu xi ħaġa hemmhekk, ilu. Fis-sixties ('60s). Fiż-żmien tas-sixties ('60s). Imma l-biċċa dik dik min ġie qalilna li ħa jeħdilkom ħa jerġa' jagħtihulkom. Kienet il-kelma. Li ħa jeħdilna ħa jerġa' jagħtihulna.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Il-post fejn qed tgħid li qed tgħix x'kumditajiet fih?
Xhud:
Għalija fih il-kumditajiet kollha.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Li huma.
Xhud:
Jiġifieri jien jien għandi fejn norqod, kċina, fejn; kollox għandi. Ħeq.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Sistema tad-drenaġġ u hekk hemm?
Xhud:
Sistema tad-drenaġġ m'hemmx imma hemm hemm.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Hemm il-kumdità mela!
Xhud:
Hemm kumdità, hemm kumdità, hemm kumdità.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Inti bħalissa preżentament hemmhekk qiegħed tgħix?
Xhud:
Iva. Mhux hemmhekk ngħix jien!
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

Traskrittur

Em, kien hemm fors-, naf illi l-fond ta' ħdejn - għax hemm, dawk kienu żewġ fondi.
Xhud:
Iva, iva, iva.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Wieħed minnhom waqqgħuh dan l-aħħar.
Xhud:
Iva. Iva, iva.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Taf jekk saritx xi ħsara? Naħseb taf għax. -
Xhud:
Saritli ħafna ħsara lili, u kellimt lill-perit. Il-perit qalli ħa nsewwihielek, u fil-fatt ġie rifed il-ħnejjiet. Issa kelli ħnejja oħra, ftehmna li ħa jiġi jirfidha; ma ġewx. U kelli fuq, ħajt fuq wara, waqqgħuhuli. U qalli ħa nibnuhulek u nagħmlulu l-konkos; għidtlu begħdu tmien pulzieri (8") jew disgħa (9) ħalli jiġi, imbagħad bejn il-bricks u l-ħajt tiegħi jimtela' bil-konkos, ħa sserrħu.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
U int għadek tgħix hemmehkk.
Xhud:
Għadni ngħix hemmhekk.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Istrina!
Xhud:
Mhix parti, dik il-parti li waqgħet mhix parti fejn ngħix jiġifieri nabita u fejn norqod. Kienet parti fejn kellna l-dawk, jiġifieri, l-annimali.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Biżżejjed.
Xhud:
OK. Thank you. Nista' ninżel?
L-Assistent Ġudizzjarju:
Le.
Xhud:
OK. Thank you.
L-Assistent Ġudizzjarju:
Dottor Refalo, għandek xi mistoqsijiet?
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Inti.

Ri-Eżami minn Dottor Anton Refalo:

L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Inti, bħala bħala Anthony Cassar, qabel il- il-proċedura.
L-Assistent Ġudizzjarju:
M'hemmx m'hemmx mistoqsijiet diretti.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Ta' ta' żgumbrament.
L-Avukat Dottor Deborah Mercieca:

Traskrittur

Kontro Eżami.
L-Assistent Ġudizzjarju:
Le, ri-eżami dan.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Irċevejt xi ħaġa, xi avviż mingħand xi ħadd biex toħroġ 'il barra?
Xhud:
Le.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Eh?
Xhud:
Le. L-iżgumbrament li rċevejt jien.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Biss.
Xhud:
Biss.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Xejn iżjed.
Xhud:
Xejn iżjed.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
U l-iżgumbrament fejn irċevejtu?
Xhud:
L-iżgumbrament ġew tawhuli fuq ix-xogħol.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Xogħol
Xhud:
Ġie pulizija. Tahuli fuq ix-xogħol.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Fuq ix-xogħol. Eh, inti semmithielek id-Dottoressa, id-dar tiegħek ġew xi uffiċjali tal-tal- tal- tal-Artijiet jew le?
Xhud:
Eh, ġew, ġew ġew ġew.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Eh, issemma wkoll każ, ħa nsemmihulek, meta kellek il-, int l-ewwel nett kont kunsillier ta' Għajnsielem.
Xhud:
Ija.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Hawn tat-Triq tal-Għajn.
Xhud:
Tat-Triq tal-Għajn. Eħe.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Kien hemm xi proċeduri kontra tiegħek biex tinqata'?
Xhud:
Biex ninqata' minn kunsillier?
L-Avukat Dottor Anton Refalo:

Traskrittur

Eħe.
Xhud:
Iva, iva.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
U għaliex riedu jaqtgħuk?
*(interuzzjonijiet)*
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Relevanti mela. Għax inti.
L-Assistent Ġudizzjarju:
Dak hemm proċeduri oħra.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Le, le, inti kien ġie xi ħadd fil-post?
Xhud:
Eh?
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Kien ġie xi ħadd jara l-post?
Xhud:
Il-post, ġew ġew jarawh.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Min, min ġie?
Xhud:
Eh, bħalissa ma nafx min ġie, imma ġew rawh il-post. Ġew.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Ġew. Il-Maġistrat Coppini deher 'l hemm?
Xhud:
Eh? Iva, mela, kien ġie.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Għidilna mela.
Xhud:
Eħe. Kien ġie l-dak, kien ġie l-Maġistrat Coppini, għamel aċċess.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Fuq il-post biex jara fejn toqgħod.
Xhud:
Fuq il-post. Biex jara fejn toqgħod.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
U llum, illum il-vot tiegħek - daqshekk ħa ngħidlu – illum il-vot il-vot tiegħek fejn hu?
Xhud:
Hemmhekk.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Fejn?
Xhud:
Fuq il-one nine ow (190).
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Xi darba kien fuq fuq Għajnsielem?
Xhud:

Traskrittur

Le. Qatt ma kien.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Eh.
Xhud:
Il-vot tiegħi qatt ma tħarrek minn hemm. Qatt.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Kemm ilek tivvota? Kemm għandek żmien?
Xhud:
Jien għandi tnejn u sittin (62). Jien ili nivvota minn meta kelli wieħed u għoxrin (21).
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
U dejjem fuq hemm.
Xhud:
Dejjem fuq hemm ivvotajt. Kollox, anki f'dawn tal-Ewropa, u f'tal-kunsill.
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
L-identity card?
Xhud:
L-identity card mhux hemmhekk toqgħod?
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
U kemm ilha fuq hemm?
Xhud:
L-identity card? Minn xħin għamiltha?
L-Avukat Dottor Anton Refalo:
Dejjem fuq.
Xhud:
Minn meta ħarġet. Dejjem hemm għamiltha.

Kontro Eżami ulterjuri minn Dottoressa Fiorella Fenech Vella:

Ix-Xhud:
Dottor Attard, nista' nitlaq?
L-Assistent Ġudizzjarju:
Le, le, le. Ħa terġa' tistaqsik. Ħares lejn il-microphone.
Ix-Xhud:
Iva.
L-Assistent Ġudizzjarju:
Dottoressa, ibda.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Imma OK, għax inti qed tgħid illi l-ID card kienet dejjem fuq hemmhekk.
Xhud:
Iva, iva.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Sewwa? Imma jekk inti l-kirja tterminat mal-mewt ta' missierek.
Xhud:
Eh, eh.
L-Assistent Ġudizzjarju:
Ħalliha tagħmel il-mistoqsija.

Traskrittur

Xhud:

… Dejjem hemm għajtet. Ara ma tallajtux illum.

L-Assistent Ġudizzjarju:

Jekk jogħġbok. Is-Sur Cassar. Kompli.

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

Il-. Taqbel miegħi jekk ngħidlek illi l-fatt li inti l-ID card baqgħet fuq dan il-fond ma jfissirx illi int għandek dritt li tkompli toqgħod f'dan il-fond.

L-Assistent Ġudizzjarju:

Imma dik hija kwistjoni ta' trattazzjoni.

L-Avukat Dottor Anton Refalo:

Trattazzjoni.

L-Assistent Ġudizzjarju:

Agħmel mistoqsija fuq ir-ri-eżami li għamel Dottor Refalo.

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

M'għandi xejn xi ngħid, mela, għax issa lil Dottor Refalo rrid insaqsi.

L-Assistent Ġudizzjarju:

Jiġifieri daqshekk.

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

Daqshekk, daqshekk.

Din hija x-xhieda tal-attur Anthony Cassar dettata minnu nnifsu fil-preżenza tal-Assistent Ġudizzjarju għal Għawdex.

Niddikjara li bis-sewwa u fedelment u skont l-aħjar tagħrif u ħila tiegħi, ittraskrivejt ir-reġistrazzjoni tat-tape.

Anthony Mizzi
Traskrittur

1805

Traskrittur

FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
ĠURISDIZZJONI SUPERJURI, SEZZJONI ĠENERALI

SEDUTA MIŻMUMA QUDDIEM L-ASSISTENT ĠUDIZZJARJU GĦAL GĦAWDEX DOTTOR AARON ATTARD HILI LL.D.

Fl-atti tal-kawża numru 55/2005

Anthony Cassar

versus

Il-Kummissarju tal-Artijiet

Illum il-Ħamis, 15 ta' Diċembru 2011

Ix-xhud, **Dottor Anton Refalo**, prodott in kontro eżami mill-konvenut, bil-Malti u bil-ġurament tiegħu jgħid:

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Dottor Refalo, Dottor Refalo, inti bħala ħabib kbir tal-familja tas-Sur Cassar.
Xhud:
Eħe.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Tista' tikkonferma li s-Sur Cassar u martu qatt ma għexu flimkien?
Xhud:
Jiena li għexu flimkien fis-sens illi bħala koppja sesswalment ma nafx x'għamlu, għax naħseb għexu għaliex għandhom it-tfal.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Mhux hekk?
Xhud:
Però bħala familja.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Mhux f'dak is-sens qed ngħid.
Xhud:
Jien qed ngħid bħala familja, bħala family unit ili nafhom żmien. Jiena naf illi s-sinjura Cassar, meta kienet taħdem, kien għadu miftuħ Chambrai, ħa ngħidlek, kien fi żmien meta kien Prim Ministru Karmenu Mifsud Bonnici, kellhom problemi kbar dawn, għax hi kienet taħdem hemmhekk, kienet diġà bdiet tberraq is-separazzjoni, dak iż-żmien.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Jekk qattx għexux flimkien.
Xhud:
Minn dakinhar żgur, illi ili nafhom minn meta Chambrai kien kien għadu dak iż-żmien fi żmien meta kien Prim Ministru Karmenu Mifsud Bonnici, dawn qatt

Traskrittur

m'għexu bħala familja, fis-sens illi għandek familja jgħixu flimkien taħt saqaf wieħed - qiegħed tifhem? - bħala husband and wife.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Inti fl-affidavit, fil-paragrafu numru ħamsa (5) tgħid illi l-konjuġi Cassar ftit u xejn m'għexu flimkien. Imma ftit jew xejn? Għax.
Xhud:
Il-kelma tgħid "ftit u xejn". Ftit u xejn tfisser il-ftit, però qatt m'għexu bħala familja, għax hu dejjem kien miġbud ma' ma' missieru għal għaliex dejjem għex ma' missieru; kien l-unika wieħed li baqa' jgħix ma' missieru. Eh, il-mara tiegħu kienet, kellha ambjent ieħor u u u kienet orjentata affarijiet differenti, u qatt ma qablu ma' xulxin.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Fl-affidavit, fit-tieni paġna, paragrafu wieħed (1) qed tgħid illi l-kirja għaddiet fuq isem l-attur. Għidt, "Naturalment il-kirja għaddiet fuq isem l-attur." Għandek xi dokumentazzjoni li turi dan?
Xhud:
Jiena li qed ngħid għaddiet fuq l-attur fis-sens illi illi għalkemm din hija kirja tal-gvern u l-gvern, il-gvern għandu kull dritt li jittermina kwalunkwe kirja, u illi l-kirja ma tintiritx, però jien bħala bħala l-avukat tiegħu qiegħed insostni illi illi l-avviż ta' żgumbrament ma setax jinħareġ almenu hekk hekk il-persuna kkonċernata ma tingħatax il-konġedo, jiġifieri l-avviż, l-avviż biex hu jkun jista' joħroġ. Jiena qiegħed nissottometti illi ladarba l-klijent tiegħi kien joqgħod kien joqgħod ma' missieru. Barra li kien joqgħod ma' missieru huwa werriet ukoll ta' missieru flimkien ma' ħutu u jekk huwa werriet ta' missieru flimkien ma' ħutu u ma ngħatax l-avviż mill-Kummissarju tal-Artijiet biex jitterminalu kwalunkwe dritt ta' kera li għandu hemm, imma l-Kummissarju tal-Artijiet qabad u mal-ewwel mingħajr ma għamel l-avviż permezz ta' ittra uffiċjali ħareġ l-ordni tal-iżgumbrament jiena qiegħed nissottometti illi illi sal-lum sewwa *ex lege* kif ukoll bil-liġi tal-kera, l-istess hawn il-klijent tiegħi eh jiġifieri Anthony Cassar huwa inkwilin, sewwa in testa propria.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Sewwa.
Xhud:
Kif ukoll bil-liġi tal-kera.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
U fil-fatt l-irċevuta fuq xiex, fuq min kienet toħroġ?
Xhud:
L-irċevuta dejjem, anke wara l-mewt tal-missier, baqgħet toħroġ fuq il-missier.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Allura l-inkwilin min hu?
Xhud:
Illum, l-inkwilin, skont jiena. -
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Mhux illum.
Xhud:
L-inkwilin għalija - din hija affari. -
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

Mhux għalik. Min hu?
Xhud:
Sur, Sur. Din hija.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Skont il-Kummissarju tal-Artijiet.
Xhud:
Din hija l-kwistjoni kollha, il-mertu ta' din il-kawża. Għalija l-inkwilin illum huwa l-eredi ta' Salvu Cassar għaliex ma ngħatawx il-congedo skont il-liġi, għax il-congedo rispettivament jekk il-gvern, jekk il-gvern għandux dritt jew le jirrispetta l-kirja, jew għandux dritt jew le jittermina, xorta jrid jagħti l-avviż. Għalija l-inkwilin huwa bil-liġi tal-kera, huwa huwa Anthony Cassar, u u bil-liġi ċivili huma l-eredi kollha, ta' tal-istess Anthony Cassar, jiġifieri ħutu.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Mela.
Xhud:
Fil-fatt jekk tara l-mandat ta' inibizzjoni qiegħed proprju meta l-Qorti inibiet lill-Kummissarju tal-Art biex jesegwixxi l-ordni tal-iżgumbrament kienet proprju minħabba dan il-fatt għaliex ġiet kwotata sentenza - jekk niftakar tajjeb tal-Imħallef Farrugia Sacco - illi illi qalet illi illi l-inkwilin, inkwilin tgħid inti qabel tavżah biex tkeċċih, u titterminalu b'avviż, mhux taqbad titterminalu b'ordni ta' żgumbrament.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Imbagħad hemm liġijiet oħrajn li huma *lex specialis,* dik *lex generalis*.
L-Assistent Ġudizzjarju:
Mistoqsijiet aktar.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Isas.
Xhud:
Il-liġi, lanqas qed ngħid fuq lex specialis. Il-liġi tal-iżgumbrament hija l-liġi speċjali li tiġi fuq il-liġi tal-kera.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Għandek il-kap sixty nine (69).
Xhud:
Però bdejt issemmili żewġ każi fejn inti trid tiżgombra l-persuna. …
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Imma issa din fit-trattazzjoni nitkellmuha.
Xhud:
Meta bniedem ikun bla titlu; però inti biex tiddetermina.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Hekk hu.
Xhud:
Jekk bniedem hux bla titlu, trid l-ewwel tara l-liġi biex tara bniedem hux bla titlu.
L-Assistent Ġudizzjarju:
Issa dak tarah il-Qorti.
L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:
Issa.
L-Assistent Ġudizzjarju:

Traskrittur

Mistoqsijiet aktar fuq l-affidavit.

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

Kif qed tgħid illi f'paragrafu sitta (6) tal-affidavit missier Anthony Cassar ried iħalli l-kirja tiegħu lil ibnu meta Salvu Cassar kien jaf li d-dipartiment ried jerġa' jeħodlu l-fond lura?

Xhud:

Le, jiena; id-dipartiment, id-dipartiment ried jeħodlu l-fond lura però l-iktar persuna li kienet viċin missieru, Salvu Cassar, kien Anthony Cassar. Għax Anthony Cassar kien il-bniedem illi barra illi kien imur jagħmel xogħol tal-ġebel u jaħdem fil-ġebel kien jagħmel ix-xogħol kollu l- il-, meta xjieħ Salvu Cassar - għaliex jekk mhux sejjer żbaljat Salvu Cassar miet ta' ta' età anzjana ħafna, kien jagħmillu x-xogħol, jitmagħlu l-annimali, jagħmillu dak kolli illi illi Salvu illi illi Anthony li Salvu Cassar kien jeħtieġ, u kollox kien jagħmillu. Jgħixu miegħu –

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

Imma għandek xi dokumentazzjoni li turi li ried iħalli l-kirja tiegħu lilu?

Xhud:

Kieku dokumentazzjoni, mhux ix-xewqa tiegħu? Jiena kemm-il darba kellimtu, u kemm-il darba kien jgħidli hawn, irrid li wara l-mewt tiegħi dan il-post jgħaddi fuq it-tifel tiegħi.

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

Allavolja kien jaf li l-gvern kien ħa jeħodulu.

Xhud:

Mela, mela, Sal-, mela Salvu Cassar kien bniedem ta' xi tmenin (~ 80) sena kien jaf tiġix tgħid, u jaf il-gvern x'qed jagħmel?

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

Le, il-gvern bagħtlu ittra.

Xhud:

Iva, imma din il-kwistjoni qamet kollha proprju wara l-mewt tiegħu.

L-Assistent Ġudizzjarju:

Izjed. Mistoqsijiet aktar.

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

Inti mort fil-fond, hux vera?

Xhud:

Jiena mort, però ma dħaltx sa ġewwa, sa sal-kamra ta' barra; mort kemm-il darba anke għall-vot mort fil-fond tiegħu, inħabbatlu l-bieb.

L-Assistent Ġudizzjarju:

Iżjed.

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

Jiġifieri l-fond tal-kamra ta' - sal-kamra ta' barra biss dħalt.

Xhud:

Sal-kamra ta' barra biss, iva. Hemm kamra, fiha daqs qisu five feet, four (5', 4') kien kienet il-kamra ta' barra, u meta dħalt jien - issa ilu ftit - kien hemm żewġ sodod, waħda ta' missieru u waħda tiegħu. Malli tiftaħ il- il-bieb.

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

Inti tafhom, tafha sew il-familja.

Xhud:

Traskrittur

U nafha, qed ngħidlek minn żmien meta ħriġt l-ewwel darba, qed ngħidlek ħamsa u għoxrin (25) sena ilu, meta ħriġt l-ewwel darba għall-elezzjoni.

L-Assistent Ġudizzjarju:

Iżjed, mistoqsijiet.

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

Allura taf kemm kellu ħutu Anthony Cassar?

Xhud:

Kellu, kemm eżatt ma nafx, imma kell-, għandu iktar, għandu mhux ħażin, naħseb għandu ħamsa (5) sitta (6).

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

Għax peress li inti tafhom sew, naħseb.

Xhud:

Jiena lilu naf.

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

Taf kemm għandu ħutu.

L-Assistent Ġudizzjarju:

Iżjed.

L-Avukat Dottor Fiorella Fenech Vella:

Jien daqshekk.

Din hija x-xhieda in kontro eżami ta' Dottor Anton Refalo dettata minnu nnifsu fil-preżenza tal-Assistent Ġudizzjarju għal Għawdex.

Niddikjara li bis-sewwa u fedelment u skont l-aħjar tagħrif u ħila tiegħi, ittraskrivejt ir-reġistrazzjoni tat-tape.

Anthony Mizzi
Traskrittur



N.C. E.M.

2378 20/11/2015 565

# QORTI TA' L-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**Numru. 55/2005/2**

**CASSAR ANTHONY**

VS

**KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

C

+ GOZO

**APPUNTAT:** **07/12/2020 (08:35)**

**APPELLANT:** **CASSAR ANTHONY**
189/190, TRIQ TAL-GHAJN, FONTANA, GHAWDEX.
**AVUKAT ATTUR/ATTRICI:** MERCIECA DEBORAH

13/11

**APPELLAT:** **IL-KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET** X
BERGA TAL-BAVIERA, TRIQ SAN BASTJAN VALLETTA.

**APPELLAT:** **KUNSILL LOKALI FONTANA**
CENTRU CIVIKU, TRIQ TA' MULEJJA, FONTANA, GHAWDEX

N.G. S Bog

12/11/
UC

1 3 NOV 2020

Il-lum 1 3 NOV 2020

Ngħid u nizgura li fil Kummissarju tal-Artijiet
nnotifikajt lil personalment billi tajtu / billi ħallejtu fl-indirizz mogħti Valletta
f'idejn Hendrick Magro
b'kopja ta' Avviż Appell
dana flimkien ma' estratt mill-art 5 ta' l-Att dwar Proceduri Gudizzjarji (Użu ta' l-Ilsien Ingliż) Kapitlu 189 tal-Ligijiet ta' Malta

JOHN B DIMECH
MARIXXALL
QRATI TAL-GUSTIZZJA
MALTA

18-11-2020
18-11-2020
Kunsill Lokali Fontana
Fontana Għawdex
f'idejn Saviour Borg
b'kopja tal-dan Avviż Appell

P. Debrincat

**Paul Debrincat**
*Purtier*
Qrati u Tribunali (Għawdex)

19-11-2020
19-11-2020
Anthony Cassar
189/190 Triq Tal-Għajn, Fontana Għawdex
f'idejn Personalment
b'kopja tal-dan Avviż bil-Mandat

P. Debrincat

**Paul Debrincat**
*Purtier*
Qrati u Tribunali (Għawdex)

Data 19/11/2020
P. Debrincat
... taħt l-artikolu 159(2) tal-Kap. 12.

Deputat Reġistratur
Qrati tal-Ġustizzja (Għawdex)

566

# AVVIZ GHAS-SMIEGH

# QORTI TA' L-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
MALTA

N.G. S.Borg

# AVVIZ SKOND L-ARTIKOLU 209 U 249 TAL-KODICI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROCEDURA CIVILI

## KUN ZGUR LI THALLAS IL-GARANZIJA GHALL-ISPEJJEZ TAL-KAWZA INKELLA TITLEF ID-DRITT LI TINSTEMA' MILL-QORTI TA' L-APPELL

**LIL:** **CASSAR ANTHONY**
189/190, TRIQ TAL-GHAJN, FONTANA, GHAWDEX.

Inti mitlub li taghmel garanzija ghall-ispejjez tal kawza tieghek fl-ammont ta'

**Reg. €700.00 + Av. u P.L. €828.00 = €1,528.00**

fis-sezzjoni tas-Subbasti, fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta, sa mhux aktar tard minn jumejn qabel id-data tas-smiegh tal-appell tieghek. Jekk inti ma taghmilx dan titlef id-dritt tas-smiegh ta' l-appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta' Appell u l-kawza tieghek tmur dezerta.

Il-garanzija ghall-ispejjez tal-kawza tista' ssir billi jigu depozitati flus fis sezzjoni tas-Subbasti fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta fl-ammont hawn fuq imsemmi jew billi tingieb garanzija bankarja skond il-formola preskritta.

Il-Gvern ta' Malta, korporazzjonijiet pubblici, il-Bank Centrali ta' Malta u l-banek li ghandhom licenza mahruga skond l-Att dwar il-Kummerc Bankarju huma ezenti milli jaghmlu din il-garanzija.

Hu hsieb li tikkuntattja minnufih l-Avukat tieghek.

Ghar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

567

Nru. 7
Tahrika ghas-smiegh
ta' kawza

Numru. 55/2005/2
Cash Nru: 24/11/2015 d.d.: 30/11/2015

# REPUBBLIKA TA' MALTA

Lil Marixxall tal-Qrati.

BILLI nghalqu l-proceduri bil-miktub f'kawza quddiem il-Qorti ta' l-Appell bejn

**Anthony Cassar**

**-VS-**

**Kummissarju tal-Artijiet; u b'digriet tal-4 ta' April, 2014, il-Kunsill Lokali tal-Fontana gie awtorizzat sabiex jinterevjeni fil-kawza in statu et terminis**

il-Qorti ffissat is-smiegh ta' din il-kawza ghal nhar

**it-Tnejn, sebgha (07) ta` Dicembru, 2020 fi 08:35 am**

Int, ghaldaqshekk, ordnat, li billi taghti kopja ta' din lil kull wiehed mill-attur u konvenut jew lil haddiehor ghalihom, skond il-ligi, tharrikhom biex jidhru fil-jum hawn fuq imsemmi quddiem l-imsemmija Qorti, meta f'dak il-jum tigi mismugha u deciza l-kawza hawn fuq imsemmija.

Barra minn dan, inti ordnat li twissi, bl-istess mod lill-attur u konvenut fuq imsemmija illi, jekk huma, billi jibqghu kontumaci jonqsu u ma jidhrux fil-lok, jum u hin imsemmija, din il-Qorti tghaddi, fl-assenza taghhom biex taghti d-decizjoni taghha skond il-haqq, fuq talba ta' l-imsemmi, dak in-nhar stess, jew f'jum iehor wara, kif jigi ordnat mill-Qorti.

U wara li tkun ghamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' din it-tahrika, inti ghandek tgharraf minnufih lil din il-Qorti.

Moghti mill-imsemmija Qorti ta' l-Appell,

bix-xhieda ta' s-S.T.O. Mark Chetcuti
Duttur tal-Ligi President ta' din il-Qorti.

Illum, 11 ta` Novembru, 2020

N.G. S.Bog

N.G. S.Boy

568

# QORTI TA' L-APPELL

| | |
|---|---|
| Gudikant | S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI<br>ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO<br>ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL |
| Seduta Numru | |
| Appell Civili Numru | 55/2005/2 |
| Numru fil-Lista | 3 |

**CASSAR ANTHONY**

**Vs**

**KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

**Illum it-Tnejn, 07 ta' Dicembru, 2020**

Meta ssejjah l-appell dehret l-Av Ramona Attard ghall-Awtorita' tal-Artijiet.

Dehru wkoll l-Av Jean Paul Grech ghal Kunsill Lokali Fontana, u l-Av Alan Zerafa ghall-appellant.

L-Av Ramona Attard titlob korrezzjoni fl-okkju billi llum tezisti l-Awtorita tal-Artijiet u mhux il-Kummissarju tal-Artijiet.

Il-Qorti tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni u tordna d-debita annotazzjoni fl-okkju.

L-appell qed jigi differit ghat-trattazzjoni ghat-18 ta' Jannar 2021 fl-9:45am.

Mario Debono - Deputat Registratur

N.G. S.Bey

# QORTI TA' L-APPELL

Gudikant

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

| | |
|---|---|
| Seduta Numru | |
| Appell Civili Numru | **55/2005/2** |
| Numru fil-Lista | **12** |

**CASSAR ANTHONY**
**Vs**
**KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

---

**Illum it-Tnejn, 18 ta' Jannar, 2021**

Meta ssejjah l-appell deher l-Av. Daniel Calleja ghall-appellant.

Deher l-Av. Jean Paul Grech ghall-Kunsill Lokali, rapprezentat fl-Awla mis-Sindku u s-Segretarju.

Dehret b'mod virtwali l-Av. Ramona Attard ghall-Awtorita` tal-Artijiet, gia Kummissarju tal-Artijiet.

L-Av. Daniel Calleja talab korrezzjoni fir-rikors fis-sens li fl-ahhar paragrafu tal-appell, in-numru 881/10 jigi sostitwit bin-numru 55/2005 u fejn hemm indikat li l-ispejjez taz-zewg istanzi ibghatihom l-attur, ghandu jinbidel ghall-ispejjez kontra l-konvenuti.

Id-difensuri tal-partijiet l-ohra ma joppónux.

Il-Qorti tilqa' t-talba u tordna li jsiru tali korrezzjonijiet.

Id-difensuri jaghtu ruhhom b'notifikati bil-korrezzjonijiet.

Id-difensuri trattaw l-appell.

L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-25 ta' Frar 2021 fit-8:15a.m.

# QORTI TA' L-APPELL

Gudikant

S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta Numru

Appell Civili Numru 55/2005/2

Numru fil-Lista 8

CASSAR ANTHONY
Vs
KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET

**Illum il-Hamis, 25 ta' Frar, 2021**

Peress li l-Qorti ghandha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza, l-appell qed jigi differit ghas-17 ta' Marzu 2021 fit-8:15am.

Mario Debono - Deputat Registratur

7/12

50

REGISTRY GOZO COURTS
23 NOV 2020
1881
RECEIVED

FIL-QORTI TAL-APPELL

KAWŻA NRU 55/2005/2 — ANTHONY CASSAR

EWR 1,528.00 — VS

NRU 185/2020 — KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET ET

ĊEDOLA TA' DEPOŻITU TA' **ANTHONY CASSAR**, LI JOQGHOD 189/190, TRIQ TAL-GHAJN, FONTANA, GHAWDEX. DETENTUR TAL-KARTA TAL-IDENTITÀ NUMRU 0047149G.

JESPONI BIR-RISPETT:

ILLI L-ESPONENTI UMILMENT QED JADIXXI LIL DINA L-ONORABBLI QORTI U TAHT L-AWTORITÀ TAL-ISTESS QED JGHADDI SABIEX JIDDEPOŻITA S-SOMMA KOMPLESSIVA TA' **ELF U HAMES MIJA U TMIENJA U GHOXRIN EWRO (€ 1,528.00ċ)** U DANA PERMEZZ TA' FLUS KONTANTI

BIEX JAGHMEL TAJJEB GHALL-ISPEJJEŻ TAL-APPELL, JIĠIFIERI:

| | | |
|---|---|---|
| 1. FAVUR TAR-REĠISTRU: | EUR | 700.00 |
| 2. FAVUR TAD-DIFENSUR: | EUR | 828.00 |
| | EUR | 1,528.00 |

REĠISTRATUR

ILLUM 23 TA' NOVEMBRU 2020

IPPREŻENTATA MINN ANTHONY CASSAR B'EWRO 1,528.00

DEPUTAT REĠISTRATUR

John Vella
Deputat Reġistratur

N.L. S.Borg

Fil-Qorti tal-Appell
(Civili Superjuri)

Rikors Guramentat Nru 55/2005 PC

Anthony Cassar

Vs

Kummissarju tal-Artijiet; u b'digriet tal-4 ta' April 2014, il-Kunsill Lokali tal-Fontana gie awtorizzat sabiex jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis*

Risposta tal-Appell tal-intervenut il-***Kunsill Lokali Fontana*** ta' "Multi-Purpose Room", L-Ewwel Fazi tac-Centru Civiku, Triq ta' Mulejja, Fontana, Ghawdex

Jesponi bir-rispett:

Illi l-appell odjern huwa kompletament infondat fid-dritt u fil-fatt u ghandu jigi rigettat prevja l-konferma tas-sentenza tat-tlettax (13) ta' Novembru 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali, liema sentenza hija gusta u timmerita li tigi konfermata *in toto*.

- **Fatti tal-Kaz**

L-esponenti Kunsill Lokali intervjena *in statu et terminis* in vista li huwa ghandu interess guridiku intimament marbut mal-mertu ta' din il-kawza. Dan ghaliex l-art li fuqha attwalment huwa mibni l-fond fil-pussess ta' Anthony Cassar kienet giet espropriata ghall-skop pubbliku u illum hija intiza biex il-Kunsill Lokali ikompli bil-bini tal-ahhar fazi tac-Centru Civiku ghal-lokalita tal-Fontana fit-termini tal-permessi gia ottenuti mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.[1] Din il-fazi sejra tinkorpora fost affarijiet ohra l-ufficcji amministrattivi tal-Kunsill stante li attwalment il-Kunsill qieghed jopera minn kamra wahda zghira. Il-Kunsill ghandu ghalhekk

[1] Il-permessi relattivi ottenuti ghall-izvilupp tas-sit mertu ta' din il-kawza huma PA 337/01, PA 1535/06, PA 7083/07, PA 121/09 u PA 701/2014.

N. L. S.Bog

*logikament kif wkoll guridikament.*"[3] L-appellant jargumenta li: (a) il-konvenut appellat Kummissarju tal-Artijiet qatt m'gharaf lill-attur appellant bhala inkwilin; (b) li la darba l-attur appellant qatt ma kien maghruf bhala inkwilin, allura ma kienx jiswa li jinghata l-*congedo*; (c) li kieku l-konvenut appellat gharaf lill-attur appellant bhala inkwilin, il-*congedo* ma kienx jiswa.

Dan l-aggravju pero qieghed **jinjora** kompletament il-*punto di partenza* tal-azzjoni attrici. Minn qari tar-rikors guramentat huwa car li r-rikorrent kien qed jattakka l-ordni ta' zgumbrament fuq zewg binarji principali:

(a) Il-fatt li huwa inkwilin tal-post 189/190, Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex ghaliex kien wiret il-kirja minghand missieru u allura fil-mument tal-ordni ta' zgumbrament l-attur appellant kellu titolu validu ta' kera;

(b) La darba kien inkwilin, il-Kummissarju tal-Artijiet kien jehtieg li qabel johrog l-ordni ta' zgumbrament jaghti l-*congedo* lil Anthony Cassar sabiex tintemm il-kirja vigenti favur l-istess attur appellant. Tali *congedo* ma inghatax u l-ordni ta' zgumbrament ma tistax titqies li hija *congedo*. Ghalhekk l-attur appellant sostna li l-ordni ta' zgumbrament mhuwiex wiehed validu.

Dan ir-ragunament l-appellant jidher li issa insieh kollu. Fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant qieghed jammetti u jirrikonoxxi li huwa qatt ma kien rikonoxxut bhala inkwilin mill-Kummissarju tal-Artijiet. Allura la darba ma kienx rikonoxxut bhala inkwilin, ghall-Kummissarju tal-Artijiet Anthony Cassar kien qieghed jiddetjeni l-fond 189/190 Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex minghajr **l-ebda titolu validu**. Implicitament wkoll l-istess appellant qieghed jirrikonoxxi wkoll li allura r-regola tal-*congedo* – li tant enfasizza dwarha quddiem l-Ewwel Qorti li kellha tigi osservata – ma kinitx tapplika fil-konfront tieghu ghax ma kien hemm l-ebda kirja vigenti favur tieghu. Isegwi ghalhekk li l-Kummissarju tal-Artijiet ma kellu l-ebda obbligu li jaghtih *congedo* u li l-istess Kummissarju kien korrett jipprocedi bl-ordni ta' zgumbrament kontra r-rikorrent appellant ghas-semplici fatt li Cassar ma kellu l-ebda titolu validu fuq il-

[3] Pagna 3 tar-Rikors tal-Appell



N.C. S.Boy

kollox kuntrarji ghall-argumenti li ressaq b'sahha l-istess appellant quddiem l-Ewwel Qorti u jammontaw ghal bidla radikali u totali tal-istess difensjonali. Tali bidla assolutament mhix permessa abbazi tal-massima legali ikkwotata.

- <u>**Il-Kwistjoni dwar Jekk l-Appellant Wiritx l-Inkwilinat tal-Fond 189/190, Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex**</u>

Minghajr pregudizzju ghall-premess u irrispettivament mill-fatt jekk il-Kummissarju tal-Artijiet kienx irrikonoxxa lill-appellant jew le bhala inkwilin tal-fond, jibqa' l-fatt li fit-termini tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrent appellant **<u>ma seta' qatt jitqies</u>** li huwa wiret l-inkwilinat tal-fond minghand missieru. Dan kemm ghaliex il-Gvern mhux marbut b'dak li jistabilixxi l-Kap. 69 kif wkoll ghaliex fil-mument tal-mewt ta' missieru fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 1997, Anthony Cassar ma kienx abitwalment residenti ma' missieru. Hemm diversi elementi li jissuffragaw dan l-ahhar punt:

(a) Mario Micallef mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali xehed li huwa kien ghamel spezzjoni fil-post fiz-zmien meta kienet ghadha ma bdietx il-kawza (allura *tempore non sospecto*) u irrizulta li fil-fond 189/190, Triq tal-Ghajn Fontana, Ghawdex ma kien qieghed jirrisjedi hadd;

(b) Il-fond in kwistjoni ma kienx fih facilitajiet sanitarji u lanqas biss ma kien maghqud mas-sistema tad-drenagg tal-Gvern. Wiehed isibha difficli biex jemmen kif jista' jkun li xi hadd fis-seklu wiehed u ghoxrin f'Malta jista' joqghod f'post li m'ghandux sistema funzjonanti tad-drenagg, aktar u aktar meta fl-istess post kienu qeghdin jinzammu xi annimali li t-hmieg taghhom bil-fors ried jitnaddaf;[6]

(c) Parti mill-fond in kwistjoni kien imwaqqa' u fi stat perikolanti u zgur li ma kienx idoneju ghall-abitazzjoni;

(d) L-indirizz postali ta' Anthony Cassar kien u baqa' 113, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex. Il-korrispondenza dejjem

---

[6] Ara wkoll Affidavit ta' Saviour Borg, fol. 319.

appellant ma jwasslu ghall-ebda konvinciment morali li tikkonferma l-istess tezi tieghu.

- <u>Il-Congedo</u>

Huwa pacifiku li m'hemm l-ebda htiega li l-*congedo* jrid jinghata bil-miktub. Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Giuseppe Attard Portughese vs Giuseppe Bona</u>** ikkwotata mill-Ewwel Onorabbli Qorti *"m'hi mehtiega ebda forma skritta ghal-kongedo li jinghata mill-konduttur lili-lokatur biex jimpedixxi r-rilokazzjoni tacita tal-lokazzjoni korrenti fit-terminazzjoni taghha. Il-ligi ma tinhtieg xejn aktar ghajr il-manifestazzjoni ta' xi wahda mill-partijiet li ma tridx tirrinova l-kera u tali manifestazzjoni ta' valor ta hija notifikata lill-kontro-parti, l-inkwilin biex dana jizgombra mill-fond lokat. L-inkwilin il-qadim ma jkollu ebda dritt li jkompli jokkupa l-fond lokat wara li jsehh il-kongedo."*[9]

Fil-kaz in dizamina, huwa altru milli car li Anthony Cassar kien inghata l-*congedo*. Dan minkejja li strettament ma kien hemm l-ebda necessita biex jinghata peress li l-Kummissarju qatt ma kien irrikonoxxa lill-appellant bhala inkwilin u lanqas jista' jinghad li b'xi mod l-appellant kien wiret id-dritt ta' inkwilinat minghand missieru. Il-fatt li inghata l-kongedo jirrizulta mis-segwenti punti:

(a) Ir-rikorrent appellant xehed li l-Kummissarju tal-Artijiet kien waqaf jaccetta l-kera: *"L-ircevuti kienu johorgu fuq isem missieri sakemm dam ha, ghax imbaghad x'hin mort nibda nhallas jien, qatgnuhieli;"*[10]

(b) Sa mis-sena 2001, l-appellant kien konxju li kellu jivvaka mill-post ghaliex kien gie offrut kumpens sabiex ikun jista' jixtri post alternattiv u johrog mill-fond *de quo*. Dan kien erba' snin qabel ma inharget l-ordni ta' zgumbrament,

(c) L-appellant beda jiddeposita l-kera l-Qorti fil-15 ta' Settembru 2004 u cioe seba' xhur qabel ma inharget l-ordni ta' zgumbrament. Il-fatt li saret tali cedola ta' depositu mill-

---

[9] Riportata f'Vol. Vol XXVI.I.199
[10] Xhieda in kontro-ezami ta' Anthony Cassar, fol. 343 tal-process

prezentata wkoll quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti umilment jissottometti li ma jezistux l-estremi voluti mil-ligi sabiex l-apprezzament ta' fatt u l-enuncjazzjoni tal-ligi ezegwiti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali jigu disturbati minn din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell; anzi ezami akkurat mill-gdid tal-fatti u l-principji legali ta' din il-kawza ghandu jerga' jwassal sabiex din l-Onorabbli Qorti tirrijafferma *in toto* s-sentenza appellata.

Daqstant ghandu x'jissottometti l-Kunsill esponenti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

**Av Jean Paul Grech**
Jon Apartments, Flat 1
Triq Fortunato Mizzi
Rabat, Ghawdex
Jpg502@hotmail.com

**PL Davina Sullivan**

Notifika: **Dr Deborah Mercieca** – Il-Qorti, Ghawdex
**Dr Mireille Sacco** – Ufficju ta' Avukat Generali, Il-Palazz, Valletta, Malta

30 DEC 2015
Illum ______
Ippreżentata minn
______
Id-dokumenti
______
Deputat Reġistratur

John Vella
Deputy Registrar

# RIKORS ĠURAMENTAT

REGISTRY GOZO COURTS
JU
30 DEC 2015
34
RECEIVED

39

~~Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili~~
Fil-Qorti tal-Appell

Rik. Ġur.: 55/2005 PC

ATTI MIBGHUTA MILL-QORTI T'GHAWDEX

WASLU ILLUM 30-12-15

Deputat Registratur

Anthony Cassar

vs

Kummissarju tal-Artijiet u b'digriet tal-4 ta' April 2014 il-Kunsill Lokali tal-Fontana gie awtorizzat jabiex jintervjeni fil-kawza in statu et terminis.

Appuntat
Differit

Notifika lil: Dr. Deborah Mercieca - Il-Qorti, Ghawdex
Dr. Mireille Sacco - Ufficju tal-Avukat Generali, Il-Palazz, Valletta, Malta.

Iffirmat
P.L./Avukat

Dr Jean Paul Grech B.A., LL.D.
Jon Apartments, Flat 1,
Fortunato Mizzi Street,
Victoria, Gozo VCT 2579
Malta

N.G. [signature]

# RIKORS ĠURAMENTAT

REGISTRY GOZO COURTS
30 DEC 2015
384
RECEIVED

39

~~Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili~~
Fil-Qorti tal-Appell

Rik. Ġur.: 55/2005 PC

Anthony Cassar

vs

Kummissarju tal-Artijiet u b'digriet tal-4 ta' April 2014 il-Kunsill Lokali tal-Fontana gie awtorizzat sabiex jintervjeni fil-kawza in statu et terminus.

Appuntat
Differit

Notifika lil: Dr. Deborah Mercieca - fil-Qorti, Għawdex
Dr. Mireille Sacco - Uffiċju tal-Avukat Ġenerali, il-Palazz, Valletta, Malta.

Iffirmat
P.L./Avukat

Dr Jean Paul Grech B.A., LL.D.
Jon Apartments, Flat 1,
Fortunato Mizzi Street,
Victoria, Gozo VCT 2579
Malta

N.G. S.Borg

Paġi €80.00
Nota €6.00
Ittra €1.20
€87.20

REGISTRY GOZO COURTS
30
30 DEC 2015
384
RECEIVED

39

Fil-Qorti tal-Appell
(Civili Superjuri)

Rikors Guramentat Nru 55/2005 PC

Anthony Cassar

Vs

Kummissarju tal-Artijiet; u b'digriet tal-4 ta' April 2014, il-Kunsill Lokali tal-Fontana gie awtorizzat sabiex jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis*

Risposta tal-Appell tal-intervenut il-***Kunsill Lokali Fontana*** ta' "Multi-Purpose Room", L-Ewwel Fazi tac-Centru Civiku, Triq ta' Mulejja, Fontana, Ghawdex

Jesponi bir-rispett:

Illi l-appell odjern huwa kompletament infondat fid-dritt u fil-fatt u ghandu jigi rigettat prevja l-konferma tas-sentenza tat-tlettax (13) ta' Novembru 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali, liema sentenza hija gusta u timmerita li tigi konfermata *in toto*.

- **Fatti tal-Kaz**

L-esponenti Kunsill Lokali intervjena *in statu et terminis* in vista li huwa ghandu interess guridiku intimament marbut mal-mertu ta' din il-kawza. Dan ghaliex l-art li fuqha attwalment huwa mibni l-fond fil-pussess ta' Anthony Cassar kienet giet esproprjata ghall-skop pubbliku u illum hija intiza biex il-Kunsill Lokali ikompli bil-bini tal-ahhar fazi tac-Centru Civiku ghal-lokalita tal-Fontana fit-termini tal-permessi gia ottenuti mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.[1] Din il-fazi sejra tinkorpora fost affarijiet ohra l-ufficcji amministrattivi tal-Kunsill stante li attwalment il-Kunsill qieghed jopera minn kamra wahda zghira. Il-Kunsill ghandu ghalhekk

[1] Il-permessi relattivi ottenuti ghall-izvilupp tas-sit mertu ta' din il-kawza huma PA 337/01, PA 1535/06, PA 7083/07, PA 121/09 u PA 701/2014.

N. G. S Borg

interess li tigi konfermata l-ordni ta' zgumbrament biex l-art imbagħad tkun tista' tigi devoluta lill-Kunsill skont kif gia` pattwit mad-Dipartiment tal-Artijiet bl-intiza li jitkompla l-bini tac-centru fl-interess ahhari tar-residenti tal-Fontana, Ghawdex u l-Kunsill jkollu ufficini adegwati sabiex jaqdi l-funzjonijiet tieghu.

Il-fatti tal-kaz huma pjuttost semplici. Salvu Cassar, missier ir-rikorrent appellant Anthony Cassar, kien inkwilin tal-post bin-numri 189/190 Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex. Salvu Cassar gie nieqes fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 1997. Wara l-mewt ta' missieru, Anthony Cassar ippretenda li huwa kellu jigi rikonoxxut bhala inkwilin tal-fond ghaliex qal li kien joqghod ma' missieru fil-mument tal-mewt. Il-Kummissarju tal-Artijiet fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali ma irrikonoxxiex lil Anthony Cassar bhala l-inkwilin tal-post anke ghaliex irrizulta li Cassar ma kienx qieghed jirrisjedi fil-fond 189/190 fi Triq tal-Ghajn, Fontana izda kien qieghed jirrisjedi f'numru 113, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex. Id-Dipartiment lanqas qatt ma accetta hlas ta' xi kera minghand Anthony Cassar u fl-ebda hin ma irrikonoxxieh bhala inkwilin.[2]

Fl-14 ta' April 2005, il-Kummissarju tal-Artijiet hareg ordni ta' zgumbrament kontra Anthony Cassar stante li l-istess Anthony Cassar kien qieghed jokkupa l-fond minghajr titolu validu. Anthony Cassar ipproceda b'mandat ta' inibizzjoni kontra l-Kummissarju tal-Artijiet biex il-Kummissarju ma jkomplix bl-izgumbrament tal-post. Il-mandat gie akkordat u in sostenn ta' dan il-mandat, Anthony Cassar ipprezenta l-kawza odjerna fejn huwa qieghed jitlob it-thassir, ir-revoka u l-kancellament tal-ordni ta' zgumbrament mill-fond 189/190, Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex kantuniera ma' Triq ta' Mulejja mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet fl-14 ta' April 2005.

- **<u>L-Aggravju Sollevat mir-Rikorrent Appellant</u>**

Ir-rikorrent appellant qieghed isejjes dan l-appell tieghu fuq l-allegazzjoni li r-ragunament tal-Qorti kien vizzjat *"fattwalment,*

[2] Ara xhieda in kontro-ezami ta' Anthony Cassar, Fol. 342 – 343.

*logikament kif wkoll guridikament."*[3] L-appellant jargumenta li: (a) il-konvenut appellat Kummissarju tal-Artijiet qatt m'gharaf lill-attur appellant bhala inkwilin; (b) li la darba l-attur appellant qatt ma kien maghruf bhala inkwilin, allura ma kienx jiswa li jinghata l-*congedo*; (c) li kieku l-konvenut appellat gharaf lill-attur appellant bhala inkwilin, il-*congedo* ma kienx jiswa.

Dan l-aggravju pero qieghed **<u>jinjora</u>** kompletament il-*punto di partenza* tal-azzjoni attrici. Minn qari tar-rikors guramentat huwa car li r-rikorrent kien qed jattakka l-ordni ta' zgumbrament fuq zewg binarji principali:

(a) Il-fatt li huwa inkwilin tal-post 189/190, Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex ghaliex kien wiret il-kirja minghand missieru u allura fil-mument tal-ordni ta' zgumbrament l-attur appellant kellu titolu validu ta' kera;

(b) La darba kien inkwilin, il-Kummissarju tal-Artijiet kien jehtieg li qabel johrog l-ordni ta' zgumbrament jaghti l-*congedo* lil Anthony Cassar sabiex tintemm il-kirja vigenti favur l-istess attur appellant. Tali *congedo* ma inghatax u l-ordni ta' zgumbrament ma tistax titqies li hija *congedo*. Ghalhekk l-attur appellant sostna li l-ordni ta' zgumbrament mhuwiex wiehed validu.

Dan ir-ragunament l-appellant jidher li issa insieh kollu. Fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant qieghed jammetti u jirrikonoxxi li huwa qatt ma kien rikonoxxut bhala inkwilin mill-Kummissarju tal-Artijiet. Allura la darba ma kienx rikonoxxut bhala inkwilin, ghall-Kummissarju tal-Artijiet Anthony Cassar kien qieghed jiddetjeni l-fond 189/190 Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex minghajr **<u>l-ebda titolu validu</u>**. Implicitament wkoll l-istess appellant qieghed jirrikonoxxi wkoll li allura r-regola tal-*congedo* – li tant enfasizza dwarha quddiem l-Ewwel Qorti li kellha tigi osservata – ma kinitx tapplika fil-konfront tieghu ghax ma kien hemm l-ebda kirja vigenti favur tieghu. Isegwi ghalhekk li l-Kummissarju tal-Artijiet ma kellu l-ebda obbligu li jaghtih *congedo* u li l-istess Kummissarju kien korrett jipprocedi bl-ordni ta' zgumbrament kontra r-rikorrent appellant ghas-semplici fatt li Cassar ma kellu l-ebda titolu validu fuq il-

[3] Pagna 3 tar-Rikors tal-Appell


N.L. S.Boy

proprjeta. Ghalhekk m'hemm xejn x'jigi censurat fil-mod ta' kif ipproceda l-Kummissarju tal-Artijiet. Kif sewwasew gie ritenut fis-sentenza ikkwotata mill-appellant inniffsu fl-ismijiet **John Geranzi Limited vs Il-Kummissarju tal-Artijiet**, l-artikolu 3 tal-Kap. 228 japplika f'kazijiet fejn il-proprjeta tkun okkupata bla titolu. Dan kien kaz fejn l-appellant ma kellu l-ebda titolu rikonoxxut mill-appellat Kummissarju tal-Artijiet u allura l-istess Kummissarju seta' jipprocedi kif fil-fatt ipproceda u juza l-poteri koncessi lilu mill-Kap. 228.[4]

Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti umilment jissottometti wkoll li ghall-aggravju imressaq issa mill-appellant josta l-principju *selecta una via non datur recursum ad alteram*. Kif senjalat mill-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Diana mart Edgar Gatt et vs Vincent Said**: *"Una volta l-parti f'kawza tkun ghazlet triq ta' difiza tal-jeddijiet taghha, kemm bhala attur kif wkoll bhala konvenut, u procediet fuqhom bil-prezentata ta' azzjoni jew eccezzjoni ma kienx konsentit lil dik il-parti f'dawk l-istess proceduri tibdel il-linja difensjonali taghha."*[5] La darba quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti kien hemm insistenza mill-appellant li huwa kien verament inkwilin tal-fond in kwistjoni u li bhala tali kien jispetta li jinghata l-*congedo*, huwa prekluz ghall-appellant li issa jigi u jattakka s-sentenza appellata fuq binarji kompletament differenti kif qieghed sewwasew jipprova jaghmel f'dan ir-rikors tal-appell. L-appellant qed jipprova jiehu vantagg mill-fatt ghax skont hu l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li l-Kummissarju tal-Artijiet kien irrikonoxxa lill-appellant bhala inkwilin. Dan meta quddiem l-Ewwel Qorti l-istess appellant xeba' jhambaq li huwa kien inkwilin u li l-Kummissarju tal-Artijiet kien obbligat jirrikonoxxieh. Tant hu hekk li ipprova jikkonvinci lill-Ewwel Qorti li huwa kien abitwalment residenti fil-post in kwistjoni fil-Fontana peress li kellu problemi serji matrimonjali. Lanqas ma jista' l-appellant issa jargumenta li l-Kummissarju ma seta' jaghtih l-ebda *congedo* ghax ma irrikonoxxiehx, meta quddiem l-Ewwel Qorti insista ghal numru interminabbli ta' drabi li l-Kummissarju kien obbligat li jaghtih il-*congedo* u li la darba dan ma kienx inghata, allura l-ordni ta' zgumbrament ma kinitx wahda valida. Dawn l-argumenti huma ghal

---

[4] Ara pagna 4 tar-rikors tal-appell.

[5] Deciza fit-23 ta' Frar 2001 mill-Qorti tal-Appell, pagna 27 tas-sentenza.

kollox kuntrarji ghall-argumenti li ressaq b'sahha l-istess appellant quddiem l-Ewwel Qorti u jammontaw ghal bidla radikali u totali tal-istess difensjonali. Tali bidla assolutament mhix permessa abbazi tal-massima legali ikkwotata.

- **<u>Il-Kwistjoni dwar Jekk l-Appellant Wiritx l-Inkwilinat tal-Fond 189/190, Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex</u>**

Minghajr pregudizzju ghall-premess u irrispettivament mill-fatt jekk il-Kummissarju tal-Artijiet kienx irrikonoxxa lill-appellant jew le bhala inkwiin tal-fond, jibqa' l-fatt li fit-termini tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrent appellant **<u>ma seta' qatt jitqies</u>** li huwa wiret l-inkwilinat tal-fond minghand missieru. Dan kemm ghaliex il-Gvern mhux marbut b'dak li jistabilixxi l-Kap. 69 kif wkoll ghaliex fil-mument tal-mewt ta' missieru fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 1997, Anthony Cassar ma kienx abitwalment residenti ma' missieru. Hemm diversi elementi li jissuffragaw dan l-ahhar punt:

(a) Mario Micallef mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali xehed li huwa kien ghamel spezzjoni fil-post fiz-zmien meta kienet ghadha ma bdietx il-kawza (allura *tempore non sospecto*) u irrizulta li fil-fond 189/190, Triq tal-Ghajn Fontana, Ghawdex ma kien qieghed jirrisjedi hadd;

(b) Il-fond in kwistjoni ma kienx fih facilitajiet sanitarji u lanqas biss ma kien maghqud mas-sistema tad-drenagg tal-Gvern. Wiehed isibha difficli biex jemmen kif jista' jkun li xi hadd fis-seklu wiehed u ghoxrin f'Malta jista' joqghod f'post li m'ghandux sistema funzjonanti tad-drenagg, aktar u aktar meta fl-istess post kienu qeghdin jinzammu xi annimali li l-hmieg taghhom bil-fors ried jitnaddaf;[6]

(c) Parti mill-fond in kwistjoni kien imwaqqa' u fi stat perikolanti u zgur li ma kienx idoneju ghall-abitazzjoni;

(d) L-indirizz postali ta' Anthony Cassar kien u baqa' 113, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex. Il-korrispondenza dejjem

[6] Ara wkoll Affidavit ta' Saviour Borg, fol. 319.



N.C. SBorg

intbaghtitlu f'dak l-indirizz. Gieli anke intbaghtitlu posta registrata fl-istess indirizz u giet imqassma. Difatti kull korrispondenza li intbaghtitlu f'dak l-indirizz dejjem giet imwiegba;[7]

(e) Waqt laqghat tal-Kunsill, Anthony Cassar (li kien wkoll ghal xi zmien Kunsillier tal-Fontana) gieli cempel lil martu jinfurmaha li kien se jittardja bil-laqghat fil-bini tal-Kunsill u dan bl-intiza biex martu iddum biex tlestilu l-ikel;

(f) Il-vettura tal-attur appellant filghaxijiet kienet tkun quddiem id-dar tar-residenza tieghu f'Ghajnsielem kif sewwasew ikkonferma x-xhud Saviour Borg. Jekk tabilhaqq ir-residenza tieghu kienet fil-Fontana u Anthony Cassar kien jorqod il-Fontana, wiehed kien jistenna li l-vettura tieghu tkun parkeggjata fl-akkwati tad-dar tal-Fontana u mhux in-naha l-ohra tal-gzira;

(g) Ma ingabet l-ebda prova tal-konsum tad-dawl u ilma fil-fond numru 189/190, Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex biex jigi verifikat jekk verament l-attur appellant kienx qieghed jokkupa dan il-fond kif kien qieghed jallega hu u lanqas ma ingabet prova li ghall-fini ta' sussidju ghall-konsum tad-dawl u ilma huwa ma kienx registrat fuq il-fond 113, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem;

(h) L-appellant irregistra biss il-karta tal-identita tieghu fuq il-fond 190, Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju 1999 u cioe kwazi sentejn wara li miet missieru.[8] Jekk verament dan il-post fil-Fontana kienet ir-residenza ordinarja tal-appellant, ma kienx jaghmel sens li l-karta tal-identita tieghu tkun registrata fuq post iehor;

Kien jinkombi unikament u esklussivament fuq ir-rikorrent appellant li huwa jgib prova biex juri li effettivament huwa kien intitolat ghall-inkwilinat tal-post. Tali oneru ta' prova ma giex skarikat b'mod adegwat mill-attur appellant; anzi l-provi prodotti mill-istess

---

[7] Ara ittri a fol. 326 sa 238 mibghuta qabel ma kienet inbdiet din il-kawza.

[8] Ara Xhieda ta' Mario Tabone moghtija fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2007.



N.C. S.Borg

appellant ma jwasslu ghall-ebda konvinciment morali li tikkonferma l-istess tezi tieghu.

- **Il-Congedo**

Huwa pacifiku li m'hemm l-ebda htiega li l-*congedo* jrid jinghata bil-miktub. Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Attard Portughese vs Giuseppe Bona** ikkwotata mill-Ewwel Onorabbli Qorti *"m'hi mehtiega ebda forma skritta ghall-kongedo li jinghata mill-konduttur lill-lokatur biex jimpedixxi r-rilokazzjoni tacita tal-lokazzjoni korrenti fit-terminazzjoni taghha. il-ligi ma tinhtieg xejn aktar ghajr il-manifestazzjoni ta' xi wahda mill-partijiet li ma tridx tirrinova l-kera u tali manifestazzjoni ta' volonta hija notifikata lill-kontro-parti, l-inkwilin biex dana jizgombra mill-fond lokat. L-inkwilin il-qadim ma jkollu ebda dritt li jkompli jokkupa l-fond lokat wara li jsehh il-kongedo."*[9]

Fil-kaz in dizamina, huwa altru milli car li Anthony Cassar kien inghata l-*congedo*. Dan minkejja li strettament ma kien hemm l-ebda necessita biex jinghata peress li l-Kummissarju qatt ma kien irrikonoxxa lill-appellant bhala inkwilin u lanqas jista' jinghad li b'xi mod l-appellant kien wiret id-dritt ta' inkwilinat minghand missieru. Il-fatt li inghata l-kongedo jirrizulta mis-segwenti punti:

(a) Ir-rikorrent appellant xehed li l-Kummissarju tal-Artijiet kien waqaf jaccetta l-kera: *"L-ircevuti kienu johorgu fuq isem missieri sakemm dam haj, ghax imbaghad x'hin mort nibda nhallas jien, qatghuhieli;"*[10]

(b) Sa mis-sena 2001, l-appellant kien konxju li kellu jivvaka mill-post ghaliex kien gie offrut kumpens sabiex ikun jista' jixtri post alternattiv u johrog mill-fond *de quo*. Dan kien erba' snin qabel ma inharget l-ordni ta' zgumbrament;

(c) L-appellant beda jiddeposita l-kera l-Qorti fil-15 ta' Settembru 2004 u cioe seba' xhur qabel ma inharget l-ordni ta' zgumbrament. Il-fatt li saret tali cedola ta' depositu mill-

[9] Riportata f'Vol. Vol XXVI.i.199

[10] Xhieda in kontro-ezami ta' Anthony Cassar, fol. 343 tal-process.

appellant necessarjament tfisser li l-kera kienet giet offruta lill-Kummissarju u dan ma accettax tali hlas. In-nuqqas ta' accettazzjoni ta' hlas hija forma valida ta' *congedo* kif ritenut mill-Qorti fis-sentenza **Emanuel Abela vs Paul Abela et**.[11]

La darba inghata l-*congedo* u l-appellant baqa' jokkupa l-fond wara li l-istess *congedo* gie komunikat lilu, huwa kien qieghed jaghmel dan minghajr l-ebda titolu u l-Kummissarju tal-Artijiet kien intitolat li juza l-poteri lilu konferiti mill-Kap. 228. Ma kien hemm xejn ultra vires fil-mod ta' kif mexa l-istess Kummissarju.

L-appellant jipprova jissuggerixxi li fil-kaz *de quo* kellhom jigu applikati d-dettami tal-artikolu 1567A tal-Kodici Civili li jistabilixxi: *"Minkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Kodiċi u ta' kull liġi oħra sid il-kera meta dan ikun il-Gvern jew xi korporazzjoni jew awtorità mwaqqfa b'liġi jista' f'kull żmien fl-interess tal-pubbliku, iħoll il-kuntratt tal-kiri meta l-kiri jkun sar għal żmien determinat li jkun għadu ma għalaqx, billi jagħti avviż tal-istess b'att ġudizzjarju lill-kerrej, liema avviż għandu jkun ta' mhux anqas minn tliet xhur kemm fil-każ ta' fondi ta' bini użat għal abitazzjoni kif ukoll fil-każ ta' fondi oħra; u malli jingħata dak l-avviż il-kuntratt ta' kiri jinħall fid-data msemmija fl-avviż u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-subtitolu."*

Dan l-artikolu pero huwa kompletament inapplikabbli ghall-kaz odjern. Dan ghar-raguni li dan l-artikolu japplika ghall-kazijiet fejn ghandek kirja maghmula **ghal zmien determinat li jkun ghadu ma ghalaqx**. Kif irriteniet l-Ewwel Onorabbli Qorti: *"Dan mhux il-kaz hawnhekk, ghax il-kirja kienet wahda antika, li baqghet tigi mgedda minn sena ghall-ohra skont l-artikolu 1532 tal-Kap. 16. La darba allura ma kienx mehtieg l-ebda att gudizzjarju sabiex jinghata l-congedo, dan seta jsir bi kwalunkwe mod."*[12]

- **Konkluzjoni**

Ghaldaqstant filwaqt li mill-gdid jaghmel riferenza ghall-provi mibgura quddiem l-Ewwel Qorti u n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu

[11] Deciza fil-5 ta' Marzu 2003 mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri)

[12] Pagna 6 tas-sentenza appellata.

prezentata wkoll quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti umilment jissottometti li ma jezistux l-estremi voluti mil-ligi sabiex l-apprezzament ta' fatt u l-enuncjazzjoni tal-ligi ezegwiti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali jigu disturbati minn din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell; anzi ezami akkurat mill-gdid tal-fatti u l-principji legali ta' din il-kawza ghandu jerga' jwassal sabiex din l-Onorabbli Qorti tirrijafferma *in toto* s-sentenza appellata.

Daqstant ghandu x'jissottometti l-Kunsill esponenti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

**Av Jean Paul Grech**
Jon Apartments, Flat 1
Triq Fortunato Mizzi
Rabat, Ghawdex
Jpg502@hotmail.com

**PL Davina Sullivan**

**Notifika:** **Dr Deborah Mercieca** – Il-Qorti, Ghawdex
**Dr Mireille Sacco** – Ufficju tal-Avukat Generali, Il-Palazz, Valletta, Malta

illum 30 DEC 2015
ippreżentata minn
bla dokumenti
Għar-Reġistratur

**Fil-Qorti tal-Appell**

KOPJA

Rikors Ġuramentat 55/2005
*Maġistrat Paul Coppini*

**Anthony Cassar**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

*Deċiża*: 13 ta' Novembru 2015

**Risposta t'appell** tal-Kummissarju tal-Artijiet għar-rikors tal-appell ippreżentat minn Anthony Cassar fit-30 ta' Novembru 2015

Jesponi bir-rispett:

Illi bil-preżenti risposta, l-esponent qua appellat ser iwieġeb għar-rikors tal-appell interpost mill-appellant Anthony Cassar li permezz tiegħu talab lil dina l-Onorabbli Qorti tħassar id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fit-13 ta' Novembru 2015 u 'minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellat esponent u tilqa t-talbiet tal-attur' appellant, 'bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur'.

**Sentenza**

Illi b'sentenza mogħtija fit-13 ta' Novembru 2015, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali ddeċidiet '*Għaldaqstant, billi rriżulta li l-ordni ta' żgumbrament datat l-14 ta' April 2005 li biha l-attur ġie mitlub jiżgombra mill-fond 190, Triq tal-Għajn, Fontana, Għawdex, inħarġet b'mod regolari u kif trid il-liġi, t-talba tal-attur ma tistax tiġi milqugħa. Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu. L-ispejjeż tal-intervenut fil-kawża jibqgħu a karigu tiegħu.*'

**Osservazzjoni**

L-esponent jirrileva illi għall-finijiet ta' kjarezza u kompletezza tal-ġudizzju, in-numru ta' ċitazzjoni li ġie kwotat fl-aħħar paragrafu tal-appell u ċioe fit-talba huwa erronjament imniżżel bħala 881/2010. Mill-atti tal-Qorti jirriżulta illi n-numru ta' ċitazzjoni huwa fil-fatt 55/2005.

N.G. S.Borg

**Eżami tal-aggravju**

Mill-qari tar-rikors jidher illi l-aggravju għalkemm mhux daqstant ċar huwa wieħed li jikkonsisti fis-segwenti: 'li l-konvenut kien għaraf lill-attur bħala inkwilin; li kien ikkonġedah meta ma baqax jaċċetta l-kera; li ergo l-attur ġie mingħajr titlu għax kien applikabbli l-Kodiċi Ċivili li ma jipproteġix lill-inkwilin ta' proprjeta governattiva u mhux il-Kap 69, u allura l-konvenut kien intitolat japplika l-poteri li jagħtih il-Kap 228'.

- Titolu: l-appellat qatt m'għaraf lill-attur bħala inkwilin

Preliminarjament jingħad illi m'hemm assolutament l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-Kummissarju appellat kien irrikonoxxa lill-missier l-appellant u ċioe lil Salvu Cassar iżda qatt ma rikonoxxa lill-appellant bħala inkwilin. Dan ifisser għalhekk li ġaladarba l-appellant qatt ma ġie rikonoxxut bħala inkwilin, l-istess appellant m'għandu l-ebda titolu validu fil-liġi fuq il-fond 189 / 190, Triq il-Għajn, Fontana. Dan huwa element bażilari u l-punt ta' departenza.

Referenza għandha ssir għall-provedimenti tal-Att Dwar Żgumbrament minn Artijiet (Kapitolu 228 tal-Liġijiet ta' Malta), speċifikament Artikolu 3 ta' dan l-att li jispeċifika li '*il-Kummissarju jekk fil-fehma tiegħu jkun meħtieġ jew spedjent li jagħmel, jista fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu jordna l-iżgumbrament ta' kull persuna minn kull art li tkun okkupata minn dik il-persuna mingħajr ebda titolu....*'

In vista tal-fatt li Anthony Cassar qatt ma ġie rikonoxxut bħala inkwilin ifisser li l-appellant qiegħed jokkupa proprjeta pubblika mingħajr ebda titolu u għalhekk kien hemm kull lok li jiġi applikat l-artikolu hawn kwotat fejn l-appellat jordna l-iżgumbrament.

L-esponent diġa issottometta fin-nota ta' sottomissjonijiet minnu ppreżentata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fil-31 t'Awwissu 2015, illi l-attur qatt ma ġab prova ta' xi titolu validu li jista' għandu fuq dik il-proprjeta. Imbilli jitilgħu xhieda jgħidu li dejjem raw lil Cassar dieħel fil-fond m'għandomx valur probatorju għaliex biex wieħed juri li għandu titolu, irid iġib prova konkreta u oġġettivament verifikabbli. Kien Anthony Cassar innifsu anzi li kkonferma meta ġie mistoqsi fil-15 ta' Diċembru 2011 jekk qattx irċieva xi ittra mingħand il-Kummissarju tal-Artijiet li turi li huwa ġie rikonoxxut minflok missieru li qal 'Le qatt ma rċivejt dik'. Di piu, meta kien mistoqsi 'il-Kummissarju tal-Artijiet qatt tak awtorizazzjoni biex tkompli tgħix hemmek wara li miet missierek?' Cassar wieġeb 'Le, minn daqsehkk qatt ma tani'. Aktar 'l isfel fix-xhieda tiegħu jkompli jisħaq li 'm'għandix karti kkonfermat li jien [awtorizat]'.

Allura wieħed isaqsi, x'titolu qiegħed jisħaq li għandu? Kif għandu titolu jekk qatt ma ġie rikonoxxut mill-esponenti? Fejn hi l-prova ta' dan it-titolu? Dawn huma mistoqsijiet li qatt ma ġew mwieġba mir-rikorrent appellant. Li wieħed jistrieħ sempliċiment fuq il-fatt li kien jgħix ma' missieru (għalkemm lanqas prova ta' din qatt ma nġabet), ma tagħti l-ebda dritt



N.C. S.Borg

awtomatiku illi jiġi rikonoxxut mill-esponenti. Tajjeb jingħad illi Anthony Cassar ried iġib prova konkreta u sodisfaċneti li huwa kien qiegħed jirrisjedi ma' missieru fil-mument tal-mewt. Il-piż tal-prova ta' dan il-fatt kien jistriħ fuq Anthony Cassar innifsu stante li huwa qiegħed jallega li huwa ntitolat ikomplu l-kirja a bażi ta' dak il-fatt. Pero, bħal ma diġa ingħad, l-ebda prova konvinċenti f'dan is-sens ma tresqet mill-appellant fl-istadju tal-provi tiegħu.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri u martu Mary Camilleri vs. Kumissarju tal-Artijiet***, il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha tal-11 ta' April 2006 rriteniet: "Kif tajjeb osservaw l-apppellanti fir-rikors ta' appell taghhom, il-Kap. 228 gie promulgat biex jiffacilita irripresa tal-pussess da parti tal-Istat ta' proprjeta' li tkun qed tigi okkupata abuzivament, b'mod li meta l-Kummissarju jiddeciedi li art hekk okkupata ghandha tigi zgumbrata, ikun min jippretendi li ghandu dritt jibqa' fuq dik l-art – u mhux il-Kummissarju – li jkollu l-obbligu li jadixxi lill-Qorti, biex juri li huwa verament ghandu titolu."[1]

Kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel, ġaladarba Anthony Cassar ma kienx rikonoxxut bħala inkwilin u ma kellux titolu validu fil-liġi, bl-ebda mod ma kien jispetta fuq il-Kummissarju appellat li jagħti avviż lil Anthony Cassar sabiex jevaka l-fond qabel ma fil-fatt joħroġ l-ordni ta' zgumbrament per se. Iżda fiż-żgur hu li wara li ġiet a konnoxxenza tiegħu li l-Kummissarju esponent m'huweix ser ikompli jaċċetta l-kirja l-appellant kien qiegħed jagħmel użu mill-fond mingħajr titolu (għalkemm l-esponent jisħaq li l-appellant qatt ma kellu titolu validu fil-liġi).

L-Onor. Imħallef Philip Sciberras, fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs. Victor Callerja et*** (Ċit Nru 354/2003/1) deċiża fid-9 ta' Jannar 2008 mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) ikkonferma is-sentenza tal-Bord tal-Kera fejn ġie kkunsidrat:

> Saru komunissimi l-kawzi li jimpustaw fuq il-kawzali 'bla titolu' talbiet ghar-ripreza ta' pussess ta' fond jew zgumbrament. Pero, kif intqal f'diversi okkazzjonijiet minn din il-Qorti – bla titolu – guridikament timporta okkupazzjoni li tkun saret minghajr kunsens, abbusivament bi vjolenza, b'arbitriju jew klandestinament, liema illegalita' pperdurat sal-mument li tkun giet proposta l-kawza. 'Bla titolu' ma tfissirx – bhala kawzali- xi kwalita ta' titolu li seta kien hemm, imma issa, wahda mill-partijiet tirritjeni li m'ghadux jissusisti, u ghalhekk ikun hemm bzonn dikjarazzjoni gudizzjarja li t-titolu li kien hemm spicca, jew b'xi mod iehor m'ghadux validu, minhabba ragunijiet ta' zmien, morozita, non osservanza tal-kundizzjonijiet tat-titolu u simili.'

Il-Bord tal-Kera wara li jagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet ***Mario Galea Testaferrata vs. Joseph N Tabone noe*** (deċiża fil-5 t'Ottubru 1998) u kkonfermat bis-sentenza ***Joseph Pace et vs. Salvatore Attard*** (deċiża fit-28 t'April 2004), jispjega illi 'l-frazi 'bla titolu' ghandha titqies li legalment iggib maghha ghamla ta' okkupazzjoni li, sa

[1] Enfażi miżjud.



N.L SBay

mill bidu nett taghha, ma kienitx konsentita, jew ghaliex tkun wettqet minghajr ir-rieda ta' sid il-post li jkun, jew ghaliex tkun ittiehdet b'mod abbusiv jew bi vjolenza jew arbitrarjament, jew bil-mohbi tas-sid, liema illegalita' tkun issoktat sal-waqt li tinbeda l-kawza.'[2]

L-appellant jagħmel referenza għal kawża deċiża fit-13 ta' Lulju 2012 fl-ismijiet ***John Geranzi Limited vs. il-Kummissarju tal-Artijiet*** (Ċit Nru 881/2010). Preliminarjmanet l-esponent jirreleva illi din is-sentenza hija soġġetta għal appell għaldaqstant id-deċiżjoni m'hijiex *res judicata*. Fit-tieni lok, is-suġġett in materja bejn il-kawża hawn kwotata u l-kawża in eżami hija totalment differenti tant illi fil-kawża 881/2010 il-fond huwa ta' ħanut li kien mikri lil John Geranzi Limited u għaldaqstant is-soċjeta kienet rikonoxxuta mal-Kumissarja bħala inkwilin. Fil-kawża in eżami, l-appellant Cassar la għandu kirja ta' fond u wisq anqas huwa rikonoxxut bħala inkwilin mal-Kummissarju. Fil-kawża istitwita minn John Geranzi Limited, ġa ladarba kien hemm inkwilin rikonoxxut, dak l-inkwilin kellu titolu validu fil-liġi; fil-kawża in eżami Anthony Cassar m'huwiex rikonoxxut u għalhekk m'għandux titolu. Li għandu jingħad fi zgur huwa li wara li s-soċjeta attriċi fil-kawża hawn kwotata ingħatat il-kongedo u t-terminu għadda, is-soċjeta John Geranzi Limited kienet qed tokkupa l-fond hemm in kwistjoni mingħajr titolu wkoll. Iżda mingħajr preġudizzju, il-Prim'Awla rritenit fost oħrajn illi 'L-Artikolu 3 tal-Kap. 288 japplika biss fil-kaz ta' proprjeta' li:- (a) tkun okkupata bla titolu [...]', kif huwa fil-fatt il-każ in eżami.

In konnessjoni mas-surreferrit l-esponent jirrileva illi r-rikors t'appell huwa miżgħud b'inkonsistenzi u kontradizzjonijiet liema jrendu din l-azzjoni fiergħa u vessatorja. Dan qiegħed jingħad għaliex waqt li f'nifs jingħad illi 'il-konvenut qatt m'għaraf lill-attur bħala inkwilin' sussegwetnament wieħed jaqra fir-rikors t'appell illi 'fil-fatt l-attur kien inkwilin' u b'dan għalhekk imur proprju kontra l-aggravju tiegħu stess fejn qiegħed jgħid li l-Qorti tal-Maġistrati ikkunsidrat illi 'l-konveut kien għaraf lill-attur bħala inkwilin'. Għall-Kummisarju appellat huwa ċar li Anthony Cassar m'huwiex u qatt ma kien rikonoxxut bħala inkwilin, iżda għal xi raġuni magħrufa biss mill-appellant, dan ta' l-aħħar qed joħloq konfuzzjoni ta' fil-fatt x'kien.

Il-Qrati nostrana kellhom diversi opportunitajiet li jiddefinixxu u jidħlu fid-dettall dwar x'jammonta frivolu u vessatorju. Fosthom il-Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fis-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Bugeja vs l-Avukat Ġenerali et*** deċiża fis-26 ta' Marzu 2013, u waqt li għamlet referenza għal żewġ sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, ***Mifsud et vs. l-Avukat Ġenerali et*** tat-23 ta' Novembru 1990 u ***Ciantar et vs. il-Prim Ministru ta' Malta*** deċiża fl-10 ta' Mejju 1995, spjegat illi

> kif ingħad bosta drabi, bil-kelma "frivola", ġie mill-Qrati mfisser li kwestjoni hija ta' ebda preġju jew siwi u li ma jisthoqqilhiex attenzjoni; filwaqt li bil-kelma "vessatorja" wieħed jifhem li l-kwestjoni tqanqlet mingħajr raġunijiet tajbin biżżejjed u bil-ħsieb li ddejjaq u tirrita lill-parti l-oħra. Il-liġi żżid ukoll il-kwalifika

[2] Dan ġie similarment ritenut fil-kawża tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla deċiża fl-20 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet ***Emmanuel A. Bonello et vs. Francis Fenech et*** (1131/1989/1JRM); Dr. Vincent Curmi et vs. Joseph Tabone et (926/1989/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ġunju 2010.



N. C. S. Borg

li l-kwestjoni tkun "sempliċement" frivola u vessatorja, jiġifieri tkun mill-ewwel u mad-daqqa t'għajn tidher "vana, nieqsa mis- serjeta', manifestament nieqsa mis-sens u ma jisthoqqilhiex attenzjoni".

- Congedo

Hawnek fejn wieħed isib babilonja oħra fir-rikos t'appell. L-attur appellant taħt is-sezzjoni 'Loġikament' kiteb hekk 'ġjaladarba l-attur qatt ma kien magħruf bħala kerrej, qatt ma seta' jingħata l-kongedo li jingħata lil kerrej'. Dak li jidher tant loġiku hawn, ma jibqax hekk meta jkompli jaqra aktar 'l isfel: 'Fl-ewwel lok, il-konvenut **ma ġieb l-ebda prova ta' meta sar dan is-suppost l-konġedo impliċitu** billi m'aċċettax il-kera. **Ma saret l-ebda prova li dan is-suppost konġedo sar mill-inqas xahar qabel m'għalqet il-kirja** ex-Art. 1568 tal-Kodiċi Ċivili'. Mela fuq naħa qiegħed jingħad li ma kien hemm bżonn l-ebda kongedo (u l-esponent jaqbel perfettament ma' dan il-punt) iżda fuq in-naħa l-oħra qiegħed jippretendi lill-Kummissarju jġib prova tal-kongedo. Jekk ma hemmx bżonn il-kongedo għaliex hemm bżonn tinġab prova li ngħata l-kongedo?!

Il-fatt jekk Anthony Cassar għandux titolu o meno tinpinġi fuq ir-regola tal-congedo u dan għaliex jekk wieħed għandu titolu validu jidħol fis-seħħ l-Artikolu 1568 tal-Kodiċi Ċivili u ċioe li '*il-kiri ma jispiċċax bl-egħluq taż- żmien kemm-il darba sid il-kera ma jagħtix avviż lill-kerrej, jew dan lil dak, mill-anqas xahar qabel, jekk iż-żmien preżunt tal-kiri hu għal sena, jew ħmistax-il gurnata qabel, jekk dan iż-żmien hu għal anqas minn sena'* – dak li huwa magħruf bħala l-congedo; iżda jekk m'hemm l-ebda titolu allura r-regola tal-congedo ma tapplikax.

Primarjament għandu jingħad illi ġaladarba Anthony Cassar ma kellu l-ebda titolu validu għax qatt ma ġie rikonoxxut, ma jeħtieġ l-ebda proċedura legali oltre proċedura ta' żgumbrament. Iżda mingħajr preġudizzju għal dan, u *a contario* ta' dak magħdud mill-appellant, inġabet l-aħjar prova li setgħet tinġab li kien ingħata l-congedo lill-appellant – ir-rikorrent innifsu meta xehed illi l-Kummissarju waqaf jaċċetta l-kirja. L-appellant kienet ġiet a konoxxenza tiegħu li kellu jivaka l-post minn tal-anqas mis-sena 2001 fejn waqt laqgħa miżmuma ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Fontana fit-2 ta' Mejju 2001, l-appellant kien preżenti u għal mistoqsija jekk ikunx kuntent jekk jingħata ammont ta' flus sabiex ikun jista' jixtri x'imkien u joħroġ mill-fond 189 / 190 Triq il-Għajn, Fontana, hu r-risponda li għandu jingħata ammont ta' flus li jkopri xiri ta' garaxx jew 'jingħata l-Għassa tal-Pulizija li hemm fi Triq ta' Mulejja sabiex ikun jista' jpoġġi l-għodda fiha'. Dan juri mill-aktar mod ċar illi minn tal-anqas erba' snin qabel ma nħarġet l-Ordni ta' Zgumbrament huwa kien jaf li xi punt jew ieħor huwa kellu joħroġ mill-fond li huwa kien qiegħed juża mingħajr permess tal-Kummissarju. Di piu, l-ewwel ċedola ta' depożitu min-naħa tal-appellant ġiet ippreżentata fil-15 ta' Settembru 2004, seba' xhur qabel ma nħarġet l-Ordni ta' Zgumbrament, dan ifisser għalhekk li dak iż-żmien huwa kien diġa mgħarraf illi l-'kirja' kienet ser tieqaf.



N.G. S.Boy

Hija ta' ferm importanti s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri), mill-Onor Imħallef Philip Sciberras fil-5 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet ***Emanuel Abela vs. Paul u Frances konjugi Abela*** fejn il-Qorti spjegat illi

> Relattivament ghall-fatt tal-kongedo jinsab enuncjat illi "*la legge non richiede alcuna forma, e non e' necessario la prova scritta*" (**Vol VI pag 126**). "*A tal uopo basta anche una comunicazione verbale*" (**Vol XIX pI p151**). Jinsab ritenut ukoll illi **fejn is-sid ma jaccettax il-kera dan "*ir-rifjut tieghu kien kongedo sufficjenti, jigifieri manifestazzjoni cara tal-volontà u intenzjoni tal-attur li ma jkomplix jikri l-fond lill-konvenut*"**[3] (**Vol XXVI pI p199**; **Joseph Camilleri vs Emmanuele Dimech**, Appell, Sede Inferjuri, 25 ta' Ottubru 1978 [Imhallef Maurice Caurana Curran]; **Carmelo Cioffi vs Sammy Darmanin**, Appell, Sede Inferjiri, 6 ta' Mejju 1986).

L-Artikolu 1568 ma jsemmix il-forma li biha għandha tingħata l-avviż u għaldaqstant il-kongedo tista' tingħata f'kull forma u m'hemm l-ebda bżonn ta' kitba sabiex l-okkupant jiġi nfurmat li l-kirja ser tieqaf. Kommunikazzjoni verbali hija forma suffiċċjenti ta' kongedo. Dan il-punt ġie ritenut f'diversi deċiżjonijiet, fosthom ***Joseph Philip Testaferrata Bonici et vs. Perit Carmelo Bonanno et*** (Ċit Nru 58/2000/1), deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju 2003; ***Anthony u Lilian konjugi Busuttil vs. John Abela*** (Ċit Nru 255/2005/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Mejju 2008.

Nonostante l-fatt li l-esponenti qatt ma rikonoxxa lil Anthony Cassar bħala inkwilin tal-fond 189 / 190 Triq il-Għajn, Għajnsielem, huwa xorta ingħata l-congedo hekk malli ġie nfurmat illi l-kirja mhux ser tiġi aċċetata aktar. Dan fil-fatt m'huwiex punt ikontestat min-naħa tal-attur, tant li anka fix-xhieda tiegħu (permezz ta' affidavit) stqarr li meta mar biex iħallas il-kera, l-uffiċċjali infurmawh li l-kirja ser tiġi terminata u li l-kera mhux ser tiġi aċċetata.[4] In vista ta' dak li ġie ikkunsidrat fil-kawża ***Emanuel Abela vs. Paul u Frances konjugi Abela,*** hawn fuq kwotata, joħroġ mill-aktar mod ċar illi nuqqas ta' aċċetazzjoni ta' kera hija forma valida ta' congedo. Għaldaqstant, m'huwiex minnu li Anthony Cassar qatt ma ingħata l-congedo. Kif ingħad aktar 'il fuq, Anthony Cassar kien jaf illi l-post ser jittieħed minn għandu tant li kien daħal fit-trattivi mal-Kunsill Lokali tal-Fontana sabiex dawn ta' l-aħħar jipprovdulu post alternattiv.

Sabiex jiġi evitat repetizzjoni inutili l-esponent jagħmel referenza għan-nota tas-sottomissjonijiet (paġni 11 – 14) minnu preżentata fejn hemm manjiera ta' ġurisprudenza lokali dwar meta għandha tingħata l-congedo u f'liema forma jeħtieġ li tingħata.

Importanti li jiġi ritentut illi wara li tingħata l-congedo, l-inkwilin ikun qiegħed jokkupa l-fond mingħajr titolu. Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawża deċiża fit-23 ta' Mejju 2008

---

[3] Enfażi miżjud.

[4] '[Il-Gvern] ma baqax jaċċetta l-kirja wara l-mewt ta' missieri' – meħudha mill-affidavit ta' Anthony Cassar ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2011, u jinsab a fol. 284 – 287. Waqt il-kontro-eżami tal-15 ta' Diċembru 2011, Anthony Cassar kien qal 'L-irċevuti kienu joħorġu fuq isem missieri sakemm dam ħaj, għax imbagħad x'ħin mort nibda nħallas jien, qatgħuhieli'.



N. G. S. Boy

fl-ismijiet ***Anthony u Lilian konjugi Busuttil vs. John Abel**a* (Ċit Nru 255/2005/1) u wara li għamlet referenza għas-sentenza ***Iris Scott vs. Alfred Borg***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Jannar, 2002 kif ukoll għas-sentenza ***Giuseppe Attard Portughese vs. Giuseppe Bona*** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-22 ta' Ġunju 1925, ingħad li 'L-inkwilin il-qadim ma jkollu ebda dritt jkompli jokkupa l-fond lokat wara li jsehh il-kongedo'. Referenza għal ġurisprudenza lokali fuq dan il-punt saret fin-nota ta' sottomissjonijiet ġia msemmija u dan qiegħed jingħad sabiex jiġi evitat repetizzjoni inutili.

- L-applikabbilita tal-Kap 69 għal Gvern

L-Artikolu 3 tal-Kap. 69 (Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-kera ta' Bini) jaqra li *"Sid il-kera ta' xi fond ma jistax, meta jagħlaq iż-żmien tal-kiri (sew jekk dan iż-żmien ikun skond il-ftehim, legali, skond l-użu jew imnissel mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza), jirrifjuta li jġedded il-kiri jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kondizzjonijiet ġodda għat-tiġdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord."* Iżda l-Artikolu 8 tal-istess Kap jispjega *'(1) Meta sid il-kera jkun irid jieħu lura l-pussess tal-fond fit-tmiem tal-kiri, huwa għandu jitlob permess lill-Bord għaldaqshekk. (2) Id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu ma tgħoddx għall-fondi li huma tal-Gvern jew amministrati minnu'.*

Ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrana illi r-regoli dwar it-tiġdid tal-kera taħt il-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx għal proprjetajiet tal-Gvern mogħtija b'kirja. Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet ***Justin Caruana vs. Kummissarju tal-Artijiet et*** deċiża fis-16 t'Ottubru 2006 iddeċidit illi 'fil-waqt li hu minnu li meta kerrej imut, ikun protett membru tal-familja li jkun jabita miegħu fiż-żmien in kwistjoni skond il-Kapitolu 69, l-istess Kapitolu 69 il-Gvern ma hux marbut bħal sidien oħra li jirrikonoxxi tali persuna (Artikolu 8)'. Dan il-punt legali ġie trattatt ukoll fil-kawża ***Joseph Tonna vs. Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Awtorita' tad-Djar*** deċiża fit-18 ta' Lulju 2012 mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla[5] kif ukoll fil-kawża ***Godfrey Gialanze et vs. Kummissarju tal-Artijiet*** deċiża fil-15 ta' Ottubru 2013 mill-Prim'Awla Qorti Ċivili.

L-artikolu 2 tal-Kap 69 jikkategorizza id-definizzjoni ta' 'kerrej' u fosthom wieħed issib li f'każ ta' dar ta' abitazzjoni 'meta l-kerrej ma jħallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqogħdu miegħu fiż-żmien tal-mewt tiegħu'. Għaldaqstant huwa rikjest illi l-membru tal-familja jkun qiegħed jgħix mal-inkwilin fiż-żmien tal-mewt. Mill-provi li ġew prodotti waqt is-smiegħ tal-kawża ħareġ mill-aktar mod ċar illi l-appellant Cassar ma kienx qiegħed jirreżjedi ma' missieru Salvu Cassar waqt l-aħħar nifsijiet ta' ħajtu li għadda għal ħajja ta' dejjem fis-27 ta' Novembru 1997. Tant li Mario Tabone, xhud prodott mill-attur fl-24 ta' Jannar 2007, xehed illi kien biss fis-27 ta' Lulju 1999, sentejn wara li miet missieru, li l-attur qaleb l-indirizz tiegħu fuq il-Fontana. Dan ifisser għalhekk illi meta miet missieru, huwa ma kienx qiegħed jgħix ġewwa l-fond

[5] *'L-attur ma jistax jivvanta l-protezzjoni tal-liġijiet tal-kera kemm għax l-artikolu 8(2) tal-Kap. 69 li jgħid li t-teħid lura ta' proprjeta mikrija jista' jsir biss wara talba lil Bord tal-Kera ma japplikax għal proprjeta tal-Gvern'*



N. C. S. Bay

189 / 190, Triq il-Għajn, Fontana b'konsegwenza li ma jikkwalifikax bħala kerrej taħt l-Kap 69. Kif diġa ġie ritenut mill-esponenti, il-piż tal-prova li juri li kien jirrisjedi ma missieru waqt mewtu kien l-appellant innifsu, imma mhux talli hekk talli telgħa xhud li juri li dan ma kienx minnu u ċioe li l-appellant ma kienx qiegħed jgħix ma' missieru dawk iż-żminijiet.

Il-kawża ***Justin Caruana vs. Kummissarju tal-Artijiet et*** (Ċit Nru 2439/2000/1) mismugħuha u deċiża mill-Qort Ċivili, Prim'Awla fis-16 t'Ottubru 2006, hija kemmxejn identika għal dik in eżami. Justin Caruana kien jgħix flimkien maz-ziju tiegħu, Saviour Caruana, ġewwa fond Senglea u fejn dan ta' l-aħħar kien qiegħed jgħix ġewwa l-imsemmi fond b'titolu ta' lokazzjoni. Wara l-mewt ta Saviour Caruana, l-attur baqa' jgħix fil-fond. Il-Kummissarju tal-Artijiet qatt ma' rikonoxxih bħala inkwilin nonostante l-fatt li kienet saret talba formali minn Justin Caruana sabiex dan jiġi hekk rikonoxxut. Sussegwentament, wara xi żmien, il-Kummissarju tal-Artijiet bgħat Ordni ta' Zgumbrament lil Justin Caruana in vista tal-fatt li ma kellux titolu fuq il-fond. Justin Caruana, permezz ta' din l-azzjoni attaka l-Ordni ta' Zgumbrament. Il-Qorti ddeċidiet hekk:

> Fil-waqt li hu minnu li meta kerrej imut, ikun protett mimebru tal-familja li jkun jabita mieghu fiz-zmien in kwistjoni skond il-Kapitolu 69, l-istess Kapitolu 69 il-Gvern ma hux marbut bhal sidien ohra li jirrikonoxxi tali persuna (Artikolu 8).
>
> Ghalhekk hadd mill-konvenuti ma kellhom xi obbligu fil-konfront tieghu anzi kienu generuzi mieghu li hallewh (ghall-inqas sa issa) jokkupa l-garaxx li ukoll kien mikri lil zijuh.

Il-Qorti għaddiet biex tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet tal-attur.

- L-artikolu 1576A tal-Kodiċi Ċivili

L-Artikolu 1576A jipprovdi illi *'[m]inkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Kodiċi u ta' kull liġi oħra sid il-kera meta dan ikun il-Gvern jew xi korporazzjoni jew awtorità mwaqqfa b'liġi jista' f'kull żmien fl-<u>interess tal-pubbliku,</u> iħoll il-kuntratt tal-kiri meta l-<u>kiri jkun sar għal żmien determinat</u> li <u>jkun għadu ma għalaqx</u>, billi jagħti avviż tal-istess b'att ġudizzjarju lill-kerrej, liema avviż għandu jkun ta' mhux anqas minn tliet xhur kemm fil-każ ta' fondi ta' bini użat għal abitazzjoni kif ukoll fil-każ ta' fondi oħra; u malli jingħata dak l-avviż il-kuntratt ta' kiri jinħall fid-data msemmija fl-avviż u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-sub-titolu.'*[6]

L-appellant huwa skorett meta jipprova japplika l-Artikoli 1576A sa 1576D u dan stante li biex dawk il-proċeduri japplikaw irrid ikun hemm kuntratt viġenti u l-kerrej irrid ikun rikonoxxut. Fil-każ in eżami kuntratt viġenti ma kienx hemm għaliex Anthony Cassar qatt

[6] Enfażi miżjud.



N. C. S. Bo

ma kien ikkunsidrat bħala kerrej għall-esopnenti, il-kerrej għal Kummissarju tal-Artijiet kien proprju Salvu Cassar. Magħdud ma dan, dawk l-artikoli japplikaw meta hemm kirja li trid tiġi terminata qabel ma jagħlaq iż-żmien tal-kirja, meta żmien ikun determinat. Fil-każ odjern, qatt ma kien hemm kirja u għalhekk qatt ma kien hemm żmien determinat.

Il-Kummissarju tal-Artijiet ma' talabx l-izgumbrament ta' Anthony Cassar a bażi ta' dan l-artikolu. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali fis-sentenza li minnha qiegħed issir dan l-appell kien korrett meta qal li 'Fin-Nota tal-Osservazzjonjiet tiegħu l-attur jiċċita l-artikolu 1576A tal-Kodiċi Ċivili li jirrikjedi li meta l-Gvern ikun irid jieħu lura fond proprjeta' tiegħu mikri lil terzi, għandu jagħti lill-inkwlin tiegħu avviż permezz ta' att ġudizzjarju mill-inqas tliet xhur qabel ma hija ntenzjonata li tiġi terminata din il-kirja. Jirriżulta mhux kontestat li qatt ma sar xi att ġudizzjarju simili mill-konvenut. Imma dan l-artikolu tal-liġi jistipula wkoll illi dan l-att ġudizzjarju jrid isir biss: "...meta l-kiri jkun sar għal żmien determinat li jkun għadu ma għalaqx..." Dan mhux il-każ hawnhekk, għax il-kirja kienet waħda antika, li baqgħet tiġi mġedda minn sena għall-oħra skont l-artikolu 1532 tal-Kap.16. La darba allura ma kienx meħtieġ l-ebda att ġudizzjarju sabiex jingħata l-congedo, dan seta jsir bi kwalunkwe mod [...]'

- Ultra vires

Huwa totalment immattur li wieħed iqajjem allegazzjonijiet ta' ksur ta' prinċipju naturali fi stadju t'appell. L-allegazzjoni li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet hija ultra vires tqajmet f'dan l-istadju u għaldaqstant dan l-Onorabbli Qorti huwa umilment mitlub jiskarta kompletament din l-allegazzjoni.

Mingħajr preġudizzju, din l-allegazzjoni hija fiergħa stante illi l-Kap 228, l-Att dwar Żgumbrament minn Artijiet, jagħti s-setgħa lill-Kummissarju li jordna l-iżgumbrament ta' dawk l-individwi li jkunu qed jagħmlu użu minn art pubblika mingħajr id-debita awtorizzazzjoni u rikonoxximent neċċessarju, u ċioe *squatters*. Dan il-poter huwa mogħti lilu bis-saħħa tal-Artikolu 3 li jistabillixxi illi '*il-Kummissarju jekk fil-fehma tiegħu jkun meħtieġ jew spedjent li jagħmel, jista fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu jordna l-iżgumbrament ta' kull persuna minn kull art li tkun okkupata minn dik il-persuna mingħajr ebda titolu....*'. Referenza issir għal kawża ***Martin Baron proprio et nomine vs. Kummissarju tal-Artijiet et*** deċiża fit-28 ta' Mejju 2015 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn ġie kkunsidrat is-segwenti 'il-Kummissarju tal-Artijiet kellu kull setgħa fuq is-saħħa tal-artikolu 3 tal-Kap 228 tal-Liġijiet ta' Malta li joħroġ ordni ta' żgumbrament kontra r-rikorrenti. Jiġi b'hekk li ma kien hemm xejn irritwali, abbużiv jew ultra vires fil-proċedura użata mill-Kummissarju tal-Artijiet f'dan il-każ'.

N.L. S.B.

- L-applikabbilita tal-Kap 228

L-appellant ilmenta illi 'dan xorta waħda ma kienx jintitola lill-konvenut japplika l-Kap 228' mingħajr ma ta' l-ebda spjegazzjoni għala din qed jingħad.

L-appellant qiegħed jitlob lil dina Onorabbli Qorti 'tilqa' t-talbiet tal-attur' fis-sens għalhekk li tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-ordni ta' zgumbrament datat 14 t'April 2005. Bid-dovut rispett lejn l-appellant din it-talba ma tistax tiġi milqgħu u dan peress li biex il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-ordni ta' zgumbrament kellha l-ewwel u qabel kollox tinġib prova ċara u konkretta li l-appellant għandu titolu ta' inkwilin fuq il-fond mertu tal-kawża u li huwa rikonoxxut mal-esponent bħala hekk. Barra minn hekk, l-esponent appellat umilment jissottometti li huwa għandu dritt bħal kwalunkwe sid ieħor ta' proprjeta li jipproteġi l-proprjeta tiegħu minn abbuż u minn persuni li jokkupaw proprjeta mingħajr titolu kif fil-fatt sar fil-każ odjern. Ma dan jingħad ukoll li mhux obbligat li jkompli jikri lill-attur il-fond 189 / 190, Triq il-Għajn, Fontana kif qiegħed jippretendi l-attur, u dan speċjalment in vista tal-fatt illi l-istess attur ħa pussess tal-proprjeta hawn fuq imsemmija b'mod abbużiv u mingħajr il-kunsens tal-Kummissarju tal-Artijiet bħala sid il-fond.

In vista tas-suespost isegwi għalhekk li l-aggravju tal-appellant m'huwiex mistħoqq u għaldaqstant m'għandux jiġi milqugħ.

Għaldaqstant l-esponent appellat filwaqt li bir-rispett jagħmel referenza għal provi u sottomissjonijiet mressqa minnu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, jirriserva li jressaq dawk il-provi u sottomissjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi, u jissottometti li l-appell mid-deċiżjoni tal-imsemmija Qorti tat-13 ta' Novembru 2015, fl-ismijiet premessi, ippreżentat mill-appellant għandu jiġi miċħud u s-sentenza tal- Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali tat-13 ta' Novembru 2015 għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

**Avv. Mireille Sacco**
Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali
Il-Palazz, Valletta

**Prokuratur Legali**
Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali,
Il-Palazz, Valletta

**Appellant:** **Kummissarju tal-Artijiet**
Berġa tal-Baviera,
Triq San Bastjan
Valletta VLT 2000

**Appellat:** **Anthony Cassar**
190,
Triq tal-Għajn
Fontana FNT 9026
Għawdex

# RIKORS ĠURAMENTAT

~~Awla tal-Qorti Ċivili~~
i tal-Appell

REGISTRY GOZO COURTS
30 NOV 2015
RECEIVED

Rik. Ġur: 55/2005

ATTI MIBGHUTA MILL-QORTI
T'GHAWDEX

WASLU ILLUM 30-11-15

Deputat Registratur

Anthony Cassar

vs

[illegible] tal-Artijiet u
[illegible] tal-4 ta' April 201[illegible]
il-Kunsill Lokali tal-Fontana
[illegible] awtorizzat [illegible]
[illegible]
[illegible].

at

a lil:

1) Kummissarju tal-Artijiet – [illegible] tal-Berġiera Valletta

2) Kunsill Lokali Fontana – [illegible], Triq ta' [illegible], Fontana [illegible]

406/15.

Fil-Qorti tal-Appell

Ċitaz. Nru. 55/2005
Anthony Cassar
-vs-
Il-Kummissarju tal-Artijiet; u b'digriet tal-4 ta' ... 2014, il-Kunsill Lokali tal-Fontana ġie awtorizzat sabiex jintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*

REGISTRY GOZO COURTS
30 NOV 2015
RECEIVED

Rikors tal-appell tal-attur Anthony Cassar (Karta tal-Identita' numru 47149 (G))

Jesponi bir-rispett:

**Illi fiċ-ċitazzjoni tiegħu ... bażi ... premessi li ġejjin:**

"Salvu Cassar, missier l-attur kien jikri mingħand il-Kummissarju tal- Artijiet il-fond bin-numru 189/90, Triq ... Għajn, Fontana, Għawdex, magħruf bħala urban tenement 628 bil-kera ta' tlett liri (Lm3) fis-sena u bil-quddiem, liema kera dejjem tħallset regolarment, anki wara l-mewt tal-istess Salvu Cassar, li miet fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru 1997;

"Kien biss dan l-aħħar li l-konvenut ma baqax jaċċetta l-kera u l-attur bħala l-eredi ta' missieru u bħala l-persuna li fil-mument tal-mewt kien joqgħod miegħu u għalhekk skond il-ligi huwa għandu d-dritt li jigi rikonoxxut bħal kerrej fit-termini tal-ligi;

"Sussegwentement b'ittra datata erbatax (14) ta' April tas-sena elfejn u ħamsa (2005), l-konvenut ħareg ordni ta' żgumbrament kontra l-attur mill-fond hawn fuq indikat skond l-Artikolu 3 tal-Att tal-1972 dwar Żgumbrament minn Artijiet (Kapitolu 228 tal-Ligijiet ta' Malta);

"Sussegwentement il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali, preseduta mill-Maġistrat Paul Coppini akkordat mandat ta' Inibizzjoni (numru: 24/2005 PC) fl-ismijiet: "Anthony Cassar vs Kummissarju ta' l-Artijiet", liema mandat kien ġie presentat mill-attur kontra l-konvenut sabiex dan ma jesegwix tali ordni ta' zgumbrament kontra tiegħu;

"Skond il-ligi jeżisti f'dawn istanzi li meta l-konvenut ... ta' jezercita l- poteri tiegħu, liema istanzi ela dubju ma jinkwadraw fil-fatti ta' din il-kawża;

"Meta ħareġ l-ordni ta' zgumbrament fil-konfront tiegħu huwa kien qiegħed jidditjeni l-fond b'titolu ta' kera u għalhekk il-Kummissarju tal-Art qatt ma seta' juża l-poter diskrezzjonali tiegħu biex joħroġ dan l-ordni u għaldaqstant l-ordni ta' zgumbrament ma kienitx legittima għaliex kien hemm l-assenza ta' titolu";

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

"1. Tħassar, tirrevoka u tikkancella l-ordni ta'zgumbrament datat erbatax (14) ta' April tas-sena elfejn u ħamsa (2005) mill-fond hawn fuq indikat maħruġ mill-konvenut kontra l-attur.

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra uff[illegible] ta' Mejju 2005 u tal-mandat ta' inibizzjoni 34/2005 fl-ismijiet "Anthony Cassar vs Kummissarju ta' l-Artijiet" dekretat fl-erbatax (14) ta' Ġunju 2005 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut għas-subizzjoni, li għaliha minn issa huwa mħarrek."

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

"1. L-attur m'għandu ebda dritt awtomatiku bil-liġi jibqa' jokkupa il-fond in kwistjoni indefinittivament minflok missieru;

"2. Dan il-fatt joħroġ mill-provvedimenti ta' l-Ordinanza li tirregola t-tiġdid tal-kera tal-bini (Kap. 69). Ir-Regola għal sid ordinarji ta' [illegible] nikrija hija ali jekk sid ta' fond ma jkunx irid jirrikonoxxi inkwilin huwa l-Bord li jirregola l-Kera illi għandu jiddeċiedi jekk sid ta' post jistax jirrifjuta li jġedded kirja. Fil-fatt, l-Artikolu 3 dan l-att jistabilixxi illi "Sid il-kera ta' xi fond ma jistax, meta jagħlaq iż-żmien tal-kiri (sew jekk dan iż-żmien ikun skond il-ftehim, legali, skond l-użu jew imnissel mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza) jirrifjuta li jġedded il-kiri jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kondizzjonijiet ġodda għat-tiġdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord."

"3. L-Artikolu 8 tal-istess Att jerġa jenfasizza dan il-fatt u jistabilixxi illi "8. (1) Meta sid il-kera jkun irid jieħu lura l-pussess tal-fond fit-tmiem tal-kiri, huwa għandu jitlob permess lill-Bord għalhekk."

"4. Izda mbagħad, l-Artikolu 8(2) jispjega illi "(2) Id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu ma tgħoddx għall-fondi li huma tal-Gvern jew amministrati minnu." Għalhekk, jidher ċar li l-ħtieġa li wieħed jirrikorri quddiem il-Bord ma tapplikax fil- konfront tal-Gvern.

"5. Skond il-prinċipju legali 'Lex specialis derogate generalis', il-Kap. 69 għandu, safejn jipprovdi dwar bordi mikrija, jipprevali fuq il- provvedimenti generali tal-Kodiċi Ċivili. Dawn [illegible] Att jirriżulta ċarament illi meta l-Gvern [illegible] fond [illegible] inkwilin, il-[illegible] ma tpoġġihx [illegible] keffa ta' sid normali. B'hekk huwa għandu d-dritt li jittermina kirja mat tagħlaq l-istess kirja, u dan mingħajr ma jkollu jirrikorri għall-[illegible]. Għalhekk [illegible] kirja tkun minn sena għal sena, bħalma kienet [illegible] kwistjoni, kull ma jinħtieġ jagħmel il-Gvern huwa li jinforma lill-kerrej li huwa mhux [illegible] jaċċetta aktar bħala inkwilin u għalhekk jirrifjuta l-flus tal-kera.

"6. Fil-każ odjern, dan huwa eżattament dak li għamel il-Kummissarju ta' l-Artijiet. Huwa ttermina l-kirja wara li skada l-aħħar perjodu ta' kera applikabbli, liema perjodu kien jestendi minn nofs [illegible] 2003 sa nofs il-sena 2004, u kien jagħlaq preċiżament id-data li fiha l-attur kien [illegible] jerġa jħallas il-kera.

"7. Skond l-Artikolu [illegible] tal-Kap. 229 [illegible] jagħixxu [illegible] jent, il- Kummissarju ta' l-Artijiet [illegible] fil-[illegible] għu jkun [illegible] meħtieġ [illegible] djent li jagħmel, jista' fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu jordna [illegible] persuna minn kull art li tkun okkupata minn dik il-persuna mingħajr ebda titolu jew li tkun mogħtija b'enfranchment".



N. L. S. B.

"8. Illi għalhekk l-agir ta' l-eccipjent huwa għal kollox konformi mal-liġi."

Illi b'sentenza

**Illi l-attur ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk qiegħed preżenżjalment jappella minnha.**

**Il-fatti fil-qosor li taw lok għal din il-kawża kienu s-segwenti:**

Missier l-attur, Salvu Cassar, kien jikri [illegible] għand il-Gvern il-fond in kwistjoni li kien juża bħala r-residenza tiegħu sakemm miet fl-1997. Is-segwitu l-attur talab li jiġi rikonoxxut fil-kirja bħala eredi ta' missieru u għax kien jgħix miegħu meta miet. Imma l-Kummissarju tal-Artijiet [illegible] ma ried [illegible] u allura l-attur beda jiddepożita l-kera taħt l-awtorita' tal-[illegible]

Fl-4 ta' April 2005 il-konvenut ħareġ [illegible] ta' żgumbrament kontra l-attur, li talab u kiseb [illegible] ta' mandat ta' inibizzjoni [illegible] il-konvenut ma jithalliex iwettaq l-ordni tiegħu.

**Illi l-aggravju huwa ċar u manifest, u jikkonsisti fil-ġej.**

L-Ewwel Onorabbli Qorti rraġunat li l-konvenut kien għaraf lill-attur bħala inkwilin; li kien ikkonċedah meta ma baqax jaċċetta l-kera; li ergo l-attur ġie mingħajr titlu għax kien applikabbli l-Kodiċi Ċivili li ma jipproteġix lill-inkwilin ta' proprjeta' governattiva u mhux il-Kap [illegible] u allura l-konvenut kien intitolat japplika l-poteri li jagħtih il-Kap 228. Dan ir-raġunament iżda huwa vvizzjat **fattwalment, loġikament kif ukoll ġuridikament**.

**Fattwalment**, il-konvenut qatt m'għaraf lill-attur bħala inkwilin. Dan joħroġ ben ċar min-nota tal-eċċezzjonijiet li proprju l-ewwel paragrafu jistqarr li l-attur m'għandu l-ebda dritt "awtomatiku bil-liġi" li jibqa' "jokkupa" l-fond de quo "minflok missieru". Il-Qorti kkonkludiet li l-konvenut irrikonoxxa lill-attur bħala inkwilin għab-bazi t'ittra li bagħat lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali (fol 407). Din iżda hija korrispondenza interna li qatt ma ġiet ikkomunikata lill-attur. Anzi mid-depożizzjoni tal-uffiċjali tal-Kummissarju tal-Artijiet jidher ċar li għall-Kummissarju, l-attur kien sempliċement okkupant bla titlu. [illegible] m'aċċettax kera mingħandu. Kien jaċċetta l-kera [illegible] f'isem missieru għax ma [illegible] jaf li miet [illegible] sar jaf bl-eżistenza tal-attur, huwa m'aċċettax iktar din il-kera. L-istess uffiċjal għamilha iktar milli ċara li l-konvenut qatt ma kien għaraf lill-attur bħala inkwilin.

**Loġikament.** Għalkemm l-attur qatt ma kien magħruf bħala kerrej, qatt ma seta' jingħata l-konċedo li jingħata lil kerrej. *Inclusio unius exclusio alterius.* Meta waqaf jaċċetta l-kera, il-konvenut għamel [illegible] mhux bħala [illegible] li ma riedx iġedded il-kirja imma li ma riedx jagħraf, kif qatt ma kien għaraf, lill-attur bħala kerrej. Huwa minnu li l-konċedo jista' jiġi dedott minn fatti ċirkostanzjali, imma dan ma jfissirx li dawn il-fatti ċirkostanzjali, meta jseħħu, neċessarjament jammontaw għal konċedo kif mifhum mil-liġi tal-kera. Dan [illegible]-silloġiżmu [illegible] "*all blondes are dumb; Tania is dumb; therefore she is a blonde*".

**Ġuridikament,** [illegible] kien il-konvenut għaraf lill-attur bħala inkwilin, il-

kongedo ma kienx jiswa. Fl-ewwel lok [illegible] konvenut ma gieb l-ebda **prova ta' meta sar dan is-suppost l-kongedo** **implika**[illegible] billi m'accetta [illegible]-kera. **Ma saret l-ebda prova li dan is-suppost kongedo sar mill-inqas xahar qabel m'għalqet il-kirja** *ex*- Art. 1568 tal-Kodici Civili.

Il-fattispecje rizultanti mill-provi akk[illegible] u li għalihom [illegible] l-Ewwel Onorabbli Qorti kien imissha tapplika [illegible] rilevanti [illegible] li l-attur kien inkwilin; b'danakollu l-konvenut [illegible] li jag[illegible] bħala tali [illegible] segwentement [illegible] bħala detentur bla titlu u żgumbr[illegible] bl-applikazzjoni tal-Kap 2[illegible].

L-appellant [illegible] skans [illegible] ripetizzjoni [illegible] jagħmel riferenza għan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ipprezentata fil-[illegible] Istanza fej[illegible] ssottometti illi jekk Kap 69 jeżenta [illegible]-sid milli jirrikorri għall-Bor[illegible] jirregola l-[illegible] fil-każ li ma jridx igedded il-Kirja, dan ma jfissirx ukoll [illegible] ma japplikawx għall-gvern-sid id-disposizzjonijiet l-oħra tal-istess Kap [illegible] il-jedd [illegible] tal-inkwilin li huwa werriet tiegħu u li kien jogħod mi[illegible] fil-mument [illegible] li jkompli fil-kirja. Mogħti l-kongedo, il-konvenut kellu [illegible] jipprocedi permezz [illegible] kawża quddiem Qorti ordinarja u mhux jieħu [illegible] b'idejh [illegible] li hu jarmi [illegible] għalih il-gurisdizzjoni tal-Qorti [illegible] jipprecedi li l-attur kien "bla tit[illegible] juża l-Kap 228 biex jiżgumbrah.

Kif mu[illegible] fl-ist[illegible], suffra[illegible] bil-gurisprudenza ivi ccitata, "bla titlu" tfisser li [illegible] ma kien hemm titlu, u m[illegible] li kien hemm titlu li jista' jigi ddikjarat xjolt – minn Qorti u mhux *ex parte*.

Anke jekk si trattav[illegible] – [illegible] residenza – mikri mingħand il-Gvern, japplika għal-każ [illegible] t-tagħlim fir re: **John Ceranzi Limited v Il-Kummissarju tal-Artijiet** –Prim'Awla 13.07.2010 – Imħallef Anthony Ellul:

"Wara [illegible] l-qorti qieset [illegible] il-prov[illegible] u dak [illegible] mill-atti, tikkonkludi li:-

i. L-Artikolu [illegible] tal-Kap 228 japplika [illegible] fil-kaz ta' proprjeta' li:-

1.(a) tkun okkupata b[illegible]:

2.(b) [illegible] okkupata b'*encroachment*

(c) tkun [illegible] specifikata [illegible] l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Kap. 169);

"M[illegible] dubju [illegible] li [illegible] it-[illegible] ta' Marzu 2010 fejn il-konvenuta [illegible] infurmata li l-Gvern [illegible] kellux l-intenzjoni li jgedded il-kirja. il-konvenuta ma kenitx [illegible] xi wieħed mill-każijiet fuq imsemmija. L-istess jingħad [illegible] l-ordni [illegible] Att dwar [illegible] Artijiet (Kap. 228).

ii. Ma [illegible] li l-Kummissarju tal-Artijiet għandu jedd li jaqbad u unilateralment jittermina kirja ta' [illegible] billi jagħti [illegible] *kongedo* lill-inkwilin, għaliex fil-fehma tiegħu l-[illegible] ma jkunx [illegible] jinkwilin [illegible]-skop li għalih ikun ingħata [illegible] u wara jagħti ordni [illegible] (Artikolu 3 tal-Kap. 228) fuq il-premessa [illegible] m għandux [illegible]. Fil-fehma tal-qorti li l- Kummissarju tal-Artijiet kellu d-dmir jieħu l-passi [illegible] jekk [illegible] l-konvenuta tigi zgumbrata

540

mill-hanut mikri lilha ghal din ir-raguni."

Is-setgħat mogħtija bil-Kap 228 huma straordinarji u odjużi; konsegwentement għandhom jiġu restrittivament interpretati; ossia nterpretati skont l-intenzjoni evidenti tal-leġislatur li ma jiġix imxekkel milli jutilizza l-artijiet tiegħu minn *squatters* u persuni oħra li jokkupaw abbużivament l-art tiegħu. Żgur li fi Stat ta' Dritt, il-Gvern ma jippretendix ukoll illi jagħmilha ta' prosekutur, ta' Qorti u ta' Eżekutant fl-istess nifs billi jiddeċiedi mhux biss fil-każi fejn titlu evidentement qatt ma kien hemm, imma wkoll jiddeċiedi fejn kien hemm titlu u dan ġie għal xi raġuni jew oħra, xjolt.

In rikapitaluzzjoni, s-sentenza hija bbażata fuq fatt li ma jirriżultax mill-atti u cjoe' l-għarfien mill-Kummissarju tal-Artijiet tal-attur bħala inkwilin. Għalkemm fil-fatt l-attur kien inkwilin, l-attur ma setax jagħtih il-konġedo jekk m'għarfux bħala inkwilin. Bil-maqlub, kieku kkunsidrah inkwilin xorta l-konġedo ma jiswiex għax l-attur kien igawdi l-ħarsien tal-Kap 69. Biex jissorvola dan l-ostaklu, il-leġislatur introduċa l-proċedura *ex*-Art. 1576A iżda l-Kummissarju għoġbu ma jużahhiex. Isegwi li l-Kummissarju aġixxa ultra vires meta applika l-Kap 228 kontra inkwilin minflok kontra persuna ~~bla titlu.~~ Anke, *dato sed non concesso,* li effettivament ingħata konġedo, dan xorta waħda ma kienx jintitola lill-konvenut japplika l-Kap 228.

Għar-raġunijiet premessi u għal dawk li jiġi esposti waqt is-smiegħ ta' dan l-appell, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tħassar is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2015, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fl-ismijiet premessi (Citazzjoni Numru 881/2010) li laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut u ċaħdet it-talba tal-attur u miflok tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur.

Avv. Deborah Mercieca

2 Enrico Mizzi Street

Victoria Gozo

illum 30 NOV 2015

ippreżentata minn Anthony Bonnici (114716A)

bla dokumenti

Għar-Reġistratur

Appellant: 189/190, tal-Ghajn Street, Fontana, Ghawdex

Appellati: Il-Kummissarju tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Valletta

Kunsill Lokali Fontana . Centru Civiku, Triq ta' Mulejja, Fontana Ghawdex ( intervenut fil-akwza)

Taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż ta' Rikors Guramentat Numru: 55/05 PC fl-ismijiet " Anthony Cassar vs Kummissarju tal-Artijiet et " deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-17 ta' Marzu 2021 fl-atti relattivi u sussegwenti.

Rilaxxata fil-

Mahduma fil- 22-Apr-2021

| DATA | DETTALJI | APPELLANT * | APPELLAT | APPELLAT * |
|---|---|---|---|---|
| | | | Kummissarju tal-Artijiet | Kunsill Lokali Fontana |
| | | € | € | € |
| 30-Nov-15 | Rikors tal-appell | 221.60 | 0.00 | 0.00 |
| | Kopji - € 4.66 | 13.98 | 0.00 | 0.00 |
| 18-Dec-15 | Risposta tal-appell | 0.00 | 87.20 | 0.00 |
| | Kopji - € 4.66 | 0.00 | 4.66 | 0.00 |
| 30-Dec-16 | Risposta tal-appell | 0.00 | 0.00 | 87.20 |
| | Kopji - € 4.66 | 0.00 | 0.00 | 4.66 |
| 17-Mar-21 | Dritt registru appell | 650.00 | 0.00 | 0.00 |
| | Dritt avukat | 310.67 | 310.67 | 310.67 |
| | Dritt prokuratur legali | 0.00 | 103.56 | 0.00 |
| | | **€1,196.25** | **€506.09** | **€402.53** |
| | **RIMBORS** | | | |
| | **TOTAL** | **€ 1,196.25** | **€ 506.09** | **€ 402.53** |

Illum

Deputat Registratur

Eugenio Cutajar
Sezzjoni Taxxi

**N.B. Din it-taxxa trid tkun iffirmata minn Deputat Registratur biex tkun ufficjali.**

N.G. S.B.

**SAR ANTHONY vs KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

**t:** TA' L-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**ciary:** (MCH) MARK CHETCUTI, ( GCD) GIANNINO CARUANA DEMAJO, ( AE) ANTHONY ELLUL

**e Details:** 55/2005/2

**rmination:** 17/03/2021

**utcome:** (17/03/2021) DECIZA

**Taxed on:** 22/04/2021

**Kawtelat:** Yes

**Has Legal Aid:** No

**Claim No:**1093/2021

**Taxable Party:**CASSAR ANTHONY - 0047149G - PARTI APPELLANTI

**ddress:**189/190, TRIQ TAL-GHAJN, FONTANA, GHAWDEX.

| Fee Type | Fee Type Note | Registry | Advocate |
|---|---|---|---|
| | revoka sentenza | €650 | €310.67 |
| | **totals:** | €650.00 | €310.67 |
| | **Deposited Amount (no:No Number):** | €0.00 | |
| | **Balance:** | €650.00 | €310.67 |

N. C. SP

D. Ármon

DEC '15 5
Nov '15 5
533

# RIKORS ĠURAMENTAT

REGISTRY GOZO COURTS
30 NOV 2015
RECEIVED

Fil-~~Prim' Awla tal-Qorti Ċivili~~
Fil-Qorti tal-Appell

Rik. Ġur.: 55/2005

Anthony Cassar

vs

Kummissarju tal-Artijiet u b'digriet tal-4 ta' April 2014, il-Kunsill Lokali tal-Fontana ġie awtorizzat sabiex jintervjeni fil-kawża in statu et terminis.

Appuntat
Differit

Notifika lil:

1) Kummissarju tal-Artijiet - Berġa tal-Bavièra Valletta

2) Kunsill Lokali Fontana - Ċentru Ċiviku, Triq ta-Mġarr, Fontana Għawdex

Iffirmat
P.L./Avukat

Pag. €200.00
3 Not € 18.00
3 Dei € 3.60
€ 221.60

DEC '15

REGISTRY GOZO COURTS
30 NOV 2015
RECEIVED

Fil-Qorti tal-Appell

(x) illum Awtorita' tal-Artijiet.

Ċitazz. Nru. 55/2005
Anthony Cassar
-vs-
Kummissarju tal-Artijiet; u b'digriet tal-4 ta'April 2014, il-Kunsill Lokali tal-Fontana ġie awtorizzat sabiex jintervjeni fi-kawża *in statu et terminis*

Rikors tal-appell tal-attur Anthony Cassar (Karta tal-Identita`numru 47149 (G))

Jesponi bir-rispett:

**Illi fiċ-ċitazzjoni tiegħu, għab-bażi tal-premessi li ġejjin u ċjoe` illi:**

"Salvu Cassar, missier l-attur kien jikri mingħand il-Kummissarju tal- Artijiet il-fond bin-numru 189/90, Triq il-Għajn, Fontana, Għawdex, magħruf bħala urban tenement 628 bil-kera ta' tlett liri (Lm3) fis-sena u bil-quddiem, liema kera dejjem tħallset regolarment, anki wara l-mewt tal-istess Salvu Cassar, li miet fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru 1997;

"Kien biss dan l-aħħar li l-konvenut ma baqax jaccetta l-kera u l-attur bħala l-eredi ta' missieru u bħala l-persuna li fil-mument tal-mewt kien joqgħod miegħu u għalhekk skond il-ligi huwa għandu d-dritt li jigi rikonoxxut bħal kerrej fit-termini tal-ligi;

"Sussegwentement b'ittra datata erbatax (14) ta' April tas-sena elfejn u ħamsa (2005), l-konvenut ħareg ordni ta' zgumbrament kontra l-attur mill-fond hawn fuq indikat skond l-Artikolu 3 tal-att tal-1972 dwar Zgumbrament minn Artijiet (Kapitolu 228 tal-Ligijiet ta' Malta);

"Sussegwentement il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali, preseduta mill-Magistrat Paul Coppini akkordat mandat ta' Inibizzjoni (numru: 34/2005 PC) fl-ismijiet: "Anthony Cassar vs Kummissarju ta' l-Artijiet", liema mandat kien gie presentat mill-attur kontra l-konvenut sabiex dan ma jesegwix tali ordni ta' zgumbrament kontra tiegħu:

"Skond il-ligi jeżistu żewġ istanzi biss meta l-konvenut jista' jezercita l- poteri tiegħu, liema istanzi bla dubbju ma jinkwadrax fil-fatti ta' din il-kawza;

"Meta ħarget l-ordni ta' zgumbrament fil-konfront tiegħu huwa kien qiegħed jidditjeni l-fond b'titolu ta' kera b'mod għalhekk li l-Kummissarju tal-Art qatt ma seta' juza l-poter diskrezzjonali teigħu biex joħrog din l-ordni u għaldaqstant l-ordni ta' zgumbrament ma kienitx legittima għaliex kellha l-assenza ta' titolu";

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

"1. Tħassar, tirrevoka u tikkancella l-ordni ta'zgumbrament datat erbatax (14) ta' April tas-sena elfejn u ħamsa (2005) mill-fond hawn fuq indikat maħrug mill-konvenut kontra l-attur;

Is-somma ta' € 1,528.00 ġiet depożitata minn Anthony Cassar sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' dan l-appell.

(x) korrezzjoni awtorizzata b'digriet tas-7 ta' Diċembru 2020 23/11/20

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-tmintax (18) ta' Mejju 2005 u tal-mandat ta' inibizzjoni 34/2005 fl-ismijiet: "Anthony Cassar vs Kummissarju ta' l-Artjiiet" dekretat fl-erbatax (14) ta' Gunju 2005 u bl- ingunzjoni tal-istess konvenut għas-subizzjoni, li għaliha minn issa huwa imħarrek."

**Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:**

"1. L-attur m'għandu ebda dritt awtomatiku bil-liġi jibqa' jokkupa il-fond in kwistjoni indefinittivament minflok missieru;

"2. Dan il-fatt joħrog mill-provvediment ta' l-Ordinanza li tirregola t-tigdid tal-kera tal-bini (Kap. 69). Ir-Regola għal sidien ordinarji ta' fondi mikrija hij ali jekk sid ta' fond ma jkunx irid jirrikonoxxi inkwilin, huwa l-Bord li Jirregola l-Kera illi għandu jiddeciedi jekk sid ta' post jistax jirrifjuta li jgedded kirja. Fil-fatt, l-Artikolu 3 dan l-att jistabilixxi illi "Sid il-kera ta' xi fond ma jistax, meta jagħlaq iz-zmien tal-kiri (sew jekk dan iz-zmien ikun skond il-ftehim, legali, skond l-uzu jew imnissel mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza), jirrifjuta li jgedded il-kiri jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kondizzjonjiet godda għat-tigdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord."

"3. L-Artikolu 8 tal-istess Att jerga jenfasizza dan il-fatt u jistabilixxi illi "8. (1) Meta sid il-kera jkun irid jieħu lura l-pussess tal-fond fit- tmiem tal-kiri, huwa għandu jitlob permess lill-Bord għaldaqshekk."

"4. Izda mbagħad, l-Artikolu 8(2) jispjega illi "(2) Id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu ma tgħoddx għall-fondi li huma tal-Gvern jew amministrati minnu." Għalhekk, jidher li l- ħtiega li wieħed jirrikorri quddiem il-Bord ma tapplikax fil- konfronti tal-car Gvern.

"5. Skond il-principju legali 'Lex specialis derogate generalis', il-Kap. 69 għandu, safejn jipprovdi dwar fondi mikrija, jipprevali fuq il- provvedimenti generali tal-Kodici Civili. Daqstant ieħor mill-istess Att jirrizulta kjarament illi meta l-Gvern qiegħed jikri fond lil inkwilin, il-ligi ma tpoggihx fl-istess keffa ta' sid normali. B'hekk huwa għandu d-dritt li jittermina kirja meta tagħlaq l-istess kirja, u dan mingħajr ma jkollu jirrikorri għall-Bord. Għalhekk, jekk kirja tkun minn sena għal sena, bħalma kienet dik in kwistjoni, kull ma jinħtieglu jagħmel il-Gvern huwa li jinforma lill-kerrej li huwa mhux qed jaccettah aktar bħala inkwilin u għalhekk jirrifjuta l-flus tal-kera;

"6. Fil-kaz odjern, dan huwa ezattament dak li għamel il-Kummissarju ta' l-Artijiet. Huwa ttermina l-kirja wara li skada l-aħħar perijodu ta' kera applikabbli, liema perijodu kien jestendi minn nofs is-sena 2003 sa nofs is-sena 2004, u kien jagħlaq proprju mad-data li fiha l-attur kien imissu jerga jħallas il-kera.

"7. Skond l-Artikolu 3 tal-Kap. 228, li fuqu agixxa l-eccipjent, il- Kummissarju ta' l-Artijiet; "jekk fil-fehma tiegħu jkun hekk meħtieg jew spedjent li jagħmel, jista' fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu jordna l-izgumbrament ta' kull persuna minn kull art li tkun okkupata minn dik il-persuna mingħajr ebda titolu jew li tkun mogħtija b'encroachment".

"8. Illi għalhekk l-agir ta' l-eccipjent huwa għal kollox konformi mal-ligi."

Illi b'sentenza

**Illi l-attur ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk qiegħed preżenzjalment jappella minnha.**

**Il-fatti fil-qosor li taw lok għal din il-kawża kienu s-segwenti:**

Missier l-attur. Salvu Cassar, kien jikri mingħand il-Gvern il-fond in kwistjoni li kien juża bħala r-residenza tiegħu sakemm miet fl-1997. In segwitu l-attur talab li jiġi rikonoxxut fil-kirja bħala eredi ta' missieru u għax kien jgħix miegħu meta miet. Imma l-Kummissarju tal-Artijiet dan qatt ma ried jaccettah u allura l-attur beda jiddepożita l-kera taħt l-awtorita' tal-Qorti.

Fl-4 ta' April 2005 il-konvenut ħareġ ordni ta' żgumbrament kontra l-attur. li talab u kiseb il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex il-konvenut ma jithalliex iwettaq l-ordni tiegħu.

**Illi l-aggravju huwa ċar u manifest, u jikkonsisti filli ġej:**

L-Ewwel Onorabbli Qorti rraġunat li l-konvenut kien għaraf lill-attur bħala inkwilin; li kien ikkonġedah meta ma baqax jaċċetta l-kera; li *ergo* l-attur ġie mingħajr titlu għax kien applikabbli l-Kodiċi Ċivili li ma jipproteġix lill-inkwilin ta' proprjeta`governattiva u mhux il-Kap 69. u allura l-konvenut kien intitolat japplika l-poteri li jagħtih il-Kap 228. Dan ir-raġunament iżda huwa vvizzjat **fattwalment, loġikament** kif ukoll **ġuridikament**:

**Fattwalment**. il-konvenut qatt m'għaraf lill-attur bħala inkwilin. Dan joħroġ ben ċar min-nota tal-eċċezzjonijiet li proprju fl-ewwel paragrafu jistqarr li l-attur m'għandu l-ebda dritt "awtomatiku bil-liġi" li jibqa' "jokkupa" l-fond *de quo* "minflok missieru". Il-Qorti kkonkludiet li l-konvenut irrikonoxxa lill-attur bħala inkwilin għab-bażi t'ittra li bagħat lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali (fol 407). Din iżda hija korrispondenza interna li qatt ma ġiet ikkomunikata lill-attur. Anzi mid-depożizzjoni tal-uffiċċjali tal-Kummissarju tal-Artijiet jidher ċar li għall-Kummissarju. l-attur kien sempliċiment okkupant bla titlu. Qatt m'aċċetta kera mingħandu. Kien jaċċetta l-kera biss f'isem missieru għax ma kienx jaf li miet. Appena sar jaf bl-eżistenza tal-attur, huwa m'aċċettax iktar din il-kera. L-istess uffiċjal għamilha iktar milli ċara li l-konvenut qatt ma kien għaraf lill-attur bħala inkwilin.

**Loġikament**. ġjaladarba l-attur qatt ma kien magħruf bħala kerrej, qatt ma seta' jingħata l-konġedo li jingħata lil kerrej: *inclusio unius exclusio alterius*. Meta waqaf jaċċetta l-kera. il-konvenut għamel dan mhux biex jissenjala li ma riedx iġedded il-kirja imma li ma riedx jagħraf. kif qatt ma kien għaraf. lill-attur bħala kerrej. Huwa minnu li l-konġedo jista' jiġi dedott minn fatti ċirkostanzjali. imma dan ma jfissirx li dawn il-fatti ċirkostanzjali, meta jokkorru, neċessarjament jammontaw għal konġedo kif mifhum mil-liġi tal-kera. Dan bħas-sillogiżmu falz: "*all blondes are dumb; Tania is dumb, therefore she is a blonde*"!

**Ġuridikament**, f'dan il-każ. kieku l-konvenut għaraf lill-attur bħala inkwilin. il-



N.C. S.P.

539

konġedo ma kienx jiswa. Fl-ewwel lok, il-konvenut **ma ġieb l-ebda prova ta' meta sar dan is-suppost l-konġedo impliċitu** billi m'aċċettax il-kera. **Ma saret l-ebda prova li dan is-suppost konġedo sar mill-inqas xahar qabel m'għalqet il-kirja** *ex*-Art. 1568 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-fattispeċje riżultanti mill-provi akkwiżiti u li għalihom l-Ewwel Onorabbli Qorti kien imissha tapplika l-liġi rilevanti huma li l-attur kien inkwilin; b'danakollu l-konvenut irrifjuta li jagħrfu bħala tali; konsegwentement qiesu bħala detentur bla titlu u żgumbrah bl-applikazzjoni tal-Kap 228.

L-appellant a skans ta' ripetizzjoni inutili jagħmel riferenza għan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ippreżentata fil-Prim'Istanza fejn jissottometti illi jekk Kap 69 jeżenta lis-sid milli jirrikorri għall-Bord li Jirregola l-Kera fil-każ li ma jridx iġedded il-Kirja, dan ma jfissirx ukoll li allura ma japplikawx għall-gvern-sid id-disposizzjonijiet l-oħra tal-istess Kap inkluż il-jedd ta' wild tal-inkwilin li huwa werriet tiegħu u li kien joqgħod miegħu fil-mument tal-mewt li jkompli fil-kirja. Mogħti l-konġedo, il-konvenut kellu jipproċedi permezz ta' kawża quddiem Qorti ordinarja u mhux jieħu l-liġi b'idejh wara li hu jarroga għalih il-ġurisdizzjoni tal-Qorti, jiddeċiedi li l-attur kien "bla titlu", u juża l-Kap 228 biex jiżgumbrah.

Kif muri wkoll fl-istess Nota, suffragata bil-ġurisprudenza ivi ċċitata, "bla titlu" tfisser li qatt ma kien hemm titlu, u mhux li kien hemm titlu li jista' jiġi ddikjarat xjolt – minn Qorti, u mhux *ex parte*.

Anke jekk si trattava ta' ħanut – u mhux residenza – mikri mingħand il-Gvern, japplika għall-każ preżenti t-tagħlim in re: **John Geranzi Limited v Il-Kummissarju tal-Artijiet** –Prim'Awla, 13.07.2010 – Imħallef Anthony Ellul:

"Wara li l-qorti qieset dawn il-provvedimenti u dak li jirrizulta mill-atti, tikkonkludi li:-

i. L-Artikolu 3 tal-Kap. 288 japplika biss fil-kaz ta' proprjeta' li:-

1. (a) tkun okkupata bla titolu;

2. (b) tkun okkupata b'*encroachment*;

(c) tkun art specifikata taht l-Ordinanza dwar il- Kummissarju ta' l-Artijiet (Kap. 169);

"M'hemmx dubju li fid-data li ntbaghatet l-ittra datata 8 ta' Marzu 2010 fejn il-konvenuta giet infurmata li l-Gvern ma kellux l-intenzjoni li jgedded il-kirja, il-konvenuta ma kenitx taqa' f'xi wiehed mill-kazijiet fuq imsemmija. L-istess jinghad meta nharget l-ordni skond l-Att dwar Zgumbrament minn Artijiet (Kap. 228).

ii. Ma jirrizultax li l-Kummissarju tal-Artijiet ghandu jedd li jaqbad u unilateralment jittermina kirja ta' hanut billi jaghti *congedo* lill-inkwilin ghaliex fil-fehma tieghu l-fond mikri ma jkunx qieghed jintuza mill-inkwilin ghall-iskop li ghalih ikun inghata b'lokazzjoni, u wara johrog ordni ta' zgumbrament (Artikolu 3 tal-Kap. 228) fuq il-premessa li l-okkupant m'ghandux titolu. Hi l-fehma tal-qorti li l- Kummissarju tal-Artijiet kellu d-dmir jiehu l-passi gudizzjarji jekk ried li l-konvenuta tigi zgumbrata

542

**Fil-Qorti tal-Appell**

Prez: € 80.00
Reġistru: € 6.00+1.20
Total € 87.20

A9.

REGISTRY SUPERIOR COURTS No. 52 1 DEC 2015 PAID

Rikors Ġuramentat 55/2005
*Maġistrat Paul Coppini*

**Anthony Cassar**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

*Deċiża*: 13 ta' Novembru 2015

**Risposta t'appell** tal-Kummissarju tal-Artijiet għar-rikors tal-appell ippreżentat minn Anthony Cassar fit-30 ta' Novembru 2015

Jesponi bir-rispett:

Illi bil-preżenti risposta, l-esponent qua appellat ser iwieġeb għar-rikors tal-appell interpost mill-appellant Anthony Cassar li permezz tiegħu talab lil dina l-Onorabbli Qorti tħassar id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fit-13 ta' Novembru 2015 u 'minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellat esponent u tilqa t-talbiet tal-attur' appellant, 'bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur'.

**Sentenza**

Illi b'sentenza mogħtija fit-13 ta' Novembru 2015, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali ddeċidiet '*Għaldaqstant, billi rriżulta li l-ordni ta' żgumbrament datat l-14 ta' April 2005 li biha l-attur ġie mitlub jiżgombra mill-fond 190, Triq tal-Għajn, Fontana, Għawdex, inħarġet b'mod regolari u kif trid il-liġi, t-talba tal-attur ma tistax tiġi milqugħa. Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu. L-ispejjeż tal-intervenut fil-kawża jibqgħu a karigu tiegħu.*'

**Osservazzjoni**

L-esponent jirrileva illi għall-finijiet ta' kjarezza u kompletezza tal-ġudizzju, in-numru ta' ċitazzjoni li ġie kwotat fl-aħħar paragrafu tal-appell u ċioe fit-talba huwa erronjament imniżżel bħala 881/2010. Mill-atti tal-Qorti jirriżulta illi n-numru ta' ċitazzjoni huwa fil-fatt 55/2005.



N.C. S.B.

**Eżami tal-aggravju**

Mill-qari tar-rikors jidher illi l-aggravju għalkemm mhux daqstant ċar huwa wieħed li jikkonsisti fis-segwenti: 'li l-konvenut kien għaraf lill-attur bħala inkwilin; li kien ikkonġedah meta ma baqax jaċċetta l-kera; li ergo l-attur ġie mingħajr titlu għax kien applikabbli l-Kodiċi Ċivili li ma jipproteġix lill-inkwilin ta' proprjeta governattiva u mhux il-Kap 69, u allura l-konvenut kien intitolat japplika l-poteri li jagħtih il-Kap 228'.

- Titolu: l-appellat qatt m'għaraf lill-attur bħala inkwilin

Preliminarjament jingħad illi m'hemm assolutament l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-Kummissarju appellat kien irrikonoxxa lill-missier l-appellant u ċioe lil Salvu Cassar iżda qatt ma rikonoxxa lill-appellant bħala inkwilin. Dan ifisser għalhekk li ġaladarba l-appellant qatt ma ġie rikonoxxut bħala inkwilin, l-istess appellant m'għandu l-ebda titolu validu fil-liġi fuq il-fond 189 / 190, Triq il-Għajn, Fontana. Dan huwa element bażilari u l-punt ta' departenza.

Referenza għandha ssir għall-provedimenti tal-Att Dwar Żgumbrament minn Artijiet (Kapitolu 228 tal-Liġijiet ta' Malta), speċifikament Artikolu 3 ta' dan l-att li jispeċifika li '*il-Kummissarju jekk fil-fehma tiegħu jkun meħtieġ jew spedjent li jagħmel, jista fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu jordna l-iżgumbrament ta' kull persuna minn kull art li tkun okkupata minn dik il-persuna mingħajr ebda titolu....*'

In vista tal-fatt li Anthony Cassar qatt ma ġie rikonoxxut bħala inkwilin ifisser li l-appellant qiegħed jokkupa proprjeta pubblika mingħajr ebda titolu u għalhekk kien hemm kull lok li jiġi applikat l-artikolu hawn kwotat fejn l-appellat jordna l-iżgumbrament.

L-esponent diġa issottometta fin-nota ta' sottomissjonijiet minnu ppreżentata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fil-31 t'Awwissu 2015, illi l-attur qatt ma ġab prova ta' xi titolu validu li jista' għandu fuq dik il-proprjeta. Imbilli jitilgħu xhieda jgħidu li dejjem raw lil Cassar dieħel fil-fond m'għandomx valur probatorju għaliex biex wieħed juri li għandu titolu, irid iġib prova konkreta u oġġettivament verifikabbli. Kien Anthony Cassar innifsu anzi li kkonferma meta ġie mistoqsi fil-15 ta' Diċembru 2011 jekk qattx irċieva xi ittra mingħand il-Kummissarju tal-Artijiet li turi li huwa ġie rikonoxxut minflok missieru li qal 'Le qatt ma rċivejt dik'. Di piu, meta kien mistoqsi 'il-Kummissarju tal-Artijiet qatt tak awtorizazzjoni biex tkompli tgħix hemmek wara li miet missierek?' Cassar wieġeb 'Le, minn daqsehkk qatt ma tani'. Aktar 'l isfel fix-xhieda tiegħu jkompli jisħaq li 'm'għandix karti kkonfermat li jien [awtorizat]'.

Allura wieħed isaqsi, x'titolu qiegħed jisħaq li għandu? Kif għandu titolu jekk qatt ma ġie rikonoxxut mill-esponenti? Fejn hi l-prova ta' dan it-titolu? Dawn huma mistoqsijiet li qatt ma ġew mwieġba mir-rikorrent appellant. Li wieħed jistrieħ sempliċiment fuq il-fatt li kien jgħix ma' missieru (għalkemm lanqas prova ta' din qatt ma ngabet), ma tagħti l-ebda dritt



N.C. S.M

544

awtomatiku illi jiġi rikonoxxut mill-esponenti. Tajjeb jingħad illi Anthony Cassar ried iġib prova konkreta u sodisfaċneti li huwa kien qiegħed jirrisjedi ma' missieru fil-mument tal-mewt. Il-piż tal-prova ta' dan il-fatt kien jistriħ fuq Anthony Cassar innifsu stante li huwa qiegħed jallega li huwa ntitolat ikomplu l-kirja a bażi ta' dak il-fatt. Pero, bħal ma diġa ingħad, l-ebda prova konvinċenti f'dan is-sens ma tresqet mill-appellant fl-istadju tal-provi tiegħu.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri u martu Mary Camilleri vs. Kumissarju tal-Artijiet***, il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha tal-11 ta' April 2006 rriteniet: "Kif tajjeb osservaw l-apppellanti fir-rikors ta' appell taghhom, il-Kap. 228 gie promulgat biex jiffacilita irripresa tal-pussess da parti tal-Istat ta' proprjeta` li tkun qed tigi okkupata abuzivament, b'mod li meta l-Kummissarju jiddeciedi li art hekk okkupata ghandha tigi zgumbrata, ikun min jippretendi li ghandu dritt jibqa' fuq dik l-art – u mhux il-Kummissarju – li jkollu l-obbligu li jadixxi lill-Qorti, biex juri li huwa verament ghandu titolu."[1]

Kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel, ġaladarba Anthony Cassar ma kienx rikonoxxut bħala inkwilin u ma kellux titolu validu fil-liġi, bl-ebda mod ma kien jispetta fuq il-Kummissarju appellat li jagħti avviż lil Anthony Cassar sabiex jevaka l-fond qabel ma fil-fatt joħroġ l-ordni ta' zgumbrament per se. Iżda fiż-żgur hu li wara li ġiet a konnoxxenza tiegħu li l-Kummissarju esponent m'huweix ser ikompli jaċċetta l-kirja l-appellant kien qiegħed jagħmel użu mill-fond mingħajr titolu (għalkemm l-esponent jisħaq li l-appellant qatt ma kellu titolu validu fil-liġi).

L-Onor. Imħallef Philip Sciberras, fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs. Victor Callerja et*** (Ċit Nru 354/2003/1) deċiża fid-9 ta' Jannar 2008 mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) ikkonferma is-sentenza tal-Bord tal-Kera fejn ġie kkunsidrat:

> Saru komunissimi l-kawzi li jimpustaw fuq il-kawzali 'bla titolu' talbiet ghar-ripreza ta' pussess ta' fond jew zgumbrament. Pero, kif intqal f'diversi okkazzjonijiet minn din il-Qorti – bla titolu – guridikament timporta okkupazzjoni li tkun saret minghajr kunsens, abbusivament bi vjolenza, b'arbitriju jew klandestinament, liema illegalita' pperdurat sal-mument li tkun giet proposta l-kawza. 'Bla titolu' ma tfissirx – bhala kawzali- xi kwalita ta' titolu li seta kien hemm, imma issa, wahda mill-partijiet tirritjeni li m'ghadux jissusisti, u ghalhekk ikun hemm bzonn dikjarazzjoni gudizzjarja li t-titolu li kien hemm spicca, jew b'xi mod iehor m'ghadux validu, minhabba ragunijiet ta' zmien, morozita, non osservanza tal-kundizzjonijiet tat-titolu u simili.'

Il-Bord tal-Kera wara li jagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet ***Mario Galea Testaferrata vs. Joseph N Tabone noe*** (deċiża fil-5 t'Ottubru 1998) u kkonfermat bis-sentenza ***Joseph Pace et vs. Salvatore Attard*** (deċiża fit-28 t'April 2004), jispjega illi 'l-frazi 'bla titolu' ghandha titqies li legalment iggib maghha ghamla ta' okkupazzjoni li, sa

[1] Enfażi miżjud.



N.G. G.M

mill bidu nett taghha, ma kienitx konsentita, jew ghaliex tkun wettqet minghajr ir-rieda ta' sid il-post li jkun, jew ghaliex tkun ittiehdet b'mod abbusiv jew bi vjolenza jew arbitrarjament, jew bil-mohbi tas-sid, liema illegalita' tkun issoktat sal-waqt li tinbeda l-kawza.'[2]

L-appellant jagħmel referenza għal kawża deċiza fit-13 ta' Lulju 2012 fl-ismijiet ***John Geranzi Limited vs. il-Kummissarju tal-Artijiet*** (Ċit Nru 881/2010). Preliminarjmanet l-esponent jirreleva illi din is-sentenza hija soġġetta għal appell għaldaqstant id-deċiżjoni m'hijiex *res judicata*. Fit-tieni lok, is-suġġett in materja bejn il-kawża hawn kwotata u l-kawża in eżami hija totalment differenti tant illi fil-kawża 881/2010 il-fond huwa ta' ħanut li kien mikri lil John Geranzi Limited u għaldaqstant is-soċjeta kienet rikonoxxuta mal-Kumissarja bħala inkwilin. Fil-kawża in eżami, l-appellant Cassar la għandu kirja ta' fond u wisq anqas huwa rikonoxxut bħala inkwilin mal-Kummissarju. Fil-kawża istitwita minn John Geranzi Limited, ġa ladarba kien hemm inkwilin rikonoxxut, dak l-inkwilin kellu titolu validu fil-liġi; fil-kawża in eżami Anthony Cassar m'huwiex rikonoxxut u għalhekk m'għandux titolu. Li għandu jingħad fi zgur huwa li wara li s-soċjeta attriċi fil-kawża hawn kwotata ingħatat il-kongedo u t-terminu għadda, is-soċjeta John Geranzi Limited kienet qed tokkupa l-fond hemm in kwistjoni mingħajr titolu wkoll. Iżda mingħajr preġudizzju, il-Prim'Awla rritenit fost oħrajn illi 'L-Artikolu 3 tal-Kap. 288 japplika biss fil-kaz ta' proprjeta' li:- (a) tkun okkupata bla titolu [...]', kif huwa fil-fatt il-każ in eżami.

In konnessjoni mas-surreferrit l-esponent jirrileva illi r-rikors t'appell huwa miżgħud b'inkonsistenzi u kontradizzjonijiet liema jrendu din l-azzjoni fiergħa u vessatorja. Dan qiegħed jingħad għaliex waqt li f'nifs jingħad illi 'il-konvenut qatt m'għaraf lill-attur bħala inkwilin' sussegwetnament wieħed jaqra fir-rikors t'appell illi 'fil-fatt l-attur kien inkwilin' u b'dan għalhekk imur proprju kontra l-aggravju tiegħu stess fejn qiegħed jgħid li l-Qorti tal-Maġistrati ikkunsidrat illi 'l-konveut kien għaraf lill-attur bħala inkwilin'. Għall-Kummisarju appellat huwa ċar li Anthony Cassar m'huwiex u qatt ma kien rikonoxxut bħala inkwilin, iżda għal xi raġuni magħrufa biss mill-appellant, dan ta' l-aħħar qed joħloq konfuzzjoni ta' fil-fatt x'kien.

Il-Qrati nostrana kellhom diversi opportunitajiet li jiddefinixxu u jidħlu fid-dettall dwar x'jammonta frivolu u vessatorju. Fosthom il-Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fis-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Bugeja vs l-Avukat Ġenerali et*** deċiza fis-26 ta' Marzu 2013, u waqt li għamlet referenza għal żewġ sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, ***Mifsud et vs. l-Avukat Ġenerali et*** tat-23 ta' Novembru 1990 u ***Ciantar et vs. il-Prim Ministru ta' Malta*** deċiża fl-10 ta' Mejju 1995, spjegat illi

> kif ingħad bosta drabi, bil-kelma "frivola", ġie mill-Qrati mfisser li kwestjoni hija ta' ebda preġju jew siwi u li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; filwaqt li bil-kelma "vessatorja" wieħed jifhem li l-kwestjoni tqanqlet mingħajr raġunijiet tajbin biżżejjed u bil-ħsieb li ddejjaq u tirrita lill-parti l-oħra. Il-liġi żżid ukoll il-kwalifika

[2] Dan ġie similarment ritenut fil-kawża tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla deċiża fl-20 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet ***Emmanuel A. Bonello et vs. Francis Fenech et*** (1131/1989/1JRM); Dr. Vincent Curmi et vs. Joseph Tabone et (926/1989/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ġunju 2010.



N. l. S.M.

li l-kwestjoni tkun "sempliċement" frivola u vessatorja, jiġifieri tkun mill-ewwel u mad-daqqa t'għajn tidher "vana, nieqsa mis- serjeta', manifestament nieqsa mis-sens u ma jistħoqqilhiex attenzjoni".

- Congedo

Hawnek fejn wieħed isib babilonja oħra fir-rikos t'appell. L-attur appellant taħt is-sezzjoni 'Loġikament' kiteb hekk 'ġjaladarba l-attur qatt ma kien magħruf bħala kerrej, qatt ma seta' jingħata l-kongedo li jingħata lil kerrej'. Dak li jidher tant loġiku hawn, ma jibqax hekk meta jkompli jaqra aktar 'l isfel: 'Fl-ewwel lok, il-konvenut **ma ġieb l-ebda prova ta' meta sar dan is-suppost l-konġedo impliċitu** billi m'aċċettax il-kera. **Ma saret l-ebda prova li dan is-suppost konġedo sar mill-inqas xahar qabel m'għalqet il-kirja** ex-Art. 1568 tal-Kodiċi Ċivili'. Mela fuq naħa qiegħed jingħad li ma kien hemm bżonn l-ebda kongedo (u l-esponent jaqbel perfettament ma' dan il-punt) iżda fuq in-naħa l-oħra qiegħed jippretendi lill-Kummissarju jġib prova tal-kongedo. Jekk ma hemmx bżonn il-kongedo għaliex hemm bżonn tinġab prova li ngħata l-kongedo?!

Il-fatt jekk Anthony Cassar għandux titolu o meno tinpinġi fuq ir-regola tal-congedo u dan għaliex jekk wieħed għandu titolu validu jidħol fis-seħħ l-Artikolu 1568 tal-Kodiċi Ċivili u ċioe li '*il-kiri ma jispiċċax bl-egħluq taż- żmien kemm-il darba sid il-kera ma jagħtix avviż lill-kerrej, jew dan lil dak, mill-anqas xahar qabel, jekk iż-żmien preżunt tal-kiri hu għal sena, jew ħmistax-il gurnata qabel, jekk dan iż-żmien hu għal anqas minn sena'* – dak li huwa magħruf bħala l-congedo; iżda jekk m'hemm l-ebda titolu allura r-regola tal-congedo ma tapplikax.

Primarjament għandu jingħad illi ġaladarba Anthony Cassar ma kellu l-ebda titolu validu għax qatt ma ġie rikonoxxut, ma jeħtieġ l-ebda proċedura legali oltre proċedura ta' żgumbrament. Iżda mingħajr preġudizzju għal dan, u *a contario* ta' dak magħdud mill-appellant, inġabet l-aħjar prova li setgħet tinġab li kien ingħata l-congedo lill-appellant – ir-rikorrent innifsu meta xehed illi l-Kummissarju waqaf jaċċetta l-kirja. L-appellant kienet ġiet a konoxxenza tiegħu li kellu jivaka l-post minn tal-anqas mis-sena 2001 fejn waqt laqgħa miżmuma ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Fontana fit-2 ta' Mejju 2001, l-appellant kien preżenti u għal mistoqsija jekk ikunx kuntent jekk jingħata ammont ta' flus sabiex ikun jista' jixtri x'imkien u joħroġ mill-fond 189 / 190 Triq il-Għajn, Fontana, hu r-risponda li għandu jingħata ammont ta' flus li jkopri xiri ta' garaxx jew 'jingħata l-Għassa tal-Pulizija li hemm fi Triq ta' Mulejja sabiex ikun jista' jpoġġi l-għodda fiha'. Dan juri mill-aktar mod ċar illi minn tal-anqas erba' snin qabel ma nħarġet l-Ordni ta' Zgumbrament huwa kien jaf li xi punt jew ieħor huwa kellu joħroġ mill-fond li huwa kien qiegħed juża mingħajr permess tal-Kummissarju. Di piu, l-ewwel ċedola ta' depożitu min-naħa tal-appellant ġiet ippreżentata fil-15 ta' Settembru 2004, seba' xhur qabel ma nħarġet l-Ordni ta' Zgumbrament, dan ifisser għalhekk li dak iż-żmien huwa kien diġa mgħarraf illi l-'kirja' kienet ser tieqaf.



N.C. S.M

547

Hija ta' ferm importanti s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri), mill-Onor Imħallef Philip Sciberras fil-5 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet ***Emanuel Abela vs. Paul u Frances konjugi Abela*** fejn il-Qorti spjegat illi

> Relattivament għall-fatt tal-kongedo jinsab enuncjat illi "*la legge non richiede alcuna forma, e non e' necessario la prova scritta*" (**Vol VI pag 126**). "*A tal uopo basta anche una comunicazione verbale*" (**Vol XIX pl p151**). Jinsab ritenut ukoll illi **fejn is-sid ma jaccettax il-kera dan "*ir-rifjut tiegħu kien kongedo sufficjenti, jiġifieri manifestazzjoni cara tal-volontà u intenzjoni tal-attur li ma jkomplix jikri l-fond lill-konvenut*"**[3] (**Vol XXVI pI p199**; **Joseph Camilleri vs Emmanuele Dimech**, Appell, Sede Inferjuri, 25 ta' Ottubru 1978 [Imhallef Maurice Caurana Curran]; **Carmelo Cioffi vs Sammy Darmanin**, Appell, Sede Inferjiri, 6 ta' Mejju 1986).

L-Artikolu 1568 ma jsemmix il-forma li biha għandha tingħata l-avviż u għaldaqstant il-kongedo tista' tingħata f'kull forma u m'hemm l-ebda bżonn ta' kitba sabiex l-okkupant jiġi nfurmat li l-kirja ser tieqaf. Kommunikazzjoni verbali hija forma suffiċċjenti ta' kongedo. Dan il-punt ġie ritenut f'diversi deċiżjonijiet, fosthom ***Joseph Philip Testaferrata Bonici et vs. Perit Carmelo Bonanno et*** (Ċit Nru 58/2000/1), deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju 2003; ***Anthony u Lilian konjugi Busuttil vs. John Abela*** (Ċit Nru 255/2005/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Mejju 2008.

Nonostante l-fatt li l-esponenti qatt ma rikonoxxa lil Anthony Cassar bħala inkwilin tal-fond 189 / 190 Triq il-Għajn, Għajnsielem, huwa xorta ingħata l-congedo hekk malli ġie nfurmat illi l-kirja mhux ser tiġi aċċetata aktar. Dan fil-fatt m'huwiex punt ikontestat min-naħa tal-attur, tant li anka fix-xhieda tiegħu (permezz ta' affidavit) stqarr li meta mar biex iħallas il-kera, l-uffiċċjali infurmawh li l-kirja ser tiġi terminata u li l-kera mhux ser tiġi aċċetata.[4] In vista ta' dak li ġie ikkunsidrat fil-kawża ***Emanuel Abela vs. Paul u Frances konjugi Abela,*** hawn fuq kwotata, joħroġ mill-aktar mod ċar illi nuqqas ta' aċċetazzjoni ta' kera hija forma valida ta' congedo. Għaldaqstant, m'huwiex minnu li Anthony Cassar qatt ma ingħata l-congedo. Kif ingħad aktar 'il fuq, Anthony Cassar kien jaf illi l-post ser jittieħed minn għandu tant li kien daħal fit-trattivi mal-Kunsill Lokali tal-Fontana sabiex dawn ta' l-aħħar jipprovdulu post alternattiv.

Sabiex jiġi evitat repetizzjoni inutili l-esponent jagħmel referenza għan-nota tas-sottomissjonijiet (paġni 11 – 14) minnu preżentata fejn hemm manjiera ta' ġurisprudenza lokali dwar meta għandha tingħata l-congedo u f'liema forma jeħtieġ li tingħata.

Importanti li jiġi ritentut illi wara li tingħata l-congedo, l-inkwilin ikun qiegħed jokkupa l-fond mingħajr titolu. Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawża deċiża fit-23 ta' Mejju 2008

[3] Enfażi miżjud.

[4] '[Il-Gvern] ma baqax jaċċetta l-kirja wara l-mewt ta' missieri' – meħudha mill-affidavit ta' Anthony Cassar ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2011, u jinsab a fol. 284 – 287. Waqt il-kontro-eżami tal-15 ta' Diċembru 2011, Anthony Cassar kien qal 'L-irċevuti kienu joħorġu fuq isem missieri sakemm dam ħaj, għax imbagħad x'ħin mort nibda nħallas jien, qatgħuhieli'.



N. G. S. M

fl-ismijiet ***Anthony u Lilian konjugi Busuttil vs. John Abela*** (Ċit Nru 255/2005/1) u wara li għamlet referenza għas-sentenza ***Iris Scott vs. Alfred Borg***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Jannar, 2002 kif ukoll għas-sentenza ***Giuseppe Attard Portughese vs. Giuseppe Bona*** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-22 ta' Ġunju 1925, ingħad li 'L-inkwilin il-qadim ma jkollu ebda dritt jkompli jokkupa l-fond lokat wara li jsehh il-kongedo'. Referenza għal ġurisprudenza lokali fuq dan il-punt saret fin-nota ta' sottomissjonijiet ġia msemmija u dan qiegħed jingħad sabiex jiġi evitat repetizzjoni inutili.

- L-applikabbilita tal-Kap 69 għal Gvern

L-Artikolu 3 tal-Kap. 69 (Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-kera ta' Bini) jaqra li *"Sid il-kera ta' xi fond ma jistax, meta jagħlaq iz-zmien tal-kiri (sew jekk dan iz-zmien ikun skond il-ftehim, legali, skond l-uzu jew imnissel mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza), jirrifjuta li jgedded il-kiri jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kondizzjonijiet godda għat-tigdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord."* Iżda l-Artikolu 8 tal-istess Kap jispjega *'(1) Meta sid il-kera jkun irid jieħu lura l-pussess tal-fond fit-tmiem tal-kiri, huwa għandu jitlob permess lill-Bord għaldaqshekk. (2) Id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu ma tgħoddx għall-fondi li huma tal-Gvern jew amministrati minnu'*.

Ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrana illi r-regoli dwar it-tiġdid tal-kera taħt il-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx għal proprjetajiet tal-Gvern mogħtija b'kirja. Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet ***Justin Caruana vs. Kummissarju tal-Artijiet et*** deċiża fis-16 t'Ottubru 2006 iddeċidit illi 'fil-waqt li hu minnu li meta kerrej imut, ikun protett membru tal-familja li jkun jabita miegħu fiz-zmien in kwistjoni skond il-Kapitolu 69, l-istess Kapitolu 69 il-Gvern ma hux marbut bħal sidien oħra li jirrikonoxxi tali persuna (Artikolu 8)'. Dan il-punt legali ġie trattatt ukoll fil-kawża ***Joseph Tonna vs. Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Awtorita' tad-Djar*** deċiża fit-18 ta' Lulju 2012 mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla[5] kif ukoll fil-kawża ***Godfrey Gialanze et vs. Kummissarju tal-Artijiet*** deċiża fil-15 ta' Ottubru 2013 mill-Prim'Awla Qorti Ċivili.

L-artikolu 2 tal-Kap 69 jikkategorizza id-definizzjoni ta' 'kerrej' u fosthom wieħed issib li f'każ ta' dar ta' abitazzjoni 'meta l-kerrej ma jħallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqogħdu miegħu fiż-żmien tal-mewt tiegħu'. Għaldaqstant huwa rikjest illi l-membru tal-familja jkun qiegħed jgħix mal-inkwilin fiż-żmien tal-mewt. Mill-provi li ġew prodotti waqt is-smiegħ tal-kawża ħareġ mill-aktar mod ċar illi l-appellant Cassar ma kienx qiegħed jirreżjedi ma' missieru Salvu Cassar waqt l-aħħar nifsijiet ta' ħajtu li għadda għal ħajja ta' dejjem fis-27 ta' Novembru 1997. Tant li Mario Tabone, xhud prodott mill-attur fl-24 ta' Jannar 2007, xehed illi kien biss fis-27 ta' Lulju 1999, sentejn wara li miet missieru, li l-attur qaleb l-indirizz tiegħu fuq il-Fontana. Dan ifisser għalhekk illi meta miet missieru, huwa ma kienx qiegħed jgħix ġewwa l-fond

[5] *'L-attur ma jistax jivvanta l-protezzjoni tal-ligijiet tal-kera kemm ghax l-artikolu 8(2) tal-Kap. 69 li jghid li tiehid lura ta' proprjeta mikrija jista' jsir biss wara talba lil Bord tal-Kera ma japplikax ghal proprjeta tal-Gvern'*



N. L. S. M.

189 / 190, Triq il-Għajn, Fontana b'konsegwenza li ma jikkwalifikax bħala kerrej taħt l-Kap 69. Kif diġa ġie ritenut mill-esponenti, il-piż tal-prova li juri li kien jirrisjedi ma missieru waqt mewtu kien l-appellant innifsu, imma mhux talli hekk talli telgħa xhud li juri li dan ma kienx minnu u ċioe li l-appellant ma kienx qiegħed jgħix ma' missieru dawk iż-żminijiet.

Il-kawża ***Justin Caruana vs. Kummissarju tal-Artijiet et*** (Ċit Nru 2439/2000/1) mismugħuha u deċiża mill-Qort Ċivili, Prim'Awla fis-16 t'Ottubru 2006, hija kemmxejn identika għal dik in eżami. Justin Caruana kien jgħix flimkien maz-ziju tiegħu, Saviour Caruana, ġewwa fond Senglea u fejn dan ta' l-aħħar kien qiegħed jgħix ġewwa l-imsemmi fond b'titolu ta' lokazzjoni. Wara l-mewt ta Saviour Caruana, l-attur baqa' jgħix fil-fond. Il-Kummissarju tal-Artijiet qatt ma' rikonoxxih bħala inkwilin nonostante l-fatt li kienet saret talba formali minn Justin Caruana sabiex dan jiġi hekk rikonoxxut. Sussegwentament, wara xi żmien, il-Kummissarju tal-Artijiet bgħat Ordni ta' Zgumbrament lil Justin Caruana in vista tal-fatt li ma kellux titolu fuq il-fond. Justin Caruana, permezz ta' din l-azzjoni attaka l-Ordni ta' Zgumbrament. Il-Qorti ddeċidiet hekk:

> Fil-waqt li hu minnu li meta kerrej imut, ikun protett mimebru tal-familja li jkun jabita miegħu fiz-zmien in kwistjoni skond il-Kapitolu 69, l-istess Kapitolu 69 il-Gvern ma hux marbut bhal sidien ohra li jirrikonoxxi tali persuna (Artikolu 8).
>
> Ghalhekk hadd mill-konvenuti ma kellhom xi obbligu fil-konfront tieghu anzi kienu generuzi mieghu li hallewh (ghall-inqas sa issa) jokkupa l-garaxx li ukoll kien mikri lil zijuh.

Il-Qorti għaddiet biex tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet tal-attur.

- L-artikolu 1576A tal-Kodiċi Ċivili

L-Artikolu 1576A jipprovdi illi *'[m]inkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Kodiċi u ta' kull liġi oħra sid il-kera meta dan ikun il-Gvern jew xi korporazzjoni jew awtorità mwaqqfa b'liġi jista' f'kull żmien fl-interess tal-pubbliku, iħoll il-kuntratt tal-kiri meta l-kiri jkun sar għal żmien determinat li jkun għadu ma għalaqx, billi jagħti avviż tal-istess b'att ġudizzjarju lill-kerrej, liema avviż għandu jkun ta' mhux anqas minn tliet xhur kemm fil-każ ta' fondi ta' bini użat għal abitazzjoni kif ukoll fil-każ ta' fondi oħra; u malli jingħata dak l-avviż il-kuntratt ta' kiri jinħall fid-data msemmija fl-avviż u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-sub-titolu.'*[6]

L-appellant huwa skorett meta jipprova japplika l-Artikoli 1576A sa 1576D u dan stante li biex dawk il-proċeduri japplikaw irrid ikun hemm kuntratt viġenti u l-kerrej irrid ikun rikonoxxut. Fil-każ in eżami kuntratt viġenti ma kienx hemm għaliex Anthony Cassar qatt

[6] Enfażi miżjud.

ma kien ikkunsidrat bħala kerrej għall-esopnenti, il-kerrej għal Kummissarju tal-Artijiet kien proprju Salvu Cassar. Magħdud ma dan, dawk l-artikoli japplikaw meta hemm kirja li trid tiġi terminata qabel ma jagħlaq iż-żmien tal-kirja, meta żmien ikun determinat. Fil-każ odjern, qatt ma kien hemm kirja u għalhekk qatt ma kien hemm żmien determinat.

Il-Kummissarju tal-Artijiet ma' talabx l-izgumbrament ta' Anthony Cassar a bażi ta' dan l-artikolu. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali fis-sentenza li minnha qiegħed issir dan l-appell kien korrett meta qal li 'Fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tiegħu l-attur jiċċita l-artikolu 1576A tal-Kodiċi Ċivili li jirrikjedi li meta l-Gvern ikun irid jieħu lura fond proprjeta' tiegħu mikri lil terzi, għandu jagħti lill-inkwlin tiegħu avviż permezz ta' att ġudizzjarju mill-inqas tliet xhur qabel ma hija ntenzjonata li tiġi terminata din il-kirja. Jirriżulta mhux kontestat li qatt ma sar xi att ġudizzjarju simili mill-konvenut. Imma dan l-artikolu tal-liġi jistipula wkoll illi dan l-att ġudizzjarju jrid isir biss: "...meta l-kiri jkun sar għal żmien determinat li jkun għadu ma għalaqx..." Dan mhux il-każ hawnhekk, għax il-kirja kienet waħda antika, li baqgħet tiġi mġedda minn sena għall-oħra skont l-artikolu 1532 tal-Kap.16. La darba allura ma kienx meħtieġ l-ebda att ġudizzjarju sabiex jingħata l-congedo, dan seta jsir bi kwalunkwe mod [...]'

- Ultra vires

Huwa totalment immattur li wieħed iqajjem allegazzjonijiet ta' ksur ta' prinċipju naturali fi stadju t'appell. L-allegazzjoni li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet hija ultra vires tqajmet f'dan l-istadju u għaldaqstant dan l-Onorabbli Qorti huwa umilment mitlub jiskarta kompletament din l-allegazzjoni.

Mingħajr preġudizzju, din l-allegazzjoni hija fiergħa stante illi l-Kap 228, l-Att dwar Żgumbrament minn Artijiet, jagħti s-setgħa lill-Kummissarju li jordna l-iżgumbrament ta' dawk l-individwi li jkunu qed jagħmlu użu minn art pubblika mingħajr id-debita awtorizzazzjoni u rikonoxximent neċċessarju, u ċioe *squatters*. Dan il-poter huwa mogħti lilu bis-saħħa tal-Artikolu 3 li jistabillixxi illi *'il-Kummissarju jekk fil-fehma tiegħu jkun meħtieġ jew spedjent li jagħmel, jista fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu jordna l-iżgumbrament ta' kull persuna minn kull art li tkun okkupata minn dik il-persuna mingħajr ebda titolu....'*. Referenza issir għal kawża ***Martin Baron proprio et nomine vs. Kummissarju tal-Artijiet et*** deċiża fit-28 ta' Mejju 2015 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn ġie kkunsidrat is-segwenti 'il-Kummissarju tal-Artijiet kellu kull setgħa fuq is-saħħa tal-artikolu 3 tal-Kap 228 tal-Liġijiet ta' Malta li joħroġ ordni ta' żgumbrament kontra r-rikorrenti. Jiġi b'hekk li ma kien hemm xejn irritwali, abbużiv jew ultra vires fil-proċedura użata mill-Kummissarju tal-Artijiet f'dan il-każ'.



N.C. S.M

- L-applikabbilita tal-Kap 228

L-appellant ilmenta illi 'dan xorta waħda ma kienx jintitola lill-konvenut japplika l-Kap 228' mingħajr ma ta' l-ebda spjegazzjoni għala din qed jingħad.

L-appellant qiegħed jitlob lil dina Onorabbli Qorti 'tilqa' t-talbiet tal-attur' fis-sens għalhekk li tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-ordni ta' zgumbrament datat 14 t'April 2005. Bid-dovut rispett lejn l-appellant din it-talba ma tistax tiġi milqgħu u dan peress li biex il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-ordni ta' zgumbrament kellha l-ewwel u qabel kollox tinġib prova ċara u konkretta li l-appellant għandu titolu ta' inkwilin fuq il-fond mertu tal-kawża u li huwa rikonoxxut mal-esponent bħala hekk. Barra minn hekk, l-esponent appellat umilment jissottometti li huwa għandu dritt bħal kwalunkwe sid ieħor ta' proprjeta li jipproteġi l-proprjeta tiegħu minn abbuż u minn persuni li jokkupaw proprjeta mingħajr titolu kif fil-fatt sar fil-każ odjern. Ma dan jingħad ukoll li mhux obbligat li jkompli jikri lill-attur il-fond 189 / 190, Triq il-Għajn, Fontana kif qiegħed jippretendi l-attur, u dan speċjalment in vista tal-fatt illi l-istess attur ħa pussess tal-proprjeta hawn fuq imsemmija b'mod abbużiv u mingħajr il-kunsens tal-Kummissarju tal-Artijiet bħala sid il-fond.

In vista tas-suespost isegwi għalhekk li l-aggravju tal-appellant m'huwiex mistħoqq u għaldaqstant m'għandux jiġi milqugħ.

Għaldaqstant l-esponent appellat filwaqt li bir-rispett jagħmel referenza għal provi u sottomissjonijiet mressqa minnu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, jirriserva li jressaq dawk il-provi u sottomissjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi, u jissottometti li l-appell mid-deċiżjoni tal-imsemmija Qorti tat-13 ta' Novembru 2015, fl-ismijiet premessi, ippreżentat mill-appellant għandu jiġi miċħud u s-sentenza tal- Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali tat-13 ta' Novembru 2015 għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

**Avv. Mireille Sacco**
Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali
Il-Palazz, Valletta

**Prokuratur Legali**
Uffiċċju tal-Avuka
Il-Palazz, Vallett

**Appellant:** **Kummissarju tal-Artijiet**
Berġa tal-Baviera,
Triq San Bastjan
Valletta VLT 2000

**Appellat:**

18 DEC 2015

Gaetana Aquilina
Deputat Registratur
Deputy Registrar
Qrati tal-Gustizzja (Malta)
Law Court (Malta)

Ipprezentata mill Pl. H. Testa

bla/b ____ dokumenti

N. C. G. M.

Prez: €80.00
Not €6.00
Reg €1.20
€87.20

NOV 115 554 39

REGISTRY GOZO COURTS
30 DEC 2015
384
RECEIVED

Fil-Qorti tal-Appell
(Civili Superjuri)

Rikors Guramentat Nru 55/2005 PC

Anthony Cassar

Vs

Kummissarju tal-Artijiet; u b'digriet tal-4 ta' April 2014, il-Kunsill Lokali tal-Fontana gie awtorizzat sabiex jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis*

Risposta tal-Appell tal-intervenut il-***Kunsill Lokali Fontana*** ta' "Multi-Purpose Room", L-Ewwel Fazi tac-Centru Civiku, Triq ta' Mulejja, Fontana, Ghawdex

Jesponi bir-rispett:

Illi l-appell odjern huwa kompletament infondat fid-dritt u fil-fatt u ghandu jigi rigettat prevja l-konferma tas-sentenza tat-tlettax (13) ta' Novembru 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali, liema sentenza hija gusta u timmerita li tigi konfermata *in toto*.

- **Fatti tal-Kaz**

L-esponenti Kunsill Lokali intervjena *in statu et terminis* in vista li huwa ghandu interess guridiku intimament marbut mal-mertu ta' din il-kawza. Dan ghaliex l-art li fuqha attwalment huwa mibni l-fond fil-pussess ta' Anthony Cassar kienet giet esproprjata ghall-skop pubbliku u illum hija intiza biex il-Kunsill Lokali ikompli bil-bini tal-ahhar fazi tac-Centru Civiku ghal-lokalita tal-Fontana fit-termini tal-permessi gia ottenuti mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.[1] Din il-fazi sejra tinkorpora fost affarijiet ohra l-ufficcji amministrattivi tal-Kunsill stante li attwalment il-Kunsill qieghed jopera minn kamra wahda zghira. Il-Kunsill ghandu ghalhekk

[1] Il-permessi relattivi ottenuti ghall-izvilupp tas-sit mertu ta' din il-kawza huma PA 337/01, PA 1535/06, PA 7083/07, PA 121/09 u PA 701/2014.

interess li tigi konfermata l-ordni ta' zgumbrament biex l-art imbaghad tkun tista' tigi devoluta lill-Kunsill skont kif gia` pattwit mad-Dipartiment tal-Artijiet bl-intiza li jitkompla l-bini tac-centru fl-interess ahhari tar-residenti tal-Fontana, Ghawdex u l-Kunsill jkollu ufficini adegwati sabiex jaqdi l-funzjonijiet tieghu.

Il-fatti tal-kaz huma pjuttost semplici. Salvu Cassar, missier ir-rikorrent appellant Anthony Cassar, kien inkwilin tal-post bin-numri 189/190 Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex. Salvu Cassar gie nieqes fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 1997. Wara l-mewt ta' missieru, Anthony Cassar ippretenda li huwa kellu jigi rikonoxxut bhala inkwilin tal-fond ghaliex qal li kien joqghod ma' missieru fil-mument tal-mewt. Il-Kummissarju tal-Artijiet fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali ma irrikonoxxiex lil Anthony Cassar bhala l-inkwilin tal-post anke ghaliex irrizulta li Cassar ma kienx qieghed jirrisjedi fil-fond 189/190 fi Triq tal-Ghajn, Fontana izda kien qieghed jirrisjedi f'numru 113, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex. Id-Dipartiment lanqas qatt ma accetta hlas ta' xi kera minghand Anthony Cassar u fl-ebda hin ma irrikonoxxieh bhala inkwilin.[2]

Fl-14 ta' April 2005, il-Kummissarju tal-Artijiet hareg ordni ta' zgumbrament kontra Anthony Cassar stante li l-istess Anthony Cassar kien qieghed jokkupa l-fond minghajr titolu validu. Anthony Cassar ipproceda b'mandat ta' inibizzjoni kontra l-Kummissarju tal-Artijiet biex il-Kummissarju ma jkomplix bl-izgumbrament tal-post. Il-mandat gie akkordat u in sostenn ta' dan il-mandat, Anthony Cassar ipprezenta l-kawza odjerna fejn huwa qieghed jitlob it-thassir, ir-revoka u l-kancellament tal-ordni ta' zgumbrament mill-fond 189/190, Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex kantuniera ma' Triq ta' Mulejja mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet fl-14 ta' April 2005.

- **<u>L-Aggravju Sollevat mir-Rikorrent Appellant</u>**

Ir-rikorrent appellant qieghed isejjes dan l-appell tieghu fuq l-allegazzjoni li r-ragunament tal-Qorti kien vizzjat *"fattwalment,*

[2] Ara xhieda in kontro-ezami ta' Anthony Cassar, Fol. 342 – 343.

W.G. G.M

*logikament kif wkoll guridikament."*[3] L-appellant jargumenta li: (a) il-konvenut appellat Kummissarju tal-Artijiet qatt m'gharaf lill-attur appellant bhala inkwilin; (b) li la darba l-attur appellant qatt ma kien maghruf bhala inkwilin, allura ma kienx jiswa li jinghata l-*congedo*; (c) li kieku l-konvenut appellat gharaf lill-attur appellant bhala inkwilin, il-*congedo* ma kienx jiswa.

Dan l-aggravju pero qieghed **jinjora** kompletament il-*punto di partenza* tal-azzjoni attrici. Minn qari tar-rikors guramentat huwa car li r-rikorrent kien qed jattakka l-ordni ta' zgumbrament fuq zewg binarji principali:

(a) Il-fatt li huwa inkwilin tal-post 189/190, Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex ghaliex kien wiret il-kirja minghand missieru u allura fil-mument tal-ordni ta' zgumbrament l-attur appellant kellu titolu validu ta' kera;

(b) La darba kien inkwilin, il-Kummissarju tal-Artijiet kien jehtieg li qabel johrog l-ordni ta' zgumbrament jaghti l-*congedo* lil Anthony Cassar sabiex tintemm il-kirja vigenti favur l-istess attur appellant. Tali *congedo* ma inghatax u l-ordni ta' zgumbrament ma tistax titqies li hija *congedo*. Ghalhekk l-attur appellant sostna li l-ordni ta' zgumbrament mhuwiex wiehed validu.

Dan ir-ragunament l-appellant jidher li issa insieh kollu. Fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant qieghed jammetti u jirrikonoxxi li huwa qatt ma kien rikonoxxut bhala inkwilin mill-Kummissarju tal-Artijiet. Allura la darba ma kienx rikonoxxut bhala inkwilin, ghall-Kummissarju tal-Artijiet Anthony Cassar kien qieghed jiddetjeni l-fond 189/190 Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex minghajr **l-ebda titolu validu**. Implicitament wkoll l-istess appellant qieghed jirrikonoxxi wkoll li allura r-regola tal-*congedo* – li tant enfasizza dwarha quddiem l-Ewwel Qorti li kellha tigi osservata – ma kinitx tapplika fil-konfront tieghu ghax ma kien hemm l-ebda kirja vigenti favur tieghu. Isegwi ghalhekk li l-Kummissarju tal-Artijiet ma kellu l-ebda obbligu li jaghtih *congedo* u li l-istess Kummissarju kien korrett jipprocedi bl-ordni ta' zgumbrament kontra r-rikorrent appellant ghas-semplici fatt li Cassar ma kellu l-ebda titolu validu fuq il-

[3] Pagna 3 tar-Rikors tal-Appell

N.C. G.K.

proprjeta. Ghalhekk m'hemm xejn x'jigi censurat fil-mod ta' kif ipproceda l-Kummissarju tal-Artijiet. Kif sewwasew gie ritenut fis-sentenza ikkwotata mill-appellant inniffsu fl-ismijiet **John Geranzi Limited vs Il-Kummissarju tal-Artijiet**, l-artikolu 3 tal-Kap. 228 japplika f'kazijiet fejn il-proprjeta tkun okkupata bla titolu. Dan kien kaz fejn l-appellant ma kellu l-ebda titolu rikonoxxut mill-appellat Kummissarju tal-Artijiet u allura l-istess Kummissarju seta' jipprocedi kif fil-fatt ipproceda u juza l-poteri koncessi lilu mill-Kap. 228.[4]

Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti umilment jissottometti wkoll li ghall-aggravju imressaq issa mill-appellant josta l-principju *selecta una via non datur recursum ad alteram*. Kif senjalat mill-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Diana mart Edgar Gatt et vs Vincent Said**: *"Una volta l-parti f'kawza tkun ghazlet triq ta' difiza tal-jeddijiet taghha, kemm bhala attur kif wkoll bhala konvenut, u procediet fuqhom bil-prezentata ta' azzjoni jew eccezzjoni ma kienx konsentit lil dik il-parti f'dawk l-istess proceduri tibdel il-linja difensjonali taghha."*[5] La darba quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti kien hemm insistenza mill-appellant li huwa kien verament inkwilin tal-fond in kwistjoni u li bhala tali kien jispetta li jinghata l-*congedo*, huwa prekluz ghall-appellant li issa jigi u jattakka s-sentenza appellata fuq binarji kompletament differenti kif qieghed sewwasew jipprova jaghmel f'dan ir-rikors tal-appell. L-appellant qed jipprova jiehu vantagg mill-fatt ghax skont hu l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li l-Kummissarju tal-Artijiet kien irrikonoxxa lill-appellant bhala inkwilin. Dan meta quddiem l-Ewwel Qorti l-istess appellant xeba' jhambaq li huwa kien inkwilin u li l-Kummissarju tal-Artijiet kien obbligat jirrikonoxxieh. Tant hu hekk li ipprova jikkonvinci lill-Ewwel Qorti li huwa kien abitwalment residenti fil-post in kwistjoni fil-Fontana peress li kellu problemi serji matrimonjali. Lanqas ma jista' l-appellant issa jargumenta li l-Kummissarju ma seta' jaghtih l-ebda *congedo* ghax ma irrikonoxxiehx, meta quddiem l-Ewwel Qorti insista ghal numru interminabbli ta' drabi li l-Kummissarju kien obbligat li jaghtih il-*congedo* u li la darba dan ma kienx inghata, allura l-ordni ta' zgumbrament ma kinitx wahda valida. Dawn l-argumenti huma ghal

[4] Ara pagna 4 tar-rikors tal-appell.
[5] Deciza fit-23 ta' Frar 2001 mill-Qorti tal-Appell, pagna 27 tas-sentenza.

N.G. S.M

kollox kuntrarji ghall-argumenti li ressaq b'sahha l-istess appellant quddiem l-Ewwel Qorti u jammontaw ghal bidla radikali u totali tal-istess difensjonali. Tali bidla assolutament mhix permessa abbazi tal-massima legali ikkwotata.

- **<u>Il-Kwistjoni dwar Jekk l-Appellant Wiritx l-Inkwilinat tal-Fond 189/190, Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex</u>**

Minghajr pregudizzju ghall-premess u irrispettivament mill-fatt jekk il-Kummissarju tal-Artijiet kienx irrikonoxxa lill-appellant jew le bhala inkwilin tal-fond, jibqa' l-fatt li fit-termini tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrent appellant **<u>ma seta' qatt jitqies</u>** li huwa wiret l-inkwilinat tal-fond minghand missieru. Dan kemm ghaliex il-Gvern mhux marbut b'dak li jistabilixxi l-Kap. 69 kif wkoll ghaliex fil-mument tal-mewt ta' missieru fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 1997, Anthony Cassar ma kienx abitwalment residenti ma' missieru. Hemm diversi elementi li jissuffragaw dan l-ahhar punt:

(a) Mario Micallef mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali xehed li huwa kien ghamel spezzjoni fil-post fiz-zmien meta kienet ghadha ma bdietx il-kawza (allura *tempore non sospecto*) u irrizulta li fil-fond 189/190, Triq tal-Ghajn Fontana, Ghawdex ma kien qieghed jirrisjedi hadd;

(b) Il-fond in kwistjoni ma kienx fih facilitajiet sanitarji u lanqas biss ma kien maghqud mas-sistema tad-drenagg tal-Gvern. Wiehed isibha difficli biex jemmen kif jista' jkun li xi hadd fis-seklu wiehed u ghoxrin f'Malta jista' joqghod f'post li m'ghandux sistema funzjonanti tad-drenagg, aktar u aktar meta fl-istess post kienu qeghdin jinzammu xi annimali li l-hmieg taghhom bil-fors ried jitnaddaf;[6]

(c) Parti mill-fond in kwistjoni kien imwaqqa' u fi stat perikolanti u zgur li ma kienx idoneju ghall-abitazzjoni;

(d) L-indirizz postali ta' Anthony Cassar kien u baqa' 113, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex. Il-korrispondenza dejjem

[6] Ara wkoll Affidavit ta' Saviour Borg, fol. 319.

N.C. S.M

intbaghtitlu f'dak l-indirizz. Gieli anke intbaghtitlu posta registrata fl-istess indirizz u giet imqassma. Difatti kull korrispondenza li intbaghtitlu f'dak l-indirizz dejjem giet imwiegba;[7]

(e) Waqt laqghat tal-Kunsill, Anthony Cassar (li kien wkoll ghal xi zmien Kunsillier tal-Fontana) gieli cempel lil martu jinfurmaha li kien se jittardja bil-laqghat fil-bini tal-Kunsill u dan bl-intiza biex martu iddum biex tlestilu l-ikel;

(f) Il-vettura tal-attur appellant filghaxijiet kienet tkun quddiem id-dar tar-residenza tieghu f'Ghajnsielem kif sewwasew ikkonferma x-xhud Saviour Borg. Jekk tabilhaqq ir-residenza tieghu kienet fil-Fontana u Anthony Cassar kien jorqod il-Fontana, wiehed kien jistenna li l-vettura tieghu tkun parkeggjata fl-akkwati tad-dar tal-Fontana u mhux in-naha l-ohra tal-gzira;

(g) Ma ingabet l-ebda prova tal-konsum tad-dawl u ilma fil-fond numru 189/190, Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex biex jigi verifikat jekk verament l-attur appellant kienx qieghed jokkupa dan il-fond kif kien qieghed jallega hu u lanqas ma ingabet prova li ghall-fini ta' sussidju ghall-konsum tad-dawl u ilma huwa ma kienx registrat fuq il-fond 113, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem;

(h) L-appellant irregistra biss il-karta tal-identita tieghu fuq il-fond 190, Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju 1999 u cioe kwazi sentejn wara li miet missieru.[8] Jekk verament dan il-post fil-Fontana kienet ir-residenza ordinarja tal-appellant, ma kienx jaghmel sens li l-karta tal-identita tieghu tkun registrata fuq post iehor;

Kien jinkombi unikament u esklussivament fuq ir-rikorrent appellant li huwa jgib prova biex juri li effettivament huwa kien intitolat ghall-inkwilinat tal-post. Tali oneru ta' prova ma giex skarikat b'mod adegwat mill-attur appellant; anzi l-provi prodotti mill-istess

[7] Ara ittri a fol. 326 sa 238 mibghuta qabel ma kienet inbdiet din il-kawza.
[8] Ara Xhieda ta' Mario Tabone moghtija fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2007.

N.C. S.M

appellant ma jwasslu ghall-ebda konvinciment morali li tikkonferma l-istess tezi tieghu.

- **Il-Congedo**

Huwa pacifiku li m'hemm l-ebda htiega li l-*congedo* jrid jinghata bil-miktub. Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Attard Portughese vs Giuseppe Bona** ikkwotata mill-Ewwel Onorabbli Qorti *"m'hi mehtiega ebda forma skritta ghall-kongedo li jinghata mill-konduttur lill-lokatur biex jimpedixxi r-rilokazzjoni tacita tal-lokazzjoni korrenti fit-terminazzjoni taghha. Il-ligi ma tinhtieg xejn aktar ghajr il-manifestazzjoni ta' xi wahda mill-partijiet li ma tridx tirrinova l-kera u tali manifestazzjoni ta' volonta hija notifikata lill-kontro-parti, l-inkwilin biex dana jizgombra mill-fond lokat. L-inkwilin il-qadim ma jkollu ebda dritt li jkompli jokkupa l-fond lokat wara li jsehh il-kongedo."*[9]

Fil-kaz in dizamina, huwa altru milli car li Anthony Cassar kien inghata l-*congedo*. Dan minkejja li strettament ma kien hemm l-ebda necessita biex jinghata peress li l-Kummissarju qatt ma kien irrikonoxxa lill-appellant bhala inkwilin u lanqas jista' jinghad li b'xi mod l-appellant kien wiret id-dritt ta' inkwilinat minghand missieru. Il-fatt li inghata l-kongedo jirrizulta mis-segwenti punti:

(a) Ir-rikorrent appellant xehed li l-Kummissarju tal-Artijiet kien waqaf jaccetta l-kera: *"L-ircevuti kienu johorgu fuq isem missieri sakemm dam haj, ghax imbaghad x'hin mort nibda nhallas jien, qatghuhieli;"*[10]

(b) Sa mis-sena 2001, l-appellant kien konxju li kellu jivvaka mill-post ghaliex kien gie offrut kumpens sabiex ikun jista' jixtri post alternattiv u johrog mill-fond *de quo*. Dan kien erba' snin qabel ma inharget l-ordni ta' zgumbrament;

(c) L-appellant beda jiddeposita l-kera l-Qorti fil-15 ta' Settembru 2004 u cioe seba' xhur qabel ma inharget l-ordni ta' zgumbrament. Il-fatt li saret tali cedola ta' depositu mill-

[9] Riportata f'Vol. Vol XXVI.i.199

[10] Xhieda in kontro-ezami ta' Anthony Cassar, fol. 343 tal-process.

561

appellant necessarjament tfisser li l-kera kienet giet offruta lill-Kummissarju u dan ma accettax tali hlas. In-nuqqas ta' accettazzjoni ta' hlas hija forma valida ta' *congedo* kif ritenut mill-Qorti fis-sentenza **Emanuel Abela vs Paul Abela et**.[11]

La darba inghata l-*congedo* u l-appellant baqa' jokkupa l-fond wara li l-istess *congedo* gie komunikat lilu, huwa kien qieghed jaghmel dan minghajr l-ebda titolu u l-Kummissarju tal-Artijiet kien intitolat li juza l-poteri lilu konferiti mill-Kap. 228. Ma kien hemm xejn ultra vires fil-mod ta' kif mexa l-istess Kummissarju.

L-appellant jipprova jissuggerixxi li fil-kaz *de quo* kellhom jigu applikati d-dettami tal-artikolu 1567A tal-Kodici Civili li jistabilixxi: *"Minkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Kodiċi u ta' kull liġi oħra sid il-kera meta dan ikun il-Gvern jew xi korporazzjoni jew awtorità mwaqqfa b'liġi jista' f'kull żmien fl-interess tal-pubbliku, iħoll il-kuntratt tal-kiri meta l-kiri jkun sar għal żmien determinat li jkun għadu ma għalaqx, billi jagħti avviż tal-istess b'att ġudizzjarju lill-kerrej, liema avviż għandu jkun ta' mhux anqas minn tliet xhur kemm fil-każ ta' fondi ta' bini użat għal abitazzjoni kif ukoll fil-każ ta' fondi oħra; u malli jingħata dak l-avviż il-kuntratt ta' kiri jinħall fid-data msemmija fl-avviż u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-subtitolu."*

Dan l-artikolu pero huwa kompletament inapplikabbli ghall-kaz odjern. Dan ghar-raguni li dan l-artikolu japplika ghall-kazijiet fejn ghandek kirja maghmula **ghal zmien determinat li jkun ghadu ma ghalaqx**. Kif irriteniet l-Ewwel Onorabbli Qorti: *"Dan mhux il-kaz hawnhekk, ghax il-kirja kienet wahda antika, li baqghet tigi mgedda minn sena ghall-ohra skont l-artikolu 1532 tal-Kap. 16. La darba allura ma kienx mehtieg l-ebda att gudizzjarju sabiex jinghata l-congedo, dan seta jsir bi kwalunkwe mod."*[12]

- **Konkluzjoni**

Ghaldaqstant filwaqt li mill-gdid jaghmel riferenza ghall-provi mibgura quddiem l-Ewwel Qorti u n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu

[11] Deciza fil-5 ta' Marzu 2003 mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri)
[12] Pagna 6 tas-sentenza appellata.

N.C. S.M.

562

prezentata wkoll quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti umilment jissottometti li ma jezistux l-estremi voluti mil-ligi sabiex l-apprezzament ta' fatt u l-enuncjazzjoni tal-ligi ezegwiti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali jigu disturbati minn din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell; anzi ezami akkurat mill-gdid tal-fatti u l-principji legali ta' din il-kawza ghandu jerga' jwassal sabiex din l-Onorabbli Qorti tirrijafferma *in toto* s-sentenza appellata.

Daqstant ghandu x'jissottometti l-Kunsill esponenti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.


**Av Jean Paul Grech**
Jon Apartments, Flat 1
Triq Fortunato Mizzi
Rabat, Ghawdex
Jpg502@hotmail.com


**PL Davina Sullivan**

**Notifika:** **Dr Deborah Mercieca** – Il-Qorti, Ghawdex
**Dr Mireille Sacco** – Ufficju tal-Avukat Generali, Il-Palazz, Valletta, Malta

illum 30 DEC 2015
ippreżentata minn Daniela Borg (ID 121596) Ufficjal
bla dokumenti 1 dok għan-nom tal-Kunsill.
Għar-Reġistratur
**John Vella**
*Deputat Reġistratur*

# FIL-QORTI TAL-APPELL

**l-atti ta' din il-kawza gew imdahhla llum**

7 ta' Jannar, **2016 .**

(b'zewg volumi)

**Dep. Reg.**

Gaetana Aquilina
Deputat Registratur
*Deputy Registrar*
Qrati tal-Gustizzja (Malta)
*Law Court (Malta)*

Dok B

Fontana Local Council

Lis-Sur Anthony Cassar
190, Triq tal-Għajn,
Fontana, Għawdex

20 ta' Mejju 2021

Sur Cassar,

B'referenza għas-sentenza li ngħatat nhar is-17 ta' Marzu 2021, mill-Qorti tal-Appell, dwar il-fond 189/190, Triq il-Għajn, kantuniera ma' Triq Ta' Mulejja, Fontana, fil-kawża li inti kont għamilt kontra l-Awtorita' tal-Artijiet, is-Sur Martin Bajada, mill-istess Awtorita' jixtieq jiltaqa' miegħek nhar il-Ġimgħa 28 ta' Mejju 2021 biex tittieħed id-deċiżjoni dwar x'ser isir. Ħin jiġi kkomunikat aktar tard.

Dan kollu sabiex jiġi evitat l-iżgumbrament, li miegħu jġorr spejjeż kbar.

Ġentilment nistennew risposta mingħandek.

Tislijiet,

N. Ga

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv

NG

S. Bajada

Dok C

15/21

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Sede Superjuri

Koll. Avv 26.4.21

Fl-Atti tal-Protest Ġudizzjarju
**Nru 8/621**

Fl-ismijiet :-

**Saviour Borg (ID. Nru12159G) u Neville Galea (ID. Nru 37885G) fil-kapacita' taghhom ta' Sindku u ta' Segretarju Ezekuttiv rispettivament**

**Vs**

**Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghall-Ghawdex**
**U**
**Infrastructure Malta**

**KONTRO-PROTEST TAL-AGENZIJA GHALL-INFRASTRUTTURA MALTA**

Tesponi bir-Rispett:-

Illi reċentement l-eponenti giet notifikata bil-protest gudizzjarju tal-protestanti Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Fontana, Ghawdex tat-8 ta' April 2021 u qieħħda prezenzjalment tressaq ir-risposta taghha ghall-istess :-

Illi l-Agenzija għall-Infrastruttura Malta esponenti mhijiex il-legittimu kontradittur ghal tali pretensjonijiet u ma ghandha l-ebda responsabilità ghad-danni allegati, stante illi, dato ma non concesso, illi tali xoghlijiet fi Triq ta' Mulejja, Fontana huma ta' natura straordinarja huwa l-Ministeru ghall-Ghawdex li ghandu jirrispondi bħala l-entita' responsabbli mix-xoghlijiet ta' natura infrastrutturali f'Ghawdex, kif a dirittura kien tal-fehma l-Kunsill Lokali skont il-minuti 16.9.3 tal-laqgha numru 16 tat-Tlieta 30 ta' Gunju 2020.

Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt illi ggib il-fuq premess a formali konjizzjoni tal-protestanta, tirrespingi bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet maghmula fil-protest gudizzjarju bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u tiddiffida lill-istess protestatna milli tipprocedi bi kwalunkwe mod fil-konfront tagħha.

Bl-ispejjez.

2 6 APR 2021

**Avv. Rachel Powell**
Infrastructure Malta
Vjal l-Avjazzjoni
Luqa, LQA 9023
rachel.b.powell@infrastructuremalta.com

**P.L. Daniel J. Aquilina**

Annalise Spiteri
Deputat Reġistratur
Qrati tal-Ġustizzja (Malta)

Mittenti: *Aġenzija għall-Infrastruttura Malta, Vjal l-Avjazzjoni Luqa, LQA 9023*
Intimat: *Kunsill Lokali il-Fontana, Ċentru Ċiviku, Triq il-Mulejja, Il-Fontana, FNT 1110*
Notifika: *Kummissarju tal-Pulizija - Ghassa tal-Pulizija Rabat Ghawdex*
*Segretarju Permanenti,Ministeru ghal Ghawdex, Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex*

NG S. Borg

Dok D

LANDS
Authority

**Date: 6/5/2021**

**Land File No: L/30/2002**

Mr. Saviour Borg - Mayor,
Fontana Local Council,
Multipurpose Room,
L-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku,
Triq ta' Mulejja,
Fontana,
FNT 1110.

**Request for Consent of the Lands Authority to Submit a Development Permission Application in Terms of Article 71 (5) Of Chapter 552 of the Laws of Malta.**

| | |
|---|---|
| Application no: | GOV1/2020/0477 |
| Location: | 190, 191, Triq tal-Għajn c/w Triq ta' Mulejja, Fontana. |
| Proposal: | To demolish existing building and to construct the remaining part of Fontana Local Council office building at ground floor level and public open space above, as per attached stamped and signed site plan and drawings. |

With refence to your application, to submit a Development Permission Application with the Planning Authority, the Lands Authority has assessed and decided upon the request as follows:

**Decision: GRANT CONSENT**

**This letter of consent is being issued for the sole purpose of allowing the submission of a Development Permission Application in Terms of Article 71 (5) Of Chapter 552 of the Laws of Malta only.**

This consent is being granted under the following conditions:

a) ***Once the permit (PA/2654/10) has already been approved, the consent to submit an application is by now irrelevant. The Fontana Local Council has now to submit a request for devolution of the site through the LC1 application.***
b) *All documents submitted with the application were complete, correct, accurate and true;*
c) *The proposed development does not run counter to conditions contained in the concession;*
d) *No third party rights are being infringed by the proposed development;*
e) *It shall not confer any rights over the Government property, which were not previously vested;*
f) *The Lands Authority is in no way to be held responsible for any expenses incurred in seeking the Planning Authority's approval;*

In terms of Article 57 of the Lands Authority Act (Cap.563), any person aggrieved by any decision of the Authority, with the exception of decisions related to cases, which fall under the competence of the Land Arbitration Board, has the right to appeal to the Administrative Review Tribunal within twenty days from the receipt of the Authority's decision.

Jurgen Spiteri – Senior Administration Officer
f/Lands Authority

Address:
Telephone:
E mail:
www.landsauthority.org.mt

NC S Borg